



Ġabra tal-ġurisprudenza

SENTENZA TAL-QORTI ĠENERALI (It-Tielet Awla Estiża)

1 ta' Ġunju 2022*

“Unjoni ekonomika u monetarja – Unjoni bankarja – Mekkaniżmu Uniku ta' Riżoluzzjoni tal-istituzzjonijiet ta' kreditu u ta' ċerti impriżi tal-investment (SRM) – Proċedura ta' riżoluzzjoni applikabbli f'każ ta' entità li qiegħda tfalli jew li x'aktarx ser tfalli – Adozzjoni mis-SRB ta' skema ta' riżoluzzjoni fir-rigward ta' Banco Popular Español – Rikors għal annullament – Att li jista' jiġi kkontestat – Ammissibbiltà – Dritt għal smiġħ – Dritt għall-proprjetà – Obbligu ta' motivazzjoni – Artikoli 18, 20 u 24 tar-Regolament (UE) Nru 806/2014”

Fil-Kawża T-481/17,

Fundación Tatiana Pérez de Guzmán el Bueno, stabbilita f'Madrid (Spanja),

Stiftung für Forschung und Lehre (SFL), stabbilita f'Zürich (l-Isvizzera),

irrappreżentati minn R. Pelayo Jiménez, A. Muñoz Aranguren u R. Pelayo Torrent, avukati,

rikorrenti,

vs

Il-Bord Uniku ta' Riżoluzzjoni (SRB), irrappreżentat minn J. King u M. Fernández Rupérez, bħala aġenti, assistiti minn B. Meyring, S. Schelo, F. Fernández de Trocóniz Robles, T. Klupsch u S. Ianc, avukati,

konvenut,

sostnut minn

Ir-Renju ta' Spanja, irrappreżentat minn S. Centeno Huerta, L. Aguilera Ruiz, S. Jiménez García u J. Rodríguez de la Rúa Puig, bħala aġenti,

minn

Il-Parlament Ewropew, irrappreżentat minn P. López-Carceller, M. Martínez Iglesias, L. Visaggio, J. Etienne, M. Menegatti u M. Sammut, bħala aġenti,

minn

* Lingwa tal-kawża: l-Ispanjol

Il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea, irrappreżentat minn A. de Gregorio Merino, J. Bauerschmidt, A. Westerhof Löfflerová u H. Marcos Fraile, bħala aġenti,

minn

Il-Kummissjoni Ewropea, irrappreżentata minn L. Flynn u S. Grünheid, bħala aġenti,

u minn

Banco Santander, SA, stabbilita f'Santander (Spanja), irrappreżentata minn J. Rodríguez Cárcamo, A. Rodríguez Conde, D. Sarmiento Ramírez-Escudero u J. Remón Peñalver, avukati,

partijiet intervenjenti,

li għandha bħala suġġett talba bbażata fuq l-Artikolu 263 TFUE u intiża għall-annullament tad-Deċiżjoni SRB/EES/2017/08 tas-Sessjoni Eżekuttiva tas-SRB tas-7 ta' Ġunju 2017, dwar l-adozzjoni ta' skema ta' riżoluzzjoni fir-rigward ta' Banco Popular Español, SA,

IL-QORTI ĠENERALI (It-Tielet Awla Estiża),

komposta minn M. van der Woude, President, M. Jaeger, V. Kreuschitz, G. De Baere (Relatur) u G. Steinfatt, Imħallfin,

Reġistratur: J. Palacio González, amministratur prinċipali,

wara li rat il-fażi bil-miktub tal-proċedura u wara s-seduta tal-14 ta' Ġunju 2021,

tagħti l-preżenti

Sentenza

Il-kuntest ġuridiku

- 1 Wara l-kriżi finanzjarja tal-2008, ġie deċiż li tinholq unjoni bankarja fi ħdan l-Unjoni Ewropea, ibbażata fuq ġabra unika ta' regoli, sħiħa u ddettaljata għas-servizzi finanzjarji, valida għas-suq intern kollu u li tinkludi fiha mekkaniżmu uniku ta' superviżjoni, u oqfsa ġodda għall-garanzija tad-depożiti u r-riżoluzzjoni tal-fallimenti bankarji.
- 2 L-ewwel pass lejn il-ħolqien tal-unjoni bankarja kien jikkonsisti fl-istabbiliment ta' mekkaniżmu uniku ta' superviżjoni (SSM) bir-Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 1024/2013 tal-15 ta' Ottubru 2013 li jikkonferixxi kompiti speċifiċi lill-Bank Ċentrali Ewropew fir-rigward ta' politiki relatati mas-superviżjoni prudenzjali ta' istituzzjonijiet ta' kreditu (ĠU 2013, L 287, p. 63). Skont il-premessa 12 ta' dan ir-regolament, SSM għandu jiżgura li l-politika tal-Unjoni relatata mas-superviżjoni prudenzjali tal-istituzzjonijiet ta' kreditu tiġi implimentata b'mod koerenti u effikaċi, li l-ġabra unika ta' regoli għas-servizzi finanzjarji tiġi applikata bl-istess mod għall-istituzzjonijiet ta' kreditu fl-Istati Membri kollha kkonċernati, u li daww l-istituzzjonijiet ta' kreditu jkunu suġġetti għal superviżjoni tal-ogħla kwalità, li ma tkunx ristretta minn kunsiderazzjonijiet oħra mhux prudenzjali. Għal dan il-għan, ir-Regolament Nru 1024/2013 jagħti lill-Bank Ċentrali Ewropew (BĊE) kompiti speċifiċi relatati mal-politiki dwar is-superviżjoni

prudenzjali tal-istituzzjonijiet ta' kreditu sabiex jikkontribwixxi għas-sigurtà u s-sodezza tal-istituzzjonijiet ta' kreditu u għall-istabbiltà tas-sistema finanzjarja fi ħdan l-Unjoni u f'kull Stat Membru.

- 3 Sussegwentement, id-Direttiva 2014/59/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tal-15 ta' Mejju 2014, li tistabbilixxi qafas għall-irkupru u r-riżoluzzjoni ta' istituzzjonijiet ta' kreditu u ditti ta' investiment u li temenda d-Direttiva tal-Kunsill 82/891/KEE u d-Direttivi 2001/24/KE, 2002/47/KE, 2004/25/KE, 2005/56/KE, 2007/36/KE, 2011/35/UE, 2012/30/UE u 2013/36/UE, u r-Regolamenti (UE) Nru 1093/2010 u (UE) Nru 648/2012, tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU 2014, L 173, p. 190), ġiet adottata. Fil-premessa 1 hija tindika dan li ġej:

“Il-kriżi finanzjarja wriet li hemm nuqqas sinifikanti ta' għodod adegwati fil-livell tal-Unjoni sabiex jiġu ttrattati b'mod effettiv l-istituzzjonijiet ta' kreditu u ditti ta' investiment [...] mhux sodi jew li qed ifallu. Dawn l-għodod huma meħtieġa, b'mod partikolari, sabiex jipprevjenu l-insolvenza jew biex meta sseħħ insolvenza jimminimizzaw ir-riperkussjonijiet negattivi billi jippreżervaw il-funzjonijiet sistemikament importanti tal-istituzzjoni kkonċernata. Matul il-kriżi, dawn l-isfidi kienu fattur ewlieni li ġiegħel lill-Istati Membri sabiex isalvaw l-istituzzjonijiet ta' kreditu billi jużaw il-flus tal-kontribwenti. L-għan ta' qafas ta' rkupru u ta' riżoluzzjoni kredibbli huwa li jbiegħed il-ħtieġa ta' azzjoni bħal din kemm jista' jkun.”

- 4 L-għan tad-Direttiva 2014/59 huwa li jiġu stabbiliti regoli komuni għall-armonizzazzjoni minima tad-dispożizzjonijiet nazzjonali li jirregolaw ir-riżoluzzjoni tal-banek fl-Unjoni u tipprovdi għall-kooperazzjoni bejn l-awtoritajiet tar-riżoluzzjoni dwar il-fallimenti ta' banek transkonfinali. F'dan ir-rigward, id-Direttiva 2014/59 tipprevedi, b'mod partikolari, fl-Artikolu 3(1) tagħha li kull Stat Membru għandu jaħtar awtorità tar-riżoluzzjoni waħda jew, eċċezzjonalment, diversi awtoritajiet tar-riżoluzzjoni li jkollhom is-setgħa li japplikaw l-għodod tar-riżoluzzjoni u li jeżerċitaw is-setgħat tar-riżoluzzjoni.

- 5 Madankollu, fid-dawl tal-fatt, minn naħa, li d-Direttiva 2014/59 ma wasslitx għaċ-ċentralizzazzjoni tal-proċess deċiżjonali fil-qasam tar-riżoluzzjoni, li essenzjalment ipprovdiet għodod ta' riżoluzzjoni komuni u setgħat ta' riżoluzzjoni komuni disponibbli għall-awtoritajiet nazzjonali ta' kull Stat Membru u li ħalliet marġni ta' diskrezzjoni għall-użu ta' dawn l-għodod u l-użu ta' arranġamenti ta' finanzjament nazzjonali għar-riżoluzzjoni, u, min-naħa l-oħra, li din id-direttiva ma kinitx tipprekludi kompletament it-teħid ta' deċiżjonijiet separati u potenzjalment diverġenti dwar ir-riżoluzzjoni ta' gruppi transkonfinali mill-Istati Membri, ġie deċiż li jitwaqqaf mekkaniżmu uniku ta' riżoluzzjoni (SRM).

- 6 B'hekk, it-tieni pass lejn il-ħolqien tal-unjoni bankarja kien jikkonsisti fl-adozzjoni tar-Regolament (UE) Nru 806/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta' Lulju 2014 li jistabbilixxi regoli uniformi u proċedura uniformi għar-riżoluzzjoni tal-istituzzjonijiet ta' kreditu u ċerti ditti tal-investiment fil-qafas ta' Mekkaniżmu Uniku ta' Riżoluzzjoni u Fond Uniku għar-Riżoluzzjoni u li jemenda r-Regolament (UE) Nru 1093/2010 (ĠU 2014 L 225, p. 1).

- 7 Il-premessa 12 tar-Regolament Nru 806/2014 tiddikjara:

“L-iżgurar ta' deċiżjonijiet ta' riżoluzzjoni effettivi għall-banek li qed ifallu fl-Unjoni, inkluż dwar l-użu ta' finanzjament miġbur fil-livell tal-Unjoni, huwa essenzjali għat-tlestija tas-suq intern fis-servizzi finanzjarji. Fis-suq intern, il-falliment tal-banek fi Stat Membru wieħed jista' jaffettwa l-istabbiltà tas-swieq finanzjarji tal-Unjoni kollha kemm hi. L-iżgurar ta' finanzjament fl-Istati

Membri kollha huwa fl-aħjar interessi mhux biss tal-Istati Membri fejn joperaw il-banek, iżda wkoll tal-Istati Membri kollha inġenerali bħala mezz sabiex jiżguraw kondizzjonijiet ekwivalenti ta' kompetizzjoni u biex jitjieb il-funzjonament tas-suq intern. Is-sistemi bankarji fis-suq intern huma interkonnessi ħafna, il-gruppi bankarji huma internazzjonali u l-banek għandhom perċentwali kbir ta' assi barranin. Fin-nuqqas tas-SRM, il-kriżijiet bankarji fl-Istati Membri li qed jieħdu sehem fs-SSM jkollhom impatt sistemiku negattiv iktar b'saħħtu anki fi Stati Membri mhux parteċipanti. L-istabbiliment tas-SRM se jiżgura approċċ newtrali fit-trattament ma' banek li qed ifallu u għalhekk iżid l-istabbiltà tal-banek tal-Istati Membri parteċipanti u jevita li l-kriżijiet jinxterdu fl-Istati Membri mhux parteċipanti u għalhekk se jiffaċilita l-funzjonament tas-suq intern kollu. Il-mekkaniżmi għall-kooperazzjoni fir-rigward tal-istituzzjonijiet stabbiliti kemm fl-Istati Membri parteċipanti kif ukoll f'dawk mhux parteċipanti għandhom ikunu ċari, u l-ebda Stat Membru jew grupp ta' Stati Membri ma għandu jkun diskriminat, direttament jew indirettament, bħala post għas-servizzi finanzjarji.”

- 8 Ir-Regolament Nru 806/2014, skont l-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 1, għandu l-għan li jistabbilixxi regoli uniformi u proċedura uniformi għar-riżoluzzjoni tal-entitajiet iddefiniti fl-Artikolu 2 li huma stabbiliti fl-Istati Membri parteċipanti, jiġifieri, l-banek li l-awtorità superviżorja tagħhom fil-pajjiż tal-orijini hija l-BĊE jew l-awtorità kompetenti nazzjonali fl-Istati Membri li l-munita tagħhom hija l-euro jew fi Stati Membri li l-munita tagħhom ma hijiex l-euro li stabbilixxew kooperazzjoni mill-qrib skont l-Artikolu 7 tar-Regolament Nru 1024/2013 (ara l-premessa 15 tar-Regolament Nru 806/2014).
- 9 It-tieni subparagrafu tal-Artikolu 1 tar-Regolament Nru 806/2014 jipprovdi li dawn ir-regoli uniformi u din il-proċedura uniformi għandhom jiġu applikati mill-Bord Uniku ta' Riżoluzzjoni (SRB), stabbilit mill-Artikolu 42 ta' dan l-istess regolament, flimkien mal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea u l-Kummissjoni Ewropea kif ukoll l-awtoritajiet nazzjonali ta' riżoluzzjoni nazzjonali, fil-kuntest tas-SRM maħluq minn dan l-istess regolament. Huwa wkoll previst li s-SRM ser jiddependi fuq Fond Uniku ta' Riżoluzzjoni (SRF).
- 10 Skont l-Artikolu 16(1) tar-Regolament Nru 806/2014, is-SRB għandu jiddeċiedi dwar miżura ta' riżoluzzjoni fir-rigward ta' istituzzjoni finanzjarja stabbilita fi Stat Membru parteċipanti meta jiġu ssodisfatti t-tliet kundizzjonijiet previsti mill-Artikolu 18(1) tal-istess regolament.
- 11 L-ewwel kundizzjoni teħtieġ li l-falliment tal-entità jkun seħħ jew li x'iktarx ser iseħħ. L-evalutazzjoni ta' din il-kundizzjoni għandha titwettaq mill-BĊE, wara konsultazzjoni mas-SRB, jew mis-SRB, u għandha titqies bħala ssodisfatta jekk l-entità tkun f'waħda jew iktar mis-sitwazzjonijiet elenkati fl-Artikolu 18(4) tar-Regolament Nru 806/2014.
- 12 It-tieni kundizzjoni tassumi li ma teżisti ebda perspettiva raġonevoli li miżuri privati jew prudenzjali oħra jipprekludu l-falliment tal-entità fi żmien raġonevoli.
- 13 It-tielet kundizzjoni timplika li miżura ta' riżoluzzjoni hija meħtieġa fl-interess pubbliku, jiġifieri li din hija neċessarja sabiex jintlaħaq għan wieħed jew iktar tar-riżoluzzjoni, filwaqt li likwidazzjoni tal-entità fi proċedimenti normali ta' insolvenza ma tippermettix dan bl-istess mod.
- 14 L-Artikolu 14 tar-Regolament Nru 806/2014 jiddefinixxi l-għanijiet ta' riżoluzzjoni bħala dawn li ġejjin: li tiġi żgurata l-kontinwità tal-funzjonijiet kritiċi; li jiġu evitati effetti negattivi sinjifikattivi fuq l-istabbiltà finanzjarja, b'mod partikolari permezz tal-prevenzjoni tal-kontaġġu; li jiġu protetti

l-fondi pubbliċi billi tiġi mminimizzata d-dipendenza fuq l-ġhajjnuna finanzjarja pubblika straordinarja; li jiġu protetti d-depożitanti kif ukoll l-investituri u li jiġu protetti l-fondi u l-assi tal-klijenti.

- 15 L-Artikolu 20(1) tar-Regolament Nru 806/2014 jipprevedi li, qabel jiddeċiedi dwar azzjoni ta' riżoluzzjoni jew l-eżerċizzju tas-setgħa li jagħmel żvalutazzjoni jew li jikkonverti strumenti ta' fondi proprji rilevanti, is-SRB għandu jiżgura li titwettaq valutazzjoni ġusta, prudenti u realistika tal-assi u l-obbligazzjonijiet ta' entità kkonċernata minn persuna indipendenti minn kwalunkwe awtorità pubblika, inkluż is-SRB u l-awtorità ta' riżoluzzjoni nazzjonali, u mill-entità kkonċernata.
- 16 Skont l-Artikolu 20(15) tar-Regolament Nru 806/2014, il-valutazzjoni għandha tkun parti integrali tad-deċiżjoni dwar l-applikazzjoni ta' għodda tar-riżoluzzjoni jew dwar l-eżerċizzju ta' setgħa ta' riżoluzzjoni jew id-deċiżjoni dwar l-eżerċizzju tas-setgħa ta' żvalutazzjoni jew ta' konverżjoni tal-istrumenti ta' fondi proprji.
- 17 Meta l-kundizzjonijiet previsti fl-Artikolu 18(1) tar-Regolament Nru 806/2014 ikunu ssodisfatti, is-SRB għandu jadotta skema ta' riżoluzzjoni.
- 18 Meta jaġixxu fil-kuntest tal-proċedura ta' riżoluzzjoni, is-SRB, il-Kunsill u l-Kummissjoni għandhom jiżguraw li l-miżura ta' riżoluzzjoni tittieħed skont ċerti prinċipji elenkati fl-Artikolu 15 tar-Regolament Nru 806/2014 u fosthom hemm il-prinċipju li l-azzjonisti tal-istituzzjoni suġġetta għal proċedura ta' riżoluzzjoni huma l-ewwel li jġarrbu t-telf kif ukoll il-prinċipju li l-ebda kreditur ma huwa ser iġarrab telf li huwa ikbar milli kien iġarrab kieku l-entità suġġetta għall-miżura ta' riżoluzzjoni kellha tiġi stralċjata skont proċeduri normali ta' insolvenza.
- 19 Fl-iskema ta' riżoluzzjoni, is-SRB għandu jiddetermina l-applikazzjoni tal-għodod ta' riżoluzzjoni. L-Artikolu 22(2) tar-Regolament Nru 806/2014 jelenka d-diversi għodod ta' riżoluzzjoni disponibbli, jiġifieri l-għodda tal-bejgħ ta' operat, ir-rikors għal istituzzjoni tranżitorja, u s-separazzjoni tal-assi u ta' rikapitalizzazzjoni interna.
- 20 Fl-iskema ta' riżoluzzjoni, is-SRB jista' wkoll jeżerċita s-setgħa ta' żvalutazzjoni jew ta' konverżjoni tal-istrumenti ta' fondi proprji tal-entità kkonċernata skont il-kundizzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu 21 tar-Regolament Nru 806/2014. Skont l-Artikolu 19 tar-Regolament Nru 806/2014, miżura ta' riżoluzzjoni tista' tinvolvi wkoll l-għoti ta' ġhajjnuna mill-Istat jew ir-rikors għas-SRF.
- 21 Skont l-Artikolu 18(7) tar-Regolament Nru 806/2014, immedjatement wara l-adozzjoni tiegħu, is-SRB għandu jittrażmetti l-iskema ta' riżoluzzjoni lill-Kummissjoni. Fi żmien erbgħa u għoxrin siegħa mit-trażmissjoni tal-iskema ta' riżoluzzjoni mis-SRB, il-Kummissjoni jew tapprova l-iskema ta' riżoluzzjoni jew toġġezzjona fuq l-aspetti diskrezzjonali tagħha, minbarra dawk previsti fit-tielet subparagrafu, jiġifieri l-osservanza tal-kriterju tal-interess pubbliku jew bidla sinjifikattiva fl-ammont tas-SRF. Fir-rigward ta' dawn l-aħħar aspetti diskrezzjonali, fi żmien tnax-il siegħa mit-trażmissjoni tal-iskema tar-riżoluzzjoni mis-SRB, il-Kummissjoni tista' tipproponi lill-Kunsill sabiex joħroġ oġġezzjonijiet għall-iskema ta' riżoluzzjoni adottata mis-SRB peress li ma tissodisfax il-kriterju tal-interess pubbliku jew li japprova jew jirrifjuta bidla sinjifikattiv fl-ammont tas-SRF previst fl-iskema ta' riżoluzzjoni adottata mis-SRB. L-iskema ta' riżoluzzjoni tista' tidħol fis-seħħ biss jekk ma tkun ġiet espressa l-ebda oġġezzjoni mill-Kunsill jew mill-Kummissjoni fi żmien erba' u għoxrin siegħa wara t-trażmissjoni tagħha mis-SRB.

- 22 L-Artikolu 18(9) tar-Regolament Nru 806/2014 jindika li s-SRB għandu jiżgura li jiġu adottati l-miżuri ta' riżoluzzjoni meħtieġa sabiex tiġi applikata l-iskema ta' riżoluzzjoni mill-awtoritajiet ta' riżoluzzjoni nazzjonali rilevanti. Dawn tal-aħħar huma d-destinatariji tal-iskema ta' riżoluzzjoni, li tatihom istruzzjoni sabiex jadottaw il-miżuri neċessarji kollha sabiex jimplimentawha b'konformità mal-Artikolu 29 tal-istess regolament, billi jeżerċitaw is-setgħat ta' riżoluzzjoni.
- 23 Wara l-adozzjoni ta' miżura ta' riżoluzzjoni, b'applikazzjoni tal-Artikolu 20(16) tar-Regolament Nru 806/2014, is-SRB għandu jiżgura li ssir valutazzjoni minn persuna indipendenti, sabiex jiġi ddeterminat jekk l-azzjonisti u l-kredituri kinux jibbenefikaw minn trattament aħjar kieku l-istituzzjoni suġġetta għal proċedura ta' riżoluzzjoni kienet għaddiet minn proċedimenti normali ta' insolvenza. Din il-valutazzjoni tista' twassal, skont l-Artikolu 76(1)(e) tar-Regolament Nru 806/2014, għal kumpens lill-azzjonisti jew lill-kredituri jekk ikunu ġarrbu iktar telf fil-kuntest tar-riżoluzzjoni milli kieku kienu jġarrbu fi stralċ skont proċeduri normali ta' insolvenza.

Il-fatti li wasslu għall-kawża u l-fatti sussegwenti għall-preżentata tar-rikors

- 24 Ir-rikorrenti, Fundación Tatiana Pérez de Guzmán el Bueno u Stiftung für Forschung und Lehre (SFL), kienu azzjonisti ta' Banco Popular Español, SA (iktar 'il quddiem "Banco Popular") qabel l-adozzjoni ta' skema ta' riżoluzzjoni fir-rigward ta' dan tal-aħħar.

Fuq is-sitwazzjoni ta' Banco Popular qabel l-adozzjoni tal-iskema ta' riżoluzzjoni

- 25 Il-grupp Banco Popular, li l-kumpanija omm tiegħu kienet Banco Popular, fid-data tar-riżoluzzjoni, kien is-sitt grupp bankarju Spanjol.
- 26 Fl-2016, Banco Popular żied il-kapital b'EUR 2.5 biljun.
- 27 Fil-5 ta' Diċembru 2016, is-Sessjoni Eżekuttiva tas-SRB adottat pjan ta' riżoluzzjoni tal-grupp Banco Popular. L-għodda ta' riżoluzzjoni ppreferuta f'dan il-pjan ta' riżoluzzjoni kienet l-għodda ta' rikapitalizzazzjoni interna previst fl-Artikolu 27 tar-Regolament Nru 806/2014.
- 28 Fit-3 ta' Frar 2017, Banco Popular ippubblika r-rapport annwali tiegħu tal-2016, li fih ħabbar il-ħtieġa ta' provvedimenti eċċezzjonali li jammontaw għal EUR 5.7 biljun, li jwasslu għal telf ikkonsolidat ta' EUR 3.485 biljun, kif ukoll il-ħatra ta' president ġdid.
- 29 Fl-10 ta' Frar 2017, DBRS Ratings Limited (DBRS) (li saret DBRS Morningstar) baxxiet il-klassifikazzjoni ta' Banco Popular, bi prospetti negattivi, fid-dawl tal-pożizzjoni mdgħajfa tal-kapital ta' Banco Popular bħala riżultat ta' telf nett ikbar minn dak previst fir-rapport annwali tiegħu, imsemmija fil-punt 28 iktar 'il fuq, kif ukoll tal-isforzi minn Banco Popular sabiex inaqqas l-istokk tiegħu li kien għadu għoli ta' assi li ma jrendux.
- 30 Fit-3 ta' April 2017, Banco Popular ħabbar ir-riżultati tal-awditi interni li jindikaw li jistgħu jkunu meħtieġa korrezzjonijiet għar-rapport annwali tal-2016. Dawn l-aġġustamenti twettqu fir-rapport finanzjarju ta' Banco Popular għall-ewwel tliet xhur tal-2017.

- 31 Fl-10 ta' April 2017, fil-laqgħa ġenerali tal-azzjonisti ta' Banco Popular, il-President tal-Bord tad-Diretturi ħabbar li l-bank kien qiegħed jikkunsidra jew żieda fil-kapital, jew tranżazzjoni ta' negozju minħabba s-sitwazzjoni tal-grupp f'termini ta' fondi proprji u l-livell tiegħu ta' assi li ma jrendux. Il-President-Direttur Ġenerali ta' Banco Popular ġie ssostitwit inqas minn sena wara li beda l-mandat tiegħu.
- 32 Wara t-tħabbira tat-3 ta' April 2017 dwar il-ħtieġa li jiġu aġġustati r-riżultati finanzjarji tal-2016, DBRS, fis-6 ta' April, baxxiet il-klassifikazzjoni ta' Banco Popular filwaqt li żammet il-perspettiva negattiva tagħha. Standard & Poor's, fis-7 ta' April, u Moody's Investors service (iktar 'il quddiem "Moody's"), fil-21 ta' April 2017, ukoll baxxew il-klassifikazzjoni ta' Banco Popular b'perspettiva negattiva.
- 33 F'April 2017, Banco Popular beda proċedura ta' bejgħ privat bil-għan li jinbiegħ lil kompetitur b'saħħtu, li kellu jwassal sabiex jirrestawra s-sitwazzjoni finanzjarja tiegħu. Id-data ta' skadenza għall-akkwirenti potenzjali interessati fl-akkwist ta' Banco Popular sabiex jissottomettu l-offerta tagħhom kienet l-10 ta' Ġunju 2017, u sussegwentement ġiet estiża sal-aħħar tax-xahar ta' Ġunju 2017.
- 34 Fil-5 ta' Mejju 2017, Banco Popular ippreżenta r-rapport finanzjarju tiegħu għall-ewwel tliet xhur tal-2017, fejn ħabbar it-telf fl-ammont ta' EUR 137 miljun.
- 35 Fit-12 ta' Mejju 2017, ir-rekwiżit ta' kopertura tal-ħtiġiet ta' likwidità (*Liquidity Coverage Requirement*) ta' Banco Popular waqa' taħt il-limitu minimu ta' 80% stabbilit fl-Artikolu 460(2)(c) tar-Regolament (UE) Nru 575/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Ġunju 2013, dwar ir-rekwiżiti prudenzjali għall-istituzzjonijiet ta' kreditu u d-ditti tal-investment u li jemenda r-Regolament (UE) Nru 648/2012 (ĠU 2013, L 176, p. 1).
- 36 Permezz ta' ittra tas-16 ta' Mejju 2017, Banco Santander, SA infurmat lil Banco Popular li ma kinitx f'pożizzjoni li tippreżenta offerta definittiva fil-kuntest tal-proċedura ta' bejgħ privat.
- 37 Fis-16 ta' Mejju 2017, Banco Popular, f'komunikazzjoni ta' fatt rilevanti għall-Comisión nacional del mercado de valores (CNMV, Il-Kummissjoni Nazzjonali tas-Suq tat-Titoli, Spanja), iddikjarat li akkwirenti potenzjali kienu esprimew l-interess tagħhom fil-proċedura ta' bejgħ privat, iżda li ma kienet ġiet riċevuta l-ebda offerta definittiva.
- 38 Fid-19 ta' Mejju 2017, l-aġenzija FITCH baxxiet il-klassifikazzjoni fit-tul ta' Banco Popular.
- 39 Fit-23 ta' Mejju 2017, il-Presidenta tas-SRB, Elke König, tat intervista lill-istazzjon televiżiv Bloomberg, li matulha ġiet mistoqsija, b'mod partikolari, dwar is-sitwazzjoni ta' Banco Popular.
- 40 Matul ix-xahar ta' Mejju 2017, diversi artikli mill-istampa rrapportaw id-diffikultajiet ta' Banco Popular. Pereżempju, għandu jissewma artiklu tal-11 ta' Mejju 2017, ippubblikat fuq is-sit internet *elconfidencial.com*, intitolat "Saracho jordna l-bejgħ urġenti ta' Popular lil JP Morgan u Lazard minħabba r-riskju ta' falliment" (Saracho encarga la venta urgente del Popular a JP Morgan y Lazard por riesgo de quiebra). F'dan l-artikolu, huwa ddikjarat li l-President tal-bank kien ikkummissjona lil JP Morgan u Lazard sabiex jorganizzaw il-bejgħ urġenti tal-bank minħabba riskju ta' falliment, dovuta għall-ħarba massiva ta' depożiti minn klijenti individwali u istituzzjonali u li kien iqis li l-uniku mod sabiex tiġi żgurata l-vijabbiltà tal-bank kien il-bejgħ sħiħ u imminenti tal-grupp kollu. L-artiklu jgħid li, "minħabba l-persistenza tal-ħruġ ta' depożiti u l-għeluq ta' sorsi esterni ta' finanzjament, il-bank huwa f'riskju serju ta' falliment, u li [l-President

tiegħu] għalhekk kien kostrett jattiva l-iktar miżura drastika u li progressivament jastjeni milli jbiegħ l-assi tiegħu sabiex itejjeb il-proporzjonijiet tal-fondi proprji u jissodisfa r-rekwiżiti tal-BĊE”.

- 41 Fil-15 ta’ Mejju 2017, artiklu ppubblikat fuq is-sit tal-internet *elconfidencial.com*, bit-titolu “Il-BĊE jispezzjona lil Banco Popular għal xahrejn f’nofs il-proċess sħiħ tal-bejgħ” (El BĊE inspecciona a Banco Popular durante dos meses en pleno proceso de venta), jirrapporta li l-pjan tal-bejgħ ta’ Banco Popular, implimentat mill-President tiegħu, sar wara l-ispezzjoni tal-BĊE, li kien ikkonferma d-defiċit ta’ provvedimenti. Skont dan l-artiklu, l-ispetturi tal-BĊE kienu kkonkludew li d-diffikultajiet ta’ Banco Popular huma marbuta mad-defiċit ta’ provvedimenti tiegħu sabiex ikopri l-espożizzjoni immobbli tiegħu, u li kien meħtieġ li jiġi evitat il-ħruġ okkażjonali ta’ depożiti. Dawn l-ispetturi esprimew ukoll it-tħassib tagħhom dwar il-preżentazzjoni tal-kontijiet tal-2016.
- 42 Fil-31 ta’ Mejju 2017, l-aġenzija Reuters ippubblikat artiklu bit-titolu “L-UE, imwissija tar-riskju ta’ riżoluzzjoni ta’ Banco Popular” (La UE, advertida de riesgo de una resolución ordenada en Banco Popular). B’mod partikolari dan l-artikolu jsemmi li, skont uffiċjal għoli tal-Unjoni li baqa’ anonimu, wieħed mis-superviżuri ewlenin tal-banek fl-Ewropa wissa lill-uffiċjali tal-Unjoni li Banco Popular kien jista’ jeħtieġ riżoluzzjoni jekk ma jkunx jista’ jsib akkwirent. Skont dan l-artiklu, dan l-uffiċjal indika wkoll li l-Presidenta tas-SRB kienet reċentement ħarġet “twissija bikrija”, u ddikjarat li s-SRB kien qiegħed isegwi l-proċedura (ta’ Banco Popular) b’attenzjoni partikolari bil-ħsieb ta’ intervent possibbli.
- 43 Fl-istess jum, is-SRB ippubblika stqarrija għall-istampa intiża sabiex tikkontesta l-kontenut ta’ dan l-artiklu.
- 44 Fl-ewwel jiem ta’ Ġunju tal-2017, Banco Popular affaċċja għbid massiv ta’ likwidità.
- 45 Fil-5 ta’ Ġunju 2017, Banco Popular ippreżenta, filgħodu, l-ewwel talba għall-għoti urġenti ta’ likwidità lil Banco de España (il-Bank ta’ Spanja), sussegwentement, it-tieni talba, waranofsinar, li kien fiha estensjoni tal-ammont mitlub, minħabba movimenti kbar ta’ likwidità. Fuq il-bażi ta’ talba mill-Bank ta’ Spanja u wara l-evalwazzjoni tal-BĊE fl-istess jum tat-talba ta’ Banco Popular għall-għoti urġenti ta’ likwidità, il-Kunsill Governattiv tal-BĊE ma qajjem l-ebda oġġezzjoni għall-għoti urġenti ta’ likwidità lil Banco Popular għall-perijodu sat-8 ta’ Ġunju 2017. Banco Popular irċieva parti minn dan l-għoti urġenti ta’ likwidità, u sussegwentement il-Bank ta’ Spanja indika li ma kienx f’pożizzjoni jipprovdi għoti urġenti ta’ likwidità supplementari lil Banco Popular.
- 46 Fis-6 ta’ Ġunju 2017, DBRS u Moody’s baxxew il-klassifikazzjoni ta’ Banco Popular.

Fuq fatti oħra qabel l-adozzjoni tal-iskema ta’ riżoluzzjoni

- 47 Fit-23 ta’ Mejju 2017, is-SRB inkariga lil Deloitte, bħala espert indipendenti, sabiex twettaq il-valutazzjoni ta’ Banco Popular skont l-Artikolu 20 tar-Regolament Nru 806/2014.
- 48 Fl-24 ta’ Mejju 2017, is-SRB talab mingħand Banco Popular, abbażi tal-Artikolu 34 tar-Regolament Nru 806/2014, l-informazzjoni meħtieġa bil-ħsieb li titwettaq il-valutazzjoni tiegħu. Fit-2 ta’ Ġunju 2017, huwa talab ukoll lil Banco Popular sabiex jipprovdi informazzjoni dwar il-proċedura ta’ bejgħ privat u sabiex jipprovdi aċċess għall-kamra virtwali sikura tad-*data* li dan tal-aħħar kien stabbilixxa fil-kuntest ta’ din il-proċedura.

- 49 Fit-3 ta' Ġunju 2017, is-Sessjoni Eżekuttiva tas-SRB adottat id-Deċiżjoni SRB/EES/2017/06, indirizzata lill-Fondo de Reestructuración Ordenada Bancaria (FROB, Fond ta' ristrutturazzjoni ordnata tal-istituzzjonijiet bankarji, Spanja), dwar il-kummerċjalizzazzjoni ta' Banco Popular (iktar 'il quddiem id-“deċiżjoni dwar il-kummerċjalizzazzjoni”). Is-SRB approva l-bidu immedjat tal-proċedura ta' bejgħ ta' Banco Popular mill-FROB u indika lil dan tal-aħħar ir-rekwiżiti tal-bejgħ skont l-Artikolu 39 tad-Direttiva 2014/59. Is-SRB indika b'mod partikolari li l-FROB kellu jikkuntattja lill-ħames akkwirenti potenzjali li kienu mistiedna jissottomettu offerta fil-kuntest tal-proċedura ta' bejgħ privat.
- 50 Fost il-ħames akkwirenti potenzjali, tnejn iddeċidew li ma jipparteċipawx fil-proċedura ta' bejgħ u wieħed ġie eskluż mill-BĊE għal raġunijiet prudenzjali.
- 51 Fl-4 ta' Ġunju 2017, iż-żewġ akkwirenti potenzjali li kienu ddeċidew li jipparteċipaw fil-proċedura ta' bejgħ, Banco Santander u Banco Bilbao Vizcaya Argentaria, SA (BBVA), iffirmaw ftehim ta' nondivulgazzjoni u, fil-5 ta' Ġunju 2017, kellhom aċċess għall-kamra virtwali tad-data.
- 52 Fil-5 ta' Ġunju 2017, is-SRB adotta l-ewwel valutazzjoni (iktar 'il quddiem il-“valutazzjoni 1”) skont l-Artikolu 20(5)(a) tar-Regolament Nru 806/2014, li kellha bħala l-għan tagħha li tipprovdi l-elementi li jippermettu li jiġi ddeterminat jekk kinux issodisfatti l-kundizzjonijiet tal-attivazzjoni ta' proċedura ta' riżoluzzjoni, kif iddefiniti fl-Artikolu 18(1) tar-Regolament Nru 806/2014.
- 53 Fis-6 ta' Ġunju 2017, il-BĊE wettaq valutazzjoni dwar is-sitwazzjoni ta' falliment li seħħ jew li x'aktarx ser iseħħ ta' Banco Popular, wara li kkonsulta lis-SRB, skont it-tieni subparagrafu tal-Artikolu 18(1) tar-Regolament Nru 806/2014.
- 54 F'din il-valutazzjoni, il-BĊE indika li, matul ix-xhur preċedenti, Banco Popular kien ġarrab deterjorament sinjifikattiv fis-sitwazzjoni tal-likwidità tiegħu, dovut prinċipalment għal eżawriment sinjifikattiv tal-bażi tad-depożiti tiegħu. Banco Popular esperjenza ħruġ sinjifikattiv ta' likwidità fis-segmenti kollha tal-klijentela tiegħu. Il-BĊE elenka l-avvenimenti li wasslu għall-problemi ta' likwidità li kellu jaffaċċja Banco Popular.
- 55 F'dan ir-rigward, huwa rrileva li, fi Frar tal-2017, matul il-preżentazzjoni tal-kontijiet annwali tagħha, Banco Popular kien żvela ħtieġa ta' provvedimenti eċċezzjonali li jammontaw għal EUR 5.7 biljun, li wasslu għal telf ta' EUR 3.485 biljun fl-2016, kif ukoll is-sostituzzjoni tal-President tiegħu li kien ilu għal żmien twil, li wettaq reviżjoni tal-istrateġija tal-bank. It-tħabbira ta' provvedimenti addizzjonali u ta' telf fi tmiem is-sena finanzjarja kienet wasslet għal tnaqqis fil-klassifikazzjoni ta' Banco Popular minn DBRS fl-10 ta' Frar 2017 u kienet qajmet tħassib serju min-naħa tal-klijenti ta' Banco Popular, li rriżulta fi għid kbir u mhux mistenni ta' depożiti u fi frekwenza għolja ta' żjarat tal-klijenti fil-fergħat tal-bank.
- 56 Il-BĊE ddikjara wkoll li l-pubblikazzjoni minn Banco Popular, fit-3 ta' April 2017, ta' dikjarazzjoni pubblika *ad hoc* li tħabbar l-eżitu ta' diversi awditi interni li jista' jkollhom impatt sinjifikattiv fuq l-istati finanzjarji tal-istituzzjoni, kif ukoll il-konferma li l-President-Direttur Ġenerali tal-istituzzjoni kien ser jiġi ssostitwit inqas minn sena wara d-dħul fil-kariga tiegħu, kienu wasslu għal mewġa oħra ta' għid ta' depożiti. Il-BĊE rrileva li din il-mewġa ta' għid ta' depożiti kienet ukoll xprunata minn:
- tnaqqis fil-grad tal-klassifikazzjoni ta' Banco Popular minn Standard & Poor's fis-7 ta' April 2017;

- it-tħabbira minn Banco Popular, fl-10 ta' April 2017, li ma kinitx ser tħallas dividendi u li żieda fil-kapital jew tranżazzjoni korporattiva tista' tkun meħtieġa minħabba s-sitwazzjoni ristretta fil-kapital tagħha u l-allinament meħtieġ fuq il-pari tagħha tal-kopertura ta' assi li ma jrendux ;
 - tnaqqis fil-klassifikazzjoni ta' Banco Popular minn Moody's fil-21 ta' April 2017;
 - l-iżvelar tar-riżultati tal-ewwel tliet xhur tal-2017 li kienu aġħar minn dawk previsti;
 - il-kopertura negattiva u kontinwa tal-media, bħall-artikli tal-11 u tal-15 ta' Mejju 2017 imsemmija fil-punti 40 u 41 iktar 'il fuq, jissuġġerixxu li l-President ta' Banco Popular kien ordna bejgħ urġenti tal-bank minħabba riskju imminenti ta' falliment jew nuqqas ta' likwidità, u li l-bank kellu jaffaċċja ħtieġa addizzjonali sinjifikattiva għal provvedimenti li jirriżultaw minn spezzjoni fuq il-post mis-superviżur.
- 57 Il-BĊE kkonstata wkoll li d-depożiti li ntilfu mill-31 ta' Mejju 2017 kienu partikolarment rilevanti, wara l-iżvelar fil-media li l-bank seta' jiġi stralċjat jekk il-proċess ta' bejgħ kurrenti ma jirnexxi fi żmien qasir ħafna.
- 58 Barra minn hekk, il-BĊE rrileva li, għalkemm Banco Popular kien żviluppa diversi miżuri li jiġġeneraw likwidità addizzjonali fil-ġimgħat preċedenti u beda jimplementahom, id-daqs tal-influssi mwettqa u li kienu għadhom mistennija ma kienx biżżejjed sabiex jirrimedja l-eżawriment tal-pożizzjoni tal-likwidità ta' Banco Popular fid-data tal-valutazzjoni. Huwa indika wkoll li, anki bl-użu tal-provvista urġenti ta' likwidità li għaliha l-Kunsill Governattiv tal-BĊE ma kienx qajjem oġġezzjonijiet fil-5 ta' Ġunju 2017, is-sitwazzjoni tal-likwidità f'dik id-data ma kinitx biżżejjed sabiex tiggarrantixxi l-kapaċità ta' Banco Popular li jissodisfa l-impenji tiegħu sa mhux iktar tard mis-7 ta' Ġunju 2017.
- 59 Il-BĊE qies li l-miżuri diġà adottati minn Banco Popular ma kinux suffiċjentement effettivi sabiex ireġġgħu lura d-deterjorament tal-pożizzjoni tal-likwidità tiegħu. Il-Kummissjoni tinnotta li, bħala miżura alternattiva sabiex jiżgura l-kapaċità tiegħu li jissodisfa l-impenji tiegħu li kienu waslu biex jimmaturaw, il-Banco Popular kien qiegħed jipprova jimplementa tranżazzjoni ta' negozju, jiġifieri l-bejgħ tiegħu lil kompetitur iktar b'saħħtu. Madankollu, il-BĊE qies li, fid-dawl tad-deterjorament tas-sitwazzjoni tal-likwidità ta' Banco Popular, l-assenza ta' prova tal-kapaċità ta' dan tal-aħħar li jreġġa' lura s-sitwazzjoni tal-likwidità tiegħu fil-futur qrib u tal-fatt li n-negozjati sa dak iż-żmien ma wasslux għal riżultat pożittiv, il-konferma ta' tranżazzjoni privata bħal din ma kinitx prevedibbli f'terminu ta' żmien li kien jippermetti lil Banco Popular li jkun jista' jħallas id-djun tiegħu jew impenji oħra meta dawn jilħqu l-maturità tagħhom.
- 60 Il-BĊE kkonstata li, fl-istess ħin, ma kienet teżisti l-ebda miżura ta' sorveljanza jew ta' intervent bikri disponibbli li tippermetti li tiġi rrestawrata b'mod immedjat is-sitwazzjoni tal-likwidità ta' Banco Popular u li tiżguralu żmien biżżejjed sabiex jimplementa tranżazzjoni kummerċjali jew soluzzjoni oħra. Il-miżuri għad-dispożizzjoni tal-BĊE bħala awtorità kompetenti, bis-saħħa tat-traspożizzjoni nazzjonali tal-Artikolu 104 tad-Direttiva 2013/36/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Ġunju 2013 dwar l-aċċess għall-attività tal-istituzzjonijiet ta' kreditu u s-superviżjoni prudenzjali tal-istituzzjonijiet ta' kreditu u tad-ditti tal-investment, li temenda d-Direttiva 2002/87/KE u li tħassar id-Direttivi 2006/48/KE u 2006/49/KE (ĠU 2013, L 176, p. 338), u l-Artikoli 27 sa 29 tad-Direttiva 2014/59 jew l-Artikolu 16 tar-Regolament Nru 1024/2013, ma setgħux jiżguraw li Banco Popular ikun f'pożizzjoni li jħallas id-djun tiegħu jew impenji oħra meta dawn jilħqu l-maturità tagħhom, minħabba l-portata u r-ritmu tad-deterjorament fil-likwidità osservata.

- 61 Bħala konklużjoni, il-BĊE, filwaqt li ħa inkunsiderazzjoni, b'mod partikolari, il-ħruġ eċċessiv ta' depożiti, il-ħeffa li biha l-bank kien tilef il-likwidità u l-inkapaċità tiegħu li jiġġenera likwiditajiet oħrajn, qies li kien hemm elementi oġġettivi li jindikaw li Banco Popular probabbilment ma kienx ser ikun f'pożizzjoni, fil-futur qarib, li jħallas id-djun tiegħu jew l-impenji l-oħra tagħha meta dawn jilħqu l-maturità tagħhom. Il-BĊE kkonkluda li l-falliment ta' Banco Popular kien meqjus li seħħ jew, fi kwalunkwe każ, li x'aktarx ser iseħħ fil-futur qarib, b'mod konformi mal-Artikolu 18(1)(a) u (4)(c) tar-Regolament Nru 806/2014.
- 62 Fis-6 ta' Ġunju 2017, il-Bord tad-Diretturi ta' Banco Popular informa lill-BĊE li kien wasal għall-konklużjoni li l-bank kien f'sitwazzjoni ta' falliment li x'aktarx ser iseħħ.
- 63 Fl-istess jum, il-FROB adotta ittra li tinkludi l-informazzjoni dwar il-proċedura ta' bejgħ (iktar 'il quddiem l-"ittra ta' proċedura") u li tiffissa t-terminu għas-sottomissjoni tal-offerti f'nofsillejl tas-6 ta' Ġunju 2017.
- 64 Fl-istess jum, il-BBVA, wieħed miż-żewġ akkwirenti potenzjali ta' Banco Popular, infurmat lill-FROB li ma kienx ser jagħmel offerta.
- 65 Ukoll fis-6 ta' Ġunju 2017, Deloitte baġtet lis-SRB it-tieni valutazzjoni (iktar 'il quddiem il-"valutazzjoni 2"), redatta skont l-Artikolu 20(10) tar-Regolament Nru 806/2014. Il-valutazzjoni 2 kellha l-għan li tistma l-valur tal-assi u tal-obbligazzjonijiet ta' Banco Popular, li tipprovdi stima dwar it-trattament li minnu kienu jibbenefikaw l-azzjonisti u l-kredituri li kieku Banco Popular kien is-suġġett ta' proċedura normali ta' insolvenza, kif ukoll li tipprovdi l-elementi li jippermettu li tittieħed id-deċiżjoni dwar l-azzjonijiet u t-titoli ta' proprjetà li għandhom jiġu ttrasferiti u li jippermettu lis-SRB li jiddetermina l-kundizzjonijiet kummerċjali tal-għodda ta' bejgħ ta' operat. B'mod partikolari, din il-valutazzjoni stmat il-valur ekonomiku ta' Banco Popular fl-ammont ta' EUR 1.3 biljun fl-aħjar xenarju, tal-anqas EUR 8.2 biljun fl-aħjar xenarju possibbli, u tal-anqas EUR 2 biljun fl-aħjar stima.
- 66 Fis-7 ta' Ġunju 2017, Banco Santander issottometta offerta definittiva.
- 67 Permezz ta' ittra tas-7 ta' Ġunju 2017, il-FROB informa lis-SRB li Banco Santander kien issottometta offerta fis-7 ta' Ġunju fit-3:12 a.m., u li l-prezz offrut minn Banco Santander għall-bejgħ tal-azzjonijiet ta' Banco Popular kien ta' EUR 1. Il-FROB iddikjara li l-bord ta' tmexxija tiegħu għażel lil Banco Santander bħala l-offerent rebbieħ fil-proċedura ta' bejgħ kompetittiv ta' Banco Popular u ddeċieda li jipproponi lis-SRB li jaħtar lil Banco Santander bħala l-akkwirent fid-deċiżjoni tas-SRB dwar l-adozzjoni ta' dispożittiv ta' riżoluzzjoni fir-rigward ta' Banco Popular.

Fuq l-iskema ta' riżoluzzjoni ta' Banco Popular tas-7 ta' Ġunju 2017

- 68 Fis-7 ta' Ġunju 2017, is-Sessjoni Eżekuttiva tas-SRB adottat id-deċiżjoni SRB/EES/2017/08 dwar skema ta' riżoluzzjoni fir-rigward ta' Banco Popular abbażi (iktar 'il quddiem l-"iskema ta' riżoluzzjoni"), abbażi tar-Regolament Nru 806/2014.
- 69 Skont l-Artikolu 1 tal-iskema ta' riżoluzzjoni, is-SRB, billi kkunsidra li l-kundizzjonijiet previsti fl-Artikolu 18(1) tar-Regolament Nru 806/2014 ġew issodisfatti, iddeċieda li jissottometti lil Banco Popular għal proċedura ta' riżoluzzjoni mid-data tar-riżoluzzjoni.

- 70 Għalhekk, is-SRB qies, fl-ewwel lok, li Banco Popular kien qiegħed f'sitwazzjoni ta' falliment li seħħ jew li x'aktarx ser iseħħ, fit-tieni lok, li ma kinux jeżistu miżuri oħra li setgħu jipprekludu l-falliment ta' Banco Popular f'terminu raġonevoli u, fit-tielet lok, li miżura ta' riżoluzzjoni fil-forma ta' għodda ta' bejgħ ta' operat ta' Banco Popular kienet neċessarja fl-interess pubbliku. F'dan ir-rigward, is-SRB indika li r-riżoluzzjoni kienet neċessarja u proporzjonata sabiex jintlaħqu żewġ għanijiet previsti fl-Artikolu 14(2) tar-Regolament Nru 806/2014, jiġifieri li tiġi żgurata l-kontinwità tal-funzjonijiet kritiċi tal-bank u li jiġu evitati effetti negattivi sinjifikattiv fuq l-istabbiltà finanzjarja.
- 71 Fl-Artikolu 5.1 tal-iskema ta' riżoluzzjoni, is-SRB iddeċieda kif ġej:
- “L-għodda ta' riżoluzzjoni applikata għal Banco Popular ser tikkonsisti f'bejgħ ta' operat skont l-Artikolu 24 tar-Regolament Nru 806/2014 bit-trasferiment tal-azzjonijiet lil akkwirent. L-iżvalutazzjoni u l-konverżjoni tal-istrumenti ta' fondi proprji ser jitwettqu immedjatament qabel l-applikazzjoni tal-għodda ta' bejgħ ta' operat.”
- 72 L-Artikolu 6 tal-iskema ta' riżoluzzjoni jikkonċerna l-iżvalutazzjoni tal-fondi proprji u l-għodda tal-bejgħ ta' operat. Fl-Artikolu 6.1, is-SRB indika l-miżuri li kien adotta b'applikazzjoni tas-setgħa ta' żvalutazzjoni prevista fl-Artikolu 21 tar-Regolament Nru 806/2014.
- 73 Għalhekk, fl-Artikolu 6.1 tal-iskema ta' riżoluzzjoni, is-SRB iddeċieda:
- qabelxejn, li jiżvaluta l-ammont nominali tal-kapital azzjonarju [ta'] Banco Popular bl-ammont ta' EUR 2 098 429 046, fatt li wassal għall-annullament ta' 100 % tal-azzjonijiet ta' Banco Popular;
 - sussegwentement, li jikkonverti l-ammont prinċipali kollu tal-istrumenti ta' fondi proprji addizzjonali tal-kategorija 1 maħruġa minn Banco Popular u fiċ-ċirkulazzjoni fid-data tal-iskema ta' riżoluzzjoni f'azzjonijiet ġodda maħruġa minn Banco Popular, l-“azzjonijiet ġodda I”;
 - sussegwentement, li jiżvaluta għal zero l-valur nominali tal-“azzjonijiet ġodda I” fatt li wassal għall-annullament ta' 100 % ta' dawn l-“azzjonijiet ġodda I”;
 - fl-aħħar, li jikkonverti l-ammont prinċipali kollu tal-istrumenti ta' fondi proprji tal-kategorija 2 maħruġa minn Banco Popular u fiċ-ċirkulazzjoni fid-data tad-deċiżjoni ta' riżoluzzjoni f'azzjonijiet ġodda maħruġa minn Banco Popular, l-“azzjonijiet ġodda II”.
- 74 L-Artikolu 6.3 tal-iskema ta' riżoluzzjoni jipprovdi li dawn il-miżuri ta' żvalutazzjoni u ta' konverżjoni huma bbażati fuq il-valutazzjoni 2, ikkorroborati mir-riżultati ta' proċess ta' bejgħ trasparenti u miftuħ imwettaq mill-awtorità ta' riżoluzzjoni Spanjola, il-FROB.
- 75 Fl-Artikolu 6.5 tad-deċiżjoni ta' riżoluzzjoni, is-SRB indika li huwa kien qiegħed jeżerċita s-setgħat mogħtija lill mill-Artikolu 24(1)(a) tar-Regolament Nru 806/2014, dwar l-għodda ta' bejgħ ta' operat u li kien qiegħed jordna li l-“azzjonijiet ġodda II” jiġu ttrasferiti lil Banco Santander, liberi u mingħajr ebda dritt jew privileġġ favur terz, inkambju għall-ħlas ta' prezz tax-xiri ta' EUR 1. Ġie ppreċiżat li l-akkwirent kien diġà ta l-kunsens tiegħu għat-trasferiment.
- 76 Is-SRB indika wkoll li t-trasferiment tal-“azzjonijiet ġodda II” kellu jsir abbażi tal-offerta vinkolanti tal-akkwirent tas-7 ta' Ġunju 2017 u kellu jiġi implimentat mill-FROB b'applikazzjoni tal-Ley 11/2015 de recuperación y resolución de entidades de crédito y empresas de servicios de

inversión (il-Liġi 11/2015 dwar l-irkupru u r-riżoluzzjoni tal-istituzzjonijiet ta' kreditu u l-impriżi tas-servizzi ta' investment) tat-18 ta' Ġunju 2015 (BOE Nru 146, tad-19 ta' Ġunju 2015, p. 50797, iktar 'il quddiem "il-Liġi 11/2015").

- 77 L-iskema ta' riżoluzzjoni ġiet ippreżentata lill-Kummissjoni għall-approvazzjoni fis-7 ta' Ġunju 2017 fil-5:13 a.m.
- 78 Fis-7 ta' Ġunju 2017 fis-6.30 a.m., il-Kummissjoni adottat id-Deċiżjoni (UE) 2017/1246 li tapprova l-iskema ta' riżoluzzjoni fir-rigward ta' Banco Popular (ĠU 2017, L 178, p. 15), u nnotifikatha lis-SRB. Konsegwentement, il-mekkaniżmu ta' riżoluzzjoni daħal fis-seħħ fl-istess ġurnata.
- 79 Mill-premessa 4 tad-Deċiżjoni 2017/1246 jirriżulta dan li ġej:

"Il-Kummissjoni taqbel mal-iskema ta' riżoluzzjoni. B'mod partikulari taqbel mar-raġunijiet mogħtija mill-SRB li minħabba fihom hi neċessarja r-riżoluzzjoni fl-interess pubbliku skont l-Artikolu 5 tar-Regolament (UE) Nru 806/2014."

- 80 Fl-istess jum, il-FROB adotta l-miżuri neċessarji sabiex jimplimenta l-iskema ta' riżoluzzjoni, konformement mal-Artikolu 29 tar-Regolament Nru 806/2014. F'dan il-kuntest, il-FROB ta l-kunsens tiegħu għat-trasferiment tal-azzjonijiet ġodda ta' Banco Popular li rriżultaw mill-konverżjoni tal-istrumenti ta' fondi proprji tal-kategorija 2 (l-"azzjonijiet ġodda II") lil Banco Santander.

Fuq il-fatti wara l-adozzjoni tad-deċiżjoni ta' riżoluzzjoni

- 81 Fl-14 ta' Ġunju 2018, Deloitte bagħtet lis-SRB il-valutazzjoni tad-differenza fit-trattament prevista fl-Artikolu 20(16) sa (18) tar-Regolament Nru 806/2014, imwettqa sabiex jiġi ddeterminat jekk l-azzjonisti u l-kredituri kinux jibbenefikaw minn trattament aħjar kieku l-Banco Popular kien ġie suġġett għal proċedura normali ta' insolvenza (iktar 'il quddiem il-"valutazzjoni 3"). Fil-31 ta' Lulju 2018, Deloitte bagħtet addendum lis-SRB għal din il-valutazzjoni li tikkoreġi ċerti żbalji formali.
- 82 Fit-28 ta' Settembru 2018, wara fużjoni permezz ta' akkwiżizzjoni, Banco Santander sar is-suċċessur b'titolu universali ta' Banco Popular.
- 83 Fis-17 ta' Marzu 2020, is-SRB adotta d-Deċiżjoni SRB/EES/2020/52 intiża sabiex jiġi ddeterminat jekk kellux jingħata kumpens għad-danni lill-azzjonisti u lill-kredituri kkonċernati mill-miżuri ta' riżoluzzjoni mwettqa fir-rigward ta' Banco Popular. Avviż dwar din id-deċiżjoni ġie ppubblikat fl-20 ta' Marzu 2020 *f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* (ĠU 2020, C 91, p. 2). F'din id-deċiżjoni, is-SRB qies li l-azzjonisti u l-kredituri li kienu ġew affettwati mir-riżoluzzjoni ta' Banco Popular ma kellhomx id-dritt għal kumpens għad-danni mis-SRF skont l-Artikolu 76(1)(e) tar-Regolament Nru 806/2014.

Il-proċedura u t-talbiet tal-partijiet

- 84 Permezz ta' att ippreżentat fir-Reġistru tal-Qorti Ġenerali fit-2 ta' Awwissu 2017, ir-rikorrenti ppreżentaw dan ir-rikors.

- 85 Permezz ta' att ippreżentat fir-Reġistru fit-30 ta' Ottubru 2017, is-SRB talab lill-Qorti Ġenerali, skont l-Artikolu 92(3) tar-Regoli tal-Proċedura tal-Qorti Ġenerali, sabiex tordna miżuri istruttorji dwar il-produzzjoni ta' ċerti dokumenti msemmija fl-anness. Permezz ta' deċiżjoni tat-30 ta' Novembru 2017, il-Qorti Ġenerali ddeċidiet li ma tilqax din it-talba għal miżuri istruttorji f'dan l-istadju tal-proċedura.
- 86 Permezz ta' atti ppreżentati fir-Reġistru tal-Qorti Ġenerali, fit-3, fis-26 u fis-27 ta' Ottubru 2017 u fl-10 u fl-14 ta' Novembru 2017 rispettivament, Banco Santander, ir-Renju ta' Spanja, il-Parlament Ewropew, il-Kunsill u l-Kummissjoni talbu li jintervjenu f'din il-kawża insostenn tat-talbiet tas-SRB. Permezz tad-deċiżjonijiet tal-1 ta' Awwissu 2018, il-President tat-Tmien Awla tal-Qorti Ġenerali laqa' l-interventi tar-Renju ta' Spanja, tal-Parlament, tal-Kunsill u tal-Kummissjoni u, b'digriet tat-12 ta' April 2019, laqa' l-intervent ta' Banco Santander. Ir-Renju ta' Spanja, il-Parlament, il-Kunsill, il-Kummissjoni u Banco Santander ressqu s-sottomissjonijiet tagħhom u l-partijiet ewlenin ressqu l-osservazzjonijiet tagħhom dwarhom fit-termini stabbiliti.
- 87 Fit-13 ta' Frar 2018, il-Qorti Ġenerali, fil-kuntest tal-miżuri ta' organizzazzjoni tal-proċedura previsti fl-Artikolu 89 tar-Regoli tal-Proċedura, stiednet lis-SRB jiddepożita l-aħħar verżjoni mhux kunfidenzjali tal-iskema ta' riżoluzzjoni u verżjoni mhux kunfidenzjali tal-valutazzjoni 2, ippubblikata fuq is-sit internet tagħha. Is-SRB ippreżenta d-dokumenti fit-terminu stabbilit.
- 88 Fis-6 ta' Lulju 2018, il-Qorti Ġenerali, fil-kuntest tal-miżuri ta' organizzazzjoni tal-proċedura previsti fl-Artikolu 89 tar-Regoli tal-Proċedura, għamlet xi mistoqsijiet bil-miktub lill-partijiet. Ir-rikorrenti u s-SRB wiegħu għal dawn il-mistoqsijiet fit-terminu stabbilit.
- 89 Permezz ta' ittra ppreżentata fir-Reġistru tal-Qorti Ġenerali fil-15 ta' Novembru 2018, ir-rikorrenti talbu lill-Qorti Ġenerali tordna lis-SRB, permezz ta' miżura ta' organizzazzjoni tal-proċedura, jittraduċi ċerti dokumenti lejn l-Ispanjol. Is-SRB ippreżenta l-osservazzjonijiet tiegħu dwar din it-talba fit-terminu stabbilit.
- 90 Peress li l-kompożizzjoni tal-Awli tal-Qorti Ġenerali nbidlet, skont l-Artikolu 27(5) tar-Regoli tal-Proċedura, l-Imħallef Relatur ġie assenjat it-Tielet Awla, u, konsegwentement, din il-kawża ġiet assenjata lilha.
- 91 Fuq proposta tat-Tielet Awla, il-Qorti Ġenerali ddeċidiet, skont l-Artikolu 28 tar-Regoli tal-Proċedura, li tibgħat il-kawża quddiem kulleġġ ġudikanti estiż.
- 92 Permezz ta' ittra ppreżentata fir-Reġistru tal-Qorti Ġenerali fit-8 ta' Settembru 2020, ir-rikorrenti ppreżentaw proposta ta' provi ġodda skont l-Artikolu 85(3) tar-Regoli tal-Proċedura. Is-SRB, ir-Renju ta' Spanja, il-Parlament, il-Kunsill, il-Kummissjoni u Banco Santander issottomettew l-osservazzjonijiet tagħhom fit-terminu stabbilit.
- 93 Fis-16 ta' Marzu 2021, fil-kuntest tal-miżuri ta' organizzazzjoni tal-proċedura previsti fl-Artikolu 89 tar-Regoli tal-Proċedura, il-Qorti Ġenerali stiednet lis-SRB sabiex jipproduċi diversi dokumenti. Permezz ta' ittra tat-30 ta' Marzu 2021, is-SRB wiegħeb li d-dokumenti mitluba kienu parzjalment kunfidenzjali u setgħu jiġu prodotti jekk il-Qorti Ġenerali tadotta miżura istruttorja.
- 94 Permezz ta' att ippreżentat fir-Reġistru tal-Qorti Ġenerali fl-20 ta' April 2021, ir-rikorrenti ppreżentaw talba għall-adozzjoni ta' miżuri ta' organizzazzjoni tal-proċedura. Is-SRB, il-Parlament, il-Kunsill, il-Kummissjoni u Banco Santander issottomettew l-osservazzjonijiet tagħhom dwar din it-talba fil-limitu stabbilit.

- 95 B'digriet tat-12 ta' Mejju 2021, il-Qorti Ġenerali ordnat lis-SRB, fuq il-bażi, minn naħa, tal-ewwel paragrafu tal-Artikolu 24 tal-Istatut tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea u, min-naħa l-oħra, tal-Artikolu 91(b) tal-Artikolu 92(3), kif ukoll tal-Artikolu 103 tar-Regoli tal-Proċedura, sabiex jipproduċi l-verżjonijiet sħaħ tal-iskema ta' riżoluzzjoni, tal-valutazzjoni 2, tal-evalwazzjoni tal-BĊE tas-6 ta' Ġunju 2017 dwar is-sitwazzjoni ta' falliment li seħħ jew li x'aktarx ser iseħħ ta' Banco Popular, tal-ittra mill-Banco Popular lill-BĊE tas-6 ta' Ġunju 2017, inkluż l-anness tagħha, u tal-ittra mill-BĊE lil Banco Popular tat-18 ta' Mejju 2017. Il-Qorti Ġenerali ordnat wkoll lis-SRB jipproduċi l-verżjonijiet mhux kunfidenzjali tal-ittra mill-Banco Popular lill-BĊE tas-6 ta' Ġunju 2017, inkluż l-anness tagħha, u tal-ittra mill-BĊE lil Banco Popular tat-18 ta' Mejju 2017.
- 96 B'ittra tat-28 ta' Mejju 2012, ir-rikorrenti ppreżentaw talba għal miżuri ta' organizzazzjoni tal-proċedura u offerta ta' provi ġodda. Is-SRB, ir-Renju ta' Spanja, il-Parlament, il-Kunsill, il-Kummissjoni u Banco Santander ġew mistiedna jissottomettu l-osservazzjonijiet tagħhom waqt is-seduta.
- 97 B'digriet tad-9 ta' Ġunju 2021, il-Qorti Ġenerali sfilzat mill-fajl il-verżjonijiet kunfidenzjali tad-dokumenti prodotti mis-SRB skont id-digriet tat-12 ta' Mejju 2021 u bagħtet lir-rikorrenti kif ukoll lir-Renju ta' Spanja, lill-Parlament u lill-Kunsill, lill-Kummissjoni u lil Banco Santander l-ittra tas-6 ta' Ġunju 2017 minn Banco Popular lill-BĊE mingħajr l-anness tagħha.
- 98 Minħabba impediment ta' żewġ membri tat-Tielet Awla, il-President tal-Qorti Ġenerali ħatar żewġ imħallfin oħra sabiex jikkompletaw l-awla.
- 99 Instemgħu t-trattazzjonijiet tal-partijiet u t-tweġibiet tagħhom għall-mistoqsijiet orali magħmulin mill-Qorti Ġenerali waqt is-seduta tal-14 ta' Ġunju 2021.
- 100 Permezz ta' att ippreżentat fir-Reġistru tal-Qorti Ġenerali fis-27 ta' Lulju 2021, ir-rikorrenti ressqu talba għall-ftuħ mill-ġdid tal-fażi orali tal-proċedura skont l-Artikolu 113(2)(c) tar-Regoli tal-Proċedura tal-Qorti Ġenerali. B'deċiżjoni tas-27 ta' Awwissu 2021, il-President tat-Tielet Awla Estiża tal-Qorti Ġenerali ċaħad din it-talba, billi f'dan il-każ ma ġiet issodisfatta l-ebda waħda mill-kundizzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu 113(2) tar-Regoli tal-Proċedura peress li l-elementi li fuqhom ir-rikorrenti bbażaw it-talba tagħhom għall-ftuħ mill-ġdid tal-fażi orali tal-proċedura ma kienx probabbli li jkollhom influwenza deċiżiva fuq id-deċiżjoni tal-Qorti Ġenerali.
- 101 Ir-rikorrenti jitolbu li l-Qorti Ġenerali jogħġobha:
- tannulla l-iskema ta' riżoluzzjoni;
 - tikkundanna lis-SRB għall-ispejjeż.
- 102 Is-SRB jitlob li l-Qorti Ġenerali jogħġobha:
- tiċħad ir-rikors;
 - tikkundanna lir-rikorrenti għall-ispejjeż.

103 Banco Santander, ir-Renju ta' Spanja, il-Kunsill u l-Kummissjoni jitolbu lill-Qorti Ġenerali jogħġobha:

- tiċħad ir-rikors;
- tikkundanna lir-rikorrenti għall-ispejjeż.

104 Il-Parlament jitlob li l-Qorti Ġenerali jogħġobha:

- tiċħad ir-rikors sa fejn dan huwa ibbażat fuq l-eċċezzjonijiet tal-illegalità tar-Regolament Nru 806/2014 u tad-Direttiva 2014/59;
- tikkundanna lir-rikorrenti għall-ispejjeż.

Id-dritt

105 Insostenn tar-rikors tagħhom, ir-rikorrenti jqajmu għaxar motivi. L-ewwel motiv huwa bbażat fuq ksur tal-obbligu ta' motivazzjoni, ksur tad-dritt għal amministrazzjoni tajba sanċit fl-Artikolu 41(2)(b) u (c) tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea (iktar 'il quddiem il-“Karta”) u tad-dritt għal rimedju effettiv sanċit fl-Artikolu 47 tal-Karta. It-tieni motiv huwa bbażat fuq eċċezzjoni ta' illegalità sa fejn l-Artikolu 18, l-Artikolu 24(2)(a) u l-Artikolu 27 tar-Regolament Nru 806/2014 kif ukoll l-Artikoli 32, 38 u 43 tad-Direttiva 2014/59, jiksru d-dritt ta' smiġħ sanċit fl-Artikolu 41(2)(a) tal-Karta. It-tielet motiv huwa bbażat fuq eċċezzjoni ta' illegalità sa fejn l-Artikoli 21, 22, 24 u 27 tar-Regolament Nru 806/2014 kif ukoll l-Artikoli 38 u 63 tad-Direttiva 2014/59 jiksru d-dritt għall-proprjetà, sanċit fl-Artikolu 17(1), tal-Karta u l-prinċipju tal-libertà ta' intrapriża, sanċit fl-Artikolu 16 tal-Karta. Ir-raba' motiv huwa bbażat fuq ksur tad-dritt għal rimedju effettiv sanċit fl-Artikolu 47 tal-Karta. Il-ħames motiv huwa bbażat fuq ksur tal-Artikolu 18(1) tar-Regolament Nru 806/2014 u tal-Artikolu 32 tad-Direttiva 2014/59. Is-sitt motiv huwa bbażat fuq ksur tal-prinċipju ta' prudenza fis-settur bankarju. Is-seba' motiv huwa bbażat fuq ksur tal-prinċipju ta' protezzjoni tal-aspettattivi leġittimi. It-tmien motiv huwa bbażat fuq ksur tad-dritt għall-proprjetà u tal-prinċipju ta' proporzjonalità sanċiti fl-Artikoli 17 u 52 tal-Karta. Id-disa' motiv huwa bbażat fuq ksur tal-Artikolu 20(1) tar-Regolament Nru 806/2014. L-għaxar motiv huwa bbażat fuq l-allegazzjoni li l-proċedura ta' bejgħ ta' Banco Popular tikser l-Artikolu 24 tar-Regolament Nru 806/2014 u l-Artikolu 39(2)(a), (b), (d) u (f) tad-Direttiva 2014/59.

106 Fir-replika, ir-rikorrenti jinvokaw tliet motivi ġodda. L-ewwel wieħed huwa bbażat fuq ksur tal-Artikolu 20(3) u (11) tar-Regolament Nru 806/2014, it-tieni wieħed, fuq ksur tal-obbligu ta' motivazzjoni, tad-drittijiet tad-difiża u tad-dritt għal rimedju effettiv u t-tielet wieħed, fuq ksur tar-rekwiżiti formali essenzjali. Sa fejn, b'dawn it-tliet motivi ġodda, ir-rikorrenti jikkontestaw, essenzjalment, il-fatt li s-SRB mhux ser jagħmel valutazzjoni definittiva *ex-post*, skont l-Artikolu 20(11) tar-Regolament Nru 806/2014, dawn ser jinġabru fil-ħdax-il motiv.

Fuq l-ammissibbiltà

- 107 Fin-nota ta' intervent tagħha, il-Kummissjoni tqajjem l-inammissibbiltà tar-rikors peress li l-iskema ta' rizzoluzzjoni hija att intermedju li ma jipproduċix effetti vinkolanti. Hija ssostni li, bid-Deċiżjoni tagħha 2017/1246, hija approvat l-iskema ta' rizzoluzzjoni, għamlitha tagħha, li tatha effetti vinkolanti u li, għalhekk, rikors dirett biss kontra l-iskema ta' rizzoluzzjoni kien inammissibbli.
- 108 Il-Parlament u l-Kunsill jargumentaw ukoll fin-noti ta' intervent tagħhom, li l-iskema ta' rizzoluzzjoni fiha nnifisha ma tipproduċix effetti legali fir-rigward ta' terzi fis-sens tal-Artikolu 263 TFUE.
- 109 Ir-rikorrenti jargumentaw li l-argumenti tal-intervenjenti dwar l-inammissibbiltà tar-rikors ma humiex ammissibbli, sa fejn din ma ġietx invokata mis-SRB. Sussidjarjament, huma jsostnu li r-rikors huwa ammissibbli.
- 110 Għandu jittfakkar li, skont l-Artikolu 142(1) tar-Regoli tal-Proċedura, l-intervent ma jista' jkollu l-ebda skop ħlief l-appoġġ, kollu kemm hu jew parti minnu, tal-konklużjonijiet ta' waħda mill-partijiet prinċipali. Barra minn hekk, skont l-Artikolu 142(3) tar-Regoli tal-Proċedura, l-intervenjenti tidħol fil-kawża *in statu et terminis*.
- 111 Madankollu, fil-każ preżenti, fit-talbiet tiegħu, is-SRB sempliċement jitlob li r-rikors jiġi miċħud fuq il-mertu u ma kkontestax l-ammissibbiltà tar-rikors.
- 112 Ċertament, minn ġurisprudenza stabbilita jirriżulta li intervenjent ma għandux kwalità sabiex iqajjem b'mod awtonomu eċċezzjoni ta' inammissibbiltà u li għalhekk il-Qorti Ġenerali ma hijiex obligata li teżamina l-motivi ta' inammissibbiltà invokati esklużivament minnu (sentenzi tal-24 ta' Marzu 1993, CIRFS *et vs* Il-Kummissjoni, C-313/90, EU:C:1993:111, punt 22, u tat-13 ta' Diċembru 2018, Post Bank Iran *vs* Il-Kunsill, T-559/15, EU:T:2018:948, punt 63).
- 113 Madankollu, fil-każ ta' eċċezzjoni ta' inammissibbiltà ta' ordni pubbliku, għandha tiġi eżaminata l-ammissibbiltà tar-rikors *ex officio* (ara, f'dan is-sens, is-sentenzi tal-24 ta' Marzu 1993, CIRFS *et vs* Il-Kummissjoni, C-313/90, EU:C:1993:111, punt 23, u tal-20 ta' Ġunju 2019, a&o hostel and hotel Berlin *vs* Il-Kummissjoni, T-578/17, mhux ippubblikata, EU:T:2019:437, punt 36).
- 114 Minn ġurisprudenza stabbilita jirriżulta li jitqiesu li huma atti li jistgħu jiġu kkontestati fis-sens tal-Artikolu 263 TFUE, il-miżuri kollha adottati mill-istituzzjonijiet, tkun xi tkun il-forma tagħhom, li jkunu intiżi li jipproduċu xi effetti legali vinkolanti (ara s-sentenzi tal-25 ta' Ottubru 2017, Is-Slovakkja *vs* Il-Kummissjoni, C-593/15 P u C-594/15 P, EU:C:2017:800, punt 46 u l-ġurisprudenza ċċitata, u tat-3 ta' Ġunju 2021, L-Ungerija *vs* Il-Parlament, C-650/18, EU:C:2021:426, punt 37 u l-ġurisprudenza ċċitata).
- 115 Sabiex jiġi ddeterminat jekk att jipproduċix tali effetti u jekk, għaldaqstant, jistax ikun suġġett għal rikors għal annullament abbażi tal-Artikolu 263 TFUE, għandu jsir riferiment għas-sustanza ta' dan l-att u l-imsemmija effetti għandhom jiġu evalwati fid-dawl ta' kriterji oġġettivi, bħall-kontenut ta' dan l-istess att, billi jittieħdu inkunsiderazzjoni, jekk ikun il-każ, il-kuntest tal-adozzjoni ta' dan tal-aħħar kif ukoll is-setgħat tal-istituzzjoni li tkun l-awtriċi tiegħu (ara s-sentenza tat-3 ta' Ġunju 2021, L-Ungerija *vs* Il-Parlament, C-650/18, EU:C:2021:426, punt 38 u l-ġurisprudenza ċċitata).

- 116 F'dan ir-rigward, hemm lok li jiġi rrilevat li s-SRB jeżerċita l-kompetenzi mogħtija lilu mir-Regolament Nru 806/2014, b'mod partikolari dik prevista fl-Artikolu 16(1), ta' dan ir-regolament li "jiddeċiedi dwar riżoluzzjoni b'rabta ma' istituzzjoni finanzjarja stabbilita minn stat membru parteċipanti, fejn jiġu sodisfatti l-kondizzjonijiet stipulati fl-Artikolu 18(1)". Il-leġiżlatur tal-Unjoni b'hekk ikkonferixxa b'mod espliċitu l-kompetenza deċiżjonali fuq s-SRB.
- 117 Deċiżjoni tas-SRB dwar miżura ta' riżoluzzjoni hija att li jista' jidħol fis-seħħ. L-Artikolu 12 tal-iskema ta' riżoluzzjoni jindika li din daħlet fis-seħħ fis-7 ta' Ġunju 2017 fl-6:30 a.m.
- 118 Barra minn hekk, skont l-ewwel paragrafu tal-Artikolu 23 tar-Regolament Nru 806/2014, l-iskema ta' riżoluzzjoni adottata mis-SRB skont l-Artikolu 18 ta' dak l-istess regolament tistabbilixxi l-modalitajiet tal-għodda ta' riżoluzzjoni li għandhom jiġu applikati għall-istituzzjoni suġġetta għal proċedura ta' riżoluzzjoni li l-awtoritajiet nazzjonali tar-riżoluzzjoni għandhom jimplimentaw skont id-dispożizzjonijiet rilevanti tad-Direttiva 2014/59 trasposta fid-dritt nazzjonali.
- 119 Għalhekk, skont l-Artikolu 9 tal-iskema ta' riżoluzzjoni, huwa kompitu tal-FROB li jieħu l-miżuri kollha meħtieġa sabiex jitwettqu l-eżekuzzjoni u l-implimentazzjoni ta' din id-deċiżjoni. Il-FROB għandu, b'mod partikolari, jimplimenta l-bejgħ ta' Banco Popular skont il-modalitajiet deċiżi fl-iskema ta' riżoluzzjoni. L-Artikolu 10 tal-iskema ta' riżoluzzjoni jipprevedi wkoll li s-SRB għandu jsegwi l-eżekuzzjoni tal-iskema ta' riżoluzzjoni mill-FROB skont l-Artikolu 28 tar-Regolament Nru 806/2014.
- 120 Għaldaqstant, għandu jitqies li, fid-dawl tas-sustanza tagħha, l-iskema ta' riżoluzzjoni tipproduċi effetti legali obligatorji.
- 121 Barra minn hekk, jeħtieġ li jiġi rrilevat li l-Artikolu 86(1) tar-Regolament Nru 806/2014 jipprovdi li deċiżjoni meħuda mill-Bord tal-Appell jew, fejn ma jkun hemm l-ebda dritt ta' appell quddiem il-Bord tal-Appell, mis-SRB jista' jiġi kkontestat quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea skont l-Artikolu 263 TFUE. Skont l-Artikolu 86(2) tar-Regolament Nru 806/2014, l-Istati Membri u l-istituzzjonijiet tal-Unjoni, kif ukoll kwalunkwe persuna fiżika jew ġuridika, jistgħu jibdew proċedimenti quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea kontra deċiżjonijiet tas-SRB, skont l-Artikolu 263 TFUE.
- 122 F'dan ir-rigward, il-Qorti tal-Ġustizzja indikat li l-Artikolu 86(2) tar-Regolament Nru 806/2014 jipprevedi li l-Istati Membri u l-istituzzjonijiet tal-Unjoni, l-istess bħal kull persuna fiżika jew ġuridika, jistgħu, konformement mal-Artikolu 263 TFUE, jippreżentaw rikors quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea kontra d-deċiżjonijiet tas-SRB, fejn dan tal-aħħar jiġi ċċitat bl-esklużjoni ta' kull istituzzjoni, korp jew organu ieħor tal-Unjoni (sentenza tas-6 ta' Mejju 2021, *ABLV Bank et vs BĊE*, C-551/19 P u C-552/19 P, EU:C:2021:369, punt 56).
- 123 Il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet ukoll li l-proċedura ta' riżoluzzjoni għandha titqies bħala proċedura amministrattiva kumplessa li tinvolvi diversi awtoritajiet u li l-uniku riżultat finali tagħha, li jirriżulta mill-eżerċizzju, mis-SRB, tal-kompetenza tiegħu, jista' jkun is-suġġett tal-istħarriġ ġudizzjarju msemmi fl-Artikolu 86(2) ta' dak ir-regolament (sentenza tas-6 ta' Mejju 2021, *ABLV Bank et vs BĊE*, C-551/19 P u C-552/19 P, EU:C:2021:369, punt 66).

- 124 Għalhekk, mit-termini tal-Artikolu 86 tar-Regolament Nru 806/2014 u mill-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja jirriżulta li l-iskema ta' riżoluzzjoni, li ma tistax tiġi appellata quddiem il-Bord tal-Appell, hija att li jista' jkun suġġett ta' rikors għal annullament quddiem il-Qorti Ġenerali.
- 125 Din il-konklużjoni ma hijiex ikkontestata mill-argumenti invokati mill-Parlament, mill-Kunsill u mill-Kummissjoni.
- 126 Fl-ewwel lok, waqt is-seduta, il-Parlament u l-Kummissjoni sostnew li, fi proċedura li tinvolvi diversi istituzzjonijiet, l-att finali biss seta' jiġi kkontestat. Il-Kummissjoni sostniet li, bl-approvazzjoni tagħha, kienet approprjat u saret l-awtur tal-iskema ta' riżoluzzjoni, li huwa konformi mal-prinċipji relatati mad-delega tas-setgħat stabbiliti fis-sentenza tat-13 ta' Ġunju 1958, Meroni vs L-Awtorità Għolja (9/56, EU:C:1958:7). Il-Parlament sostna li d-deċiżjoni tal-Kummissjoni tinkorpora l-iskema ta' riżoluzzjoni u li din tal-aħħar, bħala parti mid-deċiżjoni tal-Kummissjoni, ma tistax tiġi kkontestata.
- 127 Ċertament, kif iddikjarat il-Kummissjoni waqt is-seduta, l-iskema ta' riżoluzzjoni tidħol fis-seħħ biss b'riżultat tal-approvazzjoni tagħha. Madankollu, dan ma jfissirx li l-effett tal-approvazzjoni tal-Kummissjoni huwa li jiġu eliminati l-effetti legali awtonomi tal-iskema ta' riżoluzzjoni favur dawk tad-deċiżjoni ta' din tal-aħħar biss.
- 128 Fid-dawl tat-termini użati b'mod partikolari fl-Artikolu 18(7) tar-Regolament Nru 806/2014, hemm lok li jiġi kkunsidrat li l-approvazzjoni tal-Kummissjoni tikkostitwixxi pass neċessarju għad-dħul fis-seħħ tal-iskema ta' riżoluzzjoni u li tagħtiha forza legali.
- 129 Madankollu, għall-kuntrarju tal-allegazzjonijiet tal-Kummissjoni, l-osservanza tal-prinċipji relatati mad-delega tas-setgħat stabbiliti fis-sentenza tat-13 ta' Ġunju 1958, Meroni vs L-Awtorità Għolja (9/56, EU:C:1958:7), ma timplikax li d-deċiżjoni adottata mill-Kummissjoni biss tipproduċi effetti legali. Skont din is-sentenza, delega tas-setgħat għal awtorità diskrezzjonali, li tinvolvi firxa wiesgħa ta' diskrezzjoni, li tista' tissarraf fl-użu tagħha bħala politika ekonomika, billi tissostitwixxi l-għażliet tal-awtorità delegatrici għal dawk tal-awtorità delegata, tikkostitwixxi "trasferiment effettiv tar-responsabbiltà".
- 130 Hemm lok li jiġi kkunsidrat li, skont it-tieni subparagrafu tal-Artikolu 18(7) tar-Regolament Nru 806/2014, huwa meħtieġ li l-Kummissjoni tapprova l-iskema ta' riżoluzzjoni fl-aspetti diskrezzjonali tagħha sabiex din tipproduċi effetti legali, u b'hekk jiġi evitat "trasferiment effettiv tar-responsabbiltà" fis-sens tas-sentenza tat-13 ta' Ġunju 1958, Meroni vs L-Awtorità Għolja (9/56, EU:C:1958:7).
- 131 F'dan ir-rigward, jidher b'mod partikolari mill-premessa 26 tar-Regolament Nru 806/2014 li:
- "[...] Il-proċedura relatata mal-adozzjoni tal-iskema ta' riżoluzzjoni, li tinvolvi lill-Kummissjoni u lill-Kunsill, issaħħaħ l-indipendenza operattiva neċessarja tal-Bord filwaqt li tirrispetta l-prinċipji ta' delega ta' setgħat lill-aġenziji kif interpretati mill-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea [...] Għaldaqstant, dan ir-Regolament jiddisponi li l-iskema ta' riżoluzzjoni adottata mill-Bord tidħol fis-seħħ biss jekk, fi żmien 24 siegħa wara l-adozzjoni tagħha mill-Bord, ma tiġi espressa l-ebda oġġezzjoni min-naħa tal-Kunsill jew tal-Kummissjoni jew jekk l-iskema ta' riżoluzzjoni tkun approvata mill-Kummissjoni. [...]"

- 132 Barra minn hekk, għandu jitqies li t-tqassim tal-kompetenzi bejn s-SRB u l-Kummissjoni previst fir-Regolament Nru 806/2014 ma jsostnix l-argument ta' dan tal-aħħar li, bl-approvazzjoni tiegħu, huwa jagħmel l-iskema ta' riżoluzzjoni daqslikieku tiegħu. Fil-fatt, il-Kummissjoni għandha l-kompetenza tagħha li tivvaluta l-aspetti diskrezzjonali tal-iskema ta' riżoluzzjoni. Barra minn hekk, skont l-Artikolu 18(7) tar-Regolament Nru 806/2014, il-Kummissjoni tista' jew tapprova l-iskema ta' riżoluzzjoni jew tqajjem oġġezzjonijiet dwar l-aspetti diskrezzjonali tagħha. Għall-kuntrarju, hija ma għandhiex is-setgħa li teżerċita l-kompetenzi riżervati għas-SRB jew li timmodifika l-iskema ta' riżoluzzjoni jew l-effetti legali tagħhom.
- 133 Fit-tieni lok, waqt is-seduta, il-Kummissjoni sostniet li l-iskema ta' riżoluzzjoni ma hijiex vinkolanti għaliha. Fil-każ ta' nuqqas ta' qbil ma' din tal-aħħar, hija ma hijiex obligata li tapprovaha. Hija kkunsidrat li s-soluzzjoni adottata fis-sentenza tas-6 ta' Mejju 2021, *ABLV Bank et BĊE* (C-551/19 P u C-552/19 P, EU:C:2021:369), dwar l-evalwazzjoni mill-BĊE tas-sitwazzjoni ta' falliment li seħħ jew li x'aktarx ser iseħħ tal-entità kkonċernata hija applikabbli b'analoġija għall-iskema ta' riżoluzzjoni. Għalhekk, l-iskema ta' riżoluzzjoni hija att preparatorju li ma jistax jiġi kkontestat skont l-Artikolu 263 TFUE.
- 134 Skont il-ġurisprudenza, fil-każ ta' atti li l-elaborazzjoni tagħhom issir f'diversi fażijiet ta' proċedura interna, jikkostitwixxu atti li jistgħu jiġu kkontestati biss, fil-prinċipju, dawk il-miżuri li jistabbilixxu definittivament il-pożizzjoni tal-istituzzjoni fi tmiem din il-proċedura, minbarra miżuri intermedjarji li l-għan tagħhom huwa li jippreparaw id-deċiżjoni finali u li l-illegalità tagħhom tista' titqajjem b'mod validu fil-kuntest ta' rikors ippreżentat kontra tagħha (ara d-digriet tas-6 ta' Mejju 2019, *ABLV Bank vs BĊE*, T-281/18, EU:T:2019:296, punt 30 u l-ġurisprudenza ċċitata).
- 135 Fil-punt 66 tas-sentenza tas-6 ta' Mejju 2021, *ABLV Bank et vs BĊE* (C-551/19 P u C-552/19 P, EU:C:2021:369), il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet li, l-evalwazzjoni mill-BĊE tal-falliment li seħħ jew li x'aktarx ser iseħħ tal-entità kkonċernata ma pproduċietx, bħala tali, effett legali vinkolanti ta' natura li jaffettwa l-interessi tar-rikorrenti, billi tbiddel b'mod sostanzjali s-sitwazzjoni legali tagħhom, peress li hija biss l-adozzjoni, u sussegwentement id-dħul fis-seħħ ta' skema ta' riżoluzzjoni kif ukoll l-implimentazzjoni ta' għodda ta' riżoluzzjoni, fis-sens tal-Artikolu 22(2) tar-Regolament Nru 806/2014, li tista' tbiddel din is-sitwazzjoni.
- 136 F'dan ir-rigward, huwa biżżejjed li jiġi rrilevat li, għall-kuntrarju tal-iskema ta' riżoluzzjoni, l-ebda dispożizzjoni fir-Regolament Nru 806/2014 ma tipprovdi li l-evalwazzjoni tal-BĊE tidħol fis-seħħ.
- 137 Barra minn hekk, fil-kuntest tal-proċedura amministrattiva kumplessa stabbilita bir-Regolament Nru 806/2014, ma jistax jitqies li l-iskema ta' riżoluzzjoni tikkostitwixxi att preparatorju fis-sens li jkollha bħala għan it-tnejn tad-deċiżjoni tal-Kummissjoni. F'dan ir-rigward, jeħtieġ li jitfakkar li, minn naħa, skont l-Artikolu 18(7) tar-Regolament Nru 806/2014, l-approvazzjoni tal-iskema ta' riżoluzzjoni mill-Kummissjoni għandha l-effett li tidħol fis-seħħ u, min-naħa l-oħra, il-Kummissjoni tista' topponi l-iskema ta' riżoluzzjoni dwar l-aspetti diskrezzjonali tagħha, iżda ma tistax topponi jew timmodifika l-aspetti purament tekniċi tagħha.
- 138 Fit-tielet lok, waqt is-seduta, il-Parlament u l-Kunsill sostnew li l-Artikolu 86 tar-Regolament Nru 806/2014 għandu jiġi interpretat fis-sens li jkopri biss deċiżjonijiet awtonomi tas-SRB li ma jeħtiġux approvazzjoni mill-Kummissjoni.

- 139 F'dan ir-rigward, jeħtieġ li titfakkar il-ġurisprudenza stabbilita li, meta tiġi interpretata dispożizzjoni tad-dritt tal-Unjoni, hemm lok li jitqiesu mhux biss it-termini ta' din tal-aħħar u l-għan li ssegwi, iżda wkoll il-kuntest tagħha kif ukoll id-dispożizzjonijiet kollha tad-dritt tal-Unjoni (ara s-sentenza tat-8 ta' Lulju 2019, Il-Kummissjoni vs Il-Belġju (l-Artikolu 260(3) TFUE – Netwerks ta' veloċità għolja), C-543/17, EU:C:2019:573, punt 49 u l-ġurisprudenza ċċitata; digriet tal-24 ta' Ottubru 2019, Liaño Reig vs BUR, T-557/17, mhux ippubblikat, EU:T:2019:771, punt 59).
- 140 Madankollu, hemm lok li jiġi rrilevat li l-Artikolu 86 tar-Regolament Nru 806/2014 jipprovdi li d-deċizzjonijiet kollha tas-SRB, bl-eċċezzjoni ta' dawk li jistgħu jiġu appellati quddiem il-Bord tal-Appell, jistgħu jiġu kkontestati abbażi tal-Artikolu 263 TFUE. L-iskema ta' riżoluzzjoni taqa' mid-definizzjoni tagħha f'din il-kategorija ta' deċizzjonijiet u l-ebda riżerva f'dan l-artikolu jew kwalunkwe dispożizzjoni oħra tar-Regolament Nru 806/2014 ma tippermetti li dan jiġi eskluż.
- 141 Barra minn hekk, jeħtieġ li jiġi rrilevat ukoll li l-Artikolu 20(15) tar-Regolament Nru 806/2014 jipprovdi li l-valutazzjoni hija parti integrali mid-deċizzjoni li tiġi applikata għodda ta' riżoluzzjoni jew li tiġi eżerċitata setgħa ta' riżoluzzjoni jew tad-deċizzjoni li tiġi eżerċitata s-setgħa ta' żvalutazzjoni jew ta' konverżjoni tal-istrumenti kapitali u li l-valutazzjoni nnifisha ma tkunx is-suġġett ta' dritt ta' appell separat, iżda tista' tkun is-suġġett ta' appell ukoll kontra d-deċizzjoni meħuda mis-SRB.
- 142 Għalhekk, din id-dispożizzjoni tipprovdi għall-possibbiltà li tiġi kkontestata valutazzjoni fil-kuntest ta' appell kontra l-iskema ta' riżoluzzjoni adottata mis-SRB, iżda ma tagħmilx riferiment għad-deċizzjoni adottata mill-Kummissjoni.
- 143 Għaldaqstant, hemm lok li jitqies li mill-istess termini tal-Artikolu 86 tar-Regolament Nru 806/2014, iżda wkoll minn dispożizzjonijiet oħrajn tar-Regolament Nru 806/2014, jirriżulta li skema ta' riżoluzzjoni adottata mis-SRB tista' tiġi appellata, mingħajr il-ħtieġa li jiġi ppreżentat ukoll rikors kontra d-deċizzjoni tal-Kummissjoni li tapprova din l-iskema.
- 144 Barra minn hekk, l-interpretazzjoni tal-Artikolu 86 tar-Regolament Nru 806/2014 proposta mill-Parlament, mill-Kunsill u mill-Kummissjoni ma tissodisfax ir-rekwiżiti tal-ġurisprudenza stabbilita li skontha test tad-dritt derivat tal-Unjoni Ewropea għandu jiġi interpretat, sa fejn ikun possibbli, fis-sens tal-konformità tagħha mad-dritt primarju kollha u, b'mod partikolari, mad-dispożizzjonijiet tat-Trattati u tal-Karta kif ukoll mal-prinċipji ġenerali tad-dritt tal-Unjoni (ara, f'dan is-sens, is-sentenzi tad-19 ta' Diċembru 2019, BĊE vs Espíritu Santo Financial (Il-Portugall), C-442/18 P, EU:C:2019:1117, punt 40 u l-ġurisprudenza ċċitata; tat-2 ta' Frar 2021, Consob, C-481/19, EU:C:2021:84, punt 50 u l-ġurisprudenza ċċitata, u d-digriet tal-24 ta' Ottubru 2019, Liaño Reig vs SRB, T-557/17, mhux ippubblikata, EU:T:2019:771, punt 47 u l-ġurisprudenza ċċitata), inklużi l-prinċipji ta' ċertezza legali u ta' protezzjoni ġudizzjarja effettiva.
- 145 Fl-ewwel lok, fir-rigward tal-prinċipju taċ-ċertezza legali, dan jeħtieġ li r-regoli tad-dritt ikunu ċari, preċiżi u prevedibbli fl-effett tagħhom, sabiex il-persuni kkonċernati jkunu jistgħu jorjentaw ruħhom f'sitwazzjonijiet u relazzjonijiet legali li jaqgħu taħt l-ordinament ġuridiku tal-Unjoni (sentenzi tat-30 ta' April 2019, L-Italja vs Il-Kunsill (Kwota ta' qabdiet ta' pixxispad tal-Mediterran), C-611/17 EU:C:2019:332, punt 111; tal-25 ta' Novembru 2020, ACRE vs Il-Parlament, T-107/19, mhux ippubblikata, EU:T:2020:560, punt 66, u tad-9 ta' Diċembru 2020, Adraces vs Il-Kummissjoni, T-714/18, mhux ippubblikata, EU:T:2020:591, punt 37). L-osservanza tar-rekwiżiti li jirriżultaw minn dan il-prinċipju hija dejjem iktar importanti meta r-regoli tad-dritt inkwistjoni jista' jkollhom fuq l-individwi u l-imprezi konsegwenzi sfavorevoli

- (ara, f'dan is-sens, is-sentenzi tat-30 ta' April 2019, *L-Italja vs Il-Kunsill (Kwota ta' qabdiet ta' pixxispad tal-Mediterran)*, C-611/17, EU:C:2019:332, punt 111, u *tas-26 ta' Marzu 2020, Hungeod et*, C-496/18 u C-497/18, EU:C:2020:240, punt 93 u l-ġurisprudenza ċċitata). B'mod partikolari, dan il-prinċipju jeħtieġ li leġiżlazzjoni tal-Unjoni tippermetti lill-partijiet ikkonċernati li jkollhom għarfien tad-drittijiet u tal-obbligi tagħhom mingħajr ambigwià u li jkunu jistgħu jaġixxu konsegwentement (ara, f'dan is-sens, is-sentenzi tal-10 ta' Marzu 2009, *Heinrich*, C-345/06, EU:C:2009:140, punt 44); tal-15 ta' April 2021, *Federazione nazionale delle imprese elettrotecniche ed elettroniche (Anie) et*, C-798/18 u C-799/18, EU:C:2021:280, punt 41, u *tad-29 ta' April 2021, Banco de Portugal et*, C-504/19, EU:C:2021:335, punt 51).
- 146 Fit-tieni lok, fir-rigward tal-prinċipju ta' protezzjoni ġudizzjarja effettiva, l-ewwel paragrafu tal-Artikolu 47 tal-Karta jipprovdi li kull persuna li għarrbet ksur tad-drittijiet u tal-libertajiet tagħha li huma ggarantiti mid-dritt tal-Unjoni għandha dritt għal rimedju effettiv quddiem il-qorti skont il-kundizzjonijiet previsti fl-imsemmi artikolu. Mill-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja jirriżulta li l-effettività tal-istħarriġ ġudizzjarju ggarantit minn din id-dispożizzjoni teżiġi, b'mod partikolari, li l-persuna kkonċernata tkun tista' tiddefendi d-drittijiet tagħha fl-aħjar kundizzjonijiet possibbli u li tiddeċiedi, b'għarfien sħiħ tal-kunsiderazzjonijiet kollha involuti, jekk huwiex utli li tadixxi lill-qorti li għandha ġurisdizzjoni b'azzjoni diretta kontra entità partikolari (ara, is-sentenza tad-29 ta' April 2021, *Banco de Portugal et*, C-504/19, EU:C:2021:335, punt 57 u l-ġurisprudenza ċċitata).
- 147 Madankollu, interpretazzjoni li tikkonsisti fis-subordinazzjoni ta' rikors kontra skema ta' riżoluzzjoni adottata mis-SRB għall-introduzzjoni ta' appell konġunt kontra d-deċiżjoni ta' approvazzjoni tal-Kummissjoni tmur kontra, mhux biss id-dispożizzjonijiet tar-Regolament Nru 806/2014 imfakkra fil-punti 140 u 141 iktar 'il fuq, iżda wkoll il-prinċipji ta' ċertezza legali u ta' protezzjoni ġudizzjarja effettiva, sa fejn kwalunkwe persuna affettwata minn deċiżjoni ta' riżoluzzjoni adottata mis-SRB tkun suġġetta għal kundizzjoni ta' ammissibbiltà tal-appell tagħha li ma tkunx prevista b'mod espliċitu.
- 148 Fl-aħħar, jeħtieġ li jiġi miċħud l-argument imqajjem mill-Parlament, waqt is-seduta, li skontu ma huwiex possibbli li tiġi annullata l-iskema ta' riżoluzzjoni jekk id-deċiżjoni tal-Kummissjoni tibqa' fis-seħħ. Fil-fatt, hemm lok li jiġi rrilevat li, fil-każ li, fil-kuntest ta' rikors ippreżentat kontra skema ta' riżoluzzjoni, il-Qorti Ġenerali tannulla lil din tal-aħħar, dan ikun ifisser li d-deċiżjoni tal-Kummissjoni li tapprovaha tkun imċaħħda mill-iskop tagħha.
- 149 Minn dan jirriżulta li, ladarba tiġi approvata mill-Kummissjoni, l-iskema ta' riżoluzzjoni adottata mis-SRB tipproduċi effetti legali u tikkostitwixxi att li jista' jkun is-suġġett ta' rikors għal annullament awtonomu.
- 150 Konsegwentement, ir-rikors għandu jiġi kkunsidrat ammissibbli.

Fuq il-mertu

Osservazzjonijiet preliminari

– Fuq il-portata tar-rikors

- 151 Fl-ewwel lok, hemm lok li jiġi kkonstatat li, fil-parti tar-replika relatata mal-fatti li wasslu għall-kawża, ir-rikorrenti jsostnu li d-dikjarazzjonijiet tal-Presidenta tas-SRB tat-23 ta' Mejju 2017 fl-intervista mogħtija lill-kanal televiżiv Bloomberg, imsemmija fil-punt 39 iktar 'il fuq, ħolqu l-kriżi tal-likwidità ta' Banco Popular kif ukoll il-falliment tal-proċedura ta' bejgħ privat. Huma jsostnu li, f'każ ta' ksur tal-obbligu tal-kunfidenzjalità, l-iskema ta' riżoluzzjoni għandha tiġi annullata jekk jiġi stabbilit li, fl-assenza ta' din ir-rivelazzjoni, kien ikollha kontenut differenti. Huma jżidu jgħidu li l-oneru tal-prova dwar is-sors tar-rivelazzjoni ippubblikata minn Reuters imsemmija fil-punt 42 iktar 'il fuq huwa impost fuq s-SRB.
- 152 Is-SRB iqis li dawn l-argumenti ma jistgħux jikkostitwixxu motiv ġdid u li huma tqajmu fil-parti introdutturja tar-replika. Huwa jirriveleva li r-rikorrenti ma qajmux motiv ta' annullament ibbażat fuq l-imġiba allegata tiegħu. Is-SRB isostni li, fil-każ li l-Qorti Ġenerali tqis li dawn l-allegazzjonijiet jikkostitwixxu motiv ġuridiku, dan tal-aħħar huwa inammissibbli skont l-Artikolu 84(1) tar-Regoli tal-Proċedura, sa fejn l-informazzjoni li fuqha huma bbażati kienet maġhrufa mir-rikorrenti qabel il-preżentata tar-rikors.
- 153 Skont l-Artikolu 84(1) tar-Regoli tal-Proċedura, il-produzzjoni ta' motivi ġodda fil-mori tal-kawża hija pprojbita, sakemm dawn il-motivi ma jkunux ibbażati fuq punti ta' liġi jew ta' fatt li joħroġu matul il-proċedura. F'konformità mal-Artikolu 84(2) ta' dawk ir-regoli, jekk ikun il-każ, il-motivi ġodda għandhom jiġu ppreżentati fit-tieni skambju ta' noti u għandhom jiġu identifikati bħala tali.
- 154 Madankollu, hemm lok li jiġi kkonstatat, minn naħa, li, kif isostni s-SRB, l-allegazzjonijiet tar-rikorrenti ma humiex inklużi f'motiv speċifiku, iżda fil-parti tar-replika relatata mal-fatti li wasslu għall-kawża, u li r-rikorrenti għalhekk ma identifikawhomx bħala li jikkostitwixxu motiv ġdid. Barra minn hekk, peress li dawn l-allegazzjonijiet ma humiex marbuta b'mod suffiċjentement mill-qrib mal-motivi jew l-ilmenti inizjalment spjegati fir-rikors sabiex ikunu jistgħu jitqiesu bħala li jirriżultaw mill-iżvilupp normali tad-dibattitu fi proċedura kontenzjuża, dawn lanqas ma jikkostitwixxu elaborazzjoni ta' motiv invokat fir-rikors (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tat-8 ta' Lulju 2020, VQ vs BĊE, T-203/18, EU:T:2020:313, punt 56 u l-ġurisprudenza ċċitata).
- 155 Min-naħa l-oħra, anki fil-każ li dawn l-allegazzjonijiet jistgħu jiġu analizzati bħala motiv ta' dritt ġdid li tqajjem għall-ewwel darba fir-replika, hemm lok li jiġi kkonstatat li r-rikorrenti ma jippretendux li dan ikun ibbażat fuq elementi ta' liġi u ta' fatt li kienu ġew irrilevati wara l-preżentata tar-rikors.
- 156 F'dan ir-rigward, huwa biżżejjed li jiġi kkonstatat li kemm l-intervista tal-Presidenta tas-SRB tat-23 ta' Mejju 2017 kif ukoll l-artiklu ta' Reuters tal-31 ta' Mejju 2017, li fuqhom jibbażaw ruħhom ir-rikorrenti, kienu diġà msemmija fir-rikors. Konsegwentement, fil-każ li dawn l-allegazzjonijiet kellhom jiġu analizzati bħala li jikkostitwixxu motiv ġdid imqajjem fir-replika, dan tal-aħħar ikun inammissibbli u għalhekk ma jkunx hemm lok li tingħata risposta għalih.

- 157 Fit-tieni lok, permezz ta' ittra mibgħuta fir-Reġistru tal-Qorti Ġenerali fit-8 ta' Settembru 2020, ir-rikorrenti ssottomettew offerta ġdida ta' provi, skont l-Artikolu 85(3) tar-Regoli tal-Proċedura, dwar żewġ ittri interni tas-SRB, tal-10 u tat-18 ta' Awwissu 2017, dwar il-ħarba potenzjali ta' informazzjoni li tat lok għall-artiklu ta' Reuters tal-31 ta' Mejju 2017. Ir-rikorrenti jindikaw li kellhom aċċess għal dawn id-dokumenti wara d-deċiżjoni tas-SRB, tal-24 ta' Awwissu 2020, li jiġu żvelati dawn id-dokumenti, adottata skont id-deċiżjoni tal-bord tal-appell tas-SRB tal-15 ta' April 2020, dwar talba għal aċċess għal dokumenti mressqa minn parti terza.
- 158 Ir-rikorrenti jsostnu li minn dawn l-ittri jista' jiġi dedott li ma saret l-ebda investigazzjoni interna effettiva mis-SRB sabiex tiġi ddeterminata l-oriġini ta' din l-allegata ħarba ta' informazzjoni.
- 159 Is-SRB u Banco Santander isostnu li dawn id-dokumenti l-ġodda huma inammissibbli, sa fejn ma huma relatati ma' ebda motiv invokat fir-replika. Il-Kummissjoni u r-Renju ta' Spanja jsostnu li dawn id-dokumenti ma humiex rilevanti għas-soluzzjoni tal-kawża u l-Kunsill isostni li r-rikorrenti ma provawx din ir-rilevanza.
- 160 Skont l-Artikolu 85(3) tar-Regoli tal-Proċedura, b'mod eċċezzjonali, il-partijiet prinċipali jistgħu jipproduċu jew jipproponu provi ġodda anki qabel l-għeluq tal-fażi orali tal-proċedura, bil-kundizzjoni li jiġġustifikaw għaliex dawn il-provi ġew prodotti jew proposti tard.
- 161 Jeħtieġ li jiġi rrilevat li r-rikorrenti ma jispjegawx insostenn ta' liema motiv, jew ta' liema argument, dawn id-dokumenti ġew prodotti, u lanqas ma jispjegaw r-rilevanza tagħhom fir-rigward tal-evalwazzjoni tal-validità tal-iskema ta' riżoluzzjoni.
- 162 F'dan ir-rigward, għandu jitfakkar li mill-punti 151 sa 156 imsemmija iktar 'il fuq jirriżulta li l-allegazzjonijiet relatati mal-artiklu tar-Reuters kienu inklużi biss fil-parti tar-replika relatata mal-fatti li wasslu għall-kawża u li r-rikorrenti ma qajmu l-ebda motiv fir-rikors, u lanqas fir-replika, fir-rigward ta' dan l-artiklu u l-allegata ħarba ta' informazzjoni. Ġie konkluż li, anki jekk jiġi preżunt li dawn l-allegazzjonijiet għandhom jitqiesu bħala motiv ġdid imqajjem fir-replika, dan huwa inammissibbli.
- 163 Għaldaqstant, għandu jiġi kkunsidrat li peress li d-dokumenti ppreżentati f'din l-offerta ta' provi ma għandhom l-ebda rabta mal-motivi ta' dritt li regolarment jitqajmu fir-rikors jew fir-replika, ma humiex rilevanti għas-soluzzjoni tat-tilwima u għandhom jiġu miċħuda, mingħajr il-ħtieġa li jiġi eżaminat jekk id-dewmien fil-preżentata tagħhom kienx iġġustifikat.

– *Fuq il-portata tal-istħarriġ tal-Qorti Ġenerali*

- 164 Jeħtieġ li jiġi rrilevat li r-rikorrenti jsostnu li l-Qorti Ġenerali għandha teżamina l-eżattezza materjali, l-affidabbiltà u l-koerenza tal-informazzjoni ekonomika u finanzjarja li fuqha bbaża ruħu s-SRB u li tiżgura ruħha li l-iskema ta' riżoluzzjoni hija bbażata fuq bażi fattwali sufficjementement soda.
- 165 Is-SRB isostni li, f'każ ta' kwistjonijiet tekniċi kumplessi, il-Qorti Ġenerali għandha teżamina l-konstatazzjonijiet fattwali u legali magħmula mill-awtorità, tivverifika li l-miżura adottata ma hijiex invizzjata minn żball manifest jew minn użu ħażin ta' poter u tivverifika li l-awtorità ma eċċedietx b'mod manifest il-limiti tas-setgħa diskrezzjonali tagħha. Skont is-SRB, huwa kellu jingħata marġini ta' diskrezzjoni sinjifikattiv meta qies li l-valutazzjoni 2 kienet xierqa għall-finijiet tal-adozzjoni tal-iskema ta' riżoluzzjoni, sa fejn din kienet ibbażata fuq evalwazzjoni fattwali jew teknika kumplessa.

- 166 F'dan ir-rigward, għandu jiġi rrilevat li l-ġurisprudenza ddemarkat il-portata tal-istħarriġ eżerċitat mill-Qorti Ġenerali kemm f'sitwazzjonijiet fejn l-att ikkontestat huwa bbażat fuq evalwazzjoni ta' elementi fattwali ta' natura xjentifika u teknika ħafna kif ukoll f'każijiet ta' evalwazzjonijiet ekonomiċi kumplessi.
- 167 Minn naħa, fir-rigward tas-sitwazzjonijiet li fihom l-awtoritajiet tal-Unjoni jiddisponu minn setgħa diskrezzjonali wiesgħa, b'mod partikolari fir-rigward tal-evalwazzjoni tal-elementi fattwali ta' natura xjentifika u teknika kumplessa ħafna sabiex jistabbilixxu n-natura u l-portata tal-miżuri li huma jadottaw, l-istħarriġ tal-qorti tal-Unjoni għandu jkun limitat għal eżami dwar jekk l-eżerċizzju ta' tali setgħa huwiex ivvizzjat minn żball manifest jew minn użu ħażin ta' poter jew jekk dawn l-awtoritajiet ikunux eċċedew b'mod manifest il-limiti tas-setgħa diskrezzjonali tagħhom. F'tali kuntest, il-qorti tal-Unjoni ma tistax fil-fatt tissostitwixxi l-evalwazzjoni tagħha tal-elementi fattwali ta' natura xjentifika u teknika għal dik tal-awtoritajiet tal-Unjoni li lilhom biss it-Trattat FUE ta dan il-kompitu (sentenzi tal-21 ta' Lulju 2011, *Etimine*, C-15/10, EU:C:2011:504, punt 60, u tas-7 ta' Marzu 2013, *Bilbaína de Alquitranes et vs ECHA*, T-93/10, EU:T:2013:106, punt 76; ara, ukoll, is-sentenza tal-11 ta' Mejju 2017, *Deza vs ECHA*, T-115/15, EU:T:2017:329, punt 163 u l-ġurisprudenza ċċitata).
- 168 Min-naħa l-oħra, fir-rigward tal-istħarriġ li l-qorti tal-Unjoni jeżerċitaw fuq l-evalwazzjonijiet ekonomiċi kumplessi mwettqa mill-awtoritajiet tal-Unjoni, dan huwa stħarriġ limitat li neċessarjament huwa limitat għall-verifika tal-osservanza tar-regoli ta' proċedura u ta' motivazzjoni, tal-preċiżjoni materjali tal-fatti kif ukoll tal-assenza ta' żball manifest ta' evalwazzjoni u ta' użu ħażin ta' poter. Fil-kuntest ta' dan l-istħarriġ, għalhekk ma huwiex f'idejn l-imħallef tal-Unjoni li għandu jissostitwixxi l-evalwazzjoni ekonomika tiegħu għal dik tal-awtorità kompetenti tal-Unjoni (ara, f'dan is-sens, is-sentenzi tal-11 ta' Lulju 1985, *Remia et vs Il-Kummissjoni*, 42/84, EU:C:1985:327, punt 34); tal-10 ta' Diċembru 2020, *Comune di Milano vs Il-Kummissjoni*, C-160/19 P, EU:C:2020:1012, punt 100 u l-ġurisprudenza ċċitata, u tas-16 ta' Jannar 2020, *Iberpotash vs Il-Kummissjoni*, T-257/18, EU:T:2020:1, punt 96 u l-ġurisprudenza ċċitata).
- 169 Peress li d-deċiżjonijiet li s-SRB huwa meħtieġ li jadotta fil-kuntest ta' proċedura ta' riżoluzzjoni huma bbażati fuq evalwazzjonijiet ekonomiċi u tekniċi kumplessi ħafna, hemm lok li jiġi kkunsidrat li l-prinċipji li jirriżultaw mill-ġurisprudenza msemmija fil-punti 167 u 168 iktar 'il fuq japplikaw għall-istħarriġ li l-qorti hija mitluba li teżerċita.
- 170 Madankollu, għalkemm huwa rrikonoxxut li s-SRB għandu marġni ta' diskrezzjoni fil-qasam ekonomiku u tekniku, dan ma jfissirx li l-qorti tal-Unjoni għandha tastjeni milli tistħarreġ l-interpretazzjoni, imwettqa mis-SRB, ta' data ta' natura ekonomika li sservi bħala bażi għad-deċiżjoni tiegħu. Fil-fatt, hekk kif iddeċidiet il-Qorti tal-Ġustizzja, anki fil-każ ta' evalwazzjonijiet kumplessi, il-qorti tal-Unjoni għandha tivverifika mhux biss l-eżattezza materjali tal-provi invokati, l-affidabbiltà tagħhom u l-koerenza tagħhom, iżda għandha wkoll tistħarreġ jekk dawn il-provi jikkostitwixxux id-data kollha rilevanti li għandha tittieħed inkunsiderazzjoni sabiex tiġi evalwata sitwazzjoni kumplessa u jekk humiex tali li jsostnu l-konklużjonijiet li jirriżultaw minnhom (ara s-sentenzi tat-22 ta' Novembru 2007, *Spanja vs Lenzing*, C-525/04 P, EU:C:2007:698, punt 57 u l-ġurisprudenza ċċitata; tas-26 ta' Marzu 2019, *Il-Kummissjoni vs L-Italja*, C-621/16 P, EU:C:2019:251, punt 104 u l-ġurisprudenza ċċitata, u tal-10 ta' Diċembru 2020, *Comune di Milano vs Il-Kummissjoni*, C-160/19 P, EU:C:2020:1012, punt 115 u l-ġurisprudenza ċċitata).

- 171 F'dan ir-rigward, sabiex jiġi stabbilit li s-SRB wettaq żball manifest fl-evalwazzjoni tal-fatti ta' natura li jiġġustifika l-annullament tal-iskema ta' riżoluzzjoni, il-provi prodotti mir-rikorrenti għandhom ikunu suffiċjenti sabiex irendu mhux plawżibbli l-evalwazzjonijiet tal-fatti mwettqa f'din l-iskema (ara, b'analoġija, is-sentenzi tal-14 ta' Ġunju 2018, *Lubrizol France vs Il-Kunsill*, C-223/17 P, mhux ippubblikati, EU:C:2018:442, punt 39; tat-12 ta' Diċembru 1996, *AIUFFASS u AKT vs Il-Kummissjoni*, T-380/94, EU:T:1996:195, punt 59, u tat-13 ta' Diċembru 2018, *Comune di Milano vs Il-Kummissjoni*, T-167/13, EU:T:2018:940, punt 108 u l-ġurisprudenza ċċitata).
- 172 Il-Qorti Ġenerali tqis li jkun xieraq, minn naħa, li jiġu eżaminati minn qabel l-eċċezzjonijiet ta' illegalità mqajma fit-tieni u t-tielet motiv u, min-naħa l-oħra, li jiġu ttrattati flimkien l-ewwel u r-raba' motiv, sa fejn dawn huma bbażati fuq il-ksur tad-dritt għal rimedju effettiv.

Fuq it-tieni motiv, ibbażat fuq eċċezzjoni ta' illegalità sa fejn l-Artikolu 18, l-Artikolu 24(2)(a) u l-Artikolu 27 tar-Regolament Nru 806/2014, kif ukoll l-Artikoli 32, 38 u 43 tad-Direttiva 2014/59, jiksru d-dritt għal smiġħ sanċit fl-Artikolu 41(2)(a) tal-Karta

- 173 Ir-rikorrenti, abbażi tal-Artikolu 277 TFUE, iqajmu eċċezzjoni ta' illegalità tal-Artikolu 18, tal-Artikolu 24(2)(a) u l-Artikolu 27 tar-Regolament Nru 806/2014 kif ukoll tal-Artikoli 32, 38 u 43 tad-Direttiva 2014/59, sa fejn dawn id-dispożizzjonijiet jiksru d-dritt għal smiġħ sanċit fl-Artikolu 41(2)(a) tal-Karta, inkwantu ma jipprovdwx għas-smiġħ tal-azzjonisti tal-entità suġġetta għal miżura ta' riżoluzzjoni qabel l-adozzjoni ta' tali miżura.
- 174 Skont ġurisprudenza stabbilita, l-Artikolu 277 TFUE huwa l-espressjoni ta' prinċipju ġenerali li jggarantixxi li kull parti jkollha d-dritt li tikkontesta, bil-ħsieb li tikseb l-annullament ta' att li jikkonċernaha direttament u individwalment, il-validità ta' atti istituzzjonali preċedenti, li jikkostitwixxu l-bażi legali tad-deċiżjoni kkontestata, jekk din il-parti ma kellhiex id-dritt tippreżenta, abbażi tal-Artikolu 263 TFUE, rikors dirett kontra dawn l-atti, li hija b'hekk tbat l-konsegwenzi tagħhom mingħajr ma kellha l-possibbiltà li titlob l-annullament tagħhom (ara s-sentenza tas-17 ta' Diċembru 2020, *BP vs FRA*, C-601/19 P, mhux ippubblikata, EU:C:2020:1048, punt 26 u l-ġurisprudenza ċċitata).

– *Fuq il-portata tal-eċċezzjoni ta' illegalità*

- 175 Fl-ewwel lok, il-Parlament u l-Kunsill isostnu li l-eċċezzjoni tal-illegalità mqajma kontra l-Artikoli 32, 38 u 43 tad-Direttiva 2014/59 għandha tiġi miċħuda bħala inammissibbli, peress li d-Direttiva 2014/59 ma tikkostitwixxix il-bażi legali għall-iskema ta' riżoluzzjoni u ma għandhiex rabta magħha.
- 176 Ir-rikorrenti jsostnu li, skont il-ġurisprudenza, l-eċċezzjoni ta' illegalità tista' titqajjem mhux biss kontra regolamenti, iżda wkoll kontra direttivi u li għandha tiġi estiża għal atti li, għalkemm ma jikkostitwixxux formalment il-bażi legali tal-att ikkontestat, għandhom rabta legali diretta miegħu. Għalhekk, l-eċċezzjoni ta' illegalità għandha titqajjem ukoll kontra d-dispożizzjonijiet tad-Direttiva 2014/59.
- 177 Peress li l-Artikolu 277 TFUE ma huwiex intiż li jippermetti lil parti tikkontesta l-applikabbiltà ta' kwalunkwe att ta' portata ġenerali insostenn ta' kwalunkwe rikors, l-att li titqajjem l-illegalità tiegħu għandu jkun applikabbli, direttament jew indirettament, għall-każ li jkun is-suġġett tar-rikors (ara s-sentenza tat-8 ta' Settembru 2020, *Il-Kummissjoni u Il-Kunsill vs Carreras Sequeros et*, C-119/19 P u C-126/19 P, EU:C:2020:676, punt 68 u l-ġurisprudenza ċċitata).

- 178 Għalhekk, fl-okkażjoni ta' rikors għal annullament imressaq kontra deċiżjonijiet individwali, il-Qorti tal-Ġustizzja ammettiet li d-dispożizzjonijiet ta' att ta' portata ġenerali li jikkostitwixxu l-bażi għal deċiżjonijiet bħal dawn jew li għandhom rabta legali diretta ma' dawn id-deċiżjonijiet jistgħu jkunu suġġetti b'mod validu għal eċċezzjoni ta' illegalità. Għall-kuntrarju, il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet li hija inammissibbli eċċezzjoni ta' illegalità diretta kontra att ta' portata ġenerali li d-deċiżjoni individwali tiegħu ma tikkostitwixxix miżura ta' applikazzjoni (ara s-sentenza tat-8 ta' Settembru 2020, *Il-Kummissjoni u Il-Kunsill vs Carreras Sequeros et*, C-119/19 P u C-126/19 P, EU:C:2020:676, punti 69 u 70 u l-ġurisprudenza ċċitata).
- 179 Skont ġurisprudenza stabbilita, eċċezzjoni ta' illegalità mqajma b'mod incidental skont l-Artikolu 277 TFUE, fil-mument tal-kontestazzjoni fil-kawża prinċipali tal-legalità ta' att terz, hija ammissibbli biss jekk teżisti rabta ta' konnessjoni bejn dan l-att u r-regola li l-allegata illegalità tagħha tkun eċċepita. Il-portata ta' eċċezzjoni ta' illegalità għandha tkun limitata għal dak li huwa indispensabbli għas-soluzzjoni tat-tilwima (ara s-sentenzi tat-12 ta' Ġunju 2015, *Health Food Manufacturers' Association et vs Il-Kummissjoni*, T-296/12, EU:T:2015:375, punt 170 u l-ġurisprudenza ċċitata, u tal-4 ta' Diċembru 2018, *Janoha et vs Il-Kummissjoni*, T-517/16, mhux ippubblikata, EU:T:2018:874, punt 40 u l-ġurisprudenza ċċitata).
- 180 Madankollu, jeħtieġ li jiġi rrilevat li l-proċedura segwita mis-SRB fl-iskema ta' riżoluzzjoni hija bbażata biss fuq id-dispożizzjonijiet tar-Regolament Nru 806/2014 u li l-Artikoli 32, 38 u 43 tad-Direttiva 2014/59, li jikkonċernaw il-miżuri ta' riżoluzzjoni adottati mill-awtoritajiet nazzjonali, ma ġewx applikati f'dan il-każ u ma humiex imsemmija f'din l-iskema.
- 181 Ir-rikorrenti jsostnu li d-direttiva hija marbuta mill-qrib mal-iskema ta' riżoluzzjoni sa fejn ir-Regolament Nru 806/2014 ġie adottat billi ġiet segwita d-Direttiva 2014/59 u li kien fih l-istess nuqqasijiet.
- 182 Argument bħal dan isemmi biss xebh bejn id-dispożizzjonijiet tar-Regolament Nru 806/2014 u dawk tad-Direttiva 2014/59, iżda ma huwiex ta' natura li jstabilixxi rabta legali diretta bejn l-iskema ta' riżoluzzjoni u d-Direttiva 2014/59 meħtieġa mill-ġurisprudenza msemmija fil-punti 177 sa 179 iktar 'il fuq.
- 183 Barra minn hekk, il-legalità tal-artikoli tad-Direttiva 2014/59, iċċitati mir-rikorrenti, tista' possibbilment tiġi kkontestata matul rikors kontra deċiżjoni ta' riżoluzzjoni meħuda minn awtorità nazzjonali permezz ta' deċiżjoni preliminari fl-evalwazzjoni tal-validità.
- 184 Għalhekk, hemm lok li jiġi kkunsidrat, bħall-Parlament u l-Kunsill, li konstatazzjoni possibbli tal-illegalità tal-Artikoli 32, 38 u 43 tad-Direttiva 2014/59, imqajma mir-rikorrenti, u tal-inapplicabbiltà tagħhom f'dan il-każ ma għandha ebda konsegwenza fuq il-validità tal-iskema ta' riżoluzzjoni u li, konsegwentement, l-eċċezzjoni tal-illegalità fir-rigward tagħhom għandha tiġi miċħuda bħala inammissibbli.
- 185 Fit-tieni lok, fir-rigward tal-Artikolu 27 tar-Regolament Nru 806/2014, dwar l-ġhodda ta' rikapitalizzazzjoni interna, huwa biżżejjed li jiġi rrilevat li ma ġietx applikata mis-SRB fl-iskema ta' riżoluzzjoni u li, għalhekk, l-eċċezzjoni ta' illegalità fir-rigward tagħha għandha tiġi miċħuda bħala inammissibbli.
- 186 Fit-tielet lok, fir-rigward tal-Artikolu 24(2)(a) tar-Regolament Nru 806/2014, dan jipprevedi li, fir-rigward tal-ġhodda ta' bejgħ tal-operat, l-iskema ta' riżoluzzjoni tipprevedi l-ġhodod, l-assi, id-drittijiet u l-impenji li għandhom jiġu ttrasferiti mill-awtorità ta' riżoluzzjoni nazzjonali skont

il-paragrafi 1 u 7 sa 11 tal-Artikolu 38 tad-Direttiva 2014/59. Din id-dispożizzjoni ma tikkonċernax l-iżvolġiment tal-proċedura ta' riżoluzzjoni u r-rikorrenti ma jispjegawx kif l-applikazzjoni ta' din id-dispożizzjoni x'aktarx twassal għal ksur tad-dritt tal-azzjonisti għal smiġh qabel l-adozzjoni ta' miżura ta' riżoluzzjoni.

- 187 L-eċċezzjoni ta' illegalità tal-Artikolu 24(2)(a) tar-Regolament Nru 806/2014 għandha għalhekk tiġi miċħuda bħala inammissibbli.
- 188 Barra minn hekk, hemm lok li jiġi rrilevat li, fl-osservazzjonijiet tagħhom dwar in-nota ta' intervent tal-Kunsill, ir-rikorrenti jsostnu li huma jikkontestaw, bl-eċċezzjoni ta' illegalità tagħhom, il-fatt li l-proċedura ta' riżoluzzjoni prevista fl-Artikolu 18 tar-Regolament Nru 806/2014 ma fiha l-ebda garanzija dwar l-aġir tas-SRB meta tiġi adottata miżura ta' riżoluzzjoni. Ir-rikorrenti għalhekk jirrikonoxxu li l-eċċezzjoni ta' illegalità tagħhom tikkonċerna biss il-proċedura prevista f'dan l-artikolu.
- 189 Minn dak li ntqal iktar 'il fuq hemm lok li jiġi kkunsidrat li, bl-eċċezzjoni ta' illegalità invokata fit-tieni motiv, ir-rikorrenti jikkontestaw biss il-validità tal-Artikolu 18 tar-Regolament Nru 806/2014, sa fejn dik id-dispożizzjoni, billi ma tippovdix għal smiġh tal-azzjonisti mis-SRB qabel l-adozzjoni ta' miżura ta' riżoluzzjoni, tikser id-dritt għal smiġh tagħhom, iggarantit mill-Artikolu 41(2)(a) tal-Karta.

– *Fuq l-eċċezzjoni ta' illegalità tal-Artikolu 18 tar-Regolament Nru 806/2014*

- 190 Ir-rikorrenti jargumentaw li l-proċedura ta' riżoluzzjoni, irregolata mill-Artikolu 18 tar-Regolament Nru 806/2014, tikser id-drittijiet tad-difiża fis-sens li ma tippermettix l-intervent tal-persuni kkonċernati mill-miżura ta' riżoluzzjoni. Il-miżura ta' riżoluzzjoni tiġi adottata mingħajr ma jinstemgħu l-persuni kkonċernati u mingħajr ma jkollhom l-opportunità li jkollhom aċċess għar-rapport ta' valutazzjoni li fuqu hija bbażata l-miżura u għalhekk li jikkontestaw din il-miżura. L-uniku rimedju possibbli kontra l-valutazzjoni provviżorja, previst fl-Artikolu 20 tar-Regolament Nru 806/2014, jikkonsisti fil-kontestazzjoni tal-miżura ta' riżoluzzjoni nnifisha, li tkun diġà irrevokabbli sa fejn timplika t-trasferiment lil parti terza.
- 191 Is-SRB isostni li l-fatt li r-Regolament Nru 806/2014 ma jipprovdi għal smiġh formali tal-azzjonisti jew tal-kredituri qabel l-adozzjoni ta' miżura ta' riżoluzzjoni huwa ġġustifikat minn raġunijiet ta' interess pubbliku. Il-miżuri ta' riżoluzzjoni jikkonċernaw mhux biss entità waħda, iżda wkoll l-istabbiltà tas-swieq finanzjarji. Barra minn hekk, il-miżura ta' riżoluzzjoni ma hiji indirizzata lill-azzjonisti tal-entità kkonċernata u għalhekk ma hemmx lok li dawn jinstemgħu.
- 192 Il-Parlament u l-Kunsill isostnu li l-azzjonisti ta' entità suġġetta għal proċedura ta' riżoluzzjoni ma għandhomx dritt li jinstemgħu abbażi tal-Artikolu 41(2)(a) tal-Karta fil-kuntest ta' dik il-proċedura. Huma jqisu li, fi kwalunkwe każ, jekk l-azzjonisti ta' entità jistgħu jipprevalixxu ruħhom mid-dritt li jinstemgħu, dan id-dritt jista' jkun suġġett għal limitazzjonijiet.
- 193 Barra minn hekk, il-Parlament, il-Kunsill u l-Kummissjoni jsostnu li, fil-każ li l-azzjonisti ta' istituzzjoni suġġetta għal proċedura ta' riżoluzzjoni jkollhom id-dritt għal smiġh sanċit fl-Artikolu 41(2)(a) tal-Karta, dan id-dritt ikun irrikonoxxut anki fl-assenza ta' dispożizzjoni espliċita fir-Regolament Nru 806/2014. In-nuqqas ta' dispożizzjoni espliċita li tippovdi għal smiġh tal-azzjonisti, fl-Artikolu 18 tar-Regolament Nru 806/2014, ma jirriżultax fl-illegalità ta' dak ir-regolament, sa fejn l-ebda dispożizzjoni ma tippobjixxi tali smiġh.

- 194 Hemm lok li jiġi rrilevat li l-Artikolu 41(2)(a) tal-Karta jipprovdi li d-dritt għal amministrazzjoni tajba jinkludi d-dritt ta' kull persuna li tinstema' qabel ma tittieħed kontribom miżura individwali li tolqothom negattivament.
- 195 Id-dritt għal smiġh jiggarrantixxi lil kull persuna l-possibbiltà li tesponi, b'mod utli u effettiv, il-fehma tagħha matul il-proċedura amministrattiva u qabel l-adozzjoni ta' kull deċiżjoni li tista' taffettwa b'mod sfavorevoli l-interessi tagħha. Sussegwentement, għandu jiġi ppreċiżat li d-dritt għal smiġh għandu għan doppju. Minn naħa, iservi għall-istruzzjoni tal-fajl u għall-istabbiliment tal-fatti bil-mod l-iktar preċiż u korrett possibbli u, min-naħa l-oħra, jippermetti li tiġi żgurata l-protezzjoni effettiva tal-persuna kkonċernata. Id-dritt għal smiġh huwa intiż partikolarment li jiggarrantixxi li kull deċiżjoni li tikkawża preġudizzju tiġi adottata b'konjizzjoni sħiħa tal-kawża u b'mod partikolari għandu l-għan li jippermetti lill-awtorità kompetenti tikkoreġi żball jew lill-persuna kkonċernata ssostni l-elementi relatati mas-sitwazzjoni personali tagħha li jimmilitaw sabiex id-deċiżjoni tittieħed, ma titteħidx jew li jkollha tali jew tali kontenut (ara s-sentenza tal-4 ta' Ġunju 2020, SEAE vs De Loecker, C-187/19 P, EU:C:2020:444, punti 68 u 69 u l-ġurisprudenza ċċitata).
- 196 Għandu jiġi rrilevat li l-Qorti tal-Ġustizzja kkonfermat l-importanza tad-dritt għal smiġh u tal-portata wiesgħa ħafna tiegħu fl-ordinament ġuridiku tal-Unjoni, billi qieset li dan id-dritt għandu japplika fil-proċeduri kollha li x'aktarx iwasslu għal att li jikkawża preġudizzju. Skont il-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja, ir-rispett għad-dritt tas-smiġh huwa meħtieġ anki meta r-regoli applikabbli ma jipprovdux espressament għal tali formalità (ara s-sentenzi tat-22 ta' Novembru 2012, M., C-277/11, EU:C:2012:744, punti 85 u 86 u l-ġurisprudenza ċċitata; tat-18 ta' Ġunju 2020, Il-Kummissjoni vs RQ, C-831/18 P, EU:C:2020:481, punt 67 u l-ġurisprudenza ċċitata, u tas-7 ta' Novembru 2019, ADDE vs Il-Parlament, T-48/17, EU:T:2019:780, punt 89 u l-ġurisprudenza ċċitata).
- 197 Peress li, fid-dawl tan-natura tiegħu ta' prinċipju fundamentali u ġenerali tad-dritt tal-Unjoni, l-applikazzjoni tal-prinċipju tad-drittijiet tad-difiża ma tistax la tiġi eskluża u lanqas tiġi limitata minn dispożizzjoni leġislattiva u l-osservanza tiegħu għandha għaldaqstant tiġi żgurata kemm fl-assenza totali ta' leġislazzjoni speċifika kif ukoll meta jkun hemm leġislazzjoni li ma tiħux inkunsiderazzjoni hi stess l-imsemmi prinċipju (ara s-sentenza tat-18 ta' Ġunju 2014, Spanja vs Il-Kummissjoni, T-260/11, EU:T:2014:555, punt 62 u l-ġurisprudenza ċċitata).
- 198 Konsegwentement, il-kamp ta' applikazzjoni tad-dritt għal smiġh, bħala prinċipju u dritt fundamentali tal-ordinament ġuridiku tal-Unjoni, huwa miftuħ meta l-amministrazzjoni jkollha l-ħsieb li tadotta att li jikkawża preġudizzju, jiġifieri att li jista' jaffettwa b'mod negattiv l-interessi tal-individwu jew tal-Istat Membru kkonċernat, peress li l-applikazzjoni tiegħu ma tkunx tiddependi mill-eżistenza ta' regola espressa għal dan il-għan prevista mid-dritt sekondarju (is-sentenza tat-18 ta' Ġunju 2014, Spanja vs Il-Kummissjoni, T-260/11, EU:T:2014:555, punt 64).
- 199 F'dan ir-rigward, jeħtieġ li jiġi rrilevat, minn naħa, li, skont il-premessa 121 tiegħu, ir-Regolament Nru 806/2014 jirrispetta d-drittijiet fundamentali u d-drittijiet, il-libertajiet u l-prinċipji rrikonoxxuti, b'mod partikolari, mill-Karta, inklużi d-drittijiet tad-difiża, u għandhom jiġu implimentati skont dawn id-drittijiet u dawn il-prinċipji. Min-naħa l-oħra, l-ebda dispożizzjoni fir-Regolament Nru 806/2014 ma teskludi jew tirrestrinġi b'mod espliċitu d-dritt li jinstemgħu l-azzjonisti u l-kredituri tal-entità kkonċernata matul il-proċedura ta' riżoluzzjoni.

- 200 Barra minn hekk, jeħtieġ li jiġi rrilevat, bħalma jagħmlu l-Kunsill u l-Kummissjoni, li miżura ta' rizzoluzzjoni adottata mis-SRB fi tmiem il-proċedura stabbilita fl-Artikolu 18 tar-Regolament Nru 806/2014 għandha bħala l-għan tagħha r-rizzoluzzjoni ta' entità. L-entità suġġetta għar-rizzoluzzjoni għandha titqies bħala l-persuna li fir-rigward tagħha tiġi adottata miżura individwali u li fir-rigward tagħha d-dritt għas-smiġ huwa ggarantit mill-Artikolu 41(2)(a) tal-Karta.
- 201 Għalhekk, għandu jittieħed inkunsiderazzjoni l-fatt li l-azzjonisti u l-kredituri ta' din l-entità ma humiex destinatarji ta' miżura ta' rizzoluzzjoni, li ma hijiex deċiżjoni individwali meħuda kontribom.
- 202 Madankollu, hemm lok li jiġi rrilevat li, skont l-Artikolu 21(1) tar-Regolament Nru 806/2014, is-SRB jista' jeżerċita s-setgħa li jiżvaluta jew li jikkonverti l-istrumenti ta' fondi proprji tal-entità koperta minn miżura ta' rizzoluzzjoni billi jaġixxi skont il-proċedura stabbilita fl-Artikolu 18 ta' dak ir-regolament.
- 203 Għalhekk, il-proċedura stabbilita fl-Artikolu 18 tar-regolament, anki jekk ma tikkostitwixxix proċedura individwali miftuħa kontra l-azzjonisti u l-kredituri tal-entità kkonċernata, tista' twassal għall-adozzjoni ta' miżura ta' rizzoluzzjoni li tista' taffettwa b'mod sfavorevoli l-interessi tagħhom.
- 204 Madankollu, il-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja, iċċitata fil-punt 196 iktar 'il fuq, adottat interpretazzjoni wiesgħa tad-dritt għal smiġ bħala li huwa ggarantit lil kwalunkwe persuna matul il-proċedura li tista' twassal għal att li jikkawżalha preġudizzju. Għaldaqstant, ma jistax jiġi eskluż li l-azzjonisti u l-kredituri ta' entità suġġetta għal miżura ta' rizzoluzzjoni jistgħu jibbenefikaw mid-dritt għal smiġ fil-proċedura ta' rizzoluzzjoni.
- 205 Madankollu, l-eżerċizzju tad-dritt għal smiġ jista' jkun suġġett għal limitazzjonijiet skont l-Artikolu 52(1), tal-Karta li skontha:
- “Kull limitazzjoni fl-eżerċizzju tad-drittijiet u tal-libertajiet rikonoxxuti minn din il-Karta għandha tkun prevista mil-liġi u għandha tirrispetta l-essenza ta' dawk id-drittijiet u l-libertajiet. Bla ħsara għall-prinċipju ta' proporzjonalità, jistgħu jsiru limitazzjonijiet f'dawk il-każijiet biss fejn ikun meħtieġ u fejn ġenwinament jintlaħqu l-għanijiet ta' interess ġenerali rikonoxxuti mill-Unjoni jew il-ħtieġa li jiġu protetti d-drittijiet u l-libertajiet ta' oħrajn.”
- 206 Għaldaqstant, hemm lok li jiġi eżaminat jekk l-assenza, fir-Regolament Nru 806/2014, ta' dispożizzjoni li tipprovdi b'mod espliċitu għal smiġ tal-azzjonisti u tal-kredituri tal-entità kkonċernata fil-kuntest tal-proċedura msemmija fl-Artikolu 18 ta' dak ir-regolament tikkostitwixxix limitazzjoni fuq l-eżerċizzju tad-dritt għal smiġ li huwa konformi mal-Artikolu 52(1) tal-Karta.
- 207 Il-Qorti tal-Ġustizzja kkunsidrat li d-drittijiet fundamentali, bħar-rispett tad-drittijiet tad-difiża, ma jikkostitwixxux prerogattiva assoluta, iżda jistgħu jiġu suġġetti għal restrizzjonijiet, bil-kundizzjoni li dawn jissodisfaw effettivament għanijiet ta' interess ġenerali li għandhom jintlaħqu mill-miżura inkwistjoni u ma jikkostitwixxux, fir-rigward tal-għan li għandu jintlaħaq, intervent sproporzjonat u intollerabbli li jippreġudika s-sustanza stess tad-drittijiet hekk iggarantiti (ara s-sentenzi tal-10 ta' Settembru 2013, G. u R., C-383/13 PPU, EU:C:2013:533, punt 33 u l-ġurisprudenza ċċitata, u tal-20 ta' Diċembru 2017, Prequ' Italia, C-276/16, EU:C:2017:1010, punt 50 u l-ġurisprudenza ċċitata).

- 208 F'dan ir-rigward, is-SRB, kif ukoll ir-Renju ta' Spanja, il-Parlament u l-Kunsill isostnu li l-limitazzjoni tad-dritt għal smiġh tal-azzjonisti hija ġġustifikata, minn naħa, mill-għan intiż li tiġi ggarantita l-istabbiltà tas-swieq finanzjarji u, min-naħa l-oħra, min-neċessità li tiġi żgurata l-effettività tad-deċiżjonijiet ta' riżoluzzjoni, li għandhom jiġu adottati malajr.
- 209 Fl-ewwel lok, hemm lok li jiġi rrilevat li diversi premissi tar-Regolament Nru 806/2014, b'mod partikolari l-premissi 12, 58 u 61, jindikaw li l-istabbiltà tas-swieq finanzjarji hija waħda mill-għanijiet segwiti mill-mekkaniżmi ta' riżoluzzjoni implimentati minn dak ir-regolament.
- 210 Barra minn hekk, skont l-Artikolu 18(5) tar-Regolament Nru 806/2014, miżura ta' riżoluzzjoni għandha tiġi ttrattata bħala li hija fl-interess pubbliku jekk tkun neċessarja sabiex jintlaħaq, b'mezzi proporzjonati, ta' għan ta' riżoluzzjoni wieħed jew iktar previsti fl-Artikolu 14 tal-istess regolament, meta stralċ tal-entità skont proċedura normali ta' insolvenza ma jippermettix dan sal-istess punt. Fost l-għanijiet tar-riżoluzzjoni msemmija fl-Artikolu 14 tar-Regolament Nru 806/2014 hemm, b'mod partikolari, dak li "jiġu evitati effetti avversi sinifikanti fuq l-istabbiltà finanzjarja, b'mod partikolari permezz tal-prevenzjoni tal-kontaġġu, inkluż lill-infrastrutturi tas-suq, u billi tinżamm id-dixxiplina tas-suq" kif ukoll li "jiġu protetti l-fondi pubbliċi billi tiġi mminimizzata d-dipendenza fuq l-għajnuna finanzjarja pubblika straordinarja".
- 211 F'dan ir-rigward, il-Qorti tal-Ġustizzja rrilevat li s-servizzi finanzjarji għandhom rwol ċentrali fl-ekonomija tal-Unjoni. Il-banek u l-istituzzjonijiet ta' kreditu huma sors essenzjali ta' finanzjament għal impriżi attivi fid-diversi swieq. Barra minn hekk, il-banek ħafna drabi jkunu interkonnessi u wħud minnhom jeżerċitaw l-attivitajiet tagħhom fuq livell internazzjonali. Huwa għalhekk li l-falliment ta' bank wieħed jew iktar jirriskja li jkollu effetti fi żmien qasir fuq il-banek l-oħra fl-Istat Membru kkonċernat jew fi Stati Membri oħra. Dan min-naħa tiegħu jirriskja li jipproduċi effetti sekondarji negattivi f'setturi oħra tal-ekonomija (sentenzi tad-19 ta' Lulju 2016, *Kotnik et*, C-526/14, EU:C:2016:570, punt 50); tal-20 ta' Settembru 2016, *Ledra Advertising et vs Il-Kummissjoni u BĊE*, C-8/15 P sa C-10/15 P, EU:C:2016:701, punt 72, u tal-25 ta' Marzu 2021, *Balgarska Narodna Banka*, C-501/18, EU:C:2021:249, punt 108).
- 212 Il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet li l-għan li tiġi żgurata l-istabbiltà tas-sistema finanzjarja filwaqt li jiġi evitat inġi pubbliku eċċessiv u jiġu mminimizzati distorsjonijiet tal-kompetizzjoni jikkostitwixxi interess pubbliku oġhla (sentenza tad-19 ta' Lulju 2016, *Kotnik et*, C-526/14, EU:C:2016:570, punt 69).
- 213 Barra minn hekk, il-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem (iktar 'il quddiem il-"Qorti EDB") ikkunsidrat, fid-deċiżjoni tagħha tal-1 ta' April 2004, *Camberrow MM5 AD vs Il-Bulgarija* (CE:ECHR:2004:0401DEC005035799, punt 6), li fl-oqsma ekonomikament sensitivi bħall-istabbiltà tas-sistema bankarja, l-Istati kellhom marġini diskrezzjonali wiesa' u li, għalhekk, l-impossibbiltà ta' azzjonist li jipparteċipa fil-proċedura li twassal għall-bejgħ tal-bank ma kinitx sproporzjonata fid-dawl tal-għanijiet leġittimi tal-protezzjoni tad-drittijiet tal-kredituri u tal-preservazzjoni tal-amministrazzjoni xierqa tal-istat ta' insolvenza tal-bank.
- 214 Għandha tissema wkoll is-sentenza tat-8 ta' Novembru 2016, *Dowling et* (C-41/15, EU:C:2016:836), mogħtija fl-okkażjoni ta' talba għal deċiżjoni preliminari li tikkonċerna l-interpretazzjoni tal-Artikoli 8, 25 u 29 tat-Tieni Direttiva tal-Kunsill 77/91/KEE, tat-13 ta' Diċembru 1976 dwar il-koordinazzjoni ta' salvagwardji li, għall-protezzjoni tal-interessi ta' membri u oħrajn, huma meħtieġa mill-Istati Membri ta' kumpanniji fis-sens [tat-tieni paragrafu tal-Artikolu 54 TFUE], dwar il-formazzjoni ta' kumpanniji pubbliċi ta' responsabbiltà limitata u ż-żamma u t-tibdil tal-kapital tagħhom, bil-għan li jagħmlu dawn is-salvagwardji ekwivalenti (ĠU

- Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 17, Vol. 1, p. 8). Dik il-kawża kienet tikkonċerna miżura eċċezzjonali tal-awtoritajiet nazzjonali intiża sabiex jiġi evitat, permezz ta' żieda fil-kapital, il-falliment ta' kumpannija li, skont il-qorti tar-rinviju, kien jhedded l-istabbiltà finanzjarja tal-Unjoni. Il-Qorti tal-Ġustizzja kkunsidrat li l-protezzjoni li t-Tieni Direttiva 77/91 tagħti lill-azzjonisti u lill-kredituri ta' kumpannija pubblika b'responsabbiltà limitata, fir-rigward tal-kapital azzjonarju tagħha, ma tkoprix tali miżura nazzjonali adottata f'sitwazzjoni ta' tfixkil gravi tal-ekonomija u tas-sistema finanzjarja ta' Stat Membru u li tkun intiża li tilqa' għal theddida sistematika għall-istabbiltà finanzjarja tal-Unjoni, li tirriżulta min-natura insuffiċjenti tal-fondi proprji tal-kumpannija kkonċernata (sentenza tat-8 ta' Novembru 2016, Dowling *et*, C-41/15, EU:C:2016:836, punt 50). Għaldaqstant, il-Qorti tal-Ġustizzja żiedet li d-dispożizzjonijiet tat-Tieni Direttiva 77/91 ma jipprekludux miżura eċċezzjonali li tikkonċerna l-kapital azzjonarju ta' kumpannija pubblika b'responsabbiltà limitata, li l-awtoritajiet nazzjonali jkun adottaw, f'sitwazzjoni ta' tfixkil serju tal-ekonomija u tas-sistema finanzjarja ta' Stat Membru, mingħajr l-approvazzjoni tal-laqgħa ġenerali ta' din il-kumpannija u bil-għan li jiġi evitat riskju sistematiku u li tiġi żgurata l-istabbiltà finanzjarja tal-Unjoni (ara s-sentenza tat-8 ta' Novembru 2016, Dowling *et*, C-41/15, EU:C:2016:836, punt 51 u l-ġurisprudenza ċċitata).
- 215 Dawn il-kunsiderazzjonijiet għandhom japplikaw, b'analoġija, għas-sitwazzjoni ta' ex azzjonisti ta' bank li kienu suġġetti għal proċedura ta' riżoluzzjoni skont ir-Regolament Nru 806/2014.
- 216 Barra minn hekk, għandu jiġi rrilevat li għan ieħor tar-riżoluzzjoni, imsemmi fl-Artikolu 14(2)(a) tar-Regolament Nru 806/2014, jiġifieri li tiġi żgurata l-kontinwità tal-funzjonijiet kritiċi tal-entità koperta minn miżura ta' riżoluzzjoni, jikkontribwixxi wkoll għall-għan ta' interess ġenerali li tiġi protetta l-istabbiltà tas-swieq finanzjarji.
- 217 Skont il-punt 35 tal-Artikolu 2(1) tad-Direttiva 2014/59/UE, il-funzjonijiet kritiċi ta' istituzzjoni huma ddefiniti bħala "attivitajiet, servizzi jew operazzjonijiet li t-twaqqif tagħhom fi Stat Membru wieħed jew iwassal għal tħarbit tas-servizzi li huma essenzjali għall-ekonomija reali jew għal tħarbit tal-istabbiltà finanzjarja minħabba d-daqs, is-sehem tas-suq, l-interkonnnettività esterna u interna, il-komplessità jew l-attivitajiet transfruntieri ta' istituzzjoni jew grupp, fir-rigward, b'mod partikolari, tas-sostitwibbiltà ta' dawk l-attivitajiet, servizzi jew operazzjonijiet".
- 218 F'dan ir-rigward, l-Artikolu 6(1) tar-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2016/778 tat-2 ta' Frar 2016 li jissupplimenta d-Direttiva 2014/59/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward taċ-ċirkustanzi u l-kondizzjonijiet li taħthom il-ħlas ta' kontribuzzjonijiet straordinarji *ex-post* jista' jkun parzjalment jew kompletament differit, u l-kriterji għad-determinazzjoni tal-attivitajiet, is-servizzi u l-operazzjonijiet fir-rigward ta' funzjonijiet kritiċi, u għad-determinazzjoni tal-linji ta' negozju u servizzi assoċjati fir-rigward tal-linji tan-negozju ewlenin (ĠU 2016, L 131, p. 41), jipprevedi l-kriterji għad-determinazzjoni tal-funzjonijiet kritiċi. Din hija funzjoni li titwettaq minn istituzzjoni għal partijiet terzi li ma jkunux affiljati mal-istituzzjoni jew mal-grupp u li t-tfixkil f'daqqa tagħhom x'aktarx ikollu impatt materjali negattiv fuq dawk il-partijiet terzi, li tkun kontaġġjuża jew iddgħajef il-fiduċja ġenerali tal-parteċipanti fis-suq, minħabba l-importanza sistemika tal-funzjoni għal partijiet terzi u l-importanza sistemika tal-istituzzjoni jew grupp fl-eżerċizzju ta' dik il-funzjoni.
- 219 L-għan li tiġi żgurata l-kontinwità tal-funzjonijiet kritiċi tal-entità kkonċernata minn miżura ta' riżoluzzjoni, prevista fl-Artikolu 14(2)(a) tar-Regolament Nru 806/2014, huwa li tiġi evitata interruzzjoni ta' dawn il-funzjonijiet li tista' tikkawża perturbazzjonijiet, mhux biss fis-suq ikkonċernat, iżda wkoll għall-istabbiltà finanzjarja ġenerali tal-Unjoni.

- 220 Għalhekk, miżura ta' riżoluzzjoni, peress li għandha l-għan li tippreserva jew treġġa' lura l-pożizzjoni finanzjarja ta' istituzzjoni ta' kreditu, b'mod partikolari billi tikkostitwixxi alternattiva għall-istralç tagħha, għandha titqies bħala li tissodisfa effettivament għan ta' interess ġenerali rrikonoxxut mill-Unjoni (ara, b'analoġija, is-sentenza tal-25 ta' Marzu 2021, *Balgarska Narodna Banka*, C-501/18, EU:C:2021:249, punt 108).
- 221 Minn dan li ntqal iktar 'il fuq jirriżulta li l-proċedura ta' riżoluzzjoni, stabbilita bir-Regolament Nru 806/2014 u deskritta fl-Artikolu 18 tiegħu għandha għan ta' interess ġenerali fis-sens tal-Artikolu 52(1) tal-Karta, jiġifieri l-għan li tiġi żgurata l-istabbiltà tas-swieq finanzjarji, fatt li jista' jiġġustifika limitazzjoni għad-dritt għal smigħ.
- 222 Fit-tieni lok, diversi premessi tar-Regolament Nru 806/2014 jimplikaw li, fejn miżura ta' riżoluzzjoni ssir neċessarja, din għandha tiġi adottata malajr. Dawn huma, b'mod partikolari, il-premessi 26, 31, 53 u, b'mod partikolari, il-premessa 56 ta' dak ir-regolament, li tipprevedi li, sabiex jiġu limitati l-perturbazzjonijiet imġarrba mis-swieq finanzjarji u l-ekonomija, il-proċedura ta' riżoluzzjoni għandha titwettaq f'perijodu ta' żmien qasir.
- 223 F'dan ir-rigward, il-Qorti tal-Ġustizzja kkunsidrat li r-Regolament Nru 806/2014 għandu l-għan li jistabbilixxi, f'konformità mal-premessa 8 tiegħu, mekkaniżmi ta' riżoluzzjoni iktar effikaċi, li għandhom jikkostitwixxu għodda essenzjali sabiex jiġu evitati l-konsegwenzi dannużi tal-fallimenti tal-banek fil-passat, u li tali għan jippreżumi teħid ta' deċiżjoni rapida, kif juru t-termini qosra previsti fl-Artikolu 18 tal-imsemmi regolament, sabiex l-istabbiltà finanzjarja ma titpoġġiex f'perikolu (sentenza tas-6 ta' Mejju 2021, *ABLV Bank et vs BĊE*, C-551/19 P u C-552/19 P, EU:C:2021:369, punt 55).
- 224 Għalhekk, l-Artikolu 18(1) tar-Regolament Nru 806/2014 jindika b'mod partikolari li, meta l-BĊE jqis li entità tinsab f'sitwazzjoni ta' falliment li seħħ jew li x'aktarx ser iseħħ, huwa għandu jikkomunika l-evalwazzjoni tiegħu lill-Kummissjoni u lis-SRB mingħajr dewmien. Skont il-paragrafu 2 ta' dan l-istess artikolu, meta s-SRB nnifsu jwettaq evalwazzjoni, din għandha tiġi kkkomunikata lill-BĊE mingħajr dewmien. Jekk il-kundizzjonijiet stabbiliti fil-paragrafu 1 ta' dan ir-regolament ikunu ssodisfatti, is-SRB għandu jadotta skema ta' riżoluzzjoni, li, skont l-Artikolu 18(7) tar-Regolament Nru 806/2014, għandha tiġi trażmessa lill-Kummissjoni immedjatament wara l-adozzjoni tagħha. Il-Kummissjoni mbagħad għandha terminu ta' erbgħa u għoxrin siegħa sabiex tapprova skema ta' riżoluzzjoni jew tqajjem oġġezzjonijiet.
- 225 Minn dan jirriżulta li, ladarba l-entità tissodisfa l-kundizzjonijiet għall-adozzjoni ta' miżura ta' riżoluzzjoni, jiġifieri, fl-ewwel lok, li tkun entità f'sitwazzjoni ta' falliment li seħħ jew li x'aktarx ser iseħħ, fit-tieni lok, li ma teżisti l-ebda perspettiva raġonevoli li miżuri privati jew prudenzjali oħra jipprekludu l-falliment tagħha fi żmien raġonevoli u, fit-tielet lok, li r-riżoluzzjoni tagħha hija meħtieġa sabiex jintlaħaq wieħed jew iktar mill-għanijiet imsemmija fl-Artikolu 14 tar-Regolament Nru 806/2014, l-Artikolu 18 tal-istess regolament jipprovdi li deċiżjoni għandha tiġi adottata f'perijodu ta' żmien qasir ħafna.
- 226 Dan it-teħid rapidu ta' deċiżjonijiet huwa maħsub, b'mod partikolari, sabiex jiżgura l-kontinwità tal-funzjonijiet kritiċi tal-entità kkonċernata u sabiex jiġu evitati l-konsegwenzi ta' falliment tal-entità fuq l-istabbiltà finanzjarja. Għalhekk, il-ħeffa tat-teħid tad-deċiżjonijiet tikkostitwixxi kundizzjoni tal-effettività tagħha.

- 227 Għalhekk, il-Qorti tal-Ġustizzja diġà ddeċidiet li l-urġenza li titlob azzjoni immedjata mill-awtorità kompetenti kienet tiġġustifika limitazzjoni tad-dritt għal smiġh tal-persuni kkonċernati minn miżuri adottati fil-qasam tar-responsabbiltà ambjentali (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tad-9 ta' Marzu 2010, *ERG et*, C-379/08 u C-380/08, EU:C:2010:127, punt 67) u fil-qasam tal-agrikoltura (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tal-15 ta' Ġunju 2006, *Dokter et*, C-28/05, EU:C:2006:408, punt 76).
- 228 Barra minn hekk, fil-qasam tal-miżuri ta' ffriżar ta' fondi, il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet li l-komunikazzjoni tar-raġunijiet li fuqhom kienet ibbażata l-inklużjoni inizjali tal-isem ta' persuna jew ta' entità fil-lista ta' persuni suġġetti għal miżuri restrittivi, qabel din l-inklużjoni, hija ta' natura li tipperikola l-effettività tal-miżuri għall-iffriżar tal-fondi u tar-riżorsi ekonomiċi imposti mid-dritt tal-Unjoni. Sabiex jintlaħaq l-għan segwit mir-Regolament applikabbli, tali miżuri għandhom, min-natura tagħhom stess, jibbenefikaw minn effett ta' sorpriża u japplikaw b'effett immedjat (ara, f'dan is-sens, is-sentenzi tat-3 ta' Settembru 2008, *Kadi u Al Barakaat International Foundation vs Il-Kunsill u Il-Kummissjoni*, C-402/05 P u C-415/05 P, EU:C:2008:461, punti 338 sa 340; tal-21 ta' Diċembru 2011, *Franza vs People's Mojahedin Organization of Iran*, C-27/09 P, EU:C:2011:853, punt 61, u tat-12 ta' Frar 2020, *Amisi Kumba vs Il-Kunsill*, T-163/18, EU:T:2020:57, punt 51).
- 229 Għal raġunijiet li jqisu wkoll l-għan segwit mid-dritt tal-Unjoni u l-effettività tal-miżuri previsti minnu, l-awtoritajiet tal-Unjoni lanqas ma kienu meħtieġa jipproċedu bis-smiġh tar-rikorrenti qabel l-inklużjoni inizjali tal-ismijiet tagħhom fil-lista ta' persuni suġġetti għal miżuri restrittivi (ara, f'dan is-sens, is-sentenzi tat-3 ta' Settembru 2008, *Kadi u Al Barakaat International Foundation vs Il-Kunsill u Il-Kummissjoni*, C-402/05 P u C-415/05 P, EU:C:2008:461, punt 341, u tal-25 ta' April 2013, *Gbagbo vs Il-Kunsill*, T-119/11, mhux ippubblikata, EU:T:2013:216, punt 103).
- 230 Dan huwa iktar u iktar minnu f'każijiet fejn il-limitazzjoni tad-dritt għal smiġh ma tikkonċernax l-entità suġġetta għall-proċedura ta' riżoluzzjoni, iżda l-azzjonisti jew il-kredituri tagħha.
- 231 Għandu jiġi rrilevat ukoll li, fid-deċiżjoni tagħha tal-1 ta' April 2004, *Camberrow MM5 AD vs Il-Bulgarija* (CE:ECHR:2004:0401DEC005035799), il-Qorti EDB ikkonstatat li l-bejgħ tal-bank fallut bħala impriża operattiva sar sabiex tinkiseb l-adempjenza rapida u iktar ċerta tal-kredituri tagħha, li kienu ilhom jistennew snin sabiex jirċievu d-dejn dovut lilhom, u t-tlestija rapida tal-proċedura ta' falliment. Għalhekk, il-ħtieġa għas-semplikità u l-ħeffa fil-proċedura li wasslet għall-bejgħ tal-bank kienet ta' importanza kbira. Kieku l-liġi kienet ipprovdiet li l-qorti tal-falliment kienet meħtieġa tikkonsulta mal-azzjonisti u l-kredituri kollha tal-bank, dan kien jikkawża tnaqqis sinjifikattiv fil-ħeffa tal-proċedura u, għalhekk, iktar dewmien fil-ħlas ta' ammonti dovuti lill-kredituri u fit-tlestija tal-proċedura tal-falliment.
- 232 Fis-sentenza tal-24 ta' Novembru 2005, *Capital Bank AD vs Il-Bulgarija* (CE:ECHR:2005:1124JUD004942999, punt 136), il-Qorti EDB ddeċidiet li, f'qasam ekonomikament sensittiva bħall-istabbiltà tas-sistema bankarja u f'ċerti sitwazzjonijiet, jista' jkun hemm ħtieġa imperattiva li tittieħed azzjoni bl-ikbar diliġenza u mingħajr avviż minn qabel, sabiex tiġi evitata ħsara irreparabbli lill-bank, id-depożitanti tiegħu u kredituri oħra, jew lis-sistema bankarja u finanzjarja kollha kemm hi.
- 233 Barra minn hekk, il-fatt li l-iskema ta' riżoluzzjoni tista' twassal għal interferenza fid-dritt għall-proprjetà tal-azzjonisti u tal-kredituri tal-entità kkonċernata ma jistax jiġġustifika obbligu li jingħataw dritt li jinstemgħu qabel l-adozzjoni tal-imsemmija skema.

- 234 F'dan ir-rigward, il-Qorti Ġenerali diġà enfasizzat, fil-punt 282 tas-sentenza tat-13 ta' Lulju 2018, *K. Chrysostomides & Co. et vs Il-Kunsill et.* (T-680/13, EU:T:2018:486), li l-proċeduri applikabbli għandhom joffru opportunità xierqa lill-persuna kkonċernata sabiex tressaq il-każ tagħha quddiem l-awtoritajiet kompetenti. Sabiex tiġi żgurata l-osservanza ta' dan ir-rekwiżit, li jikkostitwixxi rekwiżit inerenti għall-Artikolu 1 tal-Protokoll Nru 1 tal-Konvenzjoni għall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u l-Libertajiet Fundamentali, iffirmata f'Ruma fl-4 ta' Novembru 1950 (iktar 'il quddiem il-"KEDB"), hemm lok li l-proċeduri applikabbli jiġu kkunsidrati minn perspettiva ġenerali (ara, f'dan is-sens, is-sentenzi tat-3 ta' Settembru 2008, *Kadi u Al Barakaat International Foundation vs Il-Kunsill u Il-Kummissjoni*, C-402/05 P u C-415/05 P, EU:C:2008:461, punt 368 u l-ġurisprudenza ċċitata; tal-25 ta' April 2013, *Gbagbo vs Il-Kunsill*, T-119/11, mhux ippubblikata, EU:T:2013:216, punt 119, u l-Qorti EDB, 20 ta' Lulju 2004, *Bäck vs Il-Finlandja*, CE:ECHR:2004:0720JUD003759897, punt 56). Għalhekk, l-imsemmi rekwiżit ma jistax jiġi interpretat fis-sens li l-persuna interessata għandha, fiċ-ċirkustanzi kollha, tkun tista' ssostni l-opinjoni tagħha quddiem l-awtoritajiet kompetenti qabel l-adozzjoni tal-miżuri li jippreġudikaw id-dritt tagħha għall-proprjetà (ara, f'dan is-sens, il-Qorti EDB, 19 ta' Settembru 2006, *Maupas et vs Franza*, CE:ECHR:2006:0919JUD001384402, punti 20 u 21).
- 235 Il-Qorti Ġenerali kkunsidrat li dan kien, b'mod partikolari, il-każ fejn, b'hal fil-każ ta' miżura ta' riżoluzzjoni, il-miżuri inkwistjoni ma kinux jikkostitwixxu sanzjoni u ġew adottati fil-kuntest ta' urġenza partikolari. F'dan l-aħħar rigward, il-Qorti Ġenerali rrilevat li dan kien każ ta' prevenzjoni ta' riskju imminenti ta' kollass tal-banek previsti sabiex tiġi salvagwardjata l-istabbiltà tas-sistema finanzjarja ta' Stat Membru u, b'hekk, jiġi evitat kontagġju fi Stati Membri oħrajn fiż-żona tal-euro. Issa, l-implimentazzjoni ta' proċedura ta' konsultazzjoni minn qabel, fil-kuntest fejn eluf ta' depożitanti u azzjonisti tal-banek previsti setgħu effettivament sostnew l-opinjoni tagħhom qabel l-adozzjoni ta' dispożizzjonijiet dannużi, kienet inevitabbilment iddewwem l-applikazzjoni tal-miżuri intiżi għall-prevenzjoni ta' tali kollass. Il-kisba tal-għan li tiġi ppreservata l-istabbiltà tas-sistema finanzjarja ta' dak l-Istat Membru u b'hekk jiġi evitat il-kontagġju fi Stati Membri oħra taż-żona tal-euro kienet tkun esposta għal riskji sinjifikattivi (ara s-sentenza tat-13 ta' Lulju 2018, *K. Chrysostomides & Co. et vs Il-Kunsill et*, T-680/13, UE:T:2018:486, punt 282 u l-ġurisprudenza ċċitata).
- 236 Din l-evalwazzjoni ġiet ikkonfermata mill-Qorti tal-Ġustizzja, li qieset li l-Qorti Ġenerali kienet ġustament ibbażat ir-raġunament tagħha fuq is-sentenza tal-Qorti EDB tal-21 ta' Lulju 2016, *Mamatas et vs Il-Greċja* (CE:ECHR:2016:0721JUD006306614), li turi li r-rekwiżit li kwalunkwe restrizzjoni tad-drittijiet għall-proprjetà għandha tkun prevista mil-liġi ma jistax jiġi interpretat b'tali mod li l-persuni kkonċernati kellhom jiġu kkonsultati qabel l-adozzjoni ta' din il-liġi, b'mod partikolari, fejn tali konsultazzjoni minn qabel b'hal din inevitabbilment iddewwem l-applikazzjoni ta' miżuri intiżi li jipprevjenu l-kollass tal-banek ikkonċernati (sentenza tas-16 ta' Diċembru 2020, *Il-Kunsill et vs K. Chrysostomides & Co. et*, C-597/18 P, C-598/18 P, C-603/18 P u C-604/18 P, EU:C:2020:1028, punt 159).
- 237 Barra minn hekk, hemm lok li jiġi kkunsidrat li n-neċessità li tittieħed azzjoni minnufih mingħajr ma jiġu infurmati l-azzjonisti u l-kredituri ta' entità dwar l-imminenza ta' proċedura ta' riżoluzzjoni li tikkonċernaha hija maħsuba sabiex jiġi evitat li s-sitwazzjoni ta' dik l-entità tmur għall-aġġar u dan jaffettwa b'mod negattiv l-effettività tal-miżura ta' riżoluzzjoni. Fil-fatt, li l-azzjonisti jew id-detenturi ta' obbligi tal-bank jiġu infurmati li dan tal-aħħar jista' jkun suġġett għal proċedura ta' riżoluzzjoni, u għalhekk li kien ikkunsidrat li huwa f'sitwazzjoni ta' falliment li seħħ jew li x'aktarx ser iseħħ, dan jista' jinċentivahom sabiex ibiġġu t-titoli tagħhom fuq is-swieq u

wkoll iwassal għall-irtirar fuq skala kbira tad-depożiti, fatt li jkollu l-konsegwenza li jaggrava s-sitwazzjoni finanzjarja tal-bank u li jirrendi iktar diffiċli, jekk mhux impossibbli, l-adozzjoni ta' soluzzjoni li tista' tipprekludi l-istralċ tiegħu.

- 238 F'dan ir-rigward, kif dan jirriżulta mill-premessa 116 tar-Regolament Nru 806/2014, il-komunikazzjoni ta' kull informazzjoni fir-rigward ta' deċizzjoni qabel ma tiġi adottata, kemm dwar jekk il-kundizzjonijiet għal riżoluzzjoni humiex issodisfatti, dwar l-użu ta' għodda speċifika kif ukoll dwar kwalunkwe miżura adottata matul il-proċedura, jista' jkollha konsegwenzi fuq l-interessi pubbliċi u privati kkonċernati mill-azzjoni.
- 239 Għandu għalhekk jiġi kkunsidrat li l-introduzzjoni fir-Regolament Nru 806/2014, ta' konsultazzjoni tal-azzjonisti u l-kredituri tal-entità kkonċernata qabel l-adozzjoni ta' miżura ta' riżoluzzjoni, twassal għal tnaqqis sostanzjali fil-ħeffa tal-proċedura, li jista' jipperikola kemm li jintlaħqu l-għanijiet tal-miżura kif ukoll l-effettività tagħha.
- 240 Barra minn hekk, minħabba l-urġenza tal-adozzjoni ta' miżura ta' riżoluzzjoni, ma huwiex possibbli li l-azzjonisti jiġu kkonsultati minn qabel, b'mod partikolari minħabba diffikultajiet marbuta mal-identifikazzjoni tagħhom. Fil-fatt, kif jirrivew ir-Renju ta' Spanja u l-Kunsill, peress li l-azzjonijiet u l-obbligi huma nnegożjati kontinwament fis-swieq, huwa impossibbli, fil-prattika, li wieħed ikun jaf liema investituri partikolari u istituzzjonali għandhom jiġu kkuntattjati.
- 241 Minn dak kollu li ntqal iktar 'il quddiem jirriżulta li smiġh tal-azzjonisti u tal-kredituri tal-entità suġġetta għal miżura ta' riżoluzzjoni, qabel l-adozzjoni ta' dik il-miżura, jikkomprometti l-għan ta' stabbiltà tas-swieq finanzjarji u l-kontinwità tal-funzjonijiet kritiċi tal-entità, kif ukoll ir-rekwiżiti ta' ħeffa u ta' effiċjenza tal-proċedura ta' riżoluzzjoni.
- 242 Għaldaqstant, l-assenza ta' dispożizzjoni li tipprovdi għal smiġh tal-azzjonisti u l-kredituri tal-entità kkonċernata fil-kuntest tal-proċedura prevista fl-Artikolu 18 tar-Regolament Nru 806/2014 tikkostitwixxi limitazzjoni fuq id-dritt għal smiġh li hija ġġustifikata u neċessarja sabiex jintlaħaq għan ta' interess ġenerali u l-osservanza tal-prinċipju ta' proporzjonalità skont l-Artikolu 52(1) tal-Karta.
- 243 Din il-konklużjoni ma titpoġġiex f'dubju mill-argumenti l-oħra tar-rikorrenti.
- 244 Fl-ewwel lok, ir-rikorrenti jsostnu li l-assenza ta' smiġh minn qabel tal-azzjonisti tipprekludi lis-SRB milli jkseb konjizzjoni, permezz tal-korpi soċjali tal-istituzzjoni jew tal-azzjonisti tagħha, tal-eżistenza ta' miżuri privati (bħal żieda fil-kapital, l-eżekuzzjoni tal-pjan tan-negożju approvat mill-Kunsill ta' Amministrazzjoni jew bejgħ ta' assi) minbarra r-riżoluzzjoni.
- 245 Jeħtieġ jifakkar li, skont l-Artikolu 18(1)(b) tar-Regolament Nru 806/2014, is-SRB għandu jadotta skema ta' riżoluzzjoni biss jekk, fid-dawl tat-termini ta' żmien meħtieġa u ċirkustanzi rilevanti oħra, ma teżisti l-ebda perspettiva raġonevoli li miżuri oħra ta' natura privata adottati fir-rigward tal-entità, indipendentement jew flimkien ma' miżura ta' riżoluzzjoni, jipprekludu l-falliment tagħha f'perijodu ta' żmien raġonevoli.
- 246 Għalhekk, is-SRB għandu jeżamina jekk il-miżuri diġà previsti mill-bank sabiex jaffaċċja d-diffikultajiet tiegħu jistgħux jiġu implimentati f'terminu raġonevoli li jippermetti li jiġi evitat il-falliment tiegħu. Jekk kienu previsti miżuri alternattivi ta' natura privata fiż-żmien meta nbdiet il-proċedura ta' riżoluzzjoni, b'mod partikolari l-miżuri msemmija mir-rikorrenti, bħal żieda

fil-kapital, l-eżekuzzjoni tal-pjan tan-negożju approvat mill-Kunsill ta' Amministrazzjoni jew il-bejgħ tal-assi, is-SRB għandu jkun infurmat mill-entità kkonċernata jew mill-korpi soċjali tagħha. Ma huwiex il-kompitu tas-SRB li jfittex soluzzjonijiet oħra ta' natura privata li l-bank innifsu ma jafx bl-eżistenza tagħhom.

- 247 Għaldaqstant, ir-rikorrenti ma jistgħux isostnu li l-azzjonisti, fil-kuntest ta' smiġħ individwali li jseħħ ladarba tkun inbdiet il-proċedura ta' riżoluzzjoni, jistgħu jinfurmaw lis-SRB bl-eżistenza ta' miżuri alternattivi oħra, li jistgħu jitwettqu fid-dawl tas-sitwazzjoni tal-entità kkonċernata, li jistgħu jipprekludu l-falliment tal-entità f'terminu raġonevoli u li s-SRB ma kienx infurmat bihom mill-bank innifsu jew mill-korpi soċjali tiegħu.
- 248 Fit-tieni lok, ir-rikorrenti jsostnu li la l-għan li tiġi ggarantita l-istabbiltà finanzjarja u lanqas in-neċessità li tiġi adottata miżura ta' riżoluzzjoni bil-ħeffa ma jiġġustifikaw l-abolizzjoni totali tad-dritt għal smiġħ tal-azzjonisti tal-entità, sa fejn ir-Regolament Nru 806/2014 jista' jipprovdi għal smiġħ tal-azzjonisti wara l-adozzjoni tal-miżura ta' riżoluzzjoni.
- 249 F'dan ir-rigward, huwa suffiċjenti li jiġi rrilevat, bħalma jagħmlu Banco Santander u l-Parlament, li smiġħ tal-azzjonisti, wara l-adozzjoni tal-iskema ta' riżoluzzjoni, ma jistax ibiddel il-kontenut ta' din il-miżura u għalhekk ma jistax iwassal għall-annullament tagħha.
- 250 Fit-tielet lok, ir-rikorrenti jsostnu li hemm disparità mhux ġustifikata bejn minn naħa, id-dispożizzjonijiet inkwistjoni u, min-naħa l-oħra, dawk tal-Artikolu 22 tar-Regolament Nru 1024/2013 u dawk tal-Artikolu 31 tar-Regolament (UE) Nru 468/2014 tal-Bank Ċentrali Ewropew tas-16 ta' April 2014 li jistabbilixxi qafas għal kooperazzjoni fi ħdan il-Mekkaniżmu Superviżorju Uniku bejn il-Bank Ċentrali Ewropew u l-awtoritajiet nazzjonali kompetenti u ma' awtoritajiet nazzjonali nominati (Regolament Qafas tal-MSU) (ĠU 2014, L 141, p 1), li jirrikonoxxu dritt għal smiġħ qabel l-adozzjoni ta' deċiżjoni dwar is-supervizzjoni prudenzjali ta' istituzzjonijiet ta' kreditu li tista' taffettwa negattivament id-drittijiet ta' istituzzjoni.
- 251 Hemm lok li jiġi kkonstatat, bħalma għamel s-SRB, li ma ddaħħlet l-ebda dispożizzjoni ekwivalenti fir-Regolament Nru 806/2014 sabiex, b'mod partikolari, tippermetti l-adozzjoni ta' miżuri ta' riżoluzzjoni f'sitwazzjonijiet ta' emerġenza u sabiex jiġu evitati konsegwenzi negattivi fuq is-swieq finanzjarji. Kif jenfasizza l-Kunsill, dawn id-dispożizzjonijiet ma humiex applikabbli matul il-proċedura ta' riżoluzzjoni msemmija fl-Artikolu 18 tar-Regolament Nru 806/2014. Barra minn hekk, huma jipprovdu li d-dritt għal smiġħ jingħata lid-destinatarju ta' deċiżjoni, jiġifieri l-bank suġġett għall-miżura superviżorja tal-BĊE.
- 252 Għalhekk, ma jistax jiġi dedott minn dawn id-dispożizzjonijiet, li jagħtu dritt għal smiġħ lill-istituzzjoni destinatarja ta' deċiżjoni, li l-azzjonisti jew il-kredituri ta' entità suġġetta għal miżura ta' riżoluzzjoni għandhom jiġu rrikonnoxuti l-istess dritt.
- 253 Barra minn hekk, għall-kuntrarju ta' dak li jsostnu r-rikorrenti, it-tieni subparagrafu tal-Artikolu 22(1) tar-Regolament Nru 1024/2013 u l-Artikolu 31(4) tar-Regolament Qafas tal-MSU jipprevedu dispożizzjonijiet speċjali jekk ikollha tiġi adottata deċiżjoni urġenti, li jeskludu l-possibbiltà li l-persuni kkonċernati jinstemgħu qabel l-adozzjoni ta' deċiżjoni.
- 254 Fir-raba' lok, ir-rikorrenti jsostnu li l-introduzzjoni mis-SRB ta' proċedura għas-smiġħ tal-azzjonisti u l-kredituri dwar il-valutazzjoni 3 ma tippermettix li tiġi rrimedjata l-impossibbiltà li jsiru osservazzjonijiet fil-kuntest tal-proċedura prevista fl-Artikolu 18 tar-Regolament Nru 806/2014.

255 Permezz ta' dan l-argument, ir-rikorrenti kellhom l-intenzjoni li jwieġbu għall-konstatazzjoni tas-SRB, tal-Kunsill u tal-Kummissjoni, li proċedura għas-smiġh tal-azzjonisti ta' Banco Popular ġiet implimentata fil-qafas tal-valutazzjoni 3 prevista fl-Artikolu 20(16) tar-Regolament Nru 806/2014, anki jekk tali smiġh ma huwiex previst fir-Regolament. Din il-konstatazzjoni kienet maħsuba sabiex turi l-fatt li, fl-assenza ta' emerġenza jew riskju għall-istabbiltà tas-swieq finanzjarji, is-SRB għandu jiżgura r-rispett tad-dritt għal smiġh tal-azzjonisti billi jorganizza seduta, qabel l-adozzjoni ta' deċiżjoni dwar id-dritt tagħhom għal kumpens possibbli skont l-Artikolu 76(1)(e) tar-Regolament Nru 806/2014, anki jekk din is-seduta ma hijiex prevista espressament fir-Regolament Nru 806/2014.

256 Minn dak li ntqal iktar 'il fuq hawn fuq jirriżulta li l-eċċezzjoni ta' illegalità tal-Artikolu 18 tar-Regolament Nru 806/2014, sa fejn il-proċedura stabbilita minnu tikser id-dritt għal smiġh billi ma tipprovdi għal seduta tal-azzjonisti u tal-kredituri tal-entità kkonċernata, għandha tiġi miċħuda.

257 Konsegwentement, it-tieni motiv għandu jiġi miċħud bħala, parzjalment inammissibbli u, parzjalment infondat.

Fuq it-tielet motiv, ibbażat fuq eċċezzjoni ta' illegalità sa fejn l-Artikoli 21, 22, 24 u 27 tar-Regolament Nru 806/2014 kif ukoll l-Artikoli 38 u 63 tad-Direttiva 2014/59 jiksru d-dritt għall-proprjetà, sanċit fl-Artikolu 17(1), tal-Karta u l-prinċipju tal-libertà ta' intrapriża, sanċit fl-Artikolu 16 tal-Karta

258 Ir-rikorrenti jqajmu eċċezzjoni ta' illegalità, abbażi tal-Artikolu 277 TFUE, tal-Artikoli 21, 22, 24 u 27 tar-Regolament Nru 806/2014 kif ukoll tal-Artikoli 38 u 63 tad-Direttiva 2014/59. Huma jsostnu li dawn l-artikoli jiksru d-dritt għall-proprjetà u l-prinċipju tal-libertà ta' intrapriża, sa fejn jawtorizzaw il-bejgħ ta' azzjonijiet ta' istituzzjoni finanzjarja u jagħtu lill-awtoritajiet tar-riżoluzzjoni l-kompetenza li jnaqqsu l-kapital għal zero billi jikkanċellaw l-azzjonijiet, mingħajr is-smiġh u mingħajr il-kunsens tal-azzjonisti. L-għoti lis-SRB, mir-Regolament Nru 806/2014 u d-Direttiva 2014/59, ta' setgħat ta' esproprijazzjoni eżorbitanti, mingħajr ma l-azzjonisti jkollhom id-dritt għal smiġh jew li jippreżentaw osservazzjonijiet, jikkostitwixxi interferenza sproporzjonata fid-drittijiet sanċiti fl-Artikoli 16 u 17 tal-Karta.

259 Fir-rigward tal-Artikoli 38 u 63 tad-Direttiva 2014/59 u l-Artikolu 27 tar-Regolament Nru 806/2014, dwar l-ġhodda ta' rikapitalizzazzjoni interna, huwa suffiċjenti li jiġi kkonstatat li dawn ma ġewx applikati mis-SRB fl-iskema ta' riżoluzzjoni. Għalhekk, fl-applikazzjoni tal-ġurisprudenza ċċitata fil-punti 177 sa 179 iktar 'il fuq, sa fejn ma teżisti l-ebda rabta legali diretta bejn dawn l-artikoli u l-iskema ta' riżoluzzjoni, l-eċċezzjoni ta' illegalità fir-rigward tagħhom għandha tiġi miċħuda bħala inammissibbli.

260 L-artikoli l-oħra tar-Regolament Nru 806/2014 li r-rikorrenti jikkontestaw il-legalità tagħhom huma l-Artikolu 21 dwar l-iżvalutazzjoni u l-konverżjoni ta' strumenti kapitali, l-Artikolu 22 dwar il-prinċipji ġenerali li jirregolaw l-ġhodda ta' riżoluzzjoni u l-Artikolu 24 dwar l-ġhodda tal-bejgħ ta' operat.

261 Ir-rikorrenti jsostnu, essenzjalment, li l-Artikoli 21, 22 u 24 tar-Regolament Nru 806/2014 jiksru d-dritt għall-proprjetà ggarantit mill-Artikolu 17(1) tal-Karta sa fejn jagħtu lis-SRB il-kompetenza li jnaqqas għal zero l-kapital ta' entità suġġetta għal miżura ta' riżoluzzjoni, li jiżvaluta u li jikkonverti l-istrumenti ta' fondi proprji rilevanti u li jbiegħhom, mingħajr is-smiġh jew il-qbil tal-azzjonisti.

- 262 F'dan ir-rigward, hemm lok li jifakkar li l-Artikolu 41 tal-Karta jipprovdi li d-dritt għal amministrazzjoni tajba jinkludi d-dritt ta' kull persuna li tinstema' qabel ma tittieħed fil-konfront tagħha miżura individwali li tolqotha negattivament.
- 263 Huwa biżżejjed li jiġi kkonstatat, bħalma jagħmel s-SRB, li dan id-dritt huwa distint mid-dritt għall-proprjetà ggarantit mill-Artikolu 17(1) tal-Karta.
- 264 Għaldaqstant, il-fatt li d-dispożizzjonijiet tar-Regolament Nru 806/2014 li huma kkontestati mir-rikorrenti ma jipprovdux għal smiġh tal-azzjonisti ma jistax jistabbilixxi ksur tad-dritt għall-proprjetà tagħhom.
- 265 Hemm lok li jiġi rrilevat li, fil-partijiet l-oħra tar-rikors, ir-rikorrenti ma jsemmux id-dispożizzjonijiet tal-Artikoli 21, 22 u 24 tar-Regolament Nru 806/2014 u ma jqajmu l-ebda argument speċifiku ta' natura li jstabbilixxi li l-applikazzjoni ta' dawn id-dispożizzjonijiet twassal għal ksur tad-dritt għall-proprjetà ggarantit mill-Artikolu 17(1) tal-Karta.
- 266 Barra minn hekk, fir-rigward tal-libertà ta' intrapriża ggarantita mill-Artikolu 16 tal-Karta, min-naħa l-waħda, hemm lok li jiġi rrilevat, bħalma jagħmlu s-SRB, il-Kunsill u l-Kummissjoni, li r-rikorrenti ma jispesifikawx liema dritt iggarantit mill-libertà ta' intrapriża huwa allegatament miksur mid-dispożizzjonijiet ikkontestati tar-Regolament Nru 806/2014. Fil-fatt, il-Qorti tal-Ġustizzja ppreċiżat li l-protezzjoni mogħtija mill-Artikolu 16 tal-Karta tinkludi l-libertà li tiġi eżerċitata attività ekonomika jew kummerċjali, il-libertà kuntrattwali u l-kompetizzjoni libera (sentenzi tat-22 ta' Jannar 2013, Sky Österreich, C-283/11, EU:C:2013:28, punt 42; tas-16 ta' Lulju 2020, Adusbef u Federconsumadori, C-686/18, EU:C:2020:567, punt 82, u tal-15 ta' April 2021, Federazione nazionale delle imprese elettrotecniche ed elettroniche (Anie) et, C-798/18 u C-799/18, EU:C:2021:280, punt 56). Min-naħa l-oħra, huwa biżżejjed li jiġi kkonstatat li r-rikorrenti ma jqajmu l-ebda argument li jista' jstabbilixxi ksur ta' din il-libertà.
- 267 Fir-rigward tad-dikjarazzjoni mir-rikorrenti li l-assenza ta' kwalunkwe kumpens tikkostitwixxi ksur tal-Artikolu 1 tal-Protokoll Nru 1 tal-KEDB, huwa biżżejjed li jiġi rrilevat li hija bbażata fuq qari żbaljat tad-dispożizzjonijiet tar-Regolament Nru 806/2014. Fil-fatt, jeħtieġ li jifakkar li r-Regolament Nru 806/2014 jipprovdi b'mod espliċitu għall-possibbiltà li l-azzjonisti u l-kredituri tal-entità koperta minn miżura ta' riżoluzzjoni jibbenefikaw minn kumpens għad-danni skont l-Artikolu 76(1)(e) ta' dan ir-regolament jekk ikunu sofrew telf ikbar fil-kuntest tar-riżoluzzjoni milli kieku kienu jġarrbu fi stralċ skont proċedura normali ta' insolvenza.
- 268 Barra minn hekk, ir-rikorrenti jsostnu li l-fatt li tintlaqa' l-eċċezzjoni ta' illegalità jstabbilixxi li l-limitazzjoni tad-dritt għall-proprjetà tagħhom, attribwibbli għall-iskema ta' riżoluzzjoni, huwa legalment infondat, minħabba nuqqas ta' osservanza tar-rekwiżiti ta' neċessità u ta' proporzjonalità previsti fl-Artikolu 52(1) tal-Karta. Peress li l-azzjonisti ta' Banco Popular ġew imċaħħda mid-dritt għall-proprjetà tagħhom, mingħajr smiġh jew kumpens, dan iwassal sabiex jinkiser dak id-dritt.
- 269 F'dan ir-rigward, huwa biżżejjed li jiġi kkonstatat li dawn l-argumenti ma humiex intiżi sabiex jikkontestaw id-dispożizzjonijiet tar-Regolament Nru 806/2014 jew tad-Direttiva 2014/59, iżda pjuttost l-iskema ta' riżoluzzjoni. Għalhekk, dawn ser jiġu eżaminati fil-kuntest tat-tmien motiv.

- 270 Fl-aħħar, ir-rikorrenti jżidu wkoll, fl-osservazzjonijiet tagħhom dwar in-noti ta' intervent, li r-Regolament Nru 806/2014 u d-Direttiva 2014/59 jagħtu lis-SRB setgħat sproporzjonati li jistgħu jikkawżaw l-għejbien ta' istituzzjonijiet finanzjarji solventi għal raġunijiet mhux ġustifikati, fatt li jmur kontra l-ġurisprudenza stabbilita fis-sentenza tat-13 ta' Ġunju 1958, Meroni vs L-Awtorità Għolja (10/56, EU:C:1958:8).
- 271 Huwa biżżejjed li jiġi kkonstatat li, b'dan l-argument, ir-rikorrenti jsostnu eċċezzjoni ta' illegalità ġdida, ibbażata fuq il-fatt li r-Regolament Nru 806/2014 u d-Direttiva 2014/59 jiksru l-prinċipju tad-delega tas-setgħa.
- 272 Dan l-argument għalhekk għandu jitqies bħala li jiffirma motiv ġdid li, billi ġie espost biss fl-istadju tal-osservazzjonijiet dwar in-noti ta' intervent, huwa tardiv. Din l-eċċezzjoni ta' illegalità ġdida ma hija bbażata fuq l-ebda element ta' liġi jew ta' fatt li seta' nkixef matul il-proċedura u għandha tiġi rrifjutata bħala inammissibbli skont l-Artikolu 84(1) tar-Regoli tal-Proċedura.
- 273 Konsegwentement, it-tielet motiv għandu jiġi miċħud bħala parzjalment inammissibbli u parzjalment infondat.

Fuq l-ewwel u r-raba' motiv, ibbażati fuq nuqqas ta' motivazzjoni tal-iskema ta' riżoluzzjoni, fuq ksur tad-dritt għal amministrazzjoni tajba sanċit fl-Artikolu 41(2)(b) u (c) tal-Karta u fuq ksur tad-dritt għal rimedju effettiv sanċit fl-Artikolu 47 tal-Karta

- 274 Permezz tal-ewwel u r-raba' motiv, ir-rikorrenti jqajmu, essenzjalment, tliet ilmenti. Huma jsostnu li s-SRB, billi ma tahom l-ebda aċċess għall-iskema ta' riżoluzzjoni u għall-valutazzjoni 2, fl-ewwel lok kiser l-obbligu ta' motivazzjoni sanċit fl-Artikolu 41(2)(c) tal-Karta, fit-tieni lok, id-dritt ta' aċċess għall-fajl sanċit fl-Artikolu 41(2)(b) tal-Karta u, fit-tielet lok, id-dritt għal rimedju effettiv sanċit fl-Artikolu 47 tal-Karta.

– Fuq l-ewwel ilment, ibbażat fuq ksur tal-obbligu ta' motivazzjoni

- 275 Ir-rikorrenti jargumentaw li s-SRB kiser l-obbligu ta' motivazzjoni tiegħu sanċit fl-Artikolu 41(2)(c) tal-Karta. Huma jsostnu, essenzjalment, li l-assenza ta' żvelar tal-iskema ta' riżoluzzjoni kollha kemm hi kif ukoll tal-valutazzjonijiet 1 u 2 ma ppermettilhomx li jiksbu konjizzjoni tar-raġunijiet li għalihom is-SRB adotta l-iskema ta' riżoluzzjoni.
- 276 L-Artikolu 41(2)(c) tal-Karta dwar id-dritt għal amministrazzjoni tajba jipprevedi li dan id-dritt jinkludi l-obbligu għall-amministrazzjoni li tipprovdi motivazzjoni għad-deċiżjonijiet tagħha.
- 277 Skont ġurisprudenza stabbilita tal-Qorti tal-Ġustizzja, il-motivazzjoni mitluba mill-Artikolu 296 TFUE għandha tiġi adattata għan-natura tal-att inkwistjoni u għandha turi, b'mod ċar u inekwivoku, ir-raġunament tal-istituzzjoni, awtriċi tal-att, b'mod li tippermetti lill-persuni kkonċernati jiksbu konjizzjoni tal-ġustifikazzjonijiet tal-miżura adottata u lill-qorti kompetenti teżerċita l-istħarriġ tagħha. Ma huwiex meħtieġ li l-motivazzjoni tispeċifika l-punti ta' fatt u ta' liġi rilevanti kollha, sa fejn il-kwistjoni dwar jekk il-motivazzjoni ta' att tissodisfax ir-rekwiżiti tal-Artikolu 296 TFUE ma għandhiex tiġi evalwata biss fid-dawl tal-kliem tiegħu, iżda wkoll fid-dawl tal-kuntest tiegħu kif ukoll tar-regoli legali kollha li jirregolaw il-qasam ikkonċernat (ara s-sentenzi tat-8 ta' Mejju 2019, Landeskreditbank Baden-Württemberg vs BĊE, C-450/17 P,

- EU:C:2019:372, punti 85 u 87 u l-ġurisprudenza ċċitata, u tal-21 ta' Ottubru 2020, BĊE vs Estate of Espírito Santo Financial Group, C-396/19 P, mhux ippubblikata, EU:C:2020:845, punt 41 u l-ġurisprudenza ċċitata).
- 278 Barra minn hekk, il-grad ta' preċiżjoni tal-motivazzjoni ta' att għandu jkun proporzjonat għall-possibbiltajiet materjali u l-kundizzjonijiet tekniċi jew ta' limitu ta' żmien li taħthom għandu jintervjeni (ara s-sentenzi tas-6 ta' Novembru 2012, Éditions Odile Jacob vs Il-Kummissjoni, C-551/10 P, EU:C:2012:681, punt 48 u l-ġurisprudenza ċċitata, u tat-23 ta' Mejju 2019, KPN vs Il-Kummissjoni, T-370/17, EU:T:2019:354, punt 139 u l-ġurisprudenza ċċitata; is-sentenza tas-27 ta' Jannar 2021, KPN vs Il-Kummissjoni, T-691/18, mhux ippubblikata, EU:T:2021:43, punt 162).
- 279 Fl-ewwel lok, ir-rikorrenti jsostnu li ċerti partijiet li ma ġewx inklużi fil-verżjoni mhux kunfidenzjali tal-iskema ta' riżoluzzjoni li għalihom kellhom aċċess kienu essenzjali sabiex jiksbu konjizzjoni tar-raġunijiet u sabiex jeżerċitaw id-drittijiet tagħhom ta' difiża. L-assenza ta' dawn il-passaġġi jipprekludi lir-rikorrenti milli jiksbu konjizzjoni tar-raġunijiet għaliex s-SRB irrikorra għall-iskema ta' riżoluzzjoni u tikkostitwixxi ksur tal-obbligu ta' motivazzjoni tiegħu.
- 280 Minn naħa, ir-rikorrenti jelenkaw, fir-rikors, għadd ta' punti tal-iskema ta' riżoluzzjoni li ma kinux inklużi fil-verżjoni oriġinarjament ippubblikata mis-SRB fuq is-sit internet tiegħu fil-11 ta' Lulju 2017 u li fl-opinjoni tagħhom, jikkostitwixxu aspetti importanti.
- 281 F'dan ir-rigward, huwa biżżejjed li jiġi rrilevat li l-punti varji tal-iskema ta' riżoluzzjoni msemmija mir-rikorrenti jidheru fl-intier tagħhom fil-verżjonijiet inqas ridotti tal-iskema ta' riżoluzzjoni ppubblikati fuq is-sit internet tas-SRB fit-2 ta' Frar u fil-31 ta' Ottubru 2018 u li r-rikorrenti kienu f'pożizzjoni li jiksbu konjizzjoni tagħhom qabel ma ġiet ippreżentata r-replika.
- 282 Min-naħa l-oħra, ir-rikorrenti jsostnu li l-iskema ta' riżoluzzjoni ma tagħmilx riferiment għar-raġuni għaliex miżuri ta' intervent bikri, ta' ristrutturar jew ta' superviżjoni prudenzjali ma kinux ġew adottati. F'dan ir-rigward, huma jsostnu li l-iskema ta' riżoluzzjoni sempliċement tindika li l-istituzzjoni kienet "falliment" mingħajr ma tispeċifika r-raġunijiet u mingħajr ma tispejga għaliex miżuri ta' intervent bikri ma kinux suffiċjenti. Fir-replika, ir-rikorrenti jżidu li, minħabba l-ommissjonijiet li jinsabu fl-aħħar verżjoni tal-iskema ta' riżoluzzjoni li saret pubblika mis-SRB, xorta ma sarux jafu r-raġunijiet li ġġustifikaw ir-riżoluzzjoni ta' Banco Popular u l-għażla tal-għodda ta' bejgħ tal-operat.
- 283 F'dan ir-rigward, mill-iskema ta' riżoluzzjoni jidher li s-SRB spjega li l-kundizzjonijiet previsti fl-Artikolu 18(1) tar-Regolament Nru 806/2014 ġew issodisfatti, fatt li jikkostitwixxi motivazzjoni suffiċjenti għall-adozzjoni ta' din l-iskema.
- 284 B'mod partikolari, fl-Artikolu 2 tal-iskema ta' riżoluzzjoni, is-SRB indika li l-BĊE kien ikkunsidra li Banco Popular kien f'sitwazzjoni ta' falliment li seħħ jew li x'aktarx ser iseħħ fuq il-bażi tal-Artikolu 18(1)(a) u l-paragrafu 4(c) tar-Regolament Nru 806/2014. Huwa rrileva li l-elementi oġġettivi kienu jindikaw li Banco Popular probabbilment ma kienx jista', fil-futur qrib, iħallas id-djun tiegħu jew impenji oħra meta dawn jilhqqu l-maturità tagħhom. Barra minn hekk, id-diffikultajiet ta' Banco Popular deskritti fl-evalwazzjoni tal-BĊE u mfakkra fl-iskema ta' riżoluzzjoni huma suffiċjenti sabiex jispjegaw li s-sitwazzjoni ta' falliment li seħħ jew li x'aktarx ser iseħħ ta' Banco Popular kienet tirriżulta mid-deterjorament tas-sitwazzjoni ta' likwidità tiegħu.

- 285 Minn dan jirriżulta li l-iskema ta' riżoluzzjoni hija mmotivata b'mod suffiċjenti skont il-liġi u li r-rikorrenti kienu f'pożizzjoni li jifhmu r-raġunijiet għall-falliment ta' Banco Popular u l-ġustifikazzjoni tal-adozzjoni tal-iskema ta' riżoluzzjoni.
- 286 Barra minn hekk, il-premessa 26 tal-iskema ta' riżoluzzjoni telenka l-miżuri meħuda sabiex isir tentattiv sabiex jissolvew id-diffikultajiet ta' Banco Popular qabel ir-riżoluzzjoni. L-Artikolu 3 tal-iskema ta' riżoluzzjoni jikkonċerna miżuri alternattivi u jindika, skont l-Artikolu 18(1)(b) tar-Regolament Nru 806/2014, li ma kien hemm l-ebda perspettiva raġonevoli li miżuri alternattivi ta' natura privata, jew miżuri prudenzjali, jew l-iżvalutazzjoni jew il-konverżjoni ta' strumenti ta' fondi proprji rilevanti, jipprekludu l-falliment ta' Banco Popular f'terminu raġonevoli.
- 287 B'mod partikolari, fl-Artikolu 3.3 tal-iskema ta' riżoluzzjoni, is-SRB qies li ma kien hemm l-ebda prospett raġonevoli li miżuri prudenzjali, inklużi miżuri ta' intervent bikri, jistgħu jipprekludu l-falliment ta' Banco Popular. Is-SRB rrileva li, fl-evalwazzjoni tiegħu dwar is-sitwazzjoni ta' falliment li seħħ jew li x'aktarx ser iseħħ ta' Banco Popular, il-BĊE kien ikkonferma li ma kien hemm l-ebda miżura prudenzjali jew ta' intervent bikri disponibbli li setgħet tirrestawra immedjatament il-pożizzjoni ta' likwidità tal-bank u li setgħet tippermettilu żmien suffiċjenti sabiex jimplimenta tranżazzjoni ta' negozju jew soluzzjoni oħra. Il-miżuri disponibbli għall-BĊE bħala awtorità kompetenti, skont it-traspożizzjoni nazzjonali tal-Artikolu 104 tad-Direttiva 2013/36, tal-Artikoli 27 sa 29 tad-Direttiva 2014/59 jew skont l-Artikolu 16 tar-Regolament Nru 1024/2013, ma setgħux jigarantixxu li l-bank ikun f'pożizzjoni li jissodisfa l-obbligi u d-djun l-oħra tiegħu meta jilhqqu l-maturità tagħhom, b'kunsiderazzjoni tal-firxa u tar-ritmu tad-deterjorament tal-pożizzjoni ta' likwidità osservata.
- 288 Minn dan jirriżulta li s-SRB kien spjega b'mod suffiċjenti fl-iskema ta' riżoluzzjoni r-raġunijiet għalfejn miżuri ta' intervent bikri ma kinux suffiċjenti sabiex jissolvew id-diffikultajiet ta' Banco Popular.
- 289 Fl-aħħar nett, hemm lok li jiġi rrilevat li l-premessi 44 sa 46 tal-iskema ta' riżoluzzjoni jispjegaw għaliex il-pjan ta' riżoluzzjoni tal-2016 u, b'mod partikolari, l-għodda ta' rikapitalizzazzjoni interna, prevista fl-Artikolu 27 tar-Regolament Nru 806/2014 ma ġewx segwiti.
- 290 L-Artikolu 5 tal-iskema ta' riżoluzzjoni jikkonċerna l-għażla tal-għodda ta' riżoluzzjoni, u s-SRB jispjega b'mod partikolari fl-Artikolu 5.3 ta' din l-iskema r-raġuni għalfejn l-għodda l-oħra elenkati fl-Artikolu 22(2) tar-Regolament Nru 806/2014 ma kinux jippermettu li jintlaħqu l-għanijiet tar-riżoluzzjoni sal-istess grad.
- 291 Hemm lok li jiġi kkunsidrat li l-iskema ta' riżoluzzjoni hija ġustifikata sal-grad rikjest mil-liġi u li dawn id-dispożizzjonijiet differenti tal-iskema ta' riżoluzzjoni jippermettu lir-rikorrenti jifhmu r-raġunijiet għall-għażla tal-għodda ta' bejgħ tal-operat bħala għodda ta' riżoluzzjoni.
- 292 Barra minn hekk, għandu jiġi rrilevat li l-argumenti tar-rikorrenti dwar in-nuqqas ta' motivazzjoni huma ġenerali, li ma jagħmlux riferiment għall-kontenut tal-iskema ta' riżoluzzjoni u ma jiġġustifikawx kif l-elementi li jinsabu fiha u msemmija iktar 'il fuq ma humiex suffiċjenti sabiex tintfieh il-portata tagħha.
- 293 Għaldaqstant, hemm lok li jiġi kkunsidrat li l-argumenti tar-rikorrenti ma humiex suffiċjenti sabiex tiġi stabbilita l-eżistenza ta' ksur tal-obbligu ta' motivazzjoni b'rabta mal-iskema ta' riżoluzzjoni.

- 294 Fit-tieni lok, ir-rikorrenti jsostnu, fir-rikors, li l-valutazzjoni 2 ma ġietx ikkomunikata lilhom, b'tali mod li kien impossibbli għalihom li jsiru jafu l-kriterji ta' evalwazzjoni użati mill-espert indipendenti.
- 295 Madankollu, il-valutazzjoni 2 ġiet ippubblikata fuq is-sit internet tas-SRB fit-2 ta' Frar u fil-31 ta' Ottubru 2018, f'verżjonijiet inqas u inqas ridotti.
- 296 Jeħtieġ li jiġi kkonstatat li, fir-replika, wara dawn il-pubblikazzjonijiet, ir-rikorrenti ma jqajmu l-ebda argument dwar motivazzjoni insuffiċjenti għall-valutazzjoni 2.
- 297 Fi kwalunkwe każ, hemm lok li jiġi rrilevat li, fil-valutazzjoni 2, Deloitte spjegat il-metodoloġija użata u, b'mod partikolari, indikat li, sabiex jiġi ddeterminat il-valur ekonomiku ta' Banco Popular, kienet użat ix-xenarju tal-bejgħ ta' Banco Popular b'applikazzjoni tal-għodda tal-bejgħ ta' operat, fatt li kien jeħtieġ li jiġu evalwati l-assi u l-obbligazzjonijiet li kellhom jinbiegħu fuq kundizzjonijiet kummerċjali. Hija spjegat li l-evalwazzjoni ekonomika tagħha kienet intiża sabiex tipprovdha stima tal-valur li kien ser jiġi offrut minn akkwirent potenzjali għall-bank kollu u li kien adotta approċċ skont il-kategorija ta' assi. Hija ddikjarat ukoll li kienet ibbażat ruħha fuq ir-rekwiżiti stabbiliti fl-Artikolu 36 tad-Direttiva 2014/59 (li jikkorrispondi għall-Artikolu 20 tar-Regolament Nru 806/2014) u fuq l-abbozz finali tal-istandards regolatorji tekniċi tal-Awtorità Bankarja Ewropea (EBA) Nru 2017/05, tat-23 ta' Mejju 2017, dwar il-valutazzjoni għall-finijiet tar-risoluzzjoni. Sussegwentement, fil-valutazzjoni 2, Deloitte spjegat l-approċċ tagħha użat sabiex tevalwa kull kategorija ta' assi.
- 298 Minn dan jirriżulta li l-kriterji ta' valutazzjoni użati fil-valutazzjoni 2 kienu spjegati b'mod suffiċjenti.
- 299 Fit-tielet lok, ir-rikorrenti jsostnu li, ladarba ġiet adottata l-iskema ta' risoluzzjoni, ma kien hemm l-ebda raġuni sabiex ma jiġux ippubblikati r-risoluzzjoni sħiħa u l-valutazzjoni 2. Fir-replika, huma jikkontestaw il-fatt li d-destinatarja tal-iskema ta' risoluzzjoni biss, jiġifieri l-FROB, kellha dritt għal deċiżjoni motivata. Ladarba r-rikorrenti għandhom il-*locus standi* sabiex jikkontestaw l-iskema ta' risoluzzjoni, huma għandhom id-dritt li jirċievu deċiżjoni motivata.
- 300 F'dan ir-rigward, hemm lok li jifakkar li r-rikorrenti ma humiex destinatarji tal-iskema ta' risoluzzjoni, li hija indirizzata lill-FROB. Ir-rikorrenti għandhom jitqiesu bħala partijiet terzi u għalhekk ma għandhomx dritt li tiġi kkomunikata lilhom l-iskema ta' risoluzzjoni.
- 301 Skont l-Artikolu 29(5) tar-Regolament Nru 806/2014, is-SRB għandu jippubblika fuq is-sit internet uffiċjali tiegħu kopja tal-iskema ta' risoluzzjoni jew notifika li tispjega fil-qasir l-effetti tal-miżura ta' risoluzzjoni, b'mod partikolari, l-effetti fuq il-klijenti fil-livell tal-konsumatur.
- 302 F'dan il-każ, fis-7 ta' Ġunju 2017, is-SRB ippubblika fuq is-sit internet tiegħu komunikazzjoni li tħabbar l-adozzjoni tal-iskema ta' risoluzzjoni, akkumpanjata minn dokument li jiġbor fil-qosor l-effetti tar-risoluzzjoni skont l-Artikolu 29(5) tar-Regolament Nru 806/2014. Fil-11 ta' Lulju 2017, is-SRB ippubblika verżjoni mhux kunfidenzjali tal-iskema ta' risoluzzjoni. Barra minn hekk, is-SRB ippubblika fuq is-sit internet tiegħu, fit-2 ta' Frar 2018 u sussegwentement fil-31 ta' Ottubru 2018, verżjonijiet mhux kunfidenzjali inqas ridotti tal-iskema ta' risoluzzjoni u tal-valutazzjoni 2.

303 Barra minn hekk, l-Artikolu 88(5) tar-Regolament Nru 806/2014 jipprovdi kif ġej:

“Qabel ma tiġi żvelata kwalunkwe informazzjoni, il-Bord għandu jiżgura li ma jkunx fiha informazzjoni kunfidenzjali, b'mod partikolari, billi jkunu valutati l-effetti li l-iżvelar jista' jkollu fuq l-interess pubbliku fir-rigward tal-politika finanzjarja, monetarja jew ekonomika, fuq l-interessi kummerċjali ta' persuni fiżiċi u ġuridiċi, fuq l-iskop tal-ispezzjonijiet, fuq investigazzjonijiet u fuq l-awditi. Il-proċedura tal-verifika tal-effetti tal-iżvelar tal-informazzjoni għandha tinkludi valutazzjoni speċifika tal-effetti ta' kwalunkwe żvelar tal-kontenut u d-dettalji tal-pjanijiet ta' riżoluzzjoni kif jingħad fl-Artikoli 8 u 9, tar-riżultat ta' kwalunkwe valutazzjoni mwettqa skont l-Artikolu 10 jew tal-iskema ta' riżoluzzjoni msemmija fl-Artikolu 18.”

304 Din id-dispożizzjoni tipprovdi espressament għall-obbligu tas-SRB li jiżgura, qabel il-pubblikazzjoni jew il-komunikazzjoni lil parti terza tal-iskema ta' riżoluzzjoni, li din ma tkunx tinkludi informazzjoni kunfidenzjali. Dan l-obbligu japplika wkoll għall-valutazzjoni 2 li tikkostitwixxi anness għall-iskema ta' riżoluzzjoni u li tiffirma parti integrali minnha skont l-Artikolu 12.2 tal-imsemmija riżoluzzjoni.

305 F'dan ir-rigward, hemm lok li jiġi rrilevat li l-Qorti tal-Ġustizzja diġà ddeċidiet li deċiżjoni tal-Kummissjoni li tikkonkludi li ma hemm l-ebda għajjnuna mill-Istat iddenunzjata minn lanjant tista', fid-dawl tal-obbligu tal-osservanza tal-kunfidenzjalità tal-kawżi, tkun suffiċjentement motivata mingħajr ma jiġu inklużi elementi figurattivi li fuqhom huwa bbażat dan ir-raġunament ta' din l-istituzzjoni (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tat-1 ta' Lulju 2008, *Chronopost u La Poste vs UFX* *et*, C-341/06 P u C-342/06 P, EU:C:2008:375, punti 108 sa 111). Għaldaqstant, verżjoni mhux kunfidenzjali ta' tali deċiżjoni, meta din turi b'mod ċar u mhux ekwivoku r-raġunament tal-imsemmija istituzzjoni kif ukoll il-metodoloġija użata minnha b'mod li tippermetti lill-persuni kkonċernati jiksbu konjizzjoni ta' dawn il-ġustifikazzjonijiet u lill-Qorti Ġenerali teżerċita l-istħarriġ tagħha fir-rigward tagħhom, hija suffiċjenti sabiex jiġi ssodisfatt l-obbligu ta' motivazzjoni impost fuq l-istess istituzzjoni (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tal-21 ta' Diċembru 2016, *Club Hotel Loutraki et vs Il-Kummissjoni*, C-131/15 P, EU:C:2016:989, punt 55).

306 Barra minn hekk, fir-rigward tal-elementi ekonomiċi użati minn Deloitte fil-valutazzjoni 2 u meħuda inkunsiderazzjoni mis-SRB fl-iskema ta' riżoluzzjoni, ma jistax jiġi kkontestat li dawn jaqgħu fl-ambitu ta' evalwazzjonijiet tekniċi kumplessi. Għaladarba l-iskema ta' riżoluzzjoni tkun turi b'mod ċar ir-raġunament segwit mis-SRB sabiex tkun tista' tiġi kkontestata ulterjorment il-fondatezza tagħha quddiem il-qorti kompetenti, ikun eċċessiv li tintalab motivazzjoni speċifika għal kull waħda mill-għażliet tekniċi jew għal kull wieħed mill-elementi figurattivi li fuqhom huwa bbażat dan ir-raġunament (ara, b'analoġija, is-sentenza tal-1 ta' Lulju 2008, *Chronopost u La Poste vs UFX et*, C-341/06 P u C-342/06 P, EU:C:2008:375, punt 108 u l-ġurisprudenza ċċitata).

307 Minn naħa, madankollu, r-rikorrenti ma jikkontestawx li l-iskema ta' riżoluzzjoni u l-valutazzjoni 2 jinkludu informazzjoni kunfidenzjali li s-SRB għandu obbligu li jipproteġi. Min-naħa l-oħra, huma ma speċifikawx sa liema punt id-data li baqgħet moħbija fil-verżjonijiet mhux kunfidenzjali tal-iskema ta' riżoluzzjoni u valutazzjoni 2 kienu neċessarji sabiex tintfieh l-iskema ta' riżoluzzjoni.

308 Għaldaqstant, ir-rikorrenti ma stabbilixxewx li s-SRB kiser l-obbligu tiegħu ta' motivazzjoni billi ħeba d-data ekonomika fil-verżjonijiet mhux kunfidenzjali tal-iskema ta' riżoluzzjoni u tal-valutazzjoni 2.

- 309 Għaldaqstant, hemm lok li jitqies li r-rikorrenti ma jistgħux jinvokaw dritt li jirċievu komunikazzjoni tal-verżjonijiet sħaħ tal-iskema ta' riżoluzzjoni u tal-valutazzjoni 2 u lanqas li dawn jiġu ppubblikati.
- 310 Fir-raba' lok, fir-replika, ir-rikorrenti sempleċement isostnu li l-assenza ta' publikazzjoni tal-valutazzjoni 1, li sussegwentement ġiet ipprovduta f'forma ridotta fi Frar 2018 u mbagħad f'forma inqas ridotta f'Ottubru 2018, żammithom milli jiksbu konjizzjoni ta' parti essenzjali tal-iskema ta' riżoluzzjoni.
- 311 Huwa suffiċjenti li jiġi kkonstatat li din l-allegazzjoni hija insuffiċjenti sabiex jiġi stabbilit ksur tal-obbligu ta' motivazzjoni, billi r-rikorrenti ma spjegawx il-parti tar-raġunament segwit mis-SRB fl-iskema ta' riżoluzzjoni li ma kinux ikunu kapaċi jifhmu minħabba l-assenza ta' publikazzjoni tat-totalità tal-valutazzjoni 1.
- 312 Fil-ħames lok, ir-rikorrenti jsostnu li s-SRB ma jistax jippretendi li huwa osserva l-obbligu ta' motivazzjoni tiegħu billi ppubblika fit-2 ta' Frar u fil-31 ta' Ottubru 2018 l-iskema ta' riżoluzzjoni u l-valutazzjonijiet 1 u 2 f'verżjonijiet inqas ridotti, billi dan l-obbligu ma jistax jiġi ssodisfatt *a posteriori*.
- 313 F'dan ir-rigward, huwa biżżejjed li jiġi kkonstatat li l-publikazzjonijiet suċċessivi fuq is-sit internet tas-SRB jikkonċernaw l-iskema ta' riżoluzzjoni u l-valutazzjonijiet 1 u 2 fil-verżjonijiet oriġinali tagħhom. Dawn il-publikazzjonijiet kienu maħsuba sabiex jagħtu lill-pubbliku aċċess usa' għal dawn id-dokumenti, billi jiżvelaw partijiet li oriġinarjament kienu kkunsidrati kunfidenzjali. Ma kienx kompitu tas-SRB li jippubblika informazzjoni li oriġinarjament ma kinitx inkluża fl-iskema ta' riżoluzzjoni jew fil-valutazzjonijiet 1 u 2 u li kienet maħsuba sabiex tissupplimenta l-motivazzjoni tagħha.
- 314 Fis-sitt lok, ir-rikorrenti jinvokaw, fir-replika, id-deċiżjonijiet tal-Bord tal-Appell tas-SRB tat-28 ta' Novembru 2017 u tad-19 ta' Ġunju 2018, adottati bi tweġiba għat-talbiet tagħhom għal aċċess għad-dokumenti skont l-Artikolu 90(1) tar-Regolament Nru 806/2014 u r-Regolament (KE) Nru 1049/2001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-30 ta' Mejju 2001 dwar l-aċċess pubbliku għad-dokumenti tal-Parlament Ewropew, tal-Kunsill u tal-Kummissjoni (ĠU 2001, L 145, p. 43), li warajhom s-SRB ippubblika, fi Frar u f'Ottubru 2018, fuq is-sit internet tiegħu, verżjonijiet inqas ridotti tal-iskema ta' riżoluzzjoni u l-valutazzjonijiet 1 u 2. Huma jsostnu li l-Bord tal-Appell tas-SRB indika li r-rifjut tal-aċċess għall-kontenut essenzjali tal-iskema ta' riżoluzzjoni u tal-valutazzjonijiet kien indikazzjoni ta' nuqqas ta' rispettt tad-dritt għal deċiżjoni motivata u għal protezzjoni ġudizzjarja effettiva.
- 315 F'dan ir-rigward, hemm lok li jiġi rrilevat li, fid-deċiżjoni tiegħu tat-28 ta' Novembru 2017, il-Bord tal-Appell tas-SRB indika li d-deċiżjoni tas-SRB li tiċħad kompletament l-aċċess għall-valutazzjoni 2 skont ir-Regolament Nru 1049/2001 kienet eċċessiva u li d-dikjarazzjoni tas-SRB li kwalunkwe żvelar tal-valutazzjoni 2, u għalhekk l-iżvelar tagħha f'verżjoni ridotta u mhux kunfidenzjali, kien jippreġudika l-għan tal-protezzjoni ta' interess protett mir-Regolament Nru 1049/2001 ma kinitx tissodisfa l-obbligu tal-motivazzjoni. Il-Bord tal-Appell qies ukoll li d-dikjarazzjonijiet tas-SRB li jiġġustifikaw l-eċċezzjoni għall-iżvelar tal-iskema ta' riżoluzzjoni kienu tant vagi u ġenerali li ma kinux jippermettu li jiġi osservat l-obbligu ta' motivazzjoni.

- 316 Għaldaqstant, l-evalwazzjonijiet tal-Bord tal-Appell tas-SRB dwar il-ksur tal-obbligu ta' motivazzjoni ma kinux marbuta mal-iskema ta' rizzoluzzjoni jew mal-valutazzjoni 2, iżda mad-deċiżjoni tas-SRB adottata fil-kuntest tar-Regolament Nru 1049/2001, li rrifjutat l-aċċess tar-rikorrenti għal dawn id-dokumenti.
- 317 Għall-kuntrarju ta' dak li jsostnu r-rikorrenti, mis-siltiet mid-deċiżjonijiet tal-Bord tal-Appell, iċċitati fir-replika, ma jirriżultax li dan tal-aħħar ikkunsidra li l-verżjoni tal-iskema ta' rizzoluzzjoni oriġinarjament ippubblikata mis-SRB kienet tikser l-obbligu ta' motivazzjoni. Kif jirrelewa s-SRB, il-Bord tal-Appell ma huwiex kompetenti sabiex jiddeċiedi dwar il-validità tal-iskema ta' rizzoluzzjoni u ma jistax jiddeċiedi dwar ksur tal-obbligu ta' motivazzjoni ta' dan tal-aħħar.
- 318 F'dan ir-rigward, jeħtieġ li jifakkar li kien wara d-deċiżjonijiet tal-Bord tal-Appell tat-28 ta' Novembru 2017 u tad-19 ta' Ġunju 2018, li s-SRB ippubblika fuq is-sit internet tiegħu, fit-2 ta' Frar u fil-31 ta' Ottubru 2018, verżjonijiet inqas ridotti tal-valutazzjonijiet 1 u 2 u tal-iskema ta' rizzoluzzjoni.
- 319 Għaldaqstant, id-deċiżjonijiet tal-Bord tal-Appell invokati mir-rikorrenti ma humiex rilevanti sabiex jiġi stabbilit ksur tal-obbligu ta' motivazzjoni tas-SRB fl-iskema ta' rizzoluzzjoni jew motivazzjoni insuffiċjenti tal-valutazzjoni 2.
- 320 Għaldaqstant, l-ewwel ilment tar-rikorrenti marbut mal-ksur tal-obbligu ta' motivazzjoni għandu jiġi miċħud.

– *Fuq it-tieni motiv, ibbażat fuq ksur tad-dritt ta' aċċess għall-fajl*

- 321 Ir-rikorrenti jsostnu li l-assenza ta' komunikazzjoni tal-valutazzjoni 2 tikkostitwixxi ksur tad-dritt tagħhom ta' aċċess għall-fajl, kif sanċit fl-Artikolu 41(2)(b) tal-Karta.
- 322 L-Artikolu 41(2)(b) tal-Karta dwar id-dritt għal amministrazzjoni tajba jipprovdi li dan id-dritt jinkludi d-dritt ta' aċċess ta' kull persuna għall-fajl li jikkonċernaha, filwaqt li jiġu osservati l-interessi leġittimi tal-kunfidenzjalità u tas-sigriet professjonali u kummerċjali.
- 323 Id-dritt ta' aċċess għall-fajl huwa previst fl-Artikolu 90(4) tar-Regolament Nru 806/2014 li jiddikjara:
- “Il-persuni li jkunu s-suġġett tad-deċiżjonijiet tal-Bord għandhom ikunu intitolati li jkollhom aċċess għall-fajl tal-Bord, suġġett għall-interess leġittimu ta' persuni oħra fil-ħarsien tas-sigriet tan-negozju tagħhom. Id-dritt ta' aċċess għall-fajl ma għandux ikun estiż għal informazzjoni kunfidenzjali jew għad-dokumenti preparatorji interni tal-Bord.”
- 324 Fil-kuntest ta' dan l-ilment, ir-rikorrenti bbażaw ruħhom, essenzjalment, fuq il-punti 81 sa 83 tas-sentenza tad-29 ta' Ġunju 1995, *Solvay vs Il-Kummissjoni* (T-30/91, EU:T:1995:115), li fihom il-Qorti Ġenerali ddeċidiet, fil-kuntest ta' proċedura amministrattiva fil-qasam tad-dritt tal-kompetizzjoni, li ma tistax tkun il-Kummissjoni biss li tiddeċiedi liema dokumenti huma utli għad-difiża tal-impriża kkonċernata. Fir-rigward ta' evalwazzjonijiet ekonomiċi diffiċli u kumplessi li għandhom jitwettqu, il-Kummissjoni għandha tagħti l-pariri ta' dik l-intrapriża kkonċernata dwar il-possibiltà li jiġu eżaminati dokumenti li jistgħu jkunu rilevanti, bil-ħsieb li jiġi vvalutat il-valur probatorju tagħhom għad-difiża. Il-Qorti Ġenerali żiedet li ma setgħetx taċċetta li l-Kummissjoni, meta ddeċidiet dwar il-ksur, iddisponiet biss dawk id-dokumenti

rilevanti waħedha u għalhekk setgħet tiddeċiedi waħedha jekk tużahomx kontra r-rikorrenti jew le, filwaqt li din tal-aħħar ma kellha l-ebda aċċess għalihom u għalhekk ma setgħetx tieħu d-deċiżjoni korrispondenti dwar jekk tużahomx jew le għad-difiża tagħha. F'tali ipoteżi, id-drittijiet tad-difiża li jibbenefikaw minnhom ir-rikorrenti waqt il-proċedura amministrattiva jiġu wisq ristretti meta mqabbla mas-setgħat tal-Kummissjoni.

- 325 F'dan ir-rigward, fl-ewwel lok, hemm lok li jitfakkar, li l-aċċess għall-fajl, fil-każijiet tal-kompetizzjoni, huwa b'mod partikolari intiż sabiex jippermetti lid-destinatarji ta' dikjarazzjoni tal-oġġezzjonijiet li jiksbu konjizzjoni tal-provi li jkunu fil-fajl tal-Kummissjoni, bil-għan li dawn ikunu jistgħu jesprimu ruħhom b'mod utli fuq il-konklużjonijiet li tkun waslet għalihom din tal-aħħar fid-dikjarazzjoni tal-oġġezzjonijiet tagħha, abbażi ta' dawn il-provi. Id-dritt ta' aċċess għall-fajl jimplika li l-Kummissjoni għandha tagħti lill-impriża kkonċernata l-possibbiltà li teżamina d-dokumenti kollha li jinsabu fil-fajl tal-investigazzjoni li jistgħu jkunu rilevanti għad-difiża ta' din l-impriża. Dawn jinkludu kemm provi li favur kif ukoll dawk li kontra, bl-eċċezzjoni ta' sigrieti kummerċjali ta' impriżi oħra, dokumenti interni tal-Kummissjoni u informazzjoni kunfidenzjali oħra (ara s-sentenza tal-14 ta' Mejju 2020, NKT Verwaltung u NKT vs Il-Kummissjoni, C-607/18 P, mhux ippubblikata, EU:C:2020:385, punti 261 u 262 u l-ġurisprudenza ċċitata).
- 326 Fit-tieni lok, skont ġurisprudenza stabbilita tal-Qorti tal-Ġustizzja, ir-rispett tad-drittijiet tad-difiża fi proċedura segwita quddiem il-Kummissjoni li jkollha l-għan li timponi multa fuq impriża għal ksur tar-regoli tal-kompetizzjoni jeħtieġ li l-impriża fil-mira titqiegħed f'pożizzjoni li tgħarraf b'mod utli l-perspettiva tagħha dwar ir-realtà u r-rilevanza tal-fatti u taċ-ċirkustanzi allegati kif ukoll dwar id-dokumenti użati mill-Kummissjoni insostenn tal-allegazzjoni tagħha tal-eżistenza tal-ksur. Dawn id-drittijiet huma msemija fl-Artikolu 41(2)(a) u (b) tal-Karta (ara s-sentenza tat-28 ta' Novembru 2019, Brugg Kabel u Kabelwerke Brugg vs Il-Kummissjoni, C-591/18 P, mhux ippubblikata, EU:C:2019:1026, punt 26 u l-ġurisprudenza ċċitata).
- 327 Fit-tielet lok, fir-rigward b'mod iktar ġenerali tar-rispett tad-drittijiet tad-difiża, kif sanċiti fl-Artikolu 41(2) tal-Karta, dan jinkludi d-dritt għal smiġħ u d-dritt ta' aċċess għall-fajl b'osservanza tal-interessi leġittimi tal-kunfidenzjalità (ara s-sentenza tat-18 ta' Lulju 2013, Il-Kummissjoni *et* vs Kadi, C-584/10 P, C-593/10 P u C-595/10 P, EU:C:2013:518, punt 99 u l-ġurisprudenza ċċitata; is-sentenza tat-2 ta' Diċembru 2020, Kalai vs Il-Kunsill, T-178/19, mhux ippubblikata, EU:T:2020:580, punt 73).
- 328 Fir-raba' lok, jeħtieġ li jitfakkar li l-ksur tad-dritt ta' aċċess għall-fajl matul il-proċedura qabel l-adozzjoni ta' deċiżjoni x'aktarx, bħala prinċipju, jwassal għall-annullament ta' dik id-deċiżjoni meta jkun ippreġudika d-drittijiet tad-difiża (ara s-sentenzi tal-25 ta' Ottubru 2011, Solvay vs Il-Kummissjoni, C-109/10 P, EU:C:2011:686, punt 55 u l-ġurisprudenza ċċitata, u tal-15 ta' Lulju 2015, Akzo Nobel *et* vs Il-Kummissjoni, T-47/10, EU:T:2015:506, punt 349 (mhux ippubblikata) u l-ġurisprudenza ċċitata).
- 329 Mill-ġurisprudenza ċċitata fil-punti 325 sa 328 iktar 'il fuq jirriżulta li kemm id-dritt ta' aċċess għall-fajl sanċit fl-Artikolu 41(2)(b) tal-Karta kif ukoll, b'mod iktar speċifiku, l-aċċess għall-fajl fil-kawżi tal-kompetizzjoni huma marbuta ma' persuni jew impriżi suġġetti għal proċeduri miftuħa jew deċiżjonijiet meħuda kontrihom.
- 330 Madankollu, fil-kawża odjerna, mill-Artikolu 90(4) tar-Regolament Nru 806/2014 jirriżulta li d-dritt ta' aċċess għall-fajl jikkonċerna l-entità suġġetta għall-iskema ta' rizzoluzzjoni, jiġifieri Banco Popular, u mhux l-azzjonisti jew il-kredituri tagħha.

- 331 Konsegwentement, ir-rikorrenti ma jistgħux jinvokaw id-dritt ta' aċċess għall-fajl.
- 332 Barra minn hekk, kemm l-Artikolu 41(2)(b) tal-Karta kif ukoll l-Artikolu 90(4) tar-Regolament Nru 806/2014 jipprovdu li ċerta data tista' tiġi protetta jekk din tkun kunfidenzjali.
- 333 Minn dan isegwi li r-rikorrenti ma jistgħux isostnu li l-assenza ta' komunikazzjoni mis-SRB tal-valutazzjoni 2 matul il-proċedura amministrattiva li wasslet għall-adozzjoni tal-iskema ta' rizzoluzzjoni tikkostitwixxi ksur tad-dritt ta' aċċess għall-fajl sanċit fl-Artikolu 41(2)(b) tal-Karta.
- 334 Fl-aħħar, sa fejn, permezz ta' dan l-ilment, ir-rikorrenti jinvokaw dritt għall-komunikazzjoni tal-valutazzjoni 2 wara l-adozzjoni tal-iskema ta' rizzoluzzjoni, hemm lok li jiġi rrilevat li tali komunikazzjoni sussegwenti ma taqax taħt id-dritt ta' aċċess għall-fajl sanċit fl-Artikolu 41(2)(b) tal-Karta.
- 335 Fi kwalunkwe każ, għandu jifakkar li, kif jindikaw ir-rikorrenti, huma ressu quddiem s-SRB talbiet għall-aċċess għad-dokumenti skont ir-Regolament Nru 1049/2001, li wasslu lis-SRB sabiex jippubblika fuq is-sit internet tiegħu, fit-2 ta' Frar 2018 u mbaġħad fil-31 ta' Ottubru 2018, verżjonijiet mhux kunfidenzjali tal-valutazzjoni 2.
- 336 Barra minn hekk, mill-analiżi tal-ewwel ilment jirriżulta li, sa fejn ir-rikorrenti la huma destinatari tal-iskema ta' rizzoluzzjoni u lanqas tal-valutazzjoni 2 li tikkostitwixxi anness għaliha u sa fejn huma ma jikkontestawx li l-valutazzjoni 2 tinkludi data kunfidenzjali, huma ma jistgħux isostnu dritt għall-komunikazzjoni ta' verżjoni sħiħa tal-valutazzjoni 2, u lanqas għall-pubblikazzjoni tagħha.
- 337 Konsegwentement, it-tieni lment, relatat ma' ksur tad-dritt ta' aċċess għall-fajl, għandu jiġi miċħud.

– *Fuq it-tielet ilment, relatat mal-ksur tad-dritt għal rimedju effettiv*

- 338 Fl-ewwel u r-raba' motiv, ir-rikorrenti jsostnu li hemm ksur tad-dritt għal rimedju effettiv, sanċit fl-Artikolu 47 tal-Karta, minn naħa minħabba n-nuqqas ta' motivazzjoni għall-iskema ta' rizzoluzzjoni u, min-naħa l-oħra, ksur tad-drittijiet tagħhom ta' difiża u tal-prinċipju ta' opportunitajiet ugwali għall-partijiet, peress li s-SRB ċaħdilhom l-aċċess għall-iskema ta' rizzoluzzjoni u l-valutazzjoni 2 fl-intier tagħhom.
- 339 Huwa importanti li jiġi enfasizzat li l-effettività tal-istħarriġ ġudizzjarju ggarantit mill-Artikolu 47 tal-Karta teżiġi li l-persuna kkonċernata tkun tista' tkun taf ir-raġunijiet li fuqhom tkun ibbażata d-deċiżjoni meħuda fil-konfront tagħha jew minn qari tad-deċiżjoni stess, jew minn komunikazzjoni ta' dawn ir-raġunijiet magħmula fuq talba tagħha, bla ħsara għas-setgħa tal-qorti kompetenti li teżiġi li l-awtorità inkwistjoni tikkomunikahom, sabiex il-persuna kkonċernata tkun tista' tiddefendi d-drittijiet tagħha fl-aħjar kundizzjonijiet possibbli u sabiex tkun tista' tiddeċiedi b'għarfien sħiħ tal-fatti jekk ikunx utli li tersaq quddiem il-qorti kompetenti, kif ukoll sabiex din tal-aħħar tkun tista' teżerċita b'mod sħiħ l-istħarriġ tal-legalità tad-deċiżjoni nazzjonali inkwistjoni (ara s-sentenzi tas-26 ta' April 2018, *Donnellan*, C-34/17, EU:C:2018:282, punt 55 u l-ġurisprudenza ċċitata; tal-24 ta' Novembru 2020, *Minister van Buitenlandse Zaken*, C-225/19 u C-226/19, EU:C:2020:951, punt 43 u l-ġurisprudenza ċċitata, u tat-3 ta' Frar 2021, *Ramazani Shadary vs Il-Kunsill*, T-122/19, mhux ippubblikata, EU:T:2021:61, punt 50 u l-ġurisprudenza ċċitata).

- 340 Hemm lok li jiġi rrilevat li mill-analiżi tal-ewwel ilment jirriżulta li l-argument tar-rikorrenti dwar il-ksur tal-obbligu ta' motivazzjoni ġie miċħud. Mill-analiżi tal-ewwel u tat-tieni lment jirriżulta wkoll li r-rikorrenti ma kellhomx dritt għall-komunikazzjoni tal-verżjonijiet sħaħ tal-iskema ta' riżoluzzjoni jew tal-valutazzjoni 2 u lanqas dritt li dawn jiġu ppubblikati.
- 341 Għaldaqstant, l-allegazzjonijiet tar-rikorrenti f'dan l-ilment relatati mal-ksur tad-drittijiet tad-difiża, mal-ksur tal-prinċipju ta' opportunitajiet ugwali għall-partijiet u mal-ksur tad-dritt għal rimedju effettiv, sa fejn dawn huma bbażati fuq l-istess argumenti, għandhom jiġu miċħuda.
- 342 Barra minn hekk, jeħtieġ li jifakkar li s-SRB ippubblika fuq is-sit internet tiegħu, fil-11 ta' Lulju 2017, verżjoni mhux kunfidenzjali tal-iskema ta' riżoluzzjoni. Ir-rikorrenti, wara li kellhom aċċess għaliha, setgħu jikkontestaw din l-iskema quddiem il-Qorti Ġenerali permezz tar-rikors odjern.
- 343 Barra minn hekk, wara l-introduzzjoni tar-rikors odjern u wara d-deċiżjonijiet tal-Bord tal-Appell tas-SRB imsemmija fil-punt 314 iktar 'il fuq, is-SRB ippubblika fuq is-sit internet tiegħu, fit-2 ta' Frar u fil-31 ta' Ottubru 2018, jiġifieri qabel ma ġiet ippreżentata r-replika, verżjonijiet inqas ridotti tal-iskema ta' riżoluzzjoni u tal-valutazzjoni 2. Ir-rikorrenti għalhekk setgħu jippreżentaw argumenti dwar dawn il-verżjonijiet.
- 344 Sa fejn ġie kkonstatat li r-rikorrenti ma kinux stabbilew li l-verżjonijiet tal-iskema ta' riżoluzzjoni u tal-valutazzjoni 2, ippubblikati fuq is-sit internet tas-SRB u li kellhom aċċess għalihom, ma kinux motivati biżżejjed, huma ma jistgħux isostnu li aċċess għal verżjoni sħiħa kien meħtieġ għall-eżerċizzju tad-drittijiet tagħhom tad-difiża jew tad-dritt tagħhom għal rimedju effettiv.
- 345 Barra minn hekk, il-Qorti Ġenerali għandha l-fakultà li titlob lis-SRB jipproduċi kwalunkwe dokument li hija tqis rilevanti sabiex tiddeċiedi dwar it-tilwima, permezz ta' miżura ta' organizzazzjoni tal-proċedura jew permezz ta' miżura istruttoria, skont l-Artikoli 91(b) u 92(3), tar-Regoli tal-Proċedura. Madankollu, skont l-Artikolu 103(1) tal-istess regoli, il-Qorti Ġenerali tista' tqis li ċerta informazzjoni inkluża f'dawn id-dokumenti hija kunfidenzjali u b'hekk tiddeċiedi li ma tiġix ikkomunikata lill-partijiet l-oħra, b'mod partikolari lir-rikorrenti.
- 346 Minn dan jirriżulta li deċiżjoni tal-Qorti Ġenerali li tordna l-produzzjoni tad-dokumenti msemmija fit-talba tar-rikorrenti ma tiggarrantixxix aċċess lil dawn tal-aħħar għall-kontenut sħiħ ta' dawn id-dokumenti jekk il-Qorti Ġenerali tqis li dawn jinkludu data kunfidenzjali.
- 347 Barra minn hekk, f'dan il-każ, il-Qorti Ġenerali, fit-12 ta' Mejju 2021, permezz ta' digriet ta' miżuri istruttorji, talbet lis-SRB sabiex jipproduċi ċerti dokumenti, inklużi verżjonijiet kunfidenzjali tal-iskema ta' riżoluzzjoni, tal-valutazzjoni 2 u tal-evalwazzjoni tal-BĊE dwar is-sitwazzjoni ta' falliment li seħħ jew li x'aktarx ser iseħħ ta' Banco Popular. B'konformità mal-Artikolu 103 tar-Regoli tal-Proċedura, wara li eżaminat il-kontenut ta' dawn id-dokumenti, il-Qorti Ġenerali qieset li l-elementi li baqgħu moħbija fil-verżjonijiet ta' dawn id-dokumenti ppubblikati fis-siti internet tas-SRB u tal-BĊE ma kinux rilevanti għas-soluzzjoni ta' din it-tilwima. Għaldaqstant, permezz ta' digriet tad-9 ta' Ġunju 2021, il-Qorti Ġenerali sfilzat il-verżjonijiet kunfidenzjali ta' dawn id-dokumenti mill-proċess.
- 348 Barra minn hekk, l-argumenti l-oħra tar-rikorrenti intiżi li jistabbilixxu ksur tad-dritt tagħhom għal rimedju effettiv għandhom ukoll jiġu miċħuda.

- 349 Minn naħa, huwa b'mod żbaljat li r-rikorrenti jibbażaw ruħhom fuq il-ġurisprudenza fil-qasam tal-miżuri restrittivi, li skonthom l-osservanza tal-obbligu ta' komunikazzjoni tal-motivi ta' deċiżjoni hija meħtieġa sabiex id-destinatarji ta' tali miżuri jkunu jistgħu jiddefendu d-drittijiet tagħhom fl-aħjar kundizzjonijiet u sabiex jiġi rrispettat id-dritt għal protezzjoni ġudizzjarja effettiva.
- 350 Fil-fatt, b'differenza mill-miżuri restrittivi li bihom persuna tiġi imposta fuqha miżura individwali ta' sanzjoni ekonomika u finanzjarja (iffriżar ta' fondi), l-iskema ta' riżoluzzjoni ma tikkostitwixxi miżura individwali adottata kontra azzjonisti ta' Banco Popular u, konsegwentement, kontra r-rikorrenti.
- 351 Għaldaqstant, il-ġurisprudenza ċċitata mir-rikorrenti ma hijiex applikabbli f'dan il-każ.
- 352 Min-naħa l-oħra, ir-rikorrenti jsostnu, fir-replika, li l-Bord tal-Appell tas-SRB kien jikkunsidra li, billi ċaħdilhom l-aċċess għall-kontenut essenzjali tal-iskema ta' riżoluzzjoni u għall-valutazzjonijiet 1 u 2, is-SRB kiser id-dritt tagħhom għal rimedju effettiv.
- 353 Hemm lok li jiġi rrilevat li r-rikorrenti ma jispeċifikawx għal liema deċiżjoni tal-Bord tal-Appell, dik tat-28 ta' Novembru 2017 jew dik tad-19 ta' Ġunju 2018, huma jirreferu, li ma jippermettix lill-Qorti Ġenerali tidentifika b'mod preċiż l-elementi li tista' tqis bħala l-bażi għal dan l-argument.
- 354 Fi kwalunkwe każ, huwa biżżejjed li jittfakkar li, skont l-Artikolu 85(3) u l-Artikolu 90(3) tar-Regolament Nru 806/2014, il-Bord tal-Appell huwa kompetenti li jiddeċiedi dwar appell ippreżentat kontra deċiżjoni konfermattiva tas-SRB, adottata abbażi tar-Regolament Nru 1049/2001, dwar applikazzjoni għall-aċċess għal dokumenti. Ir-rwol tiegħu huwa li jeżamina jekk is-SRB iġġustifikax b'mod xieraq ir-rifjut tal-aċċess għad-dokumenti fid-dawl tal-eċċezzjonijiet previsti f'dan ir-regolament u mhux sabiex jevalwa l-legalità tad-deċiżjonijiet bħall-iskema ta' riżoluzzjoni u l-valutazzjonijiet 1 u 2.
- 355 Fl-aħħar, ir-rikorrenti jinvolkaw ksur tal-prinċipju tal-opportunitajiet ugwali għall-partijiet.
- 356 F'dan ir-rigward, skont il-ġurisprudenza, il-prinċipju ta' opportunitajiet ugwali għall-partijiet, li jiffirma parti integrali mill-prinċipju ta' protezzjoni ġudizzjarja effettiva tad-drittijiet li l-partijiet fil-kawża jisiltu mid-dritt tal-Unjoni, sanċit fl-Artikolu 47 tal-Karta, sa fejn huwa korollarju, bħal b'mod partikolari l-prinċipju ta' kontradittorju, tal-kunċett stess ta' smiġħ xieraq, jimplika l-obbligu li kull parti tingħata possibbiltà raġonevoli li tippreżenta l-każ tagħha, inkluż il-provi tagħha, f'kundizzjonijiet li ma jpoġġuhiex f'sitwazzjoni ta' żvantaġġ sostanzjali meta mqabbla mal-avversarju tagħha (ara s-sentenza tas-16 ta' Ottubru 2019, Glencore Agriculture Hungary, C-189/18, EU:C:2019:861, punt 61 u l-ġurisprudenza ċċitata).
- 357 Dan il-prinċipju għandu l-għan li jiżgura l-ekwilibriju proċedurali bejn il-partijiet f'kawża, billi jggarantixxi l-ugwaljanza tad-drittijiet u tal-obbligi ta' dawn il-partijiet f'dak li jirrigwarda, b'mod partikolari, ir-regoli li jirregolaw il-produzzjoni tal-provi u t-trattazzjonijiet quddiem il-qorti kif ukoll id-drittijiet għal azzjoni legali ta' dawn il-partijiet. Sabiex jiġu ssodisfatti r-rekwiżiti relatati mad-dritt għal smiġħ xieraq, huwa importanti li l-partijiet ikollhom għarfien u jkollhom l-opportunità ta' trattazzjoni kemm fuq punti ta' fatt kif ukoll fuq punti ta' liġi li huma deċiżivi għall-eżitu tal-proċedura (ara sentenza tas-16 ta' Ottubru 2019, Glencore Agriculture Hungary, C-189/18, EU:C:2019:861, punt 62 u l-ġurisprudenza ċċitata).

358 Madankollu, billi s-SRB ma jikkostitwixxix qorti fis-sens tal-Artikolu 47 tal-Karta, u peress li għaldaqstant din id-dispożizzjoni ma hijiex applikabbli f'dan il-każ, ir-rikorrenti ma jistgħux jinvokaw b'mod validu d-dritt għal proċess ġust fil-konfront tal-iskema ta' riżoluzzjoni (ara, b'analoġija, is-sentenza tal-11 ta' Mejju 2017, *Deza vs L-Aġenzija Ewropea għas-Sustanzi Kimiċi*, T-115/15, EU:T:2017:329, punt 213).

359 Konsegwentement, it-tielet ilment relatat ma' ksur tad-dritt għal rimedju effettiv għandu jiġi miċħud.

360 Minn dan isegwi li l-ewwel u r-raba' motiv għandhom jiġu miċħuda bħala infondati.

Fuq il-ħames motiv, ibbażat fuq ksur tal-Artikolu 18(1) tar-Regolament Nru 806/2014 u l-Artikolu 32 tad-Direttiva 2014/59

361 Ir-rikorrenti jsostnu li s-SRB kiser l-Artikolu 18(1) tar-Regolament Nru 806/2014 u l-Artikolu 32 tad-Direttiva 2014/59 u wettaq żball manifest ta' evalwazzjoni sa fejn il-kundizzjonijiet previsti f'dawk id-dispożizzjonijiet għall-adozzjoni tal-iskema ta' riżoluzzjoni ma kinux issodisfatti. Huma jirrivaw li l-problema ta' Banco Popular ma kinitx problema ta' solvenza, iżda problema ta' likwidità, b'tali mod li l-iskema ta' riżoluzzjoni ma kinitx neċessarja.

362 Preliminarjament, jeħtieġ li jiġi rrilevat li, peress li l-iskema ta' riżoluzzjoni ma hijiex ibbażat fuq l-Artikolu 32 tad-Direttiva 2014/59, dan il-motiv huwa ineffettiv peress li huwa bbażata fuq ksur ta' dik id-dispożizzjoni.

363 L-Artikolu 18(1) tar-Regolament Nru 806/2014 jipprevedi li s-SRB għandu jadotta skema ta' riżoluzzjoni biss jekk iqis li l-kundizzjonijiet li ġejjin huma ssodisfatti:

“(a) l-entità qed tfalli jew x'aktarx li tfalli;

(b) b'kont meħud taż-żmien u ta' ċirkostanzi rilevanti oħra, ma hemmx prospett raġonevoli li xi miżura alternattiva tas-settur privat, inklużi miżuri minn IPS, jew azzjoni ta' superviżjoni, inklużi miżuri ta' intervent bikri jew valwazzjoni negattiva jew konverżjoni tal-istrumenti kapitali rilevanti skont l-Artikolu 21, meħuda fir-rigward tal-entità, jistgħu jimpedixxu l-falliment tagħha fl-limitu ta' żmien raġonevoli;

ċ) hija meħtieġa azzjoni ta' riżoluzzjoni fl-interess pubbliku skont il-paragrafu 5.”

364 Dan il-motiv għandu essenzjalment jinqasam fi tliet partijiet, li jikkorrispondu għal kull waħda mill-kundizzjonijiet previsti fl-Artikolu 18(1) tar-Regolament Nru 806/2014.

– Fuq l-ewwel parti, marbuta mal-ewwel kundizzjoni prevista fl-Artikolu 18(1)(a) tar-Regolament Nru 806/2014

365 Ir-rikorrenti jsostnu li, billi Banco Popular kien qiegħed jesperjenza problema ta' likwidità, mhux problema ta' solvenza, ma kinitx f'sitwazzjoni ta' falliment attwali jew prevedibbli fis-sens tal-Artikolu 18(1)(a) tar-Regolament Nru 806/2014.

- 366 Għandu jifakkar, fl-ewwel lok, li fis-6 ta' Ġunju 2017, il-BĊE wettaq evalwazzjoni dwar is-sitwazzjoni ta' falliment li seħħ jew li x'aktarx ser iseħħ ta' Banco Popular, wara li kkonsulta s-SRB, skont it-tieni subparagrafu tal-Artikolu 18(1) tar-Regolament Nru 806/2014. F'din l-evalwazzjoni, il-BĊE, filwaqt li ħa inkunsiderazzjoni, b'mod partikolari, il-ħruġ eċċessiv ta' depożiti, il-ħeffa li biha l-bank kien tilef il-likwidità u l-inkapaċità tiegħu li jiġġenera likwiditajiet oħrajn, ikkunsidra li kienu jeżistu elementi oġġettivi li jindikaw li Banco Popular probabbilment ma kienx ser ikun f'pożizzjoni fil-futur qarib li jħallas id-djun tiegħu jew l-obbligi l-oħra tiegħu meta dawn jilħqu l-maturità tagħhom. Il-BĊE kkonkluda li l-falliment ta' Banco Popular kien meqjus li seħħ jew, fi kwalunkwe każ, li x'aktarx ser iseħħ fil-futur qarib, b'mod konformi mal-Artikolu 18(1)(a) u (4)(c) tar-Regolament Nru 806/2014.
- 367 Fit-tieni lok, b'ittra tas-6 ta' Ġunju 2017, il-bord tad-diretturi ta' Banco Popular informa lill-BĊE li kien wasal għall-konklużjoni li l-bank kien f'sitwazzjoni ta' falliment li x'aktarx ser iseħħ.
- 368 Kuntrarjament għal dak li jsostnu r-rikorrenti, din il-konklużjoni tal-Bord tad-Diretturi ta' Banco Popular ma tistax titwarrab bħala irrilevanti minħabba li l-membri tal-Bord tad-Diretturi ta' Banco Popular aċċettaw, meta ffaċċjati bit-theddida ta' responsabbiltà personali u li jiġu ssanzjonati mill-BĊE, li jiddikjaraw formalment l-allegat falliment tal-bank fuq talba tas-SRB. Fil-fatt, fl-assenza ta' kull indizju konkret, dan l-argument għandu jiġi miċħud bħala purament spekulattiv.
- 369 Fl-ittra tiegħu lill-BĊE tas-6 ta' Ġunju 2017, Banco Popular jirreferi għan-notifika magħmula lill-BĊE skont l-Artikolu 414 tar-Regolament Nru 575/2013 dwar il-ksur tar-rekwiżiti minimi fil-qasam tal-kopertura tal-bżonnijiet ta' likwidità u jirreferi għall-evalwazzjoni mwettqa mill-Bord tad-Diretturi tagħha, li tinsab fl-anness, li skontha Banco Popular kien f'sitwazzjoni ta' falliment, u għall-informazzjoni u l-analiżi li fuqhom dan tal-aħħar kien ibbaża ruħu sabiex jasal għal dik il-konklużjoni.
- 370 F'din l-ittra, hemm indikat:
- “Skont l-Artikolu 21.4 tal-Liġi 11/2015 u l-Artikoli 45 u 46 tar-Regolament Delegat (UE) 2016/1075 [tal-Kummissjoni tat-23 ta' Marzu 2016 li jissupplimenta d-Direttiva 2014/59/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward ta' standards tekniċi regolatorji li jispeċifikaw il-kontenut tal-pjanijiet ta' rkupru, il-pjanijiet ta' rizzoluzzjoni u l-pjanijiet ta' rizzoluzzjoni tal-grupp, il-kriterji minimi li l-awtorità kompetenti trid tivvaluta fir-rigward tal-pjanijiet ta' rkupru u l-pjanijiet ta' rkupru tal-grupp, il-kundizzjonijiet għall-appoġġ finanzjarju tal-grupp, ir-rekwiżiti għall-valutaturi indipendenti, ir-rikonoxximent kuntrattwali tas-setgħat ta' żvalutazzjoni u ta' konverżjoni u l-avviż tas-sospensjoni u l-funzjonament operattivi tal-kulleġġi ta' rizzoluzzjoni (ĠU 2016, L 184, p. 1)], Banco Popular nnotifika bil-preżenti li l-kunsill ta' amministrazzjoni tiegħu evalwa li l-bank kien f'sitwazzjoni ta' falliment li aktarx ser iseħħ.”
- 371 Fit-tielet lok, fl-Artikolu 2 tal-iskema ta' rizzoluzzjoni, is-SRB fakkar il-konklużjoni tal-evalwazzjoni tal-BĊE u kkonkluda, fl-Artikolu 2.2 li, wara l-evalwazzjoni tal-BĊE, il-kundizzjoni prevista fl-Artikolu 18(1)(a) tar-Regolament Nru 806/2014 kienet ġiet issodisfatta.

372 Għalhekk, f'dan il-każ, is-sitwazzjoni ta' falliment li seħħ jew li aktarx ser iseħħ ta' Banco Popular ġiet ikkonstatata fuq il-bażi tal-Artikolu 18(4)(c) tar-Regolament Nru 806/2014, li skontu, għall-finijiet tal-paragrafu 1(a) tal-istess artikolu, il-falliment ta' entità jitqies bħala li seħħ jew li aktarx ser iseħħ jekk din issib ruħha fis-sitwazzjoni li ġejja:

“[L-]entità hija, jew hemm elementi oġġettivi li jsostnu determinazzjoni li dik l-entità se tkun, fil-futur qrib, f'pożizzjoni li ma tistax tħallas id-dejn tagħha jew obbligazzjonijiet oħrajn malli jsiru dovuti”.

373 Fl-ewwel lok, jeħtieġ li jiġi rrilevat li la l-BĊE u lanqas is-SRB ma bbażaw ruħhom fuq is-sitwazzjoni prevista fl-Artikolu 18(4)(b) tar-Regolament Nru 806/2014, skont liema l-falliment ta' entità jitqies bħala li seħħ jew li aktarx ser iseħħ meta “l-assi tal-entità huma, jew hemm elementi oġġettivi li jsostnu determinazzjoni li l-assi tal-entità se jkunu, fil-futur qrib, inqas mill-obbligazzjonijiet tagħha”.

374 Għaldaqstant, l-insolvenza tal-entità ma hijiex kundizzjoni għall-konstatazzjoni tal-falliment li seħħ jew li aktarx ser iseħħ abbażi tal-Artikolu 18(4)(c) tar-Regolament Nru 806/2014 u, għalhekk, ma hijiex kundizzjoni għall-adozzjoni ta' miżura ta' riżoluzzjoni.

375 F'dan ir-rigward, kif jirrileva s-SRB, mill-premessa 57 tar-Regolament Nru 806/2014 jirriżulta li:

“Id-deċizzjoni li entità tiddaħħal fi proċess ta' riżoluzzjoni għandha tittieħed qabel ma entità finanzjarja ssir insolventi skont il-karta tal-bilanċ u qabel tispiċċa fix-xejn l-ekwità kollha. Riżoluzzjoni għandha tinbeda wara li jiġi determinat li entità qed tfalli jew x'aktarx li se tfalli u li l-ebda miżura alternattiva tas-settur privat mhi se tipprevjeni tali falliment f'qafas ta' żmien raġonevoli. [...]”

376 Għaldaqstant, għall-kuntrarju ta' dak li jsostnu r-rikorrenti, l-insolvenza ta' Banco Popular ma kinitx l-unika ipoteżi li fiha setgħet titqies f'sitwazzjoni ta' falliment li seħħ jew li x'aktarx ser iseħħ fis-sens tal-Artikolu 18(1)(a) tar-Regolament Nru 806/2014.

377 Billi s-sitwazzjoni prevista fl-Artikolu 18(4)(c) tar-Regolament Nru 806/2014 ma tirrikjedix li l-entità kkonċernata tkun insolventi, l-argumenti tar-rikorrenti intiżi li juru li Banco Popular kien solventi fid-data tal-iskema ta' riżoluzzjoni huma ineffettivi. Fil-fatt, il-fatt li entità hija solventi fuq il-karta tal-bilanċ tagħha ma jimplikax li għandha likwidità suffiċjenti, jiġifieri, fondi disponibbli sabiex tħallas id-djun tagħha jew obbligi oħra li jilhqqu l-maturità tagħhom.

378 Minn dan jirriżulta wkoll li, għall-kuntrarju ta' dak li jsostnu r-rikorrenti, id-dikjarazzjoni li tinsab fil-valutazzjoni 1, li Banco Popular kien solventi b'assi netti ta' iktar minn EUR 8.4 biljun, ma tikkontradixxix il-konstatazzjoni li Banco Popular kien f'sitwazzjoni ta' falliment li seħħ jew li x'aktarx ser iseħħ. Billi din l-aħħar konstatazzjoni tirriżulta mill-evalwazzjoni tal-BĊE u mhux mill-valutazzjoni 1 jew mill-valutazzjoni 2, l-argument tar-rikorrenti li dawn il-valutazzjonijiet huma kontradittorji fir-rigward tas-sitwazzjoni ta' solvenza ta' Banco Popular ukoll huwa ineffettiv.

379 Fit-tieni lok, hemm lok li jiġi rrilevat li r-rikorrenti jammettu li Banco Popular kellu problemi ta' likwidità fid-data tal-iskema ta' riżoluzzjoni. Barra minn hekk, huma ma jqajmu l-ebda argument intiż li jikkontesta li Banco Popular kien, fid-data tal-iskema ta' riżoluzzjoni, fis-sitwazzjoni prevista fl-Artikolu 18(4)(c) tar-Regolament Nru 806/2014, jiġifieri li Banco Popular fil-futur qarib probabbilment mhux ser ikun f'pożizzjoni li jħallas id-djun tiegħu jew obbligi oħra meta dawn jilhqqu l-maturità tagħhom.

- 380 F'dan ir-rigward, jeħtieġ li jiġi rrilevat li, fil-premessa 23 tal-iskema ta' rizzoluzzjoni, is-SRB, filwaqt li għamel riferiment għall-evalwazzjoni mwettqa mill-BĊE, ikkonstata li s-sitwazzjoni tal-likwidità ta' Banco Popular kienet iddeterjorat b'mod sinjifikattiv minn Ottubru 2016, minħabba għid ta' depożiti fis-segmenti kollha tal-klijentela. Minn dan huwa ddeduċa li l-bank ma kellux opzjonijiet suffiċjenti sabiex jirrestawra l-pożizzjoni ta' likwidità tiegħu bil-għan li jiżgura li jkun f'pożizzjoni stabbli sabiex jissodisfa l-obbligi tiegħu meta dawn jilhqnu l-maturità tagħhom.
- 381 Fl-iskema ta' rizzoluzzjoni, is-SRB elenka d-diversi avvenimenti li wasslu, minn Frar 2017, għal deterjorament rapidu tal-pożizzjoni ta' likwidità ta' Banco Popular. Is-SRB jirreferi b'mod partikolari għall-pubblikazzjoni, fi Frar 2017, tar-rapport annwali tal-2016 ta' Banco Popular li ħabbar telf ikkonsolidat ta' EUR 3.485 biljun, ħtieġa għal provvedimenti eċċezzjonali li jammontaw għal EUR 5.7 biljun u l-ħatra ta' president għdid, kif ukoll għall-pubblikazzjoni f'Mejju tal-2017, tar-rapport finanzjarju għall-ewwel trimestru tal-2017 li jħabbar ir-riżultati inqas tajbin minn dawk mistennija mis-suq. Is-SRB rrefera għat-tnaqqis fil-grad ta' Banco Popular minn diversi aġenziji tal-klassifikazzjoni fi Frar, f'April u f'Ġunju tal-2017. Huwa rrileva wkoll li l-kopertura kontinwa negattiva tal-media dwar ir-riżultati finanzjarji u dwar ir-riskju allegatament imminenti ta' falliment jew ta' nuqqas ta' likwidità wasslu għal żieda fil-ħruġ tad-depożiti.
- 382 Barra minn hekk, is-SRB indika li, fit-12 ta' Mejju 2017, ir-rekwiżit għall-kopertura tal-bżonnijiet ta' likwidità ta' Banco Popular kien waqa' taħt il-limitu minimu ta' 80% stabbilit mill-Artikolu 460(2)(c) tar-Regolament Nru 575/2013 u li Banco Popular ma kienx irnexxilu jirrestawra l-konformità tiegħu ma' dan il-limitu fid-data tal-iskema ta' rizzoluzzjoni.
- 383 L-Artikolu 412(1) tar-Regolament Nru 575/2013 jiddefinixxi r-rekwiżit ta' kopertura tal-ħtiġijiet tal-likwidità kif ġej:
- “L-istituzzjonijiet għandu jkollhom assi likwidi, li s-somma tal-valuri tagħhom tkopri l-ħruġ ta' likwidità imnaqqas mid-dħul tal-likwidità f'kondizzjonijiet ta' stress sabiex ikun żgurat li l-istituzzjonijiet iżommu livelli ta' riżervi ta' likwidità li jkunu adegwati biex jiffaċċjaw kwalunkwe żbilanċ possibbli bejn id-dħul u l-ħruġ ta' likwidità f'kondizzjonijiet ta' stress kbir fuq perijodu ta' tletin ġurnata. Waqt żmien ta' stress, l-istituzzjonijiet jistgħu jużaw l-assi likwidi tagħhom biex ikopru l-flussi 'l barra netti ta' likwidità tagħhom.”
- 384 Kif jirrileva s-SRB, dawn l-elementi differenti jinsabu fil-linji gwida tal-EBA, tas-6 ta' Awwissu 2015 dwar l-interpretazzjoni tas-sitwazzjonijiet differenti li fihom il-falliment ta' istituzzjoni jitqies bħala li seħħ jew li aktarx ser iseħħ skont l-Artikolu 32(6) tad-Direttiva 2014/59 (EBA/GL/2015/07) (iktar 'il quddiem il-“Linji Gwida tal-EBA”).
- 385 Dawn il-Linji Gwida, applikabbli mill-1 ta' Jannar 2016, għandhom l-għan li jipprovdu ġabra ta' elementi oġġettivi li jippermettu li jiġi ddeterminat jekk entità tkunx f'sitwazzjoni ta' falliment li seħħ jew li aktarx ser iseħħ, skont iċ-ċirkustanzi previsti fl-Artikolu 32(4)(a) sa (c) tad-Direttiva 2014/59. Il-kliem tal-Artikolu 32(4)(c) tad-Direttiva 2014/59 huwa identiku għal dak tal-Artikolu 18(4)(c) tar-Regolament Nru 806/2014.
- 386 It-tieni subparagrafu tal-Artikolu 5(2) tar-Regolament Nru 806/2014 jipprevedi li s-SRB, il-Kunsill u l-Kummissjoni għandhom jagħmlu kull sforz sabiex jikkonformaw mal-linji gwida u mar-rakkomandazzjonijiet tal-EBA relatati mal-kompiti li jistgħu jitwettqu minn dawn il-korpi.

- 387 Skont il-Linji Gwida tal-EBA, istituzzjoni għandha titqies f'sitwazzjoni ta' falliment li seħħ jew li aktarx ser iseħħ, fis-sens tal-Artikolu 32(4)(c) tad-Direttiva 2014/59, jekk tikser ir-rekwiżiti regolatorji tal-likwidità, jekk ma tkunx f'pożizzjoni li tħallas id-djun tagħha jew obbligi oħra meta dawn jilhqqu l-maturità tagħhom jew jekk ikunu jeżistu elementi oġġettivi li jippermettu li jiġi konkluż li dan ser iseħħ fil-futur qarib.
- 388 Fost l-elementi li għandhom jittieħdu inkunsiderazzjoni, il-Linji Gwida tal-EBA jsemmu, b'mod partikolari, fl-ewwel lok, kull avveniment sfavorevoli sinjifikattiv li jaffettwa l-iżvilupp tal-pożizzjoni ta' likwidità tal-istituzzjoni u l-vijabbiltà tal-profil tal-finanzjament tagħha kif ukoll il-kapaċità tagħha li tosserva r-rekwiżiti minimi tal-likwidità previsti fir-Regolament Nru 575/2013 u r-rekwiżiti addizzjonali imposti skont l-Artikolu 105 ta' dan ir-regolament jew kwalunkwe rekwiżit minimu nazzjonali ta' likwidità; fit-tieni lok, kull żvilupp sfavorevoli sinjifikattiv fl-obbligi attwali u futuri tal-istituzzjoni, li l-evalwazzjoni tagħhom għandha tqis, fejn xieraq, il-ħruġ ta' likwidità mistenni u eċċezzjonali, inkluż kwalunkwe sinjal ta' għid massiv ta' flus potenzjali mill-banek; fit-tielet lok, kull avveniment li jista' jkun ta' ħsara serja għar-reputazzjoni tal-istituzzjoni, b'mod partikolari, kwalunkwe tnaqqis sinjifikattiv fil-klassifikazzjoni tal-kreditu tagħha minn aġenzija tal-klassifikazzjoni waħda jew iktar li jirriżulta fi ħruġ sinjifikattiv ta' kapital jew fl-inkapaċità li jiġġeddu l-finanzjament jew l-attivazzjoni ta' klawżoli kuntrattwali abbażi ta' kwalifiki esterni.
- 389 L-elementi varji kkunsidrati mill-BĊE u mis-SRB u, skont il-Linji Gwida tal-EBA, li barra minn hekk ma ġewx ikkontestati mir-rikorrenti, iippermettew li jiġi konkluż li Banco Popular kien jinsab f'sitwazzjoni ta' falliment li seħħ jew li x'aktarx ser iseħħ, fis-sens tal-Artikolu 18(4)(c) tar-Regolament Nru 806/2014, fid-data tal-adozzjoni tal-iskema ta' riżoluzzjoni.
- 390 Minn dan isegwi li s-SRB ma wettaqx żball manifest ta' evalwazzjoni meta qies li l-kundizzjoni prevista mill-Artikolu 18(1)(a) tar-Regolament Nru 806/2014 ġiet issodisfatta.
- 391 Għaldaqstant hemm lok li l-ewwel parti tiġi miċħuda.
- *Fuq it-tieni parti, relatata mat-tieni kundizzjoni prevista fl-Artikolu 18(1)(b) tar-Regolament Nru 806/2014*
- 392 Ir-rikorrenti jsostnu li, fil-każ ta' problema ta' likwidità, ma kienx hemm lok li tintuża l-iskema ta' riżoluzzjoni, sa fejn kienu jeżistu soluzzjonijiet oħra iktar proporzjonati. L-adozzjoni ta' miżuri ta' intervent bikri kienet tirrestawra l-fiduċja, l-istabbiltà u l-valur ta' Banco Popular. Għaldaqstant, il-kundizzjoni prevista mill-Artikolu 18(1)(b) tar-Regolament Nru 806/2014 ma kinitx tkun issodisfatta. L-impossibbiltà li jintużaw miżuri ta' intervent bikri jew miżuri ta' natura privata, li kienu jevitaw ir-riżoluzzjoni, ma kinitx tkun iġġustifikata.
- 393 Fl-Artikolu 3 tal-iskema ta' riżoluzzjoni, is-SRB, filwaqt li ħa inkunsiderazzjoni l-evalwazzjoni tal-BĊE, ikkonkluda li ma kienet teżisti l-ebda miżura alternattiva li tista' tipprekludi l-falliment ta' Banco Popular f'terminu raġonevoli u li l-kundizzjoni prevista mill-Artikolu 18(1)(b) tar-Regolament Nru 806/2014 kienet issodisfatta.

- 394 B'mod iktar partikolari, fl-Artikolu 3.2 tal-iskema ta' rizzoluzzjoni, is-SRB indika li ma kien hemm l-ebda prospett raġonevoli li miżuri privati oħra setgħu jipprekludu l-falliment ta' Banco Popular. L-assenza ta' tali miżuri setgħet tiġi dedotta, b'mod partikolari, miċ-ċirkustanzi li ġejjin:
- il-bank innifsu kien irrikonoxxa f'itra indirizzata lill-BĊE fis-6 ta' Ġunju 2017 li kien f'sitwazzjoni ta' falliment li x'aktarx ser iseħħ;
 - il-proċedura ta' bejgħ privat ma kinitx wasslet għal riżultat pożittiv f'terminu li kien jippermetti lill-bank iħallas id-djun tiegħu jew impenji oħra meta dawn jilhq u l-maturità tagħhom;
 - ma kienx wisq probabbli li l-bank ikun f'pożizzjoni li jimmobilizza likwidità addizzjonali suffiċjenti permezz ta' tranżazzjonijiet tas-suq jew operazzjonijiet tal-bank ċentrali, jew permezz ta' miżuri previsti fil-fond ta' riżerva tiegħu u l-pjanijiet tiegħu ta' stimolu fit-termini neċessarji;
 - assistenza ta' likwidità b'urġenza kienet tkun insuffiċjenti fid-dawl tad-deterjorament rapidu tal-pożizzjoni ta' likwidità.
- 395 Barra minn hekk, fl-Artikolu 3.3 tal-iskema ta' rizzoluzzjoni, imsemmija fil-punt 287 iktar 'il fuq, is-SRB qies li ma kien hemm l-ebda prospett raġonevoli li miżuri prudenzjali, inklużi miżuri ta' intervent bikri, jistgħu jipprekludu l-falliment ta' Banco Popular.
- 396 Fl-Artikolu 3.4 tal-iskema ta' rizzoluzzjoni, is-SRB qies li ma kien hemm l-ebda prospett raġonevoli li l-eżerċizzju tas-setgħa ta' żvalutazzjoni u ta' konverżjoni tal-istrumenti ta' fondi proprji, skont l-Artikolu 21 tar-Regolament Nru 806/2014, jipprekludi l-falliment ta' Banco Popular fi żmien raġonevoli. B'mod partikolari, is-SRB kkunsidra li, peress li Banco Popular kien f'sitwazzjoni ta' falliment li seħħ jew li x'aktarx ser iseħħ minħabba l-pożizzjoni ta' likwidità tiegħu, l-iżvalutazzjoni u l-konverżjoni ta' fondi proprji ma kinux ikunu suffiċjenti sabiex tiġi rrestawrata s-sitwazzjoni ta' likwidità tal-bank.
- 397 Minn dan jirriżulta li s-SRB iġġustifika, fl-iskema ta' rizzoluzzjoni, ir-raġunijiet għaliex miżuri prudenzjali alternattivi, inklużi miżuri ta' intervent bikri, jew miżuri ta' natura privata ma kinux prevedibbli. Ir-rikorrenti ma jqajmu l-ebda argument ta' natura li jpoġġi f'dubju din il-konklużjoni.
- 398 Fl-ewwel lok, ir-rikorrenti jsostnu li kienet teżisti soluzzjoni prudenzjali li tipprekludi l-falliment ta' Banco Popular fis-sens tal-Artikolu 18(1)(b) tar-Regolament Nru 806/2014, li tirriżulta mill-assistenza ta' likwidità b'urġenza awtorizzata mill-Bank ta' Spanja u l-BĊE, fil-5 ta' Ġunju 2017, li kienet tkun tippermetti li jiġu koperti l-ħtiġijiet ta' likwidità ta' Banco Popular.
- 399 Hemm lok li jiġi rrilevat li, fis-6 ta' Ġunju 2017, fl-evalwazzjoni tiegħu tas-sitwazzjoni ta' falliment li seħħ jew li x'aktarx ser iseħħ ta' Banco Popular, il-BĊE kkunsidra li, filwaqt li l-Banco Popular kien żviluppa diversi miżuri li jiġġeneraw likwidità addizzjonali matul il-ġimgħat preċedenti u beda jimplimentahom, il-portata tal-influssi ta' dħul imwettqa u li għadhom mistennija ma kinitx suffiċjenti sabiex jiġi rrimedjat id-deterjorament tal-pożizzjoni ta' likwidità ta' Banco Popular fid-data ta' din il-valutazzjoni. Il-BĊE indika li, anki bl-użu tal-assistenza ta' likwidità b'urġenza li għaliha l-Kunsill Governattiv tal-BĊE ma oġġezzjonax fil-5 ta' Ġunju 2017, is-sitwazzjoni tal-likwidità f'dik id-data ma kinitx suffiċjenti sabiex tigarantixxi l-kapaċità ta' Banco Popular li tissodisfa l-obbligi tagħha sa mhux iktar tard mis-7 ta' Ġunju 2017.

- 400 Fil-premessa 26(c) tal-iskema ta' rizzoluzzjoni, is-SRB kkonstata li Banco Popular kien irċieva assistenza ta' likwidità urġenti fil-5 ta' Ġunju 2017, wara l-assenza ta' oġġezzjoni mill-BĊE, iżda li l-Bank ta' Spanja ma kienx f'pożizzjoni li jipprovdilu assistenza ta' likwidità urġenti addizzjonali.
- 401 F'dan ir-rigward, jeħtieġ li jiġi nnotat li, f'ittra tal-5 ta' Ġunju 2017, il-Bank ta' Spanja talab lill-BĊE l-qbil tiegħu għall-assistenza ta' likwidità urġenti lil Banco Popular sabiex jaffaċċja l-kriżi severa ta' likwidità li kien qiegħed ibati minnha. Issa, fl-istess jum, il-Bank ta' Spanja baġhat ittra ġdida lill-BĊE li tinkludi talba għal estensjoni tal-assistenza ta' likwidità urġenti favur Banco Popular, wara li dan tal-aħħar kien informah bil-movimenti ta' likwidità estremament kbar. Dawn iż-żewġ ittri mibgħuta lill-BĊE fl-istess jum juru l-ħeffa li biha ddeterjorat is-sitwazzjoni ta' likwidità ta' Banco Popular.
- 402 B'hekk, is-SRB ikkonstata, fl-Artikolu 3.2(d) tal-iskema ta' rizzoluzzjoni, li assistenza ta' likwidità urġenti kienet tkun insuffiċjenti fid-dawl tal-ħeffa tad-deterjorament tal-pożizzjoni ta' likwidità ta' Banco Popular.
- 403 Hemm lok li jiġi rrilevat li, il-jum ta' wara din l-ewwel assistenza ta' likwidità urġenti, jiġifieri fis-6 ta' Ġunju 2017, minħabba l-portata u l-ħeffa tal-ġbid tal-likwidità, il-BĊE u l-Kunsill ta' Amministrazzjoni ta' Banco Popular kkonkludew li l-bank ma kienx għadu f'pożizzjoni li jħallas id-djun tiegħu jew obbligi oħra bi skadenza fis-7 ta' Ġunju. B'hekk, ladarba ġie kkonstatat il-falliment ta' Banco Popular, ma kinitx iktar prevedibbli assistenza ta' likwidità urġenti.
- 404 Barra minn hekk, kif isostni s-SRB, huwa ma għandu l-ebda rwol fl-għoti ta' assistenza ta' likwidità urġenti li taqa' taħt il-kompetenza tal-banek ċentrali nazzjonali.
- 405 Għaldaqstant, fl-iskema ta' rizzoluzzjoni, is-SRB ma setax ma jikkonstatax, minn naħa, li l-BĊE, fl-evalwazzjoni tiegħu fuq is-sitwazzjoni ta' falliment attwali jew prevedibbli ta' Banco Popular, kien qies li l-assistenza ta' likwidità urġenti li kien approva ma kinitx ippermettiet li tissolva l-kriżi ta' likwidità ta' Banco Popular u, min-naħa l-oħra, li l-Bank ta' Spanja ma kien ipprova l-ebda assistenza ta' likwidità urġenti addizzjonali lil Banco Popular.
- 406 Minn dan jirriżulta li, għall-kuntrarju ta' dak li jsostnu r-rikorrenti, assistenza ta' likwidità urġenti ma kinitx tikkostitwixxi miżura alternattiva għar-rizzoluzzjoni.
- 407 Fit-tieni lok, ir-rikorrenti jsostnu li l-għoti tal-ammont sħiħ tal-assistenza ta' likwidità urġenti inizjalment awtorizzat mill-BĊE kien jippermetti lil Banco Popular li tissodisfa l-ħtiġijiet immedjati tagħha ta' likwidità sabiex timplimenta miżuri oħra ta' natura privata, bħall-bejgħ ta' assi.
- 408 Huwa biżżejjed li jiġi rrilevat li, sa fejn ġie kkonstatat li Banco Popular ma setax jibbenefika minn assistenza ta' likwidità urġenti addizzjonali, il-bejgħ tal-assi msemmija mir-rikorrenti, sa fejn dawn kienu jkunu subordinati għall-għotja ta' dik l-assistenza, għalhekk ma kinux miżuri alternattivi għar-rizzoluzzjoni.
- 409 Fi kwalunkwe każ, jeħtieġ li jiġi kkonstatat li r-rikorrenti jidhru li ma jieħdux inkunsiderazzjoni l-fatt li, fis-6 ta' Ġunju 2017, id-deterjorament tal-pożizzjoni ta' likwidità ta' Banco Popular kien tali li kellhom jiġu adottati miżuri urġenti. Barra minn hekk, ir-rikorrenti ma wrewx li l-miżuri alternattivi invokati minnhom, li jikkonsistu f'bejgħ ta' assi, bħall-bejgħ ta' Totalbank jew ta' WiZink, setgħu jsiru f'terminu pjuttost qasir sabiex jippermettu lil Banco Popular isib likwidità suffiċjenti sabiex jissodisfa l-impenji tiegħu fis-7 ta' Ġunju 2017.

- 410 Kif jenfasizza s-SRB, dan il-bejgħ tal-assi, li kien biss fi stadju preparatorju, ma setax jiġi konkluż qabel diversi ġimgħat. Għaldaqstant, anki jekk jiġi preżunt, kif isostnu r-rikorrenti, li kellha tingħata assistenza ta' likwidità urġenti addizzjonali lil Banco Popular sal-21 ta' Ġunju 2017, tali bejgħ ma setax jiġi konkluż f'dak it-terminu.
- 411 F'dan ir-rigward, għandu jiġi rrilevat ukoll li l-BĊE qies li ma kienet teżisti l-ebda miżura ta' sorveljanza jew ta' intervent bikri disponibbli li tippermetti li tiġi rrestawrata b'mod immedjat is-sitwazzjoni ta' likwidità ta' Banco Popular u li kienet tiżguralu żmien suffiċjenti sabiex tiġi implimentata tranżazzjoni ta' impriża jew soluzzjoni oħra.
- 412 Barra minn hekk, il-President ta' Banco Popular, meta ħabbar f'April tal-2017 it-tnedija ta' proċedura ta' bejgħ privat tal-bank sabiex jiġu affaċċjati r-riskji ta' falliment, effettivament irrikonoxxa li l-bejgħ tal-assi ma kienx għadu jikkostitwixxi miżuri suffiċjenti sabiex jiġu rrimedjati d-diffikultajiet ta' Banco Popular.
- 413 Fl-aħħar, ir-rikorrenti ma jispjegawx, anki jekk jiġi preżunt li dan il-bejgħ tal-assi seta' jsir f'terminu suffiċjentement qasir sabiex tiġi ġġenerata likwidità ġdida, kif tali miżuri setgħu jillimitaw l-irtirar ta' depożiti u, għalhekk, iwaqqfu l-ħarbiet tal-likwidità u jistabbilixxu mill-ġdid l-vijabbiltà ta' Banco Popular.
- 414 Fit-tielet lok, ir-rikorrenti jsostnu li miżuri oħra ta' natura privata kienu jsolvu l-problemi ta' likwidità ta' Banco Popular. F'dan ir-rigward, huma jinvokaw żewġ ittri li fihom il-Barclays Bank u d-Deutsche Bank indikaw, fit-3 u fil-5 ta' Ġunju 2017, li kienu lesti jiżguraw żieda fil-kapital ta' Banco Popular ta' EUR 4 biljun. Skont ir-rikorrenti, kien possibbli li tiġi posposta l-iskema ta' riżoluzzjoni sa tmiem il-ġimgħa wara s-7 ta' Ġunju 2017, sa fejn is-SRB seta' jagħti self lil Banco Popular permezz tas-SRF, fuq il-bażi tal-Artikolu 76(1)(b) tar-Regolament Nru 806/2014, li jippermettulha żżomm sal-għeluq tas-swieq nhar il-Ġimgħa.
- 415 Huwa biżżejjed li jiġi rrilevat li l-ittri msemmija mir-rikorrenti ma fihom l-ebda impenn definittiv mill-Barclays Bank jew mid-Deutsche Bank sabiex jipparteċipaw f'żieda fil-kapital ta' Banco Popular, iżda jirriflettu sempliċi diskussjonijiet dwar żieda potenzjali fil-kapital fil-futur. Dawn l-ittri jirrivellaw li, fid-data meta ntbagħtu, il-proġett ta' żieda fil-kapital ta' Banco Popular kien għadu biss fi stadju ta' żvilupp bikri ħafna.
- 416 Pereżempju, fl-ittra tiegħu tat-3 ta' Ġunju 2017 lil Banco Popular, il-Barclays Bank jagħmel riferiment biss għal diskussjonijiet riċenti dwar żieda fil-kapital li l-għan tiegħu kien, għall-Banco Popular, li jkopri l-ħtiġijiet tiegħu ta' proviżjonament addizzjonali tiegħu u li jikseb livelli ta' kapital sinjifikattivament ogħla, sabiex jittaffew l-isfidi li jirriżultaw minn espożizzjoni partikolari għall-proprjetà immobbli u assi oħra mhux produttivi li kellu jaffaċċja. B'hekk, f'din l-ittra, minn naħa, xejn ma jindika li l-Barclays Bank kien dispost jipparteċipa f'din iż-żieda fil-kapital u, min-naħa l-oħra, dan tal-aħħar ma jsemmix il-kriżi ta' likwidità li kien affaċċjat biha Banco Popular u ma tipproponi l-ebda soluzzjoni intiża li tirrimedjaha.
- 417 Fl-ittra tiegħu tal-5 ta' Ġunju 2017 lil Banco Popular, Deutsche Bank jagħmel riferiment biss għall-interess tiegħu li jiżgura 50 % ta' żieda fil-kapital possibbli ta' EUR 4 biljun. Id-Deutsche Bank jindika biss li "ovvjament hemm ċerti kundizzjonijiet, iżda [li] l-ittra hija bbażata fuq il-konvinzjoni tagħna li f'ċirkustanzi li naħsbu li jistgħu realistikament jiġu ssoddisfatti, tista' tinkiseb żieda [kapitali] li tistabbilizza l-bank". Għalhekk, din l-ittra ma tistax tiġi interpretata bħala li tinkludi impenn definittiv mingħand Deutsche Bank u ma tikkonċernax soluzzjoni intiża li ssolvi l-kriżi ta' likwidità ta' Banco Popular.

- 418 Barra minn hekk, l-argument tar-rikorrenti huwa bbażat fuq il-preżunzjoni purament teoretika li dawn iż-żidiet fil-kapital setgħu jitwettqu f'terminu suffiċjentement qasir sabiex jippermettu assistenza ta' likwidità f'tit jiem wara s-7 ta' Ġunju. Jeħtieġ li jiġi rrilevat li r-rikorrenti ma jispjegawx kif din iż-żieda fil-kapital setgħet twaqqaf il-ħarbiet ta' depożiti u tirrestawra l-pożizzjoni ta' likwidità ta' Banco Popular fit-tul.
- 419 Fir-rigward tal-argument dwar il-possibbiltà li s-SRF jagħti self lil Banco Popular, huwa biżżejjed li jiġi kkonstatat li, skont l-Artikolu 76(1)(b) tar-Regolament Nru 806/2014, fil-kuntest tal-iskema ta' riżoluzzjoni, meta jintużaw l-għodod ta' riżoluzzjoni, is-SRB jista' juża s-SRF biss sa fejn kien meħtieġ għall-applikazzjoni effettiva tal-għodod ta' riżoluzzjoni għall-finijiet, b'mod partikolari, li jagħti self lill-istituzzjoni suġġetta għal proċedura ta' riżoluzzjoni. Minn dan kollu jirriżulta ċar li din il-possibbiltà tista' tiġi prevista biss fil-qafas ta' miżura ta' riżoluzzjoni u fl-ebda każ ma tikkostitwixxi miżura alternattiva għaliha.
- 420 Fir-raba' lok, ir-rikorrenti jsostnu li s-sostituzzjoni tal-membri tal-korp governattiv ta' Banco Popular mill-BĊE kienet tkun effettiva sabiex issolvi l-kriżi tal-likwidità billi twassal immaġni ta' fiduċja lis-swieq, lill-klijenti u lill-kredituri tal-bank.
- 421 Anki jekk jiġi preżunt li s-sostituzzjoni tad-diretturi ta' Banco Popular tista' tirrestawra l-immaġni ta' fiduċja tal-bank, din ma tistax titqies bħala soluzzjoni alternattiva li kienet tippermetti li titwaqqaf immedjatament il-ħarbiet tad-depożiti jew li tiġi pprovduta l-likwidità meħtieġa għall-ġbid ulterjuri ta' depożiti, u b'hekk tissodisfa l-ħtiġijiet ta' likwidità ta' Banco Popular f'terminu qasir.
- 422 Għandu jiġi rrilevat ukoll li, fl-evalwazzjoni tiegħu tas-sitwazzjoni ta' falliment attwali jew prevedibbli ta' Banco Popular, il-BĊE qies li l-miżuri li kienu disponibbli għalih bħala awtorità superviżorja, fosthom dawk previsti fl-Artikoli 27 sa 29 tad-Direttiva 2014/59 li jippermettu, b'mod partikolari, it-tkeċċija tad-direzzjoni ġenerali u tal-korp ta' direzzjoni tal-bank, ma setgħux jiżguraw li l-Banco Popular kien ikun f'pożizzjoni li jħallas id-djun tiegħu jew impenji oħra meta dawn jilħqu l-maturità tagħhom, minħabba l-firxa u r-ritmu tad-deterjorament osservat tal-likwidità.
- 423 Minn dan isegwi li r-rikorrenti ma stabbilixxewx li l-miżuri alternattivi li kienu jiddependu fuqhom setgħu jerġgħu jistabbilixxu l-pożizzjoni ta' likwidità ta' Banco Popular fi żmien qasir biżżejjed u għalhekk ma wrewx li s-SRB kien wettaq żball manifest ta' evalwazzjoni meta qies li ma kinux jeżistu miżuri alternattivi għar-riżoluzzjoni li jistgħu jipprekludu l-falliment attwali jew prevedibbli ta' Banco Popular fis-6 ta' Ġunju 2017.
- 424 Barra minn hekk, fir-rigward tal-argument tar-rikorrenti li l-BĊE u s-SRB kienu ddeċidew li jbiegħu Banco Popular lil Banco Santander minn Mejju 2017, huwa biżżejjed li jiġi kkonstatat li huwa ineffettiv fir-rigward tal-evalwazzjoni tal-kundizzjoni prevista fl-Artikolu 18(1)(b) tar-Regolament Nru 806/2014 u li, min-naħa l-oħra, dan l-argument huwa purament spekulattiv.
- 425 Minn dan isegwi li s-SRB ma wettaqx żball manifest ta' evalwazzjoni meta kkunsidra li l-kundizzjoni prevista fl-Artikolu 18(1)(b) tar-Regolament Nru 806/2014 ġiet issodisfatta.
- 426 Għaldaqstant, it-tieni motiv għandu jiġi miċhud.

– *Fuq it-tielet parti, relatata mat-tielet kundizzjoni prevista fl-Artikolu 18(1)(c) tar-Regolament Nru 806/2014*

- 427 Ir-rikorrenti jsostnu li l-interess pubbliku ma kienx jeħtiegħ l-adozzjoni tal-iskema ta' riżoluzzjoni sa fejn kien hemm miżuri iktar proporzjonati li kienu jippermettu li tiġi rrimedjata l-kriżi ta' likwidità ta' Banco Popular filwaqt li tiġi evitata l-konfiska tad-dritt għall-proprjetà tal-azzjonisti, u għalhekk, li l-iskema ta' riżoluzzjoni ma tissodisfax il-kundizzjoni prevista fl-Artikolu 18(1)(c) tar-Regolament Nru 806/2014.
- 428 Jeħtiegħ li jittfakkar li l-Artikolu 18(5) tar-Regolament 806/2014 jipprovdi li, għall-finijiet tal-punt (c) tal-paragrafu 1 ta' dan l-artikolu, miżura ta' riżoluzzjoni għandha titqies li hija fl-interess pubbliku jekk tkun neċessarja sabiex jintlaħaq, permezz ta' mezzi proporzjonati, għan ta' riżoluzzjoni wieħed jew iktar previsti fl-Artikolu 14 ta' dan ir-regolament, filwaqt li stralċ tal-entità skont proċedura normali ta' insolvenza ma kienx jippermetti dan sal-istess punt.
- 429 L-għanijiet ta' riżoluzzjoni, elenkati fl-Artikolu 14(2) tar-Regolament Nru 806/2014, huma dawn li ġejjin: li tiġi żgurata l-kontinwità tal-funzjonijiet kritiċi; li jiġu evitati effetti negattivi sinjifikattivi fuq l-istabbiltà finanzjarja, b'mod partikolari permezz tal-prevenzjoni tal-kontaġġu; li jiġu protetti l-fondi pubbliċi billi tiġi mminimizzata d-dipendenza fuq l-għajnuna finanzjarja pubblika straordinarja; li jiġu protetti d-depożitanti koperti kif ukoll l-investituri; li jiġu protetti l-fondi u l-assi tal-klijenti.
- 430 L-osservanza tal-kundizzjoni prevista fl-Artikolu 18(1)(c) tar-Regolament Nru 806/2014 timplika li jiġi vverifikat li l-għanijiet previsti fl-Artikolu 14 ta' dak ir-regolament jintlaħqu aħjar permezz ta' miżura ta' riżoluzzjoni milli permezz tal-istralċ tal-entità.
- 431 F'dan il-każ, fl-Artikolu 4.1 tal-iskema ta' riżoluzzjoni, is-SRB ikkonkluda li r-riżoluzzjoni fil-forma tal-għodda ta' bejgħ tal-operat kienet neċessarja fl-interess pubbliku fis-sens tal-Artikolu 18(1)(c) u 5 tar-Regolament Nru 806/2014.
- 432 Fl-Artikolu 4.2 tal-iskema ta' riżoluzzjoni, is-SRB nnota li r-riżoluzzjoni kienet neċessarja u proporzjonata għall-għanijiet previsti fl-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 14(2) tar-Regolament Nru 806/2014, jiġifieri li tiġi żgurata l-kontinwità tal-funzjonijiet kritiċi u li jiġu evitati effetti negattivi sinjifikattivi fuq l-istabbiltà finanzjarja, b'mod partikolari billi jiġi evitat il-kontaġġu, inkluż għall-infrastrutturi tas-suq, u tinżamm id-dixxiplina tas-suq. Huwa indika li l-istralċ ta' Banco Popular skont proċedura normali ta' insolvenza ma kienx jippermetti li jintlaħqu dawn l-għanijiet sal-istess punt. Sussegwentement, is-SRB, fl-Artikolu 4.4 tal-iskema ta' riżoluzzjoni, wettaq analiżi fid-dawl tal-għanijiet tar-riżoluzzjoni, filwaqt li qies iċ-ċirkustanzi eżistenti f'dik id-data.
- 433 B'mod partikolari, fl-Artikolu 4.4.2 tal-iskema ta' riżoluzzjoni, is-SRB spjega li kien ikkonkluda li s-sitwazzjoni ta' Banco Popular kienet qiegħda twassal għal riskju dejjem ikbar ta' effetti negattivi sinjifikattivi fuq l-istabbiltà finanzjarja fi Spanja, filwaqt li bbaża ruħu fuq diversi elementi. Fost dawn l-elementi kien hemm, fl-ewwel lok, id-daqs u l-importanza ta' Banco Popular, li jikkostitwixxi l-kumpannija omm tas-sitt grupp bankarju ta' Spanja, b'ammont totali ta' assi ta' EUR 147 biljun, u li ġiet indikata fl-2017 mill-Bank ta' Spanja bħala istituzzjoni ta' importanza sistematika. Is-SRB irrileva b'mod partikolari li Banco Popular kien wieħed mill-atturi prinċipali tas-suq fi Spanja, b'sehem sinjifikattiv mis-suq fis-segment tal-intrapriżi żgħar u ta' daqs medju (SMEs) u li kellu sehem relattivament għoli mis-suq tad-depożiti (kważi 6 %) u għadd kbir ta' klijenti konsumaturi (madwar 1.4 miljun) madwar Spanja. Fit-tieni lok, is-SRB qies in-natura

- tal-operat ta' Banco Popular, li kien imsejjes fuq attivitajiet bankarji kummerċjali u kien jiffoka prinċipalment fuq l-offerta tal-finanzjament, il-ġestjoni tat-tfaddil u s-servizzi lill-individwi, lill-familji u lin-negozji (speċjalment s-SMEs). Skont is-SRB, ix-xebh tal-mudell kummerċjali ta' Banco Popular ma' dak ta' banek kummerċjali Spanjoli oħra jista' jikkontribwixxi għall-potenzjal ta' kontaġju indirett għal dawn il-banek, li jista' jitqies li qiegħed jaffaċċja l-istess diffikultajiet.
- 434 Minn dan jirriżulta li s-SRB spjega sa liema punt ir-riżoluzzjoni ta' Banco Popular kienet tindirizza, b'mod partikolari, l-għan ta' interess ġenerali intiż li jiġu evitati l-effetti negattivi fuq l-istabbiltà finanzjarja, b'mod partikolari, billi jiġi limitat l-effett ta' kontaġju.
- 435 Barra minn hekk, hemm lok li jtfakkar li, fil-premessa 4 tad-Deċiżjoni 2017/1246, li tapprova l-iskema ta' riżoluzzjoni, il-Kummissjoni ddikjarat espressament li hija taqbel mal-iskema ta' riżoluzzjoni u b'mod partikolari mar-raġunijiet li kien ressaq s-SRB sabiex jiġġustifika n-neċessità ta' miżura ta' riżoluzzjoni fl-interess pubbliku f'konformità mal-Artikolu 5 tar-Regolament Nru 806/2014.
- 436 L-argumenti tar-rikorrenti ma humiex ta' natura li jikkontestaw l-evalwazzjoni tas-SRB dwar l-osservanza tal-kundizzjoni prevista fl-Artikolu 18(1)(c) tar-Regolament Nru 806/2014.
- 437 Ir-rikorrenti jargumentaw, essenzjalment, li l-għodda ta' bejgħ tal-operat kienet sproporzjonata fid-dawl tal-miżuri alternattivi għall-bejgħ ta' Banco Popular msemmija fl-argumenti tagħhom relatati mat-tieni kundizzjoni prevista fl-Artikolu 18(1)(b) tar-Regolament Nru 806/2014, liema miżuri kienu jippermettu li tissolva l-kriżi ta' likwidità mingħajr ma jagħmlu ħsara lid-dritt tagħhom għall-proprjetà. B'dan l-argument, ir-rikorrenti fil-verità jikkontestaw il-proporzjonalità tal-miżura ta' riżoluzzjoni meta mqabbla mal-miżuri alternattivi invokati fir-rigward tal-ksur tad-dritt għall-proprjetà tagħhom.
- 438 Permezz ta' argument ieħor, invokat fir-replika, huma żiedu li s-SRB ma spjegax għaliex l-għodda tal-bejgħ tal-operat kienet l-aħjar soluzzjoni sabiex jintlaħqu l-għanijiet tar-riżoluzzjoni meta mqabbla ma' għodod oħra tar-riżoluzzjoni previsti fir-Regolament Nru 806/2014.
- 439 Madankollu, minn naħa, ir-rikorrenti ma jallegawx li l-iskema ta' riżoluzzjoni ma tissodisfax l-għanijiet ta' interess pubbliku previsti fl-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 14(2) tar-Regolament Nru 806/2014, immirati sabiex jiproteġu l-funzjonijiet kritiċi ta' Banco Popular u jippreservaw l-istabbiltà finanzjarja.
- 440 Min-naħa l-oħra, ir-rikorrenti ma jinvokaw l-ebda argument li jista' jistabbilixxi li dawn l-għanijiet kienu jintlaħqu bl-istess mod kieku Banco Popular ġie stralċjat skont proċeduri normali ta' insolvenza. Il-proporzjonalità tal-miżura ta' riżoluzzjoni fir-rigward tal-miżuri alternattivi jew għodda oħra ta' riżoluzzjoni previsti fir-Regolament Nru 806/2014 ma hijiex rilevanti fir-rigward tal-applikazzjoni tal-kundizzjoni prevista mill-Artikolu 18(1)(c) tar-Regolament Nru 806/2014.
- 441 Minn dan isegwi li s-SRB ma wettaqx żball manifest ta' evalwazzjoni meta kkunsidra li l-kundizzjoni prevista fl-Artikolu 18(1)(c) tar-Regolament Nru 806/2014 kienet issodisfatta.
- 442 Għaldaqstant, hemm lok li tiġi miċħuda t-tielet parti u, għalhekk, il-ħames motiv fl-intier tiegħu.

Fuq is-sitt motiv, ibbażat fuq il-ksur tal-prinċipju ta' prudenza fis-settur bankarju

- 443 Ir-rikorrenti jsostnu li, billi ma implimentax miżuri ta' intervent bikri, il-BĊE, f'koordinazzjoni mas-SRB, kiser il-prinċipju ta' prudenza fis-settur bankarju, billi l-implimentazzjoni ta' dawn il-miżuri kienet tippermetti li tiġi evitata l-adozzjoni tal-iskema ta' riżoluzzjoni. Ir-rikorrenti jsostnu, essenzjalment, li l-adozzjoni ta' miżuri ta' intervent bikri kienet tippermetti li tiġi evitata l-kriżi ta' likwidità ta' Banco Popular li ġġustifikat l-adozzjoni tal-iskema ta' riżoluzzjoni u l-bejgħ ta' Banco Popular lil parti terza. Huma jqisu li l-implimentazzjoni ta' tali miżuri kienet tibdel il-kontenut tal-iskema ta' riżoluzzjoni jew setgħet tevita l-adozzjoni tagħha.
- 444 Preliminarjament, hemm lok li jiġi rrilevat, minn naħa, li dan il-motiv sa fejn huwa dirett kontra l-BĊE, minħabba li ma adotta l-ebda miżura ta' intervent bikri, għandu jiġi miċħud bħala inammissibbli, peress li dan tal-aħħar ma huwiex parti fil-kawża preżenti.
- 445 Min-naħa l-oħra, b'dan il-motiv, ir-rikorrenti jinvokaw il-ksur tal-prinċipju ta' prudenza fis-settur bankarju. Fir-rikors u waqt is-seduta, huma argumentaw li dan il-prinċipju jirriżulta mill-prinċipju ta' prekawzjoni applikabbli fil-qasam tal-ambjent.
- 446 Madankollu, hemm lok li jitfakkar li, minkejja li l-Artikolu 191(2) TFUE jipprovdi li l-politika ambjentali hija bbażata, b'mod partikolari, fuq il-prinċipju ta' prekawzjoni, dan il-prinċipju huwa maħsub ukoll sabiex japplika fil-kuntest ta' politiki oħra tal-Unjoni, b'mod partikolari l-politika għall-protezzjoni tas-saħħa pubblika kif ukoll meta l-istituzzjonijiet tal-Unjoni jadottaw miżuri għall-protezzjoni tas-saħħa tal-bniedem skont il-politika agrikola komuni jew il-politika tas-suq intern (ara s-sentenza tal-1 ta' Ottubru 2019, *Blaise et*, C-616/17, EU:C:2019:800, punt 41 u l-ġurisprudenza ċċitata).
- 447 Dan il-prinċipju jimplika li, meta jkun hemm inċertezza dwar l-eżistenza jew il-portata ta' riskji għas-saħħa tal-persuni, jistgħu jittieħdu miżuri ta' protezzjoni qabel ma r-realtà u l-gravità ta' dawn ir-riskji jiġu stabbiliti kompletament (ara s-sentenza tal-1 ta' Ottubru 2019, *Blaise et*, C-616/17, EU:C:2019:800, punt 43 u l-ġurisprudenza ċċitata; sentenza tas-6 ta' Mejju 2021, *Bayer CropScience u Bayer vs Il-Kummissjoni*, C-499/18 P, EU:C:2021:367, punt 80).
- 448 Issa, huwa biżżejjed li jiġi kkonstatat li r-rikorrenti ma jispjegawx kif il-prinċipju ta' prekawzjoni, kif iddefinit mill-ġurisprudenza, japplika fis-settur bankarju.
- 449 Għalhekk huwa xieraq li jiġi eżaminat dan il-motiv sa fejn ir-rikorrenti jallegaw li s-SRB ma adotta l-ebda miżura ta' intervent bikri li setgħet tippermetti li tiġi evitata l-kriżi ta' likwidità ta' Banco Popular. F'dan ir-rigward, ir-rikorrenti jargumentaw li l-adozzjoni ta' miżuri ta' intervent bikri jew ta' miżuri oħra previsti fl-Artikolu 13 tar-Regolament Nru 806/2014, fir-Regolament Nru 1024/2013 u fl-Artikoli 27 sa 29 tad-Direttiva 2014/59 kienet tevita l-kriżi kkawżata mir-riżoluzzjoni. Huma jsostnu li, fix-xhur ta' qabel ir-riżoluzzjoni ta' Banco Popular, is-SRB ma adotta l-ebda miżura effettiva u ħalla s-sitwazzjoni tiddeterjora, li wassal għar-riżoluzzjoni ta' bank solventi minħabba problema ta' likwidità.
- 450 Ir-rikorrenti jelenkaw ċerti miżuri ta' intervent bikri li kienu jkunu xierqa għall-każ ta' Banco Popular u li, fil-fehma tagħhom, kienu jippermettu li jirrimedjaw id-deterjorament tas-sitwazzjoni tal-bank. Huma jinvokaw id-diviżjoni tal-bank f'bank tajjeb u bank ħażin, l-amministrazzjoni provviżorja u s-sostituzzjoni tal-Bord tad-Diretturi, il-monitoraġġ

tal-pożizzjoni ta' likwidità u l-limitazzjoni rapida tad-dejn, l-għoti ta' likwidità sabiex jiġi ffrankat il-ħin sabiex tkun tista' ssir proċedura ta' bejgħ kompetittiva u, fl-aħħar, in-negożjati ta' aġġustament finanzjarju mal-kredituri.

- 451 Qabelxejn, jeħtieġ li jiġi rrilevat li l-Artikolu 18(3) tar-Regolament Nru 806/2014 jipprovdi li l-adozzjoni minn qabel ta' miżura ta' intervent bikri skont l-Artikolu 16 tar-Regolament Nru 1024/2013, l-Artikolu 27(1) jew l-Artikoli 28 jew 29 tad-Direttiva 2014/59 jew l-Artikolu 104 tad-Direttiva 2013/36 ma hijiex kundizzjoni sabiex tittieħed miżura ta' riżoluzzjoni.
- 452 Sussegwentement, hemm lok li jiġi rrilevat li l-Artikolu 13 tar-Regolament Nru 806/2014 dwar miżuri ta' intervent bikri jipprovdi, fil-paragrafu 1 tiegħu, li l-BĊE jew l-awtoritajiet kompetenti nazzjonali għandhom jinformat lis-SRB b'kull miżura li jeħtieġu lil istituzzjoni jew grupp jieħdu jew li jieħdu huma stess skont l-Artikolu 16 tar-Regolament Nru 1024/2013, l-Artikolu 27(1) jew l-Artikolu 28 jew 29 tad-Direttiva 2014/59, jew l-Artikolu 104 tad-Direttiva 2013/36.
- 453 Minn dan jirriżulta, kif jirrileva s-SRB, sostnut minn Banco Santander u mir-Renju ta' Spanja, li l-adozzjoni ta' miżuri ta' intervent bikri ma taqax taħt il-kompetenza tiegħu iżda taħt il-kompetenza tal-BĊE u tal-awtoritajiet kompetenti nazzjonali.
- 454 F'dan ir-rigward, hemm lok li jiġi rrilevat li r-rikorrenti ma jispjegawx fuq liema bażi legali s-SRB seta' adotta dawn il-miżuri.
- 455 Għaldaqstant, billi s-SRB ma huwiex kompetenti sabiex jadotta l-miżuri elenkati mir-rikorrenti, dawn tal-aħħar ma jistgħux jallegaw li huwa ma addottahomx qabel l-adozzjoni tal-iskema ta' riżoluzzjoni.
- 456 Fl-aħħar, kif isostni s-SRB, sostnut mill-Kummissjoni, l-argumenti tar-rikorrenti ma jistgħux ipoġġu f'dubju l-legalità tal-iskema ta' riżoluzzjoni. Fil-fatt, l-adozzjoni tal-iskema ta' riżoluzzjoni għandha titqies ġustifikata sakemm il-kundizzjonijiet previsti fir-Regolament Nru 806/2014 jkunu issodisfatti, b'mod partikolari l-kundizzjonijiet previsti fl-Artikolu 18 ta' dak ir-regolament. Iċ-ċirkustanza li setgħu ġew adottati miżuri fuq bażi preventiva, sabiex jiġu rrimedjati d-diffikultajiet ta' Banco Popular, hija ineffettiva għall-finijiet tal-evalwazzjoni tal-legalità tal-iskema ta' riżoluzzjoni, għaladarba huwa stabbilit li l-kundizzjonijiet previsti fl-Artikolu 18 tar-Regolament Nru 806/2014 kienu ssodisfatti fid-data tal-adozzjoni tiegħu.
- 457 Barra minn hekk, hemm lok li jiġi kkonstatat li dan il-motiv huwa bbażat fuq allegazzjonijiet purament spekulattivi u mhux sostanzjati li, kieku ġew adottati miżuri ta' intervent bikri jew miżuri preventivi oħra, il-kriżi ta' likwidità ta' Banco Popular kienet tiġi evitata, u l-iskema ta' riżoluzzjoni ma kinitx tkun neċessarja jew kien ikollha kontenut differenti.
- 458 Permezz ta' ittra ppreżentata fir-Reġistru tal-Qorti Ġenerali fit-28 ta' Mejju 2021, ir-rikorrenti ressequ offerta ta' provi ġodda skont l-Artikolu 85(3) tar-Regoli tal-Proċedura rigward żewġ artikli għall-istampa, ippubblikati fuq l-internet fis-27 ta' Mejju 2021, li jsemmu emails tal-President tal-FROB lis-SRB dwar dikjarazzjonijiet tal-Presidenta tas-SRB waqt intervista mal-istazzjon televiżiv Bloomberg u min-naħa l-oħra, huma talbu lil-Qorti Ġenerali tordna lis-SRB jipproduċi dawn l-emails abbażi ta' miżura ta' organizzazzjoni tal-proċedura. Ir-rikorrenti jsostnu li dawn id-dokumenti, intiżi li jstabbilixxu l-eżistenza ta' żvelar u l-inflwenza li dak l-iżvelar kellu fuq it-telf ta' likwidità ta' Banco Popular, isostnu s-sitt motiv tagħhom. F'dan ir-rigward, ir-rikorrenti jagħmlu riferiment għall-punt 83 tar-rikors, fejn huma ddikjaraw li d-dikjarazzjonijiet

tal-Presidenta tas-SRB ikkawżaw il-paniku fost il-klijenti ta' Banco Popular u wasslu sabiex jonqos il-valur tal-istokk fis-suq tagħha, u li dan l-“aġir [kien] inkompatibbli mal-idea ta' prudenza l-iktar elementari”.

- 459 Madankollu, minn din is-sentenza unika fil-punt 83 tar-rikors ma jistax jiġi dedott li r-rikorrenti qajmu, f'dan il-motiv, argumenti intiżi li jikkritikaw lis-SRB għad-dikjarazzjonijiet magħmula mill-Presidenta tiegħu. Minn naħa, mit-titolu ta' dan il-motiv fir-rikors u mill-argumenti mqajma jirriżulta b'mod ċar li r-rikorrenti kienu jikkritikaw biss lis-SRB talli ma adottax miżuri oħra, inklużi miżuri ta' intervent bikri, li kien jippermetti li tiġi evitata l-adozzjoni tal-iskema ta' riżoluzzjoni. Min-naħa l-oħra, ir-rikorrenti ma jiżviluppaw l-ebda argument dwar id-dikjarazzjonijiet tal-Presidenta tas-SRB u, b'din is-sentenza, ma jispjegawx liema dispożizzjoni jew prinċipju kienu nkisru mis-SRB. Barra minn hekk, hemm lok li jiġi rrilevat li r-rikorrenti ma żviluppaw l-ebda argument dwar dan il-punt fis-sitt motiv fl-istadju tar-replika.
- 460 Għaldaqstant, hemm lok li jiġi kkunsidrat li, sa fejn għandhom x'jaqsmu mad-dikjarazzjonijiet tal-Presidenta tas-SRB, l-artikli għall-istampa pprovduti mir-rikorrenti u l-emails tal-President tal-FROB li qiegħdin jitlobu l-produzzjoni tagħhom fl-ittra tagħhom tat-28 ta' Mejju 2021 ma humiex rilevanti.
- 461 Konsegwentement, hemm lok li s-sitt motiv jiġi miċħud bħala parzjalment inammissibbli u parzjalment infondat.

Fuq is-seba' motiv, ibbażat fuq il-ksur tal-prinċipju ta' protezzjoni tal-aspettattivi leġittimi

- 462 Ir-rikorrenti jsostnu li ċirkustanzi differenti qabel l-adozzjoni tal-iskema ta' riżoluzzjoni kienu ta' natura li jstabilixxu l-aspettattivi leġittimi tagħhom fil-fatt li Banco Popular ma kienx ser ikun suġġett għal riżoluzzjoni.
- 463 Fir-rigward tal-prinċipju ta' protezzjoni tal-aspettattivi leġittimi, minn ġurisprudenza stabbilita jirriżulta li d-dritt li jiġi invokat dan il-prinċipju jimplika li assigurazzjonijiet preċiżi, bla kundizzjonijiet u konsistenti, minn sorsi awtorizzati u affidabbli, ingħataw lill-persuna kkonċernata mill-awtoritajiet kompetenti tal-Unjoni. Fil-fatt, dan id-dritt jappartjeni lil kwalunkwe parti f'kawża li fil-konfront tagħha istituzzjoni, korp, uffiċċju jew aġenzija tal-Unjoni, billi tawha assigurazzjonijiet preċiżi, ħolqot aspettattivi ġġustifikati (ara s-sentenza tad-19 ta' Lulju 2016, *Kotnik et*, C-526/14, EU:C:2016:570, punt 62 u l-ġurisprudenza ċċitata; ara wkoll, f'dan is-sens, is-sentenza tas-16 ta' Diċembru 2020, *Il-Kunsill et vs K. Chrysostomides & Co. et*, C-597/18 P, C-598/18 P, C-603/18 P u C-604/18 P, EU:C:2020:1028, punt 178 u l-ġurisprudenza ċċitata).
- 464 Kif il-Qorti tal-Ġustizzja diġà ddeċidiet, għalkemm il-prinċipju ta' protezzjoni tal-aspettattivi leġittimi jiffirma parti mill-prinċipji fundamentali tal-Unjoni, l-operaturi ekonomiċi ma humiex iġġustifikati li jqiegħdu l-aspettattivi leġittimi tagħhom fiż-żamma fis-seħħ ta' sitwazzjoni eżistenti li l-bidla tagħha qiegħda fid-diskrezzjoni tal-istituzzjonijiet tal-Unjoni, u dan b'mod speċjali f'qasam bħal dak tal-għajjuna mill-Istat lill-banek, li jinvolvi aġġustament kostanti skont il-varjazzjonijiet fis-sitwazzjoni ekonomika (ara, is-sentenza tad-19 ta' Lulju 2016, *Kotnik et*, C-526/14, EU:C:2016:570, punt 66 u l-ġurisprudenza ċċitata).
- 465 Din il-ġurisprudenza tista' tiġi trasposta għas-sitwazzjoni ta' bank suġġett għal miżura ta' riżoluzzjoni (ara, b'analoġija, is-sentenza tas-16 ta' Diċembru 2020, *Il-Kunsill et vs K. Chrysostomides & Co. et*, C-597/18 P, C-598/18 P, C-603/18 P u C-604/18 P, EU:C:2020:1028,

- punti 181 u 182). Fil-fatt, fis-settur bankarju, kif tirrileva l-Qorti Ġenerali, minħabba l-adattament kostanti b'reazzjoni għall-bidliet fis-sitwazzjoni ekonomika, l-azzjonisti u l-kredituri ta' entità ma jistgħux jippretendu li għandhom xi aspettattiva leġittima fil-fatt li din l-entità ma ssibx ruħha fil-futur f'sitwazzjoni li tiġġustifika l-applikazzjoni ta' miżura ta' riżoluzzjoni. Lanqas ma jistgħu jippretendu li s-SRB ikun f'pożizzjoni li jipprovdihom b'assigurazzjoni li bank, li jkun meħtieġ jissodisfa l-kundizzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu 18 tar-Regolament Nru 806/2014, ma jkunx is-suġġett ta' miżura ta' riżoluzzjoni.
- 466 Ir-rikorrenti, bħala azzjonisti jew kredituri ta' Banco Popular, ma jistgħux għalhekk isostnu li s-SRB kiser il-prinċipju ta' protezzjoni tal-aspettattivi leġittimi billi adotta l-iskema ta' riżoluzzjoni.
- 467 Fi kwalunkwe każ, hemm lok li jiġi kkunsidrat li l-ebda waħda miċ-ċirkustanzi invokati mir-rikorrenti ma tiġġustifika l-applikazzjoni tal-prinċipju ta' protezzjoni tal-aspettattivi leġittimi.
- 468 Fl-ewwel lok, ir-rikorrenti jsostnu l-eżistenza ta' aspettattivi leġittimi bbażati fuq il-premessa 13 tar-Regolament Nru 806/2014 li tipprovdi li “[b]iex jinkisbu lura l-fiduċja u l-kredibilità fis-settur bankarju, il-Bank Ċentrali Ewropew (BĊE) bħalissa qed iwettaq valutazzjoni komprensiva tal-karti tal-bilanċ tal-banek kollha sorveljati direttament” u li “[t]ali valutazzjoni għandha tassigura lill-partijiet interessati kollha li l-banek li jidħlu fs-SSM [MSU], u li għaldaqstant jidħlu fl-ambitu tas-SRM, huma fundamentalment sodi u affidabbli”. Il-BĊE għandu jeżerċita l-kompetenzi tiegħu, f'kooperazzjoni mas-SRB, bil-għan li jiggarantixxi s-solvenza u s-sodezza tal-istituzzjonijiet ta' kreditu suġġetti għas-superviżjoni tiegħu.
- 469 Huwa biżżejjed li jiġi rrilevat li din il-premessa fir-Regolament Nru 806/2014 hija marbuta mal-evalwazzjoni magħmula mill-BĊE fil-kuntest tat-twaqqif tal-MSU. Jekk jitqies, kif jagħmlu r-rikorrenti, li kwalunkwe bank li huwa suġġett għas-sorveljanza tal-BĊE huwa definittivament iggarantit bħala “tajjeb u affidabbli,” u mhux ser ikun suġġett għal miżura ta' riżoluzzjoni, dan iwassal sabiex ir-Regolament Nru 806/2014 jiġi mċaħħad minn kull effett utli.
- 470 Fit-tieni lok, ir-rikorrenti jinvolkaw ir-riżultati tat-testijiet ta' reżistenza ta' Banco Popular tal-2014 u tal-2016 kif ukoll ir-riżultati tal-proċess ta' kontroll u ta' evalwazzjoni prudenzjali (*Supervisory Review and Evaluation Proċess, SREP*) ta' Novembru 2016, imwettaq mill-BĊE, sabiex isostnu aspettattiva raġonevoli li l-istituzzjoni kienet stabbli u solventi u li ma kien hemm l-ebda riskju li jkun suġġett għal riżoluzzjoni.
- 471 F'dan ir-rigward, huwa biżżejjed li jiġi kkonstatat li l-elementi invokati mir-rikorrenti jikkonċernaw is-sitwazzjoni ta' Banco Popular f'data partikolari, li hija diversi xhur qabel id-data tal-adozzjoni tal-iskema ta' riżoluzzjoni. B'hekk, it-test ta' reżistenza tal-2016 ta' Banco Popular ġie ppubblikat f'Lulju tal-2016 u r-riżultati tas-SREP ta' Novembru 2016 imwettqa mill-BĊE ġew datati l-31 ta' Diċembru 2015. Dawn l-elementi ma jistgħux jitqiesu bħala li jagħtu indikazzjonijiet dwar l-iżvilupp finanzjarju futur ta' Banco Popular. Dawn ma jistgħux jitqiesu li jagħtu lir-rikorrenti aspettattiva leġittima li Banco Popular ma hijiex sejra tkun fil-futur f'sitwazzjoni ta' falliment li seħħ jew li x'aktarx ser iseħħ. Barra minn hekk, hemm lok li jifakkar li, f'dan il-każ, is-sitwazzjoni tal-likwidità ta' Banco Popular iddeterjorat wara dawn ir-riżultati, minn Frar 2017. B'mod partikolari, jeħtieġ li jifakkar li, fit-12 ta' Mejju 2017, Banco Popular ma kienx għadu jissodisfa r-rekwiżit ta' kopertura tal-ħtiġijiet ta' likwidità minima meħtieġa. Fi kwalunkwe każ, dawn l-elementi ma jistgħux jikkostitwixxu garanziji preċiżi, inkondizzjonali u konkordanti li joriġinaw minn istituzzjoni tal-Unjoni li Banco Popular mhux ser ikun suġġett għal miżura ta' riżoluzzjoni fil-futur.

- 472 Fit-tielet lok, ir-rikorrenti jinvokaw il-fatt li l-BĊE awtorizza, fl-2017, il-ħlas lura parzjali ta' ħruġ ta' dejn subordinat ta' Banco Popular fl-ammont ta' EUR 400 000. Huma jqisu li kwalunkwe investitur razzjonali kien jemmen li, kieku Banco Popular kellu problemi ta' solvenza jew likwidità, il-BĊE kien jopponi din il-miżura.
- 473 Madankollu, minn naħa, dawn il-fatti ma jikkostitwixxux assigurazzjonijiet preċiżi, fis-sens tal-ġurisprudenza ċċitata fil-punt 463 iktar 'il fuq, li joriġinaw mis-SRB, dwar is-sodezza finanzjarja ta' Banco Popular. Min-naħa l-oħra, ir-rikorrenti ma jispjegawx għaliex dawn il-fatti kienu ta' natura li jagħtu lil kwalunkwe investitur infurmat aspettattivi leġittimi fis-solvenza jew fis-sitwazzjoni ta' likwidità ta' Banco Popular, filwaqt li dawn l-investituri ma setgħux jinjoraw il-fatt li s-sitwazzjoni tal-bank iddeterjorat bil-ħeffa ftit xhur qabel l-adozzjoni tal-iskema ta' rizzoluzzjoni. B'hekk, il-pubblikazzjoni, fit-3 ta' Frar 2017 tar-Rapport Annwali tal-2016 ta' Banco Popular, dik tal-5 ta' Mejju 2017, tar-rapport finanzjarju għall-ewwel tliet xhur tal-2017 kif ukoll id-deterjorament fil-klassifikazzjoni tagħha, kienu elementi magħrufa mill-investituri li kienu jirrelevaw id-diffikultajiet ta' Banco Popular. Barra minn hekk, bejn ix-xhur ta' Frar u ta' Mejju 2017, Banco Popular irċieva kopertura estensiva mill-media li rrappurtaw id-deterjorament tas-sitwazzjoni finanzjarja tiegħu.
- 474 Fir-raba' lok, ir-rikorrenti jsostnu li l-assenza ta' implimentazzjoni mis-SRB u mill-BĊE ta' miżuri ta' intervent bikri kienet b'mod leġittimu wasslithom sabiex jemmnu li Banco Popular ma kienx ser ikun suġġett malajr għal miżura ta' rizzoluzzjoni.
- 475 Huwa biżżejjed li jitfakkar li mill-Artikolu 18(3) tar-Regolament Nru 806/2014 jirriżulta li l-adozzjoni minn qabel ta' miżuri ta' intervent bikri ma hijiex kundizzjoni sabiex tittieħed miżura ta' rizzoluzzjoni, li r-rikorrenti jirrikonoxxu b'mod espliċitu fir-replika. Għaldaqstant, ir-rikorrenti ma setgħu jisiltu l-ebda konsegwenza mill-assenza ta' miżuri bħal dawn.
- 476 Għaldaqstant, hemm lok li jitqies li r-rikorrenti ma jistgħux isostnu b'mod validu li kellhom garanziji li joriġinaw mis-SRB dwar il-fatt li ma kienx sejjer jadotta skema ta' rizzoluzzjoni fir-rigward ta' Banco Popular. Jeħtieġ li jiġi rrilevat ukoll li l-azzjonisti ta' Banco Popular ma kellhomx l-assigurazzjoni li, fost il-miżuri ta' rizzoluzzjoni adottati mis-SRB, xi wħud minnhom ma kinux tali li jaffettwaw l-investimenti tagħhom.
- 477 Għaldaqstant, is-seba' motiv għandu jiġi miċħud bħala infondat.

Fuq it-tmien motiv, ibbażat fuq il-ksur tad-dritt għall-proprjetà u tal-prinċipju ta' proporzjonalità, sanċiti fl-Artikoli 17 u 52 tal-Karta

- 478 Ir-rikorrenti jsostnu li l-iskema ta' rizzoluzzjoni ċċaħħad b'mod sproporzjonat lill-azzjonisti ta' Banco Popular mid-drittijiet għall-proprjetà tagħhom bi ksur tal-Artikoli 17 u 52 tal-Karta.
- 479 Ir-rikorrenti jsostnu li l-ksur tad-dritt għall-proprjetà tagħhom kien sproporzjonat fid-dawl tal-għan tal-protezzjoni tal-istabbiltà finanzjarja segwit mis-SRB. Huma jsostnu li, bl-iskuża tal-protezzjoni tal-interess pubbliku u tal-istabbiltà tas-swieq finanzjarji, is-SRB ċaħħad lill-azzjonisti ta' Banco Popular mid-dritt għall-proprjetà tagħhom b'mod assolut, fatt li juri li r-rekwiżit tal-proporzjonalità ma ġiex issodisfatt. Huma jsostnu, essenzjalment, li kienu jeżistu miżuri inqas onerużi minn dawk adottati fl-iskema ta' rizzoluzzjoni u li dawn tal-aħħar ċaħħadhom mid-dritt għall-proprjetà tagħhom mingħajr ma nstemgħu minn qabel u mingħajr ma tħallsu l-ebda kumpens.

- 480 Skont ġurisprudenza stabbilita, il-prinċipju ta' proporzjonalità, li jagħmel parti mill-prinċipji ġenerali tad-dritt tal-Unjoni, jeżiġi li l-atti tal-istituzzjonijiet tal-Unjoni ma jeċċedux il-limiti ta' dak li huwa xieraq u neċessarju għat-twettiq tal-għanijiet leġittimi segwiti mil-leġiżlazzjoni inkwistjoni, premess li, meta jkun hemm għażla bejn numru ta' miżuri xierqa, għandha tiġi applikata dik li hija l-inqas oneruża, u li l-inkonvenjenti kkawżati ma għandhomx ikunu sproporzjonati meta mqabbla mal-għanijiet imfittxija (ara s-sentenzi tat-30 ta' April 2019, *L-Italja vs Il-Kunsill (Kwota ta' qabdiet ta' pixxispad tal-Mediterran)*, C-611/17, EU:C:2019:332, punt 55 u l-ġurisprudenza ċċitata, u tas-6 ta' Mejju 2021, *Bayer CropScience u Bayer vs Il-Kummissjoni*, C-499/18 P, EU:C:2021:367, punt 166 u l-ġurisprudenza ċċitata). Dan il-prinċipju jtfakkar fl-Artikolu 5(4) TUE, kif ukoll fl-Artikolu 1 tal-Protokoll dwar l-applikazzjoni tal-prinċipji ta' sussidjarjeta' u ta' proporzjonalità, anness mat-Trattat tal-UE u mat-Trattat FUE.
- 481 L-Artikolu 17(1) tal-Karta jipprevedi:
- “Kull persuna għandha d-dritt li tgawdi mill-proprjeta' tal-beni tagħha li tkun akkwistat legalment, li tużahom, li tiddisponi minnhom u li tħallihom bħala wirt. L-ebda persuna ma tista' tiġi mċaħħda mill-proprjeta' tagħha, ħlief fl-interess pubbliku u fil-każijiet u skond il-kondizzjonijiet previsti mil-liġi, bi ħlas ta' kumpens xieraq fi żmien utli għal dak li tkun tilfet. L-użu tal-proprjeta' jista' jiġi rregolat bil-liġi sa fejn ikun meħtieġ għall-interess pubbliku.”
- 482 Madankollu, għandu jtfakkar li, skont ġurisprudenza stabbilita, id-dritt għall-proprjeta' ggarantit mill-Artikolu 17(1) tal-Karta ma huwiex prerogattiva assoluta u li l-eżerċizzju tiegħu jista' jkun suġġett għal restrizzjonijiet iġġustifikati minn għanijiet ta' interess ġenerali segwiti mill-Unjoni. Konsegwentement, kif jirriżulta mill-Artikolu 52(1) tal-Karta, l-eżerċizzju tad-dritt għall-proprjeta' jista' jkun suġġett għal restrizzjonijiet, bil-kundizzjoni li dawn ir-restrizzjonijiet effettivament jissodisfaw għanijiet ta' interess ġenerali segwiti u ma jikkostitwixxux, fid-dawl tal-għan segwit, intervent sproporzjonat u intollerabbli li jippreġudika s-sustanza stess tad-dritt hekk iggarantit (ara s-sentenza tal-20 ta' Settembru 2016, *Ledra Advertising et vs Il-Kummissjoni u BĊE*, C-8/15 P sa C-10/15 P, EU:C:2016:701, punti 69 u 70 u l-ġurisprudenza ċċitata; sentenzi tas-16 ta' Lulju 2020, *Adusbef et*, C-686/18, EU:C:2020:567, punt 85, u tat-23 ta' Mejju 2019, *Steinhoff et vs BĊE*, T-107/17, EU:T:2019:353, punt 100).
- 483 Minn dan jirriżulta li d-dritt għall-proprjeta' ma huwiex dritt assolut, iżda li, skont l-Artikolu 52(1) tal-Karta, iċċitat fil-punt 205 iktar 'il fuq, jista' jkun suġġett għal limitazzjonijiet jekk dawn ikunu previsti mit-testi applikabbli, meħtieġa sabiex jintlaħaq għan ġenerali u proporzjonali għal dak l-għan.
- 484 Ir-rikorrenti jammettu li d-dritt għall-proprjeta' tagħhom huwa suġġett għal limitazzjonijiet u ma jikkontestawx li l-Artikolu 22 tar-Regolament Nru 806/2014 jagħti lis-SRB l-possibbiltà li jiddeċiedi dwar il-konverżjoni u l-iżvalutazzjoni tal-istrumenti ta' fondi proprji tal-entità kkonċernata fil-kuntest tar-risoluzzjoni.
- 485 Preliminarjament, jeħtieġ li jtfakkar li minn naħa, mill-premessa 61 tar-Regolament Nru 806/2014 jirriżulta li r-restrizzjonijiet għad-drittijiet tal-azzjonisti u l-kredituri għandhom ikunu konformi mal-prinċipji stabbiliti fl-Artikolu 52(1) tal-Karta u, min-naħa l-oħra, mill-premessa 62 tal-istess regolament li l-ksur tad-drittijiet għall-proprjeta' ma għandux ikun sproporzjonat.

- 486 Skont l-Artikolu 15(1)(a) tar-Regolament Nru 806/2014 dwar il-prinċipji ġenerali li jirregolaw ir-riżoluzzjoni, l-azzjonisti tal-istituzzjoni suġġetti għal proċedura ta' riżoluzzjoni huma l-ewwel li jġarrbu t-telf.
- 487 F'dan ir-rigward, il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet, fir-rigward tal-azzjonisti tal-bank, li, skont ir-regoli ġenerali applikabbli għall-istatus tal-azzjonisti ta' kumpanniji pubbliċi b'responsabbiltà limitata, dawn tal-aħħar jassumu totalment ir-riskju tal-investimenti tagħhom (sentenza tad-19 ta' Lulju 2016, *Kotnik et*, C-526/14, EU:C:2016:570, punt 73).
- 488 Il-Qorti tal-Ġustizzja qieset, fil-qasam tal-ġajnuna mill-Istat, li, peress li l-azzjonisti huma responsabbli għad-djun tal-bank sal-ammont tal-kapital azzjonarju ta' dan tal-aħħar, il-fatt li l-punti 40 sa 46 tal-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni dwar l-applikazzjoni, sa mill-1 ta' Awwissu 2013, tar-regoli dwar l-ġajnuna mill-istat għal miżuri ta' appoġġ favur il-banek fil-kuntest tal-kriżi finanzjarja ("il-komunikazzjoni dwar il-banek") (ĠU 2013, C 216, p. 1) jirrikjedu li, sabiex jiġi rrimedjat in-nuqqas ta' kapital ta' bank, qabel l-ġhota ta' ġajnuna mill-Istat, dawn l-azzjonisti għandhom jikkontribwixxu sabiex jiġi assorbit it-telf subit minn dan il-bank bl-istess mod bħal fl-assenza ta' tali ġajnuna mill-Istat, ma jistax jitqies li jaffettwa d-dritt tagħhom ta' proprjetà (sentenza tad-19 ta' Lulju 2016, *Kotnik et*, C-526/14, EU:C:2016:570, punt 74).
- 489 Hemm lok li jiġi kkunsidrat, b'analoġija, li l-eżerċizzju tas-setgħa ta' żvalutazzjoni u ta' konverżjoni tal-istrumenti kapitali ta' Banco Popular, li kienu miżmuma mir-rikorrenti, fl-iskema ta' riżoluzzjoni, huwa l-konsegwenza tal-fatt li l-azzjonisti ta' entità għandhom iġorru r-riskji inerenti fl-investimenti tagħhom u tal-fatt li, minħabba li l-entità hija suġġetta għal miżura ta' riżoluzzjoni minħabba l-falliment tagħha, huma għandhom iġorru l-konsegwenzi ekonomiċi.
- 490 F'dan ir-rigward, il-Qorti Ġenerali diġà ddeċidiet li miżura li tikkonsisti fit-tnaqqis fil-valur nominali tal-azzjonijiet ta' bank Ċiprijott kienet proporzjonata mal-għan segwit minn dik il-miżura. Qabelxejn, hija rrilevat li din il-miżura kienet maħsuba sabiex tikkontribwixxi għar-rikapitalizzazzjoni tal-bank, u li kienet kapaċi tikkontribwixxi għall-għan li tiġi żgurata l-istabbiltà tas-sistema finanzjarja Ċiprijotta u taż-żona tal-euro kollha kemm hi. Sussegwentement, hija kkonstatat li din il-miżura ma qabzix il-limiti ta' dak li kien xieraq u neċessarju għall-kisba ta' dan l-għan, peress li alternattivi inqas restrittivi ma kinux fattibbli jew ma kinux jippermettu l-kisba tar-riżultati mistennija. Finalment, qieset li, fid-dawl tal-importanza tal-għan segwit, il-miżura ma kinitx toħloq inkonvenjenzi sproporzjonati. F'dan ir-rigward, hija fakkret li l-azzjonisti tal-banek jassumu bis-sħiħ ir-riskju tal-investimenti tagħhom (sentenza tat-13 ta' Lulju 2018, *K. Chrysostomides & Co. et vs Il-Kunsill et*, T-680/13, EU:T:2018:486, punt 330).
- 491 F'dawn iċ-ċirkustanzi, il-Qorti Ġenerali kkonkludiet li ma jistax jiġi kkunsidrat li t-tnaqqis fil-valur nominali tal-azzjonijiet ta' dan il-bank kien jikkostitwixxi intervent sproporzjonat u intollerabbli li jippergudika s-sustanza nnifisha tad-dritt għall-proprjetà tal-azzjonisti (sentenza tat-13 ta' Lulju 2018, *K. Chrysostomides & Co. et vs Il-Kunsill et*, T-680/13, EU:T:2018:486, punt 331).
- 492 Fil-każ preżenti, fl-ewwel lok, ir-rikorrenti jsostnu li l-ksur tad-dritt għall-proprjetà tagħhom kien sproporzjonat peress li l-istabbiltà tas-swieq finanzjarji ma kinitx mhedda fid-dawl tas-solvenza ta' Banco Popular, tas-sitwazzjoni ekonomika fi Spanja u tal-prospetti ta' tkabbir tal-ekonomija Spanjola. Huma jsostnu li l-kriżi ta' likwidità li taffettwa lil Banco Popular ma wasslitx għal tnaqqis

- tal-prezzijiet tal-azzjonijiet jew għal trasferiment ta' depożiti lejn istituzzjonijiet finanzjarji Spanjoli oħra, li għalhekk din kienet problema li taffettwa istituzzjoni finanzjarja u li ma kien ikun hemm l-ebda effett ta' kontagġu.
- 493 B'dan l-argument, ir-rikorrenti jfittxu li jpoġġu f'dubju l-fatt li s-sitwazzjoni ta' falliment ta' Banco Popular ikkawżat effett ta' kontagġu u kien hemm riskju li twassal għal effetti negattivi sinjifikattivi fuq l-istabbiltà finanzjarja fi Spanja.
- 494 Hemm lok li jtifakkur li, fl-iskema ta' rizzoluzzjoni, is-SRB qies li r-rizzoluzzjoni ta' Banco Popular u, għalhekk, l-iżvalutazzjoni u l-konverżjoni tal-istrumenti ta' fodni proprji kienu neċessarji u proporzjonati sabiex jiġu evitati l-effetti negattivi li falliment tal-istituzzjoni ikollu fuq l-istabbiltà finanzjarja u, b'mod partikolari, sabiex jiġi evitat l-effett ta' kontagġu fuq il-banek Spanjoli l-oħra.
- 495 Minn naħa, jeħtieġ jtifakkur li Banco Popular kien f'sitwazzjoni ta' falliment li seħħ jew li x'aktarx ser iseħħ fiż-żmien tal-adozzjoni tal-iskema ta' rizzoluzzjoni, b'mod konformi mal-Artikolu 18(1)(a) u l-paragrafu 4(c) tar-Regolament Nru 806/2014. Konsegwentement, id-dikjarazzjoni tar-rikorrenti li l-bank kien ta' solventi hija irrilevanti.
- 496 Min-naħa l-oħra, ir-rikorrenti ma jispjegawx kif is-sitwazzjoni ekonomika fi Spanja kienet ippermettit li jiġi evitat l-effett ta' kontagġu li kien iwassal għalih il-falliment ta' Banco Popular. F'dan ir-rigward, hemm lok li jiġi rrilevat li r-rikorrenti ma jqajmu l-ebda argument ta' natura li jikkontesta l-ispejgazzjonijiet ipprovduti mis-SRB fl-Artikolu 4.4.2, tal-iskema ta' rizzoluzzjoni, imsemmija fil-punt 433 iktar 'il fuq, li skonthom, minħabba l-importanza sistemika tiegħu u n-natura tal-attività tiegħu, falliment ta' Banco Popular kien jikkawża effett ta' kontagġu fuq l-istituzzjonijiet finanzjarji Spanjoli b'mudell kummerċjali simili u, konsegwentement, effetti negattivi sinjifikattivi fuq l-istabbiltà finanzjarja fi Spanja.
- 497 F'dan ir-rigward, għandu jtifakkur li mill-ġurisprudenza msemmija fil-punt 211 iktar 'il fuq jirriżulta li s-servizzi finanzjarji għandhom rwol ċentrali fl-ekonomija tal-Unjoni u li l-falliment ta' bank sistemiku wieħed jew iktar jista' jinfirx malajr għal banek oħra fl-Istat Membru kkonċernat, jew fi Stati Membri oħra.
- 498 Il-Qorti tal-Ġustizzja diġà ddeċidiet li, fid-dawl tal-għan li tiġi żgurata l-istabbiltà tas-sistema bankarja fiż-żona tal-euro, u fid-dawl tar-riskju imminenti ta' telf finanzjarju li għalih id-depożitanti mal-banek ikkonċernati kienu jkunu esposti fil-każ ta' fallimenti ta' dawn tal-aħħar, ċerti restrizzjonijiet fuq id-dritt għall-proprjetà jistgħu jiġu ġġustifikati (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tal-20 ta' Settembru 2016, *Ledra Advertising et vs Il-Kummissjoni u BĊE*, C-8/15 P sa C-10/15 P, EU:C:2016:701, punt 74).
- 499 Il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet ukoll li, għalkemm hemm interess pubbliku ċar li tiġi żgurata, fl-Unjoni kollha, protezzjoni qawwija u konsistenti ta' investituri, dan l-interess ma jistax jitqies li jipprevali fiċ-ċirkustanzi kollha, fuq l-interess pubbliku li jikkonsisti f'li tiġi żgurata l-istabbiltà tas-sistema finanzjarja (sentenzi tad-19 ta' Lulju 2016, *Kotnik et*, C-526/14, EU:C:2016:570, punt 91, u tat-8 ta' Novembru 2016, *Dowling et*, C-41/15, EU:C:2016:836, punt 54).
- 500 Ir-rikorrenti jsostnu li s-soluzzjoni adottata fis-sentenza tad-19 ta' Lulju 2016, *Kotnik et* (C-526/14, EU:C:2016:570), ma hijiex applikabbli, peress li din il-kawża kienet tikkonċerna s-sistema finanzjarja kollha ta' Stat Membru mhadded minn kriżi sistemika, filwaqt l-kawża ineżami tikkonċerna biss entità waħda.

- 501 F'dan ir-rigward, huwa biżżejjed li jiġi kkonstatat li, skont il-punt 50 tas-sentenza tad-19 ta' Lulju 2016, *Kotnik et* (C-526/14, EU:C:2016:570), il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet li l-falliment ta' bank wieħed jew iktar għandu r-riskju li jinfirex malajr għal banek oħra, kemm fl-Istat Membru kkonċernat kif ukoll fi Stati Membri oħra. Għalhekk ma jistax jitqies li l-applikazzjoni tal-prinċipju rrikonoxxut f'din is-sentenza, li skontu l-għan li tiġi ggarantita l-istabbiltà finanzjarja jista' jiġġustifika restrizzjoni fuq id-dritt għall-proprjetà tal-azzjonisti, huwa limitat għas-suppożizzjonijiet fejn is-sistema finanzjarja kollha ta' Stat Membru tkun fi kriżi sistemika. Din is-sentenza hija rilevanti meta, bħal f'dan il-każ, il-bank ikkonċernat huwa sistemikament importanti u l-likwidazzjoni tiegħu tirrappreżenta riskju għall-istabbiltà tas-sistema finanzjarja ta' Spanja.
- 502 It-tieni, ir-rikorrenti jsostnu li l-iskema ta' riżoluzzjoni ma tosservax ir-rekwiżiti ta' proporzjonalità, sa fejn is-SRB ma għażilx il-miżura l-inqas oneruża biex isolvi l-kriżi ta' likwidità ffaċċjata minn Banco Popular. Huma jsostnu li l-iskema ta' riżoluzzjoni ma tiġġustifikax l-assenza ta' adozzjoni f'waqtha ta' miżuri ta' intervent bikri li setgħu solvew il-problema ta' likwidità ta' Banco Popular, bħal assistenza ta' likwidità b'urġenza, u lanqas l-assenza tal-adozzjoni ta' miżuri inqas radikali minn dawk adottati, bħall-għodod ta' separazzjoni tal-assi jew ta' istituzzjoni tranżitorja.
- 503 Hemm lok li jtfakkar li mill-analiżi, fil-kuntest tat-tieni parti tal-ħames motiv, tal-osservanza tal-kundizzjoni prevista fl-Artikolu 18(1)(b) tar-Regolament Nru 806/2014, jirriżulta li s-SRB iġġustifika, fl-iskema ta' riżoluzzjoni, ir-raġunijiet għalfejn miżuri alternattivi prudenżjali jew ta' natura privata alternattivi ma kinux prevedibbli u li r-rikorrenti ma wrewx l-eżistenza ta' miżuri oħra inqas onerużi li setgħu jippermettu li jiġi stabbilita mill-ġdid il-pożizzjoni ta' likwidità ta' Banco Popular f'terminu suffiċjentement qasir sabiex jevitaw li din tal-aħħar tkun f'sitwazzjoni ta' falliment li seħħ jew li x'aktarx ser iseħħ fis-6 ta' Ġunju 2017.
- 504 Barra minn hekk, mill-Artikolu 5 tal-iskema ta' riżoluzzjoni jirriżulta b'mod ċar li s-SRB iġġustifika l-għażla tal-għodda tal-bejgħ tal-operat bħala għodda ta' riżoluzzjoni. Is-SRB indika li din l-għodda kienet neċessarja u proporzjonata għall-għanijiet previsti fl-Artikolu 14(2) tar-Regolament Nru 806/2014 u kellha bħala l-għan ewlieni tagħha l-protezzjoni tal-funzjonijiet kritiċi għall-funzjonament tal-ekonomija reali u l-preservazzjoni tal-istabbiltà finanzjarja.
- 505 Is-SRB qies ukoll, fl-Artikolu 5.3 tal-iskema ta' riżoluzzjoni, li l-għodod l-oħra ta' riżoluzzjoni previsti fl-Artikolu 22(2) tar-Regolament Nru 806/2014 ma jissodisfawx l-għanijiet tar-riżoluzzjoni sal-istess punt. Fir-rigward tal-għodda ta' rikapitalizzazzjoni interna, is-SRB qies li, anki meta kkombinata mal-għodda tas-separazzjoni tal-assi, ma setax jiġi ggarantit li din tippermetti li tiġi rrimedjata b'mod effikaċi s-sitwazzjoni ta' likwidità ta' Banco Popular u, għalhekk, li tiġi stabbilita mill-ġdid s-sodezza finanzjarja u l-vijabbiltà fit-tul tiegħu. Fir-rigward tal-għodda ta' istituzzjoni tranżitorja, is-SRB qies li, anki flimkien mal-għodda ta' separazzjoni tal-assi, peress li l-istituzzjoni tranżitorja kienet maħsuba sabiex iżżomm l-aċċess għall-funzjonijiet kritiċi u sabiex tbigħ lil Banco Popular f'terminu, bħala prinċipju, ta' sentejn u, sa fejn li l-għodda tal-bejgħ tal-operat kienet tippermetti li jinkiseb l-istess riżultat f'terminu qasir, din tal-aħħar ġiet meqjusa bħala li tippermetti li l-għanijiet tar-riżoluzzjoni jintlaħqu b'mod iktar effettiv minn dak tal-istituzzjoni tranżitorja.
- 506 Għaldaqstant, is-SRB indika fl-iskema ta' riżoluzzjoni r-raġunijiet għall-għażla tal-għodda tal-bejgħ tal-operat kif ukoll ir-raġunijiet li għalihom l-għodod l-oħra ta' riżoluzzjoni previsti fir-Regolament Nru 806/2014 ma kinux xierqa.

- 507 Ir-rikorreni ma jqajmu l-ebda argument intiż li jikkontesta din l-evalwazzjoni mis-SRB. Huma jsemmu biss l-eżistenza ta' għodod oħra ta' riżoluzzjoni li l-applikazzjoni tagħhom kienet tikser inqas id-drittijiet għall-proprjetà tagħhom mingħajr ma jispjegaw kif dawk l-għodod setgħu ġew applikati fil-każ ta' Banco Popular.
- 508 Barra minn hekk, ir-rikorreni jagħmlu riferiment għas-soluzzjonijiet alternattivi ppreżentati fir-rapport tal-esperti tagħhom, anness mar-rikors, li juru li l-iskema ta' riżoluzzjoni ma tissodisfax ir-rekwiżiti tan-neċessità u tal-proporzjonalità.
- 509 Skont l-Artikolu 21 tal-Istatut tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea u l-Artikolu 76(d) tar-Regoli tal-Proċedura tal-Qorti Ġenerali, kull rikors għandu jindika s-suġġett tal-kawża u s-sunt tal-motivi invokati. Skont ġurisprudenza stabbilita, sabiex rikors ikun ammissibbli, huwa meħtieġ li l-elementi essenzjali ta' fatt u ta' liġi li fuqhom ikun ibbażat jirriżultaw, minn tal-inqas fil-qosor iżda b'mod koerenti u li jinftiehem, mit-test tar-rikors stess. Għalkemm it-test tar-rikors jista' jiġi ssostanzjat u kkompletat fir-rigward ta' punti speċifiċi, permezz ta' riferimenti għal siltiet speċifiċi minn dokumenti li huma annessi miegħu, riferiment globali għal dokumenti oħra, anki jekk annessi mar-rikors, ma jistax jikkumpensa għall-assenza tal-elementi essenzjali tal-argumenti legali, li, skont id-dispożizzjonijiet imfakkra iktar 'il fuq, għandhom ikunu inklużi fir-rikors (ara s-sentenzi tas-17 ta' Settembru 2007, *Microsoft vs Il-Kummissjoni*, T-201/04, EU:T:2007:289, punt 94 u l-ġurisprudenza ċċitata, u tal-5 ta' Ottubru 2020, *HeidelbergCement u Schwenk Zement vs Il-Kummissjoni*, T-380/17, EU:T:2020:471, punt 92 (mhux ippubblikata) u l-ġurisprudenza ċċitata). Barra minn hekk, ma huwiex id-dmir tal-Qorti Ġenerali li tfittex u tidentifika, fl-annessi, il-motivi u l-argumenti li tista' tikkunsidra bħala bażi tar-rikors, peress li l-funzjoni tal-annessi hija waħda purament probatorja u strumentali (ara s-sentenzi tal-11 ta' Settembru 2014, *MasterCard et vs Il-Kummissjoni*, C-382/12 P, EU:C:2014:2201, punt 41 u l-ġurisprudenza ċċitata; tas-17 ta' Settembru 2007, *Microsoft vs Il-Kummissjoni*, T-201/04, EU:T:2007:289, punt 94 u l-ġurisprudenza ċċitata, u tal-24 ta' Settembru 2019, *Il-Pajjiżi l-Baxxi et vs Il-Kummissjoni*, T-760/15 u T-636/16, EU:T:2019:669, punt 114 u l-ġurisprudenza ċċitata).
- 510 Għandu jiġi kkonstatat li, fir-rigward tal-eżistenza ta' soluzzjonijiet alternattivi għar-riżoluzzjoni, ir-rikorreni jagħmlu biss riferiment globali għar-rapport tal-esperti anness mar-rikors, li ma jippermettix lill-Qorti Ġenerali tidentifika b'mod preċiż l-elementi li tista' tqis bħala l-bażi ta' dak l-argument.
- 511 Għaldaqstant, hemm lok li jiġi kkunsidrat li dan l-argument huwa sempliċement iddikjarat mingħajr ma huwa sostnut minn argument, bi ksur tar-regola stabbilita fl-Artikolu 76(d) tar-Regoli tal-Proċedura, u li jeħtieġ li jiġi ddikjarat inammissibbli.
- 512 Fit-tielet lok, ir-rikorreni jsostnu li l-iskema ta' riżoluzzjoni tikser b'mod sproporzjonat id-dritt għall-proprjetà tagħhom sa fejn ma kellhomx dritt għal kumpens. L-iżvalutazzjoni tal-istokk azzjonarju kollu ta' Banco Popular mingħajr korrissettiv għall-azzjonisti tikkostitwixxi esproprijazzjoni. L-iskema ta' riżoluzzjoni tikkostitwixxi miżura ta' konfiska sproporzjonata.
- 513 Għandu jiġi kkunsidrat, kif għamlet il-Kummissjoni, li dan l-argument huwa prematur.
- 514 F'dan ir-rigward, hemm lok li jiġi rrilevat li l-Artikolu 15(1)(g), tar-Regolament Nru 806/2014 jistabbilixxi l-prinċipju li l-ebda kreditur ma għandu jġarrab telf ikbar milli kien iġarrab li kieku l-entità suġġetta għal proċedura ta' riżoluzzjoni kienet ġiet stralċjata skont proċedimenti normali ta' insolvenza.

- 515 Sabiex jiġi ddeterminat jekk l-azzjonisti u l-kredituri kinux jibbenefikaw minn trattament aħjar kieku l-entità kkonċernata għaddiet minn proċedura normali ta' insolvenza, l-Artikolu 20(16) tar-Regolament Nru 806/2014 jipprovdi li valutazzjoni titwettaq wara r-risoluzzjoni. Skont l-Artikolu 20(17) tar-Regolament Nru 806/2014, din il-valutazzjoni tistabbilixxi jekk hemmx differenza bejn it-trattament li kienu jibbenefikaw minnu l-azzjonisti u l-kredituri kieku l-istituzzjoni kienet suġġetta għal proċedimenti normali ta' insolvenza fiż-żmien meta ttieħdet id-deċiżjoni dwar il-miżura ta' riżoluzzjoni u t-trattament attwali li kienu suġġetti għalih bħala parti mir-riżoluzzjoni.
- 516 Jekk, bħala riżultat ta' tali valutazzjoni, jiġi stabbilit li l-azzjonisti jew il-kredituri sofrew telf ikbar fil-kuntest tar-riżoluzzjoni milli kienu jġarrbu fi stralċ skont proċedura normali ta' insolvenza, l-Artikolu 76(1) tar-Regolament Nru 806/2014 jipprovdi li s-SRB jista' jirrikorri għas-SRF sabiex jikkumpensahom.
- 517 Minn dan isegwi li r-Regolament Nru 806/2014 jistabbilixxi mekkaniżmu intiż sabiex jiggarantixxi lill-azzjonisti jew lill-kredituri tal-entità suġġetta għal riżoluzzjoni kumpens għust skont ir-rekwiżiti tal-Artikolu 17(1) tal-Karta.
- 518 Sa fejn il-ħlas possibbli ta' tali kumpens huwa r-riżultat tal-valutazzjoni msemmija fil-punt 515 iktar 'il fuq, imwettqa wara l-adozzjoni tal-iskema ta' riżoluzzjoni, il-fatt li r-rikorrenti ma kisbux kumpens sad-data tal-iskema ta' riżoluzzjoni huwa irrilevanti.
- 519 Fir-replika, ir-rikorrenti jsostnu li ma huwiex possibbli li jargumentaw li r-rispett għad-dritt għal kumpens għust, li jista' jiġġustifika ċ-ċaħda tad-drittijiet għall-proprjetà tal-azzjonisti, għandu jinftiehem bħala assigurat fil-każ ta' osservanza tal-prinċipju li l-ebda kreditur ma jista' jiġi ttrattat b'mod iktar ħażin kif stabbilit fl-Artikolu 15(1)(g) tar-Regolament Nru 806/2014. Id-differenza fl-eżitu bejn proċedura ta' insolvenza ipotetika fi Spanja u l-iskema ta' riżoluzzjoni ma hijiex rilevanti. L-azzjonisti għandhom jiġu kkumpensati b'kont meħud tal-valur tal-ishma tagħhom fil-mument li ġew imċaħħda mid-drittijiet għall-proprjetà tagħhom. Madankollu, Banco Popular kien milqut minn problema ta' likwidità, iżda, skont il-valutazzjoni 1, kien solventi fiż-żmien tar-riżoluzzjoni, b'tali mod li r-riżultat tal-prinċipju li l-ebda kreditur ma jista' jiġi ttrattat iktar ħażin ma huwiex rilevanti.
- 520 F'dan ir-rigward, jeħtieġ li jiġi rrilevat, kif għamel Banco Santander, li l-applikazzjoni tal-prinċipju li l-ebda kreditur ma jista' jiġi ttrattat b'mod iktar ħażin ma tirriżultax mill-iskema ta' riżoluzzjoni, iżda minn deċiżjoni futura tas-SRB sussegwenti għall-valutazzjoni 3.
- 521 Għaldaqstant, l-argument tar-rikorrenti intiż li jikkontesta l-applikazzjoni ta' dan il-prinċipju sabiex jiġu ddeterminati l-parametri tal-kalkolu tal-kumpens għandu jitqies bħala ineffettiv.
- 522 Fi kwalunkwe każ, għall-kuntrarju ta' dak li jsostnu r-rikorrenti, il-valur tal-investment tagħhom ma għandux jiġi kkalkulat fir-rigward tal-valur nominali tal-azzjoni tagħhom qabel l-adozzjoni tal-iskema ta' riżoluzzjoni, iżda jikkorrispondi għall-valur tagħha fil-każ li l-iskema ta' riżoluzzjoni ma tkunx ġiet adottata. Madankollu, hemm lok li jitfakkar li, fl-assenza tal-adozzjoni tal-iskema ta' riżoluzzjoni, Banco Popular, minħabba s-sitwazzjoni tiegħu ta' falliment li seħħ jew li x'aktarx ser iseħħ, kien jiġi stralċjat taħt proċedura normali ta' insolvenza.
- 523 F'dan ir-rigward, fil-qasam tal-għajjnuna mill-Istat, il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet li t-telf tal-azzjonisti ta' banek f'diffikultajiet għandu, fi kwalunkwe każ, l-istess portata, irrispettivament mill-kwistjoni dwar jekk il-kawża tiegħu tkunx ibbażata fuq dikjarazzjoni ta' falliment minħabba

l-assenza ta' għoti ta' għajjnuna mill-Istat jew fuq proċedura għall-għoti ta' tali għajjnuna suġġetta għall-kundizzjoni minn qabel ta' qsim tal-oneri (sentenza tad-19 ta' Lulju 2016, *Kotnik et*, C-526/14, EU:C:2016:570, punt 75).

- 524 Barra minn hekk, fir-rigward ta' titolu, l-ammont ta' kumpens dovut jiġi evalwat fid-dawl tal-valur veru tas-suq ta' dan it-titolu fil-mument tal-adozzjoni tal-leġiżlazzjoni kontenzjuża, u mhux fid-dawl tal-valur nominali tiegħu jew tal-ammont li d-detentur tiegħu ttama li jipperċepixxi fil-mument tal-akkwist tiegħu (ara s-sentenza tat-13 ta' Lulju 2018, *K. Chrysostomides & Co. et vs Il-Kunsill et*, T-680/13, EU:T:2018:486, punt 314 u l-ġurisprudenza ċċitata).
- 525 Kif diġà ġie rrilevat, is-solvenza fil-karti tal-bilanċ ta' Banco Popular ikkonstatata fil-valutazzjoni 1 ma kinitx rilevanti fid-data tar-riżoluzzjoni. F'dik id-data, il-valur ta' Banco Popular kien jikkorrispondi għall-valur tal-bejgħ tiegħu wara l-konstatazzjoni tas-sitwazzjoni ta' falliment li seħħ jew li x'aktarx ser iseħħ tiegħu.
- 526 Minn dan isegwi li r-rikorrenti ma jistgħux isostnu li, fid-data tal-adozzjoni tal-iskema ta' riżoluzzjoni, l-iżvalutazzjoni u l-konverżjoni tal-istrumenti ta' fondi proprji ta' Banco Popular kienu jikkostitwixxu "esproprjazzjoni" mingħajr kumpens, sa fejn kumpens possibbli seta' jiġi deċiż sussegwentement.
- 527 Fir-raba' lok, ir-rikorrenti jsostnu li l-iskema ta' riżoluzzjoni hija sproporzjonata sa fejn iċċaħħad lill-azzjonisti mid-dritt għall-proprjetà tagħhom mingħajr ma tipprovdì għas-smiġħ tagħhom minn qabel.
- 528 F'dan ir-rigward, hemm lok li jifakkar li mill-analiżi tat-tieni motiv jirriżulta, u b'mod partikolari mill-punti 234 u 235 iktar 'il fuq, li l-Qorti Ġenerali diġà ddeċidiet li l-protezzjoni tad-dritt għall-proprjetà sanċit fl-Artikolu 1 tal-Protokoll Nru 1 tal-KEDB ma tistax tiġi interpretata fis-sens li l-persuna kkonċernata għandha, fiċ-ċirkustanzi kollha, tkun tista' ssostni l-opinjoni tagħha quddiem l-awtoritajiet kompetenti qabel l-adozzjoni ta' miżuri li jaffettwaw id-dritt għall-proprjetà tagħha.
- 529 Barra minn hekk, hemm lok li jiġi kkonstatat li r-rikorrenti ma jqajmu l-ebda argument sabiex jispjegaw kif l-assenza ta' smiġħ mis-SRB, qabel l-adozzjoni tal-iskema ta' riżoluzzjoni, affettwat id-drittijiet għall-proprjetà tagħha.
- 530 Minn dak kollu li ntqal hawn fuq jirriżulta, fl-ewwel lok, li Banco Popular kien f'sitwazzjoni ta' falliment li seħħ jew li x'aktarx ser iseħħ u li ma kienx hemm miżuri alternattivi li jistgħu jipprekludu din is-sitwazzjoni, fit-tieni lok, li, fin-nuqqas ta' riżoluzzjoni, Banco Popular kien ikun suġġett għal proċedura normali ta' insolvenza u, fit-tielet lok, li l-azzjonisti ta' Banco Popular kellhom jassumu r-riskju tal-investimenti tagħhom u li r-Regolament Nru 806/2014 jipprevedi l-ħlas possibbli ta' kumpens skont il-prinċipju li l-ebda kreditur ma għandu jkun ittrattat iktar ħażin. Għaldaqstant, hemm lok li jiġi konkluż li d-deċiżjoni li titwettaq iżvalutazzjoni jew li jiġu kkonvertiti l-istrumenti ta' fondi proprji ta' Banco Popular fl-iskema ta' riżoluzzjoni ma tikkostitwixxix intervent sporporzjonat jew intollerabbli li jikser is-sustanza stess tad-dritt għall-proprjetà tar-rikorrenti, iżda għandha titqies bħala restrizzjoni għad-dritt għall-proprjetà tagħhom iġġustifikat u proporzjonat, b'mod konformi mad-dispożizzjonijiet tal-Artikoli 17 u 52 tal-Karta.

- 531 Barra minn hekk, hemm lok li jiġi rrilevat li, fir-rikors, ir-rikorrenti ma jsostnux ksur tal-libertà ta' intrapriża fil-kuntest tat-tmien motiv u ma jqajmux argumenti f'dan ir-rigward. L-unika riferiment għal-libertà ta' intrapriża jinsab fit-tielet motiv ibbażat fuq eċċezzjoni ta' illegalità.
- 532 Billi s-SRB għażel li jwieġeb fl-istess ħin għat-tielet u t-tmien motiv, ir-rikorrenti jiżviluppaw fir-replika argumenti ġodda relatati mal-ksur tal-libertà ta' intrapriża mis-SRB, sa fejn Banco Popular nbiegħ mingħajr ma nstemgħu l-azzjonisti tiegħu, f'laqgħa ġenerali, jew mingħajr ma setgħu jadottaw id-deċiżjonijiet kummerċjali li huma kienu jqisu xierqa sabiex jiggerantixxu l-vijabbiltà ta' Banco Popular.
- 533 Minn naħa, kif jirrileva s-SRB, ir-rikorrenti ma jispeċifikawx liema drittijiet iggarantiti mil-libertà ta' intrapriża, kif imsemmi fil-punt 266 iktar 'il fuq, ġew miksura. Min-naħa l-oħra, kif targumenta l-Kummissjoni, ir-rikorrenti, fil-kapaċità tagħhom bħala azzjonisti minoritarji ta' Banco Popular, ma jeżerċitawx attività ekonomika fis-settur bankarju u għalhekk ma jistgħux jipprevalixxu ruħhom mil-libertà ta' intrapriża fuq din il-bażi.
- 534 Fi kwalunkwe każ, bħal fil-każ tad-dritt għall-proprjetà sanċit fl-Artikolu 17 tal-Karta, il-libertà ta' intrapriża ma tikkostitwixxix prerogattiva assoluta u l-eżerċizzju tagħha jista' jkun suġġett għal restrizzjonijiet skont l-Artikolu 52(1) tal-Karta. Sa fejn ġie kkonstatat li l-iskema ta' riżoluzzjoni ma tikkostitwixxix intervent sproporzjonat u intollerabbli li jikser is-sustanza stess tad-dritt għall-proprjetà tar-rikorrenti, huwa xieraq li jiġi kkunsidrat li, għall-istess raġunijiet, ma tiksirx is-sustanza stess tal-libertà ta' intrapriża.
- 535 Mill-kunsiderazzjonijiet preċedenti jirriżulta li hemm lok li r-raba' motiv jiġi miċħud bħala, parzjalment inammissibbli u parzjalment infondat.

Fuq id-disa' motiv, ibbażat fuq ksur tal-Artikolu 20(1) tar-Regolament Nru 806/2014

- 536 Ir-rikorrenti jsostnu li l-valutazzjoni 2 ma setgħetx tiġi kklassifikata bħala "ġusta, prudenti u realistika" fis-sens tal-Artikolu 20(1) tar-Regolament Nru 806/2014. L-argumenti tar-rikorrenti huma maqsuma f'erba' lmenti intiżi li jikkontestaw, fl-ewwel lok, l-indipendenza tal-espert li wettaq il-valutazzjoni 2, fit-tieni lok, il-koeżistenza ta' żewġ valutazzjonijiet *ex ante*, fit-tielet lok, il-metodoloġija użata fil-valutazzjoni 2 u, fir-raba' lok, il-kredibbiltà ta' dik il-valutazzjoni.
- 537 F'dan il-każ, għandu jitfakkar li l-valutazzjoni ta' Banco Popular, imwettqa qabel l-adozzjoni tal-iskema ta' riżoluzzjoni, tinkludi żewġ rapporti li huma annessi mal-iskema ta' riżoluzzjoni.
- 538 Il-valutazzjoni 1, datata l-5 ta' Ġunju 2017, ġiet redatta mis-SRB skont l-Artikolu 20(5)(a) tar-Regolament Nru 806/2014 u kellha bħala l-għan tagħha li tipprovdi l-elementi li jippermettu li jiġi ddeterminat jekk kinux issodisfatti l-kundizzjonijiet tal-attivazzjoni ta' proċedura ta' riżoluzzjoni, kif iddefiniti fl-Artikolu 18(1) tar-Regolament Nru 806/2014.
- 539 Il-valutazzjoni 2, datata s-6 ta' Ġunju 2017, tfasslet minn Deloitte, bħala espert indipendenti skont l-Artikolu 20(10) tar-Regolament Nru 806/2014.
- 540 L-iskema ta' riżoluzzjoni tindika li, fid-dawl tal-urġenza, il-valutazzjoni 2, imwettqa f'konformità mal-Artikolu 20(10) tar-Regolament Nru 806/2014, kellha l-għan li tistma l-valur tal-assi u tal-obbligazzjonijiet ta' Banco Popular, li tipprovdi stima dwar it-trattament li minnu kienu jibbenefikaw l-azzjonisti u l-kredituri li kieku Banco Popular kien is-suġġett ta' proċedura

normali ta' insolvenza, kif ukoll li tipprovdi l-elementi li jippermettu li tittieħed id-deċiżjoni dwar l-azzjonijiet u t-titoli ta' proprjetà li għandhom jiġu ttrasferiti u li jippermettu lis-SRB jiddetermina dak li jikkostitwixxu kundizzjonijiet kummerċjali għall-finijiet tal-għodda ta' bejgħ tal-operat.

- 541 Jeħtieġ li jifakkar li, fil-valutazzjoni 2, Deloitte indikat li kienet ibbażat ruħha fuq ir-rekwiżiti tal-Artikolu 36 tad-Direttiva 2014/59 (li jikkorrispondu għall-Artikolu 20 tar-Regolament Nru 806/2014) u fuq il-Kapitolu 3 tal-abbozz finali tal-istandards tekniċi regolatorji tal-EBA Nru 2017/05 u Nru 2017/06, tat-23 ta' Mejju 2017, fuq il-valutazzjoni għall-finijiet tar-riżoluzzjoni u fuq valutazzjoni maħsuba sabiex tiġi ddeterminata d-differenza fit-trattament wara r-riżoluzzjoni prevista fid-Direttiva 2014/59 (iktar 'il quddiem "l-istandards tekniċi tal-EBA").
- 542 L-Artikolu 36(15) tad-Direttiva 2014/59 jawtorizza lill-EBA sabiex tfassal abbozzi ta' standards tekniċi regolatorji intiżi li jispeċifikaw il-kriterji li abbażi tagħhom għandhom jitwettqu l-valutazzjonijiet imwettqa fi proċedura ta' riżoluzzjoni.
- 543 Il-Kapitolu 3 tal-istandards tekniċi tal-EBA huwa relatat mal-abbozz tal-istandards tekniċi regolatorji Nru 2017/05 dwar il-valutazzjoni għall-finijiet tar-riżoluzzjoni (iktar 'il quddiem l-"istandards tekniċi regolatorji") u jinkludi, b'mod partikolari, f'konformità mal-Artikolu 36(15) tad-Direttiva 2014/59, abbozz ta' regolament delegat tal-Kummissjoni li jikkompleta d-Direttiva 2014/59 bi standards tekniċi regolatorji li jispeċifikaw il-kriterji tal-metodu li għandu jintuża sabiex jiġi vvalutat il-valur tal-assi u l-obbligazzjonijiet ta' istituzzjonijiet jew ta' entitajiet.
- 544 Barra minn hekk, hemm lok li jiġi rrilevat li, fid-data tal-adozzjoni tal-iskema ta' riżoluzzjoni, l-istandards tekniċi regolatorji ma kinux vinkolanti, sa fejn it-tieni subparagrafu tal-Artikolu 5(2) tar-Regolament Nru 806/2014 jipprovdi li s-SRB, il-Kunsill u l-Kummissjoni għandhom ikunu suġġetti għall-istandards tekniċi regolatorji u ta' infurzar vinkolanti mfassla mill-EBA meta ġew adottati mill-Kummissjoni. Dawn l-istandards tekniċi regolatorji ġew inkorporati fir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2018/345 tal-14 ta' Novembru 2017, li jissupplimenta d-Direttiva 2014/59/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward ta' standards tekniċi regolatorji li jispeċifikaw il-kriterji li għandhom x'jaqsmu ma' metodoloġija għall-valutazzjoni tal-valur tal-assi u l-obbligazzjonijiet tal-istituzzjonijiet jew l-entitajiet (ĠU 2018, L 67, p. 8).
- 545 Fl-Artikolu 6.3 tal-iskema ta' riżoluzzjoni, is-SRB indika li, meta kien qiegħed jiddeċiedi dwar l-iżvalutazzjoni u l-konverżjoni ta' strumenti kapitali ta' Banco Popular, huwa bbaża ruħu fuq il-valutazzjoni 2, kif ikkomplementata u kkorroborata mir-riżultati tal-proċedura ta' bejgħ immexxija mill-FROB.
- 546 Peress li l-valutazzjoni 2 tinkludi evalutazzjonijiet tekniċi u ekonomiċi kumplessi, jeħtieġ li s-SRB jiġi rrikonoxxut b'setgħa diskrezzjonali wiesgħa meta qies li l-valutazzjoni 2 kienet tikkostitwixxi bażi valida għad-deċiżjoni tal-miżuri ta' riżoluzzjoni.
- 547 Għalhekk, b'applikazzjoni tal-ġurisprudenza ċċitata fil-punti 166 sa 171 iktar 'il fuq, l-istħarriġ imwettaq mill-Qorti Ġenerali huwa stħarriġ ristrett li huwa limitat għall-verifika tal-assenza ta' żball manifest ta' evalwazzjoni tas-SRB meta kkunsidra li l-valutazzjoni 2 kienet konformi mar-rekwiżiti tal-Artikolu 20(1) tar-Regolament Nru 806/2014. Huma r-rikorrenti li għandhom jipproduċu provi suffiċjenti sabiex iċaħħdu l-valutazzjoni 2 minn kull plawżibbiltà.

– Fuq l-ewwel ilment, dwar l-indipendenza tal-espert li wettaq il-valutazzjoni 2

- 548 Fl-ewwel lok, ir-rikorrenti jsostnu li Deloitte ma setgħetx titqies bħala kumpannija indipendenti minħabba l-eżistenza ta' kunflitt ta' interess, peress li FROB akkużat lil Deloitte b'falsifikazzjoni fil-fajl relatat mal-elenkar ta' Bankia fil-Borża.
- 549 Skont l-Artikolu 20(1) tar-Regolament Nru 806/2014, il-valutazzjoni għandha ssir minn persuna indipendenti minn kwalunkwe awtorità pubblika, inkluż s-SRB u l-awtorità nazzjonali ta' rizzoluzzjoni, kif ukoll mill-entità kkonċernata.
- 550 Ir-rekwiżiti li jikkonċernaw l-indipendenza tal-valutaturi huma speċifikati fl-Artikoli 37 sa 41 tar-Regolament Delegat 2016/1075. L-Artikolu 38 tar-Regolament Delegat 2016/1075 jipprevedi tliet kundizzjonijiet kumulattivi sabiex il-valutatur jitqies indipendenti minn kwalunkwe awtorità pubblika rilevanti u mill-entità rilevanti. Fl-ewwel lok, il-valutatur ikollu l-kwalifiki, l-esperjenza, il-ħila, l-għarfien u r-riżorsi neċessarji u jista' jagħmel il-valutazzjoni b'mod effettiv mingħajr dipendenza eċċessiva fuq xi awtorità pubblika rilevanti jew l-entità rilevanti. Fit-tieni lok, il-valutatur huwa legalment separat mill-awtoritajiet pubbliċi rilevanti u l-entità rilevanti. Fit-tielet lok, il-valutatur ma għandu l-ebda interess komuni jew kontradittorju sinjifikattiv fis-sens tal-Artikolu 41 tal-istess regolament delegat.
- 551 Għandu jiġi rrilevat li r-rikorrenti ma jallegawx li Deloitte ma kellhiex il-kwalifiki, l-esperjenza, il-ħiliet, l-għarfien u r-riżorsi neċessarji sabiex twettaq il-valutazzjoni b'mod effettiv, fis-sens tal-ewwel kundizzjoni prevista fl-Artikolu 38 tar-Regolament Delegat 2016/1075. Lanqas ma jargumentaw li Deloitte ma kinitx legalment separata mill-awtoritajiet pubbliċi rilevanti, jiġifieri s-SRB u l-FROB, u minn Banco Popular, fis-sens tat-tieni kundizzjoni prevista fl-Artikolu 38 tar-Regolament delegat 2016/1075.
- 552 Ir-rikorrenti jsostnu l-eżistenza ta' interess bejn il-FROB u Deloitte, li jirriżulta mill-eżistenza ta' proċedura kriminali fi Spanja li timplika lil Deloitte, rigward l-allegata falsifikazzjoni tal-kontijiet ta' Bankia u li fiha l-FROB jidher li hija parti ċivili. Ir-rikorrenti jispeċifikaw, madankollu, li l-FROB ma kinitx ifformulat akkuża kontra Deloitte jew wieħed mis-soċji tagħha f'din il-proċedura.
- 553 Jekk dan l-argument għandu jiġi interpretat fis-sens li r-rikorrenti jikkontestaw il-fatt li Deloitte kienet tissodisfa t-tielet kundizzjoni prevista fl-Artikolu 38 tar-Regolament Delegat 2016/1075, billi jinvokaw l-eżistenza ta' interess komuni jew kontradittorju sinjifikattiv fis-sens tal-Artikolu 41 tal-istess regolament delegat, huwa biżżejjed li jiġi kkonstatat li dan huwa bbażat fuq fehim żbaljat ta' din id-dispożizzjoni.
- 554 Fil-fatt, skont l-Artikolu 41(2) tar-Regolament Delegat 2016/1075, għall-finijiet tal-paragrafu 1, interess attwali jew potenzjali jitqies materjali meta, fil-valutazzjoni tal-awtorità tal-ħatra jew kwalunkwe awtorità oħra bħal din li tista' tingħata s-setgħa li twettaq dan il-kompitu fl-Istat Membru kkonċernat, jista' jinfluwenza, jew jista' jiġi pperċepit b'mod raġonevoli li jinfluwenza, il-ġudizzju tal-valutatur indipendenti meta jwettaq il-valutazzjoni. Il-paragrafu 3 ta' dan l-artikolu jispeċifika li huma rilevanti interessi komuni jew f'kunflitt mal-membri tal-entità jew il-kredituri tagħha.

- 555 Madankollu, ir-rikorrenti, minn naħa, ma jsostnux l-eżistenza ta' interessi komuni jew konfliġġenti bejn Deloitte u Banco Popular u, min-naħa l-oħra, huma ma jispjegawx kif il-fatt li l-FROB saret parti ċivili fi proċedura kriminali fi Spanja li fih Deloitte ġiet investigata seta' jinfluwenza l-ġudizzju ta' Deloitte rigward il-valutazzjoni ta' Banco Popular.
- 556 Fit-tieni lok, ir-rikorrenti jsostnu li Deloitte ma kinitx indipendenti, peress li s-SRB kien talab li tiżviluppa l-valutazzjoni 2 billi tapplika l-ġhodda tal-bejgħ tal-operat, mingħajr ma jippermettilha tevalwa liema ġhodda ta' riżoluzzjoni kien l-iktar xieraq sabiex tissolva l-kriżi ta' likwidità ta' Banco Popular.
- 557 F'dan ir-rigward, hemm lok li jiġi rrilevat li l-Artikolu 20(5) tar-Regolament Nru 806/2014 jiddefinixxi l-ġhanijiet tal-valutazzjoni fid-dawl tal-ġhodda ta' riżoluzzjoni applikata. B'mod partikolari, l-Artikolu 20(5)(f) tar-Regolament Nru 806/2014 jiddefinixxi l-ġhanijiet tal-valutazzjoni fil-każ li tiġi applikata l-ġhodda tal-bejgħ tal-operat, li huma differenti mill-ġhanijiet previsti fl-Artikolu 20(5)(d) u (e) tal-istess regolament, f'każijiet fejn tiġi applikata jew l-ġhodda ta' rikapitalizzazzjoni interna jew l-ġhodda ta' istituzzjoni tranżitorja jew ta' separazzjoni tal-assi.
- 558 L-Artikolu 20(5)(b) tar-Regolament Nru 806/2014, li jipprovdi li, jekk il-kundizzjonijiet għall-attivazzjoni ta' proċedura ta' riżoluzzjoni jiġu ssodisfatti, il-valutazzjoni tkun intiża sabiex tipprovdi l-elementi li jippermettu d-deċiżjoni dwar miżuri ta' riżoluzzjoni xierqa li għandhom jittieħdu fir-rigward ta' entità, għandu jiġi interpretat fis-sens li l-valutazzjoni għandha tipprovdi lis-SRB l-elementi tekniċi u ekonomiċi li jippermettu l-implimentazzjoni tal-ġhodda ta' riżoluzzjoni magħżula minn dan tal-aħħar.
- 559 Ma jidhirx minn din id-dispożizzjoni li huwa l-valutatur li għandu jiddefinixxi huwa stess liema tkun l-iktar ġhodda ta' riżoluzzjoni xierqa. Id-deċiżjoni dwar l-għażla tal-ġhodda ta' riżoluzzjoni li għandha tiġi applikata tittieħed mill-awtorità ta' riżoluzzjoni u mhux mill-valutatur indipendenti.
- 560 Għaldaqstant, il-fatt li s-SRB qies li l-ġhodda ta' bejgħ tal-operat kienet l-aħjar ġhodda sabiex jintlaħqu l-ġhanijiet tar-riżoluzzjoni u li ta mandat lil Deloitte sabiex twettaq valutazzjoni li tissodisfa l-ġhanijiet ta' dak l-istrument ma jistax jitqies li jippreġudika l-indipendenza ta' Deloitte.
- 561 Għaldaqstant, l-ewwel ilment għandu jiġi miċħud.

– *Fuq it-tieni lmenti, relatat mal-koeżistenza ta' żewġ valutazzjonijiet ex ante*

- 562 Ir-rikorrenti jsostnu li r-Regolament Nru 806/2014 ma jipprovdi għall-qsim tar-rapport ta' valutazzjoni f'żewġ dokumenti mħejjija minn awturi differenti. Huma jżidu li l-konklużjonijiet tal-valutazzjoni 2 huma f'kontradizzjoni ma' dawk tal-valutazzjoni 1, li ddikjarat li Banco Popular kien solventi u vvalutat l-assi tiegħu għal EUR 8.4 biljun.
- 563 Għandu jifakkar li, fil-5 ta' Ġunju 2017, is-SRB adotta l-valutazzjoni 1 skont l-Artikolu 20(5)(a) tar-Regolament Nru 806/2014, li kellha l-għan li tipprovdi l-elementi li jippermettu li jiġi ddeterminat jekk kinux issodisfatti l-kundizzjonijiet għall-attivazzjoni ta' proċedura ta' riżoluzzjoni jew il-kundizzjonijiet applikabbli għall-iżvalutazzjoni jew il-konverżjoni ta' strumenti ta' fondi proprji. B'mod partikolari, is-SRB iddikjara li l-iskop tal-valutazzjoni 1 kien li jsir kontribut sabiex jiġi ddeterminat jekk il-Banco Popular kienx f'sitwazzjoni ta' falliment li seħħ jew li x'aktarx ser iseħħ fis-sens tal-Artikolu 18(1)(a) tar-Regolament Nru 806/2014.

- 564 L-istandards tekniċi tal-EBA, adottati fit-23 ta' Mejju 2017, ċertament ma kinux vinkolanti, iżda kienu disponibbli fid-data tal-valutazzjoni 2. Fil-valutazzjoni 2, Deloitte tindika b'mod espliċitu li hija kienet konformi mar-rekwiżiti tal-istandards tekniċi tal-EBA.
- 565 Fis-sommarju introdutturju tagħhom, l-istandards tekniċi tal-EBA jispeċifikaw in-neċessità li ssir distinzjoni bejn żewġ tipi ta' valutazzjonijiet qabel ir-riżoluzzjoni, il-valutazzjoni 1 imwettqa skont l-Artikolu 36(4)(a) tad-Direttiva 2014/59, li hija l-ekwivalenti tal-Artikolu 20(5)(a) tar-Regolament Nru 806/2014, u l-valutazzjoni 2 imwettqa skont l-Artikolu 36(4)(b) sa (g) tad-Direttiva 2014/59, li tikkorrispondi mal-Artikolu 20(5)(b) sa (g) tar-Regolament Nru 806/2014.
- 566 Il-premessa 1 tal-istandards tekniċi regolatorji, riprodotta fil-premessa 1 tar-Regolament Delegat 2018/345, tfakkar din id-distinzjoni bejn, minn naħa, valutazzjoni inizjali li tippermetti li jiġi ddeterminat jekk il-kundizzjonijiet għall-attivazzjoni ta' proċedura ta' riżoluzzjoni jew il-kundizzjonijiet applikabbli għall-iżvalutazzjoni jew il-konverżjoni ta' strumenti kapitali humiex issodisfatti u, min-naħa l-oħra, valutazzjoni ulterjuri li tikkostitwixxi l-bażi għad-deċiżjoni sabiex tiġi applikata għodda ta' riżoluzzjoni waħda jew iktar. L-istandards tekniċi regolatorji jstabbilixxu kriterji differenti għall-kisba tal-valutazzjoni 1 u l-valutazzjoni 2.
- 567 Fir-rigward tal-valutazzjoni 1, l-istandards tekniċi regolatorji jindikaw li l-kriterju rilevanti huwa li jiġi ddeterminat jekk l-entità hijiex f'sitwazzjoni ta' falliment li seħħ jew li x'aktarx ser iseħħ, fatt li jikkorrispondi għall-kundizzjoni prevista fl-Artikolu 18(1)(a) tar-Regolament Nru 806/2014.
- 568 Madankollu, għandu jitfakkar li, skont it-tieni subparagrafu tal-Artikolu 18(1) tar-Regolament Nru 806/2014, l-evalwazzjoni ta' din il-kundizzjoni għandha titwettaq mill-BĊE jew mis-SRB.
- 569 Għaldaqstant, fir-rigward tal-għanijiet distinti tal-valutazzjoni 1 u l-valutazzjoni 2, kien iġġustifikat li l-ewwel waħda twettqet mis-SRB u t-tieni mill-valutatur indipendenti, jiġifieri minn Deloitte.
- 570 Barra minn hekk, jeħtieġ li jiġi rrilevat li r-rikorrenti sempliċement jinvokaw il-fatt li r-Regolament Nru 806/2014 ma jipprovdix b'mod espliċitu għal distinzjoni bejn dawn iż-żewġ valutazzjonijiet, iżda ma jindikawx liema dispożizzjoni allegatament inkisret.
- 571 Fir-rigward tal-argument tar-rikorrenti li l-konklużjonijiet tal-valutazzjonijiet 1 u 2 kienu kontradittorji, huwa biżżejjed li jiġi kkonstatat li dan huwa ineffettiv.
- 572 Fil-fatt, il-valutazzjoni 1, adottata fil-5 ta' Ġunju 2017, intiża li tiddetermina jekk Banco Popular kienx f'sitwazzjoni ta' falliment li seħħ jew li x'aktarx ser iseħħ, sabiex tistabbilixxi jekk il-kundizzjonijiet għall-attivazzjoni ta' proċedura ta' riżoluzzjoni jew tal-iżvalutazzjoni jew tal-konverżjoni ta' strumenti kapitali ġewx issodisfatti, ma baqgħetx tintuża wara l-valutazzjoni mwettqa mill-BĊE fis-6 ta' Ġunju 2017, dwar is-sitwazzjoni ta' falliment li seħħ jew li x'aktarx ser iseħħ ta' Banco Popular.
- 573 Ċertament, fil-valutazzjoni 1, is-SRB indika li, fid-data ta' riferiment tal-valutazzjoni tiegħu, jiġifieri l-31 ta' Marzu 2017, Banco Popular kien solventi. Madankollu, minn naħa, għandu jitfakkar li l-BĊE bbaża ruħu fuq il-għid kbir ta' depożiti ta' Banco Popular minn April sa Mejju 2017 u fuq l-inkapaċità ta' dan tal-aħħar li jiġġenera likwidità ġdida, sabiex jikkonkludi li fis-6 ta' Ġunju 2017, Banco Popular kien f'sitwazzjoni ta' falliment li seħħ jew li x'aktarx ser iseħħ. Min-naħa l-oħra, il-konklużjoni tal-BĊE kienet ibbażata fuq il-fatt li Banco Popular ma kienx f'pożizzjoni li jħallas id-djun tiegħu jew obbligi oħra meta dawn jilħqu l-maturità tagħhom,

fis-sens tal-Artikolu 18(4)(c) tar-Regolament Nru 806/2014, u mhux fuq il-fatt li Banco Popular kien insolventi fil-karta tal-bilanċ. Għalhekk, kif għustament jenfasizza s-SRB, il-konklużjonijiet tal-valutazzjoni 1 ma kinux iktar rilevanti fid-data tar-riżoluzzjoni.

574 Barra minn hekk, għandu jiġi rrilevat li d-differenzi fil-konklużjonijiet bejn il-valutazzjoni 1 u l-valutazzjoni 2 huma spjegati mill-fatt li, billi għandhom għanijiet differenti, huma bbażati fuq kriterji ta' evalwazzjoni differenti ddefiniti fl-istandards tekniċi tal-EBA. Għaldaqstant, skont l-istandards tekniċi tal-EBA, il-valutazzjoni 1 hija intiża prinċipalment sabiex tiddetermina jekk il-valur totali tal-assi tal-entità jeċċedix dak tal-obbligazzjonijiet tagħha, fi kliem ieħor, jekk l-entità hijiex solventi fil-karta tal-bilanċ, filwaqt li l-valutazzjoni 2 għandha tkun ibbażata fuq il-valur ekonomiku u mhux fuq il-valur kontabbli tal-entità.

575 Għaldaqstant, hemm lok li jiġi miċħud it-tieni lment.

– *Fuq it-tielet ilment, dwar il-metodu użat fil-valutazzjoni 2*

576 Ir-rikorrenti jsostnu li l-valutazzjoni tal-istituzzjoni ma għandhiex titwettaq bħallikieku kienet impriża fi stralċ, iżda għandha tiġi stabbilita għal impriża f'attività, u li jeħtieġ li jiġi ddeterminat il-valur tas-suq tagħha bħala istituzzjoni li twettaq l-attivitajiet finanzjarji tagħha. Huma jsostnu li l-valutazzjoni 2 hija bbażata fuq metodoloġija żbaljata, billi eskudiet kull kapaċità ta' Banco Popular li jiġġenera riżultati futuri.

577 Jeħtieġ li jiġi rrilevat li dan l-argument huwa bbażat fuq fehim żbaljat tal-metodoloġija użata fil-valutazzjoni 2. Fil-fatt, il-valutazzjoni 2 għandha żewġ partijiet, waħda li fiha l-valutazzjoni provviżorja ta' Banco Popular u waħda li tikkonsisti f'simulazzjoni ta' xenarju ta' stralċ. L-ewwel parti hija intiża li tiddetermina l-valur ekonomiku ta' Banco Popular fil-kuntest tal-applikazzjoni tal-għodda ta' bejgħ tal-operat. It-tieni parti għandha tiddetermina jekk l-azzjonisti u l-kredituri kinux jibbenefikaw minn trattament aħjar kieku Banco Popular kien għe stralċjat fil-kuntest ta' proċedura normali ta' insolvenza skont il-liġi Spanjola.

578 Is-SRB adotta l-iskema ta' riżoluzzjoni billi ħa inkunsiderazzjoni l-ewwel parti tal-valutazzjoni 2 li fiha l-valutazzjoni tal-assi u l-obbligazzjonijiet ta' Banco Popular fil-veru sens tal-kelma. Għall-kuntrarju, billi Deloitte speċifikat li la kellha l-informazzjoni kollha neċessarja u lanqas żmien suffiċjenti sabiex tagħmel stima iktar minn sempliċement indikattiva f'dan l-istadju, it-tieni parti tal-valutazzjoni 2 tikkorrispondi għall-ewwel simulazzjoni, f'konformità mal-Artikolu 20(9) tar-Regolament Nru 806/2014. Il-valutazzjoni 3, li hija l-valutazzjoni definittiva sabiex jiġi ddeterminat jekk l-azzjonisti u l-kredituri kinux jibbenefikaw minn trattament aħjar kieku Banco Popular kien għe stralċjat skont proċedura normali ta' insolvenza, skont l-Artikolu 20(16) tar-Regolament Nru 806/2014, twettqet wara r-riżoluzzjoni.

579 Issa, il-valur ta' likwidazzjoni li għalih ir-rikorrenti jikkontestaw l-użu minn Deloitte, jikkorrispondi għat-tieni parti tal-valutazzjoni 2. Fil-kuntest tal-ewwel parti, Deloitte ħadet inkunsiderazzjoni l-valur tal-bejgħ tal-operat ta' Banco Popular.

580 Fir-rigward tal-metodoloġija użata, Deloitte indikat, fil-valutazzjoni 2, li x-xenarju użat għad-determinazzjoni tal-valur ekonomiku kien il-bejgħ tal-bank skont l-għodda ta' bejgħ tal-operat. Skont l-Artikolu 20(5)(f) tar-Regolament Nru 806/2014, il-valutazzjoni kienet intiża li tipprovdi elementi li jippermettu t-teħid tad-deċiżjoni dwar l-assi, id-drittijiet, l-impenji jew

it-titoli l-oħra ta' proprjetà li għandhom jiġu ttrasferiti, li tipprovdi l-elementi li jippermettu lis-SRB jiddetermina x'jikkostitwixxi kundizzjonijiet kummerċjali għall-finijiet tal-Artikolu 24(2)(b) tal-istess regolament.

581 Deloitte spjegat li "l-valutazzjoni ekonomika [tagħha] kienet intiża li tipprovdi stima tal-valur li jista' jiġi propost minn akkwirent potenzjali għall-bank kollu kemm hu, wara proċedura ta' rkant miftuħ, ġusta u kompetittiva ("valur tal-bejgħ" skont l-Artikolu 11 tal-istandards tekniċi regolatorji [...])."

582 Mill-premessa 6 tal-istandards tekniċi regolatorji jirriżulta li l-għażla tal-iktar bażi xierqa ta' evalwazzjoni (valur ta' żamma jew valur tal-bejgħ) għandha ssir skont il-miżuri speċifiċi ta' riżoluzzjoni previsti mill-awtorità ta' riżoluzzjoni.

583 Fir-rigward tal-għażla tal-baży għall-evalwazzjoni, l-Artikolu 11(4) tal-istandards tekniċi regolatorji, riprodotti fl-Artikolu 11(4) tar-Regolament Delegat 2018/345, jindika:

"Jekk l-azzjonijiet ta' riżoluzzjoni msemmija fl-Artikolu 10(1) jeħtieġu li l-assi u l-obbligazzjonijiet jkunu miżmuma minn entità li tkompli tkun istituzzjoni li tqajjem tħassib, il-valwatur għandu juża l-valur ta' żamma bħala l-baży tal-kejl xierqa. Il-valur ta' żamma, jekk jitqies ġust, prudenti u realistiku, jista' jantiċipa n-normalizzazzjoni tal-kundizzjonijiet tas-suq.

Il-valur ta' żamma ma għandux jintuża bħala l-baży tal-kejl fejn l-assi jkunu ttrasferiti lejn vettura tal-immaniġġar tal-assi skont l-Artikolu 42 tad-Direttiva 2014/59/UE jew lejn istituzzjoni tranżitorja skont l-Artikolu 40 ta' din id-Direttiva, jew meta tintuża għodda tal-bejgħ ta' operat skont l-Artikolu 38 tad-Direttiva 2014/59/UE."

584 Skont l-Artikolu 12(4) tal-istandards tekniċi regolatorji, riprodotti fl-Artikolu 12(4) tar-Regolament Delegat 2018/345, "[j]ekk is-sitwazzjoni ta' entità ma tippermettilhiex li żżomm assi jew li tkompli negozju, jew meta l-bejgħ mill-bqija jkun meqjus neċessarju mill-awtorità tar-riżoluzzjoni sabiex jinkisbu l-oġettivi tar-riżoluzzjoni, il-flussi ta' flus mistennija għandhom jiġu referenzjati għall-valuri tad-disponiment mistennija f'perjodu speċifiku ta' disponiment".

585 Il-fatturi li għandhom jittieħdu inkunsiderazzjoni fid-determinazzjoni tal-valur tal-bejgħ, għall-finijiet tal-għodda ta' bejgħ tal-operat, huma ddefiniti fl-Artikolu 12(5) sa (7) tal-istandards tekniċi regolatorji, riprodotti fl-Artikolu 12(5) sa (7) tar-Regolament Delegat 2018/345.

586 Minn dan jirriżulta li r-rikorrenti ma jistgħux isostnu li l-valur tal-bejgħ ma kienx il-metodoloġija korretta biex jiġi evalwat il-valur ta' Banco Popular fil-kuntest tal-valutazzjoni 2.

587 Barra minn hekk, ir-rikorrenti jsostnu wkoll, fl-ewwel lok, li l-valutazzjoni 2 tikkontradixxi l-kontijiet annwali awditjati tal-2016, it-testijiet ta' reżistenza tal-2014 u tal-2016, ir-riżultati tal-eżami ta' solvenza mwettaq mill-EBA fl-2016 u l-valur kontabbli tal-kapital ta' Banco Popular li jinsab fir-rapport finanzjarju tiegħu relatat mal-ewwel trimestru tal-2017. Skont ir-rikorrenti, huwa inkonċepibbli li l-valur ta' Banco Popular iddeterjora fi żmien daqstant qasir.

588 Huwa biżżejjed li jiġi kkonstatat li l-ebda wieħed mill-elementi komparattivi invokati mir-rikorrenti ma huwa rilevanti, minn naħa, minħabba li jirriflettu biss il-valur kontabbli ta' Banco Popular u mhux il-valur tal-bejgħ fid-data tar-riżoluzzjoni u, min-naħa l-oħra, minħabba li jikkonċernaw il-valur ta' Banco Popular f'data ferm qabel ir-riżoluzzjoni.

- 589 Fit-tieni lok, ir-rikorrenti jsostnu li l-valutazzjoni 2 hija f'kontradizzjoni mal-valutazzjonijiet magħmula minn analisti f'dati qrib u mal-offerta tax-xiri ta' BBVA.
- 590 F'dan ir-rigward, huwa biżżejjed li jiġi kkonstatat li r-rikorrenti ma jispeċifikawx għal liema analiżi jirreferu, u lanqas liema hija l-offerta għax-xiri ta' BBVA, peress li BBVA ma ppreżentat l-ebda offerta ta' xiri, la fil-kuntest tal-proċedura ta' bejgħ privat u lanqas bħala parti mill-proċedura tar-risoluzzjoni.
- 591 Fit-tielet lok, ir-rikorrenti jikkunsidraw li l-valutazzjoni 2 hija f'kontradizzjoni maż-żieda fil-prezz tal-azzjoni ta' Banco Santander u l-prospetti ta' benefiċċju immedjat, skont l-analiżi li tinsab fir-rapport tal-espert anness mar-rikors.
- 592 Huwa biżżejjed li jiġi kkonstatat li dan l-argument huwa ineffettiv, peress li l-evoluzzjoni tas-sitwazzjoni tal-akkwiredent wara r-risoluzzjoni ma hijiex rilevanti sabiex tiġi evalwata l-validità tal-valutazzjoni tal-valur ta' Banco Popular mwettqa fil-valutazzjoni 2.
- 593 Fir-raba' lok, fir-replika, ir-rikorrenti jagħmlu riferiment għar-rapport tal-espert, anness mar-replika, li jindika li l-valutazzjoni 2 hija vvizzjata minn żbalji tekniċi li jistgħu jinvalidaw il-konklużjonijiet ta' din tal-aħħar dwar l-evalwazzjoni ta' ċerti assi.
- 594 F'dan ir-rigward, is-SRB isostni li, fir-rigward tal-allegati żbalji tekniċi tal-valutazzjoni 2, ir-rikorrenti sempliċement għamlu riferiment b'mod globali għar-rapport tal-esperti pprovdut fl-anness għar-replika. Billi dan ir-riferiment ma jippermettix lis-SRB jidentifika l-argumenti mqajma, dan l-anness għandu jitwarrab u l-argumenti tar-rikorrenti ma humiex sostanzjali biżżejjed.
- 595 Fil-kuntest ta' dan il-motiv, ir-rikorrenti jikkompletaw it-test tar-replika fuq argument speċifiku, jiġifieri l-allegati żbalji fil-valutazzjoni 2, b'riferimenti għar-rapport tal-esperti tagħhom anness magħha. Madankollu, dawn ir-riferimenti jirreferu biss għar-rapport tal-espert b'mod ġenerali u għalhekk ma jippermettux lill-Qorti Ġenerali tidentifika b'mod preċiż l-argumenti li tista' tqis li jikkompletaw dan il-motiv.
- 596 Madankollu, il-ġurisprudenza mfakkra fil-punt 509 iktar 'il fuq tikkonċerna wkoll il-kundizzjonijiet ta' ammissibilità tar-replika, li hija intiża, skont l-Artikolu 83(1) tar-Regoli tal-Proċedura, li tissupplimenta r-rikors (ara s-sentenzi tas-17 ta' Settembru 2007, Microsoft vs Il-Kummissjoni, T-201/04, EU:T:2007:289, punt 95 u l-ġurisprudenza ċċitata, u tal-11 ta' Lulju 2018, Europa Terra Nostra vs Il-Parlament, T-13/17, mhux ippubblikata, EU:T:2018:428, punt 86 u l-ġurisprudenza ċċitata).
- 597 Għaldaqstant, hemm lok li jiġi kkunsidrat li l-argument dwar l-allegati żbalji tekniċi li jinsabu fil-valutazzjoni 2 huwa sempliċement magħmul mingħajr ma huwa appoġġat minn argument, bi ksur tar-regola prevista fl-Artikolu 76(d) tar-Regoli tal-Proċedura. Minn dan isegwi li dan l-argument tar-rikorrenti għandu jiġi ddikjarat inammissibbli.
- 598 Għaldaqstant, hemm lok li t-tielet ilment jiġi miċħud.

– *Fuq ir-raba' ilment, dwar il-kredibbiltà tal-valutazzjoni 2.*

- 599 Fl-ewwel lok, ir-rikorrenti jsostnu li Deloitte irrikonoxxiet, fil-valutazzjoni 2, li din kienet twettqet fi ftit jiem, b'aċċess limitat għall-informazzjoni u li kellha limitazzjonijiet li jaffettwaw l-affidabbiltà tagħha. Il-valutazzjoni 2 għalhekk ma tistax isservi ta' bażi għat-teħid ta' deċiżjoni u għaldaqstant huwa neċessarju li ssir valutazzjoni definittiva *ex post*.
- 600 F'dan ir-rigward, hemm lok li jiġi rrilevat li, fl-ittra li takkumpanja l-komunikazzjoni tal-valutazzjoni 2 lis-SRB, Deloitte indikat li, minħabba l-pożizzjoni diffiċli ta' likwidità ta' Banco Popular, kienet ġiet mistiedna twettaq il-valutazzjoni tagħha fi żmien qasir ħafna. Ix-xogħol ewlieni kien limitat għal tnaħ-il jum mill-jum li fih hija kellha aċċess għad-dokumentazzjoni, filwaqt li proġett bħal dan kellu normalment jieħu sitt ġimgħat. Deloitte rrilevat li kien hemm għadd ta' lakuni u inkonsistenzi fost l-informazzjoni disponibbli. Deloitte semmiet li l-valutazzjoni kellha titqies bħala inċerta u provviżorja ħafna skont l-Artikolu 36 tad-Direttiva 2014/59 u li ġie inkluż ilqugħ għal telf addizzjonali fil-valutazzjoni skont l-Artikolu 36(9) tad-Direttiva 2014/59, li jikkorrispondi għall-Artikolu 20(10) tar-Regolament Nru 806/2014.
- 601 L-Artikolu 20(10) tar-Regolament Nru 806/2014 jipprovdi espressament għall-ipoteżi li, minħabba l-urġenza tas-sitwazzjoni, ma jkunx possibbli li jiġu osservati r-rekwiżiti stabbiliti fil-paragrafi 7 u 9 ta' dak l-artikolu, jiġifieri b'mod partikolari l-każ fejn ma jkunx possibbli li titlesta l-valutazzjoni permezz ta' ċerta informazzjoni li tinsab fil-kotba u r-reġistri tal-kontabbiltà. Barra minn hekk, din id-dispożizzjoni tirrikonoxxi l-eżistenza ta' incertezi inerenti fi kwalunkwe valutazzjoni provviżorja billi tipprovdi, fit-tieni subparagrafu tagħha, li din tal-aħħar tinkludi lqugħ għal telf addizzjonali.
- 602 B'hekk, skont din id-dispożizzjoni, Deloitte sempliċement indikat li, minħabba ż-żmien limitat disponibbli sabiex twettaq il-valutazzjoni, hija kellha tibbaża ruħha fuq informazzjoni mhux kompluta. Hija speċifikat li l-valutazzjoni li kienet wettqet kellha titqies bħala valutazzjoni provviżorja skont l-Artikolu 36(9) tad-Direttiva 2014/59.
- 603 Barra minn hekk, jidher ċar mill-Artikolu 20(13) tar-Regolament Nru 806/2014 li, minħabba l-urġenza tas-sitwazzjoni, is-SRB seta' jibbaża ruħu fuq il-valutazzjoni 2 imwettqa skont l-Artikolu 20(10) tar-Regolament Nru 806/2014 sabiex jadotta l-iskema ta' riżoluzzjoni, li huwa barra minn hekk irrikonoxxut mir-rikorrenti fir-replika.
- 604 Fir-rigward tal-argument tar-rikorrenti li s-SRB kellu jwettaq valutazzjoni definittiva *ex post*, dan sejjer jiġi eżaminat fil-kuntest tal-ħdax-il motiv.
- 605 Fit-tieni lok, ir-rikorrenti jsostnu li l-valutazzjoni 2 ma hijiex ġusta sa fejn il-firxa fir-rigward tal-valur ta' Banco Popular fil-valutazzjoni 2 hija ta' portata esaġerata u ftit li xejn kredibbli.
- 606 F'dan ir-rigward, Deloitte rrilevat fil-valutazzjoni 2 li r-riżultat tal-evalwazzjoni tagħha kien jaqa' fil-firxa ta' bejn EUR 1.3 biljun u inqas minn EUR 8.2 biljun, bl-aħjar stima f'din il-firxa ta' inqas minn EUR 2 biljun.
- 607 Minn naħa, hemm lok li jiġi rrilevat li r-rikorrenti sempliċement jikkontestaw il-kredibbiltà ta' din il-firxa mingħajr ma jqajmu ebda argument speċifiku. Min-naħa l-oħra, jeħtieġ li jiġi rrilevat li l-portata tal-firxa hija ġġustifikata mill-metodu użat fil-valutazzjoni 2.

- 608 F'dan ir-rigward, fir-rigward tal-metodoloġija użata fil-valutazzjoni 2, Deloitte indikat li kienet adottat approċċ kategorija b'kategorija, billi aġġustat il-valuri kontabbli ta' kull klassi ta' assi u obbligazzjonijiet sabiex jiġi stmat it-telf jew il-profitti u aġġustamenti oħra li kwalunkwe akkwirent japplika għall-valur. Hija pproduċiet firxa ta' evalwazzjoni għal kull klassi ta' assi u ta' obbligazzjonijiet.
- 609 Dan il-metodu huwa konformi mal-Artikolu 2(3) tal-istandards tekniċi regolatorji, riprodotti fl-Artikolu 2(3) tar-Regolament Delegat 2018/345, li skontu:
"Il-valwatur għandu jipprovdi l-aħjar stima tal-punt tal-valur ta' assi partikolari [partikolari], obbligazzjoni partikolari, jew kombinazzjonijiet ta' dawn iż-żewġ elementi. Jekk ikun xieraq, ir-riżultati tal-valwazzjoni għandhom jiġu pprovduti wkoll fil-forma ta' firxa ta' valuri."
- 610 B'hekk, iż-żieda tal-valuri l-iktar baxxi għal kull klassi ta' assi u ta' obbligazzjonijiet pprovdiet l-istima baxxa tal-firxa u ż-żieda tal-ogħla valuri pprovdiet l-istima għolja tal-firxa. Għaldaqstant, dan il-metodu jispjega l-portata tal-firxa adottata fil-valutazzjoni 2.
- 611 Barra minn hekk, kif jindika s-SRB, minħabba l-portata tal-karta tal-bilanċ totali ta' Banco Popular, b'ċifra totali li taqbeż EUR 130 biljun, id-differenza bejn iż-żewġ valuri fil-firxa tirrappreżenta biss madwar 7 % tal-karta tal-bilanċ. B'hekk din id-differenza tirrifletti l-grad ta' inċertezza inerenti fil-proċess ta' valutazzjoni.
- 612 Barra minn hekk, hemm lok li jiġi rrilevat li l-Artikolu 20(10) tar-Regolament Nru 806/2014 jispeċifika li l-valutazzjoni provviżorja tosserva r-rekwiżiti stabbiliti fil-paragrafi 1, 7 u 9 tal-istess artikolu "sa fejn raġonevolment prattikabbli fiċ-ċirkostanzi".
- 613 Barra minn hekk, l-inċertezzi inerenti fil-valutazzjoni 2 huma enfasizzati fl-istandards tekniċi regolatorji li minnhom jirriżulta li, meta jwettaq l-istima u l-attwalizzazzjoni tal-flussi ta' likwidità li l-entità tista' tistenna mill-assi u mill-obbligazzjonijiet eżistenti, il-valutatur għandu jibbaża ruħu fuq suppożizzjonijiet ġusti, prudenti u realistiki u jieħu inkunsiderazzjoni fatturi u ċirkostanzi differenti.
- 614 B'mod partikolari, fir-rigward tal-istimi tal-valur tal-bejgħ, l-Artikolu 12(5) tal-istandards tekniċi regolatorji, riprodotti fl-Artikolu 12(5) tar-Regolament Delegat 2018/345, jipprovdi:
"Il-valur ta' disponiment għandu jiġi ddeterminat mill-valwatur fuq il-bażi tal-flussi ta' flus, il-valur nett tal-ispejjeż tad-disponiment u l-valur nett tal-valur mistenni ta' kull garanzija mogħtija, li l-entità tista' tistenna b'mod raġonevoli fil-kundizzjonijiet tas-suq prevalenti attwalment permezz ta' bejgħ jew trasferiment b'mod ordnat ta' assi jew obbligazzjonijiet. Jekk ikun xieraq, wara li jiġu kkunsidrati l-azzjonijiet li jridu jittieħdu taħt l-iskema ta' riżoluzzjoni, il-valutatur jista' jiddetermina l-valur ta' disponiment billi japplika tnaqqis potenzjali ta' bejgħ aċċellerat lill-prezz tas-suq osservabbli ta' dan il-bejgħ jew trasferiment. Biex jiġi ddeterminat il-valur ta' disponiment ta' assi li ma għandhomx suq likwidu, il-valutatur għandu jikkunsidra prezzijiet osservabbli fis-swieq fejn assi simili huma nnegozjati jew mudelli ta' kalkoli bl-użu ta' parametri osservabbli tas-suq, bi tnaqqis għal nuqqas ta' likwidità rifless kif xieraq."
- 615 L-Artikolu 12(6) tal-istandards tekniċi regolatorji, riprodotti fl-Artikolu 12(6) tar-Regolament Delegat 2018/345, jindika diversi fatturi, li l-valutatur għandu jieħu inkunsiderazzjoni, li jistgħu jinċidu fuq il-valuri tal-bejgħ u t-termini tal-bejgħ.

- 616 Minn dan jirriżulta li l-valutazzjoni 2 hija bbażata fuq suppożizzjonijiet u tiddependi minn fatturi multipli. B'hekk, skont l-istandards tekniċi regolatorji, sabiex tiddetermina l-valur tal-bejgħ ta' Banco Popular fid-data tar-riżoluzzjoni, Deloitte, fil-valutazzjoni 2, ibbażat ruħha fuq stimi u valutazzjonijiet prospettivi u ppreżentat ir-riżultat tagħha fil-forma ta' firxa ta' valuri.
- 617 Għaldaqstant, hemm lok li jiġi kkunsidrat li, minħabba l-limitazzjonijiet ta' żmien u l-informazzjoni disponibbli, ċerti inċertezzi u approssimazzjonijiet huma inerenti fi kwalunkwe valutazzjoni provviżorja mwettqa skont l-Artikolu 20(10), tar-Regolament Nru 806/2014 u li r-riżervi fformulati minn Deloitte ma jistgħux ifissru li l-valutazzjoni 2 ma kinitx "ġusta, prudenti u realistika" fis-sens tal-Artikolu 20(1) tar-Regolament Nru 806/2014.
- 618 Għaldaqstant, ir-raba' lment għandu jiġi miċħud.
- 619 Minn dan li ntqal jirriżulta li s-SRB ma wettaqx żball manifest ta' evalwazzjoni fid-dawl tal-fatt li l-valutazzjoni 2 kienet ġusta, prudenti u realistika, fis-sens tal-Artikolu 20(1) tar-Regolament Nru 806/2014.
- 620 Għaldaqstant, id-disa' motiv għandu jiġi miċħud bħala parzjalment inammissibli u parzjalment infondat.
- Fuq l-għaxar motiv, ibbażat fuq li l-proċedura ta' bejgħ ta' Banco Popular tikser l-Artikolu 24 tar-Regolament Nru 806/2014 u l-Artikolu 39(2)(a), (b), (d) u (f) tad-Direttiva 2014/59*
- 621 Ir-rikorrenti jsostnu li l-proċedura ta' bejgħ ta' Banco Popular, iddeterminata fid-deċiżjoni tal-kummerċjalizzazzjoni, tikser l-Artikolu 24 tar-Regolament Nru 806/2014, dwar l-għodda ta' bejgħ tal-operat, u l-Artikolu 39(2)(a)(b), (d) u (f) tad-Direttiva 2014/59, sa fejn din ma kinitx proċedura ta' bejgħ kompetittiva.
- 622 L-Artikolu 39(1) tad-Direttiva 2014/59 jipprevedi li l-awtorità ta' riżoluzzjoni, meta tapplika l-għodda ta' bejgħ tal-operat għal istituzzjoni jew entità għandha tbigħ jew tagħmel l-arranġamenti għall-bejgħ tal-assi, id-drittijiet, l-impenji, l-azzjonijiet jew titoli oħra ta' proprjetà ta' dik l-istituzzjoni li għandha l-ħsieb li tbiegħ. L-Artikolu 39(2) ta' dik id-direttiva jistabbilixxi l-kriterji li bihom jitwettaq il-bejgħ imsemmi fil-paragrafu 1.
- 623 Dan il-motiv huwa maqsum f'erba' lmenti li jikkorrispondu għal erbgħa mill-kriterji previsti fl-Artikolu 39(2) tad-Direttiva 2014/59. Ir-rikorrenti jsostnu li l-proċedura ta' bejgħ ta' Banco Popular, fl-ewwel lok, ma kinitx trasparenti, fit-tieni lok, kienet tiffavorixxi lil Banco Santander, fit-tielet lok, tat lil din tal-aħħar vantaġġ indebitu u, fir-raba' lok, ma kinitx tippermetti li jinkiseb l-oġġla prezz tal-bejgħ possibbli.
- 624 Preliminarjament, jeħtieġ li jiġi rrilevat, qabelxejn, li, fid-deċiżjoni dwar il-kummerċjalizzazzjoni, adottata fit-3 ta' Ġunju 2017, meta billi ħa inkunsiderazzjoni d-deterjorament rapidu tas-sitwazzjoni ta' likwidità ta' Banco Popular u t-tnaqqis sinjifikattiv fil-valur tal-azzjonijiet tagħha, kif ukoll l-effetti negattivi li l-falliment tal-bank jista' jkollu fuq l-istabbiltà finanzjarja, is-SRB qies li kellu jieħu l-miżuri kollha meħtieġa sabiex ikun jista' jadotta miżura ta' riżoluzzjoni jekk ikun meħtieġ u li l-effikaċja tal-għodda ta' bejgħ tal-operat kellha tiġi żgurata bil-għan li jiġu ggarantiti l-għanijiet tar-riżoluzzjoni. B'hekk, is-SRB approva l-bidu immedjat tal-proċedura ta' bejgħ ta' Banco Popular mill-FROB u indika lil din tal-aħħar ir-rekwiżiti tal-bejgħ b'mod konformi mal-Artikolu 39 tad-Direttiva 2014/59.

- 625 Sussegwentement, il-proċedura ta' bejgħ ta' Banco Popular tmexxiet mill-FROB skont id-dispożizzjonijiet tad-Direttiva 2014/59 u tal-Liġi 11/2015. F'dan ir-rigward, fl-ittra ta' proċedura adottata fis-6 ta' Ġunju 2017, il-FROB stieden lill-akkwirenti potenzjali, fil-kuntest ta' riżoluzzjoni possibbli ta' Banco Popular, sabiex jipparteċipaw fil-proċedura ta' bejgħ u sabiex jissottomettulu offerta għall-akkwist ta' 100 % tal-kapital ta' Banco Popular skont it-termini u l-kundizzjonijiet deskritti f'din l-ittra.
- 626 Fl-aħħar lok, fl-Artikolu 6.6 tal-iskema ta' riżoluzzjoni, is-SRB qies li l-isforz tal-kummerċjalizzazzjoni mwettaq fir-rigward ta' Banco Popular mill-FROB qabel l-adozzjoni ta' din l-iskema kien issodisfa r-rekwiżiti stabbiliti fl-Artikolu 24 tar-Regolament Nru 806/2014, moqri flimkien mal-Artikolu 39 tad-Direttiva 2014/59.
- 627 Is-SRB irrileva li, fil-perijodu immedjatament qabel ir-riżoluzzjoni, Banco Popular kien wettaq proċedura ta' bejgħ privat u li, fil-ġimgħa tad-29 ta' Mejju 2017, kien deher li din il-proċedura kienet ser tfalli. Huwa indika li d-deċiżjoni li jiġi limitat l-isforz kummerċjali għall-banek li diġà esprimew interess ġenerali fl-akkwist ta' Banco Popular fil-kuntest tal-proċedura ta' bejgħ privat kienet konformi mar-rekwiżiti tal-Artikolu 39 tad-Direttiva 2014/59.
- 628 Is-SRB irrileva wkoll li, wara l-implimentazzjoni tal-proċedura ta' bejgħ mill-FROB, finalment, ġew mistiedna żewġ banek sabiex jipparteċipaw fil-bejgħ. Huwa semma li l-akkwirenti potenzjali kollha kienu avviciinati fl-istess data, kellhom aċċess għall-istess kamra virtwali tad-data, u li l-offerti tagħhom kienu suġġetti għall-istess kundizzjonijiet u data ta' skadenza.
- 629 Is-SRB finalment ikkonstata li, miż-żewġ akkwirenti potenzjali, kien irċieva offerta valida waħda u kkunsidra li, billi l-akkwirent kien l-uniku wieħed li sottometta offerta, kien prudenti li jaċċetta l-kundizzjonijiet tiegħu, u b'hekk jevita insolvenza mhux ikkontrollata ta' Banco Popular, li, b'mod partikolari, setgħet tippreġudika l-funzjonijiet kritiċi tiegħu.

– *Fuq l-ewwel ilment, relatat mat-trasparenza tal-proċedura ta' bejgħ*

- 630 Ir-rikorrenti jsostnu li r-regoli tal-proċedura ta' bejgħ kompetittiv ta' Banco Popular, stabbiliti fid-deċiżjoni dwar il-kummerċjalizzazzjoni, ma humiex trasparenti, bi ksur tal-Artikolu 24(2)(d) tar-Regolament Nru 806/2014 u l-Artikolu 39(2)(a) tad-Direttiva 2014/59. Il-parteċipazzjoni fil-proċedura ta' bejgħ ġiet limitata b'mod arbitrarju għal dawk l-istituzzjonijiet biss li intervjenew fil-proċedura ta' bejgħ privat li nbeda qabel ir-riżoluzzjoni minn Banco Popular.
- 631 Skont l-Artikolu 24(2)(d) tar-Regolament Nru 806/2014, fir-rigward tal-għodda ta' bejgħ tal-operat, l-iskema ta' riżoluzzjoni tipprevedi d-dispożizzjonijiet għall-bejgħ, mill-awtorità ta' riżoluzzjoni nazzjonali, tal-entità jew tal-għodda, l-assi, id-drittijiet u l-impenji kkonċernati, skont l-Artikolu 39(1) u (2) tad-Direttiva 2014/59.
- 632 Skont il-kriterju previst fl-Artikolu 39(2)(a) tad-Direttiva 2014/59, il-bejgħ għandu jkun kemm jista' jkun trasparenti u ma għandux jirrappreżenta ħażin materjalment l-assi, id-drittijiet, l-obbligi, jew strumenti oħra ta' proprjetà ta' dik l-istituzzjoni li l-awtorità għandha l-ħsieb li tbiegħ, b'kont meħud taċ-ċirkustanzi u b'mod partikolari tan-neċessità li tinżamm l-istabbiltà finanzjarja.

- 633 Preliminarjament, għandu jiġi rrilevat li r-rekwiżiti tal-bejgħ u, b'mod partikolari, id-deċiżjoni li jiġi limitat l-għadd ta' parteċipanti fil-proċedura ta' bejgħ ma humiex inklużi fl-iskema ta' riżoluzzjoni iżda fid-deċiżjoni dwar il-kummerċjalizzazzjoni adottata qabel mis-SRB, fit-3 ta' Ġunju 2017.
- 634 F'dan ir-rigward, skont ġurisprudenza stabbilita tal-Qorti tal-Ġustizzja, miżuri intermedjarji li l-għan tagħhom huwa li tiġi ppreparata d-deċiżjoni finali ma jikkostitwixxux, bħala prinċipju, atti li jistgħu jkunu s-suġġett ta' rikors għal annullament (ara sentenzi tas-6 ta' Mejju 2021, *ABLV Bank et vs BĊE*, C-551/19 P u C-552/19 P, EU:C:2021:369, punt 39 u l-ġurisprudenza ċċitata, u tat-3 ta' Ġunju 2021, *L-Ungerija vs Il-Parlament*, C-650/18, EU:C:2021:426, punt 43 u l-ġurisprudenza ċċitata).
- 635 Mill-ġurisprudenza jirriżulta wkoll li att intermedju lanqas ma jista' jkun is-suġġett ta' rikors jekk jiġi stabbilit li l-illegalità li huwa vvizzjat biha dan l-att tista' tiġi invokata insostenn ta' rikors ippreżentat kontra d-deċiżjoni finali li għaliha jikkostitwixxi att ta' tfassil. F'ċirkustanzi bħal dawn, ir-rikors ippreżentat kontra d-deċiżjoni li ttejjem il-proċedura jiżgura protezzjoni ġudizzjarja suffiċjenti (ara, is-sentenza tal-15 ta' Marzu 2017, *Stichting Woonpunt et vs Il-Kummissjoni*, C-415/15 P, EU:C:2017:216, punt 46 u l-ġurisprudenza ċċitata).
- 636 F'dan il-każ, fl-iskema ta' riżoluzzjoni, is-SRB ikkunsidra li l-proċedura ta' bejgħ stabbilita mill-FROB kienet konformi mar-rekwiżiti tal-Artikolu 39 tad-Direttiva 2014/59. Madankollu, għandu jiġi rrilevat li l-FROB ħadet inkunsiderazzjoni r-rekwiżiti li kienu ġew stabbiliti mis-SRB fid-deċiżjoni dwar il-kummerċjalizzazzjoni. Minn dan jirriżulta li s-SRB, fl-iskema ta' riżoluzzjoni, b'mod impliċitu kkonferma r-rekwiżiti tal-bejgħ li stabbilixxa huwa stess fid-deċiżjoni dwar il-kummerċjalizzazzjoni.
- 637 Barra minn hekk, hemm lok li jiġi rrilevat li l-Artikolu 13 tar-Regolament Nru 806/2014, dwar intervent bikri, jipprovdi fil-paragrafu 3 tiegħu li:
- “Il-Bord għandu s-setgħa jesiġi li l-istituzzjoni jew l-impriża prinċipali jikkuntattjaw lil akkwirenti potenzjali bil-ħsieb li ssir it-tnejn għar-riżoluzzjoni tal-istituzzjoni, skont il-kriterji speċifikati fl-Artikolu 39(2) tad-Direttiva 2014/59/UE u r-rekwiżiti ta' segretezza professjonali msemmija fl-Artikolu 88 ta' dan ir-Regolament”.
- 638 Għaldaqstant, hemm lok li jiġi kkunsidrat li d-deċiżjoni dwar il-kummerċjalizzazzjoni tikkostitwixxi att intermedju adottat mis-SRB bil-ħsieb tar-riżoluzzjoni potenzjali ta' Banco Popular u li r-rikorrenti ma jistgħux jiġu preklużi milli jinvokaw l-illegalità li tivvizzja l-evalwazzjoni li tinsab f'dik id-deċiżjoni insostenn tar-rikors tagħhom kontra l-iskema ta' riżoluzzjoni.
- 639 Fir-rigward tat-trasparenza tal-proċedura ta' bejgħ ta' Banco Popular, hemm lok li jiġi rrilevat li, fil-premessa 4 tad-deċiżjoni dwar il-kummerċjalizzazzjoni, is-SRB indika li kwalunkwe żvelar pubbliku tal-bejgħ tal-bank għandu jiġi pospost bil-għan li jiġu evitati l-effetti negattivi fuq l-istabbiltà finanzjarja.
- 640 Tali possibbiltà hija espressament prevista fl-aħħar subparagrafu tal-Artikolu 39(2) tad-Direttiva 2014/59, li jipprevedi li kwalunkwe żvelar pubbliku tat-tqegħid fis-suq tal-istituzzjoni li altrimenti tkun meħtieġa skont l-Artikolu 17(1) tar-Regolament (UE) Nru 596/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' April 2014 dwar l-abbuż tas-suq

(Regolament dwar l-abbuż tas-suq) u li jħassar id-Direttiva 2003/6/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u d-Direttivi tal-Kummissjoni 2003/124/KE, 2003/125/KE u 2004/72/KE (ĠU 2014, L 173, p. 1) jista' jiġi pospost skont l-Artikolu 17(4) jew (5) tal-imsemmi regolament.

641 Il-premessa 64 tad-Direttiva 2014/59 tindika f'dan ir-rigward li:

“Informazzjoni dwar il-kummerċjalizzazzjoni ta' istituzzjoni li qed tfalli u n-negozjati ma' akkwirenti potenzjali qabel l-applikazzjoni tal-għodda tal-bejgħ tan-negozju x'aktarx li tkun ta' importanza sistemika. Sabiex tiġi żgurata l-istabbiltà finanzjarja, id-divulgazzjoni lill-pubbliku ta' din l-informazzjoni meħtieġa mir-[Regolament] (UE) Nru 596/2014 [...] tista' tiġi ttardjata saż-żmien meħtieġ sabiex tiġi pplanata u strutturata r-riżoluzzjoni tal-istituzzjoni skont id-dewmien permess taħt ir-reġim tal-abbuż tas-suq.”

642 Minn dan isegwi li t-trasparenza tal-Artikolu 39(2)(a) tad-Direttiva 2014/59 għandha tiġi interpretata bħala li tikkonċerna l-iżvolġiment tal-proċedura ta' bejgħ u mhux il-miżuri possibbli li jħabbru din il-proċedura lill-pubbliku.

643 Fir-rigward tal-limitazzjoni tal-proċedura ta' bejgħ biss lill-istituzzjonijiet li kienu pparteċipaw fil-proċedura ta' bejgħ privat mibdija minn Banco Popular, imsemmija fil-punt 33 iktar 'il fuq, is-SRB ipprova, fl-Artikolu 2(a)(i) tad-deċiżjoni dwar il-kummerċjalizzazzjoni, għadd ta' raġunijiet li jiġġustifikaw id-deċiżjoni tiegħu li jistieden lill-FROB sabiex tikkuntattja biss lil dawk il-ħames parteċipanti.

644 F'dan ir-rigward, is-SRB indika:

“Fir-rigward tal-għażla tal-akkwirenti individwali li għandhom jiġu avviciinati, il-FROB għandha f'kull każ tikkuntattja numru suffiċjenti ta' akkwirenti, wara tfittxija tal-interess tas-suq sabiex jinvestu fl-attivitajiet tal-bank. Fid-dawl tan-neċessità li tiġi ffinalizzata l-proċedura ta' bejgħ f'terminu ta' żmien qasir ħafna, l-interess muri waqt il-proċedura ta' bejgħ privat jipprovdi informazzjoni dwar l-analiżi tal-interess tas-suq. Matul il-proċedura ta' bejgħ privat, ġew ikkuntattjati diversi offerenti potenzjali li joperaw fis-swieq Spanjoli u internazzjonali. Ħames partijiet biss esprimew l-interess inizjali tagħhom u għalhekk ġew mistiedna jissottomettu offerti mhux vinkolanti fil-kuntest tal-proċedura ta' bejgħ privat.

Il-FROB għandha tikkuntattja l-ħames partijiet li ġew mistiedna jissottomettu offerti fil-kuntest tal-proċedura ta' bejgħ privat.

Il-kuntatt ma' dawn il-ħames partijiet huwa ġġustifikat minn raġunijiet ta' stabbiltà finanzjarja u mir-riskju sostanzjali li l-kummerċjalizzazzjoni f'ċirku usa' ta' akkwirenti potenzjali, l-iżvelar tar-riskji u l-evalwazzjonijiet jew l-identifikazzjoni tal-funzjonijiet kritiċi u mhux kritiċi tal-bank jirriżultaw f'iktar inċertezza u f'telf tal-fiduċja fis-suq. Barra minn hekk, il-kuntatt ma' għadd ikbar ta' akkwirenti jista' jżid il-probabbiltà ta' ħruġ u, għaldaqstant, ir-riskju li l-bank jista' jkun is-suġġett ta' riżoluzzjoni fi żmien qasir ħafna.

Barra minn hekk, minħabba l-urġenza u ż-żmien limitat ħafna li għandu jkun disponibbli għall-proċedura ta' dwar il-kummerċjalizzazzjoni, l-istedina ta' iktar parteċipanti żżid il-kumplessità tal-proċedura. Barra minn hekk, abbażi tal-informazzjoni riċevuta mingħand il-Bank, huwa dubjuż jekk l-offerenti li għadhom ma esprimewx interess fil-proċedura ta' bejgħ privat humiex sejr in jissottomettu offerti.

Skont l-Artikolu 24(3) tar-Regolament [Nru 806/2014], is-SRB se tfittex li jikseb bilanċ bejn ir-rekwiżiti tal-kummerċjalizzazzjoni u n-neċessità li jintlaħqu l-għanijiet tar-riżoluzzjoni. B'mod partikolari, is-SRB sejjer iwarrab parzjalment ir-rekwiżiti ta' kummerċjalizzazzjoni, minħabba l-urġenza taċ-ċirkustanzi u, b'mod partikolari, it-theddida materjali għall-istabbiltà finanzjarja li tirriżulta mill-falliment tal-bank u mill-fatt li l-konformità man-neċessità ta' kuntatt ma' firxa usa' ta' akkwirenti tipperikola wkoll l-effettività tal-għodda ta' bejgħ tal-operat.”

- 645 Hemm lok li jiġi rrilevat li t-tieni subparagrafu tal-Artikolu 39(2) tad-Direttiva 2014/59 jindika li, dment li ma jiġux ippreferuti indebitament l-akkwirenti potenzjali u li ma ssirx diskriminazzjoni, il-prinċipji previsti fl-istess paragrafu ma jipprekludux lill-awtorità ta' riżoluzzjoni milli tavviċina ċerti akkwirenti potenzjali b'mod partikolari.
- 646 Konsegwentement, id-deċiżjoni tas-SRB li jitlob lill-FROB sabiex tikkuntattja biss lill-ħames istituzzjonijiet li kienu pparteċipaw fil-proċedura ta' bejgħ privat hija konformi ma' din id-dispożizzjoni.
- 647 Barra minn hekk, din id-deċiżjoni kienet ibbażata fuq kriterju oġġettiv, jiġifieri l-interess li diġà ntwera minn dawn l-impriżi fix-xiri ta' Banco Popular, u kienet iġġustifikata mit-terminu ta' żmien qasir ħafna li fih kellha titlesta l-proċedura ta' bejgħ. Kif enfasizza s-SRB, it-twessigħ tal-proċedura sabiex jiġi inkluż għadd ikbar ta' parteċipanti kien jinvolvi riskju ta' dewmien tal-proċedura, iżda jżid ukoll ir-riskji ta' żvelar dwar is-sitwazzjoni ta' Banco Popular u għalhekk riskji għall-istabbiltà finanzjarja.
- 648 Minn dan isegwi li, għall-kuntrarju ta' dak li jargumentaw ir-rikorrenti, id-deċiżjoni tas-SRB li jistieden lill-FROB sabiex tikkuntattja biss lill-ħames partijiet li pparteċipaw fil-proċedura ta' bejgħ privat ma kinitx arbitrarja.
- 649 Barra minn hekk, huwa żbaljat li r-rikorrenti jsostnu li kien arbitrarju u diskriminatorju li jiġu indirizzati biss il-ħames istituzzjonijiet Spanjoli li kienu indikaw li ma kinux interessati fix-xiri ta' Banco Popular fil-kuntest tal-proċedura ta' bejgħ privat.
- 650 Fil-fatt, permezz tal-parteeċipazzjoni tagħhom fil-proċedura ta' bejgħ privat, dawn il-ħames istituzzjonijiet bankarji kienu l-uniċi banek li wrew interess fl-akkwist ta' Banco Popular. Ir-rikorrenti ifixklu l-wiri ta' interess fl-akkwist ta' Banco Popular, li mmaterjalizza permezz tal-parteeċipazzjoni fil-proċedura ta' bejgħ privat u l-fatt li din il-proċedura fl-aħħar mill-aħħar falliet.
- 651 Fl-aħħar, hemm lok li jiġi rrilevat li l-proċedura ta' bejgħ privat kienet miftuħa għal kwalunkwe operatur Spanjol jew internazzjonali. Ir-rikorrenti ma jispjegawx għaliex istituzzjonijiet Spanjoli jew barranin oħra li ma kinux urew l-interess tagħhom fl-akkwist ta' Banco Popular fiż-żmien tal-proċedura ta' bejgħ privat kienu jkunu interessati f'it ġimgħat wara, fl-istadju tal-bidu tal-proċedura mill-FROB. Barra minn hekk, peress li l-informazzjoni pubblika kollha dwar l-implimentazzjoni tal-proċedura ta' bejgħ hija eskluża, ir-rikorrenti ma jispjegawx abbażi ta' liema kriterji mhux diskriminatorji setgħu ġew ikkuntattjati operaturi oħra.
- 652 Minn dan jirriżulta li s-SRB, billi llimita, fid-deċiżjoni dwar il-kummerċjalizzazzjoni, il-proċedura ta' bejgħ għall-ħames istituzzjonijiet li pparteċipaw fil-proċedura ta' bejgħ privat, ma kisirx l-Artikolu 24 tar-Regolament Nru 806/2014, moqrija flimkien mal-Artikolu 39(2)(a) tad-Direttiva 2014/59.

653 Għaldaqstant, hemm lok li l-ewwel ilment jiġi miċħud.

– *Fuq it-tieni lment, dwar l-eżistenza ta' diskriminazzjoni favur Banco Santander*

- 654 Ir-rikorrenti jsostnu li, fost il-parteċipanti fil-proċedura ta' bejgħ privat preċedenti, Banco Santander kien ippreferut, bi ksur tal-Artikolu 39(2)(b) tad-Direttiva 2014/59. Banco Santander ġie ppreferut minħabba l-esklużjoni ta' akkwirenti potenzjali li ma kinux ipparteċipaw fil-proċedura ta' bejgħ privat u minħabba termini mqassra. Huma jqisu li Banco Santander, li kien għadda diversi xhur jistudja l-possibbiltà li jakkwista lil Banco Popular, seta' jieħu vantaġġ minn din is-sitwazzjoni privileġġata sabiex jagħmel offerta bi prezz baxx. Banco Santander kien l-uniku bank li kompli jkollu aċċess għal informazzjoni aġġornata dwar is-sitwazzjoni ta' Banco Popular. Il-fatt li d-data ta' skadenza għat-tweġiba għas-sejħa għall-offerti tressqet 'il quddiem għas-6 ta' Ġunju 2017 iffavorixxa lil Banco Santander.
- 655 Skont il-kriterju previst fl-Artikolu 39(2)(b) tad-Direttiva 2014/59, il-bejgħ ma jiffavorixxix indebitament lill-akkwirenti potenzjali u lanqas ma jiddiskrimina.
- 656 Fl-Artikolu 2(a)(ii) tad-deċiżjoni dwar il-kummerċjalizzazzjoni, is-SRB iddikjara li l-proċedura ta' bejgħ kellha tkun trasparenti sabiex tippermetti lill-akkwirenti potenzjali li jkunu qegħdin jipparteċipaw li jkunu infurmati b'mod ġust u xieraq f'kull stadju tal-proċediment. Hija kkunsidrat li kwalunkwe informazzjoni mitluba minn wieħed mill-akkwirenti potenzjali u pprovduta lilu għandha tiġi pprovduta fl-istess ħin lill-oħrajn kollha.
- 657 Għandu jiġi rrilevat li, permezz ta' dan l-ilmenti, ir-rikorrenti ma jindirizzawx id-deċiżjoni dwar il-kummerċjalizzazzjoni, u lanqas l-iskema ta' riżoluzzjoni, iżda l-proċedura ta' bejgħ kif implimentata mill-FROB. Għaldaqstant, ir-rikorrenti ma jistgħux isostnu ksur mis-SRB tal-Artikolu 39(2)(b) tad-Direttiva 2014/59. Għalhekk għandu jiġi kkunsidrat li, permezz ta' dan l-ilment, ir-rikorrenti essenzjalment isostnu li s-SRB wettaq żball manifest ta' evalwazzjoni sa fejn approva, fl-iskema ta' riżoluzzjoni, il-proċedura ta' bejgħ immexxija mill-FROB, meta din tal-aħħar kienet tiffavorixxi lil Banco Santander bi ksur tal-Artikolu 39(2)(b) tad-Direttiva 2014/59.
- 658 F'dan ir-rigward, hemm lok li jitfakkar li, fl-Artikolu 6.6 tal-iskema ta' riżoluzzjoni, is-SRB ikkunsidra li l-proċedura ta' bejgħ immexxija mill-FROB fir-rigward ta' Banco Popular kienet issodisfat ir-rekwiżiti stabbiliti fl-Artikolu 24 tar-Regolament Nru 806/2014 moqrija flimkien mal-Artikolu 39 tad-Direttiva 2014/59 u, b'mod partikolari, li l-akkwirenti potenzjali kollha kienu avviċinati fl-istess data, kien kellhom aċċess għall-istess kamra virtwali tad-data, u li l-offerti tagħhom kienu suġġetti għall-istess kundizzjonijiet u l-istess data ta' skadenza.
- 659 Qabelxejn, mill-analiżi tal-ewwel ilment jirriżulta li l-limitazzjoni tal-proċedura għal akkwirenti potenzjali li pparteċipaw fil-proċedura ta' bejgħ privat kienet ġustifikata. Ir-rikorrenti ma jispjegawx kif din il-limitazzjoni hija ta' natura li tiffavorixxi lil Banco Santander meta mqabbel mal-erba' istituzzjonijiet l-oħra li ġew ikkuntattjati mill-FROB sabiex jipparteċipaw fil-proċedura ta' bejgħ.
- 660 Sussegwentement, fir-rigward tat-twettiq tal-proċedura, għandu jitfakkar ukoll li, fost il-ħames akkwirenti potenzjali kkuntattjati mill-FROB, tnejn iddeċidew li ma jipparteċipawx fil-proċedura ta' bejgħ u wieħed kien eskluż mill-BĊE għal raġunijiet prudenzjali. Fl-4 ta' Ġunju 2017, iż-żewġ akkwirenti potenzjali li kienu ddeċidew li jipparteċipaw fil-proċedura ta' bejgħ, Banco Santander u

BBVA, iffirmaw ftehim ta' nondivulgazzjoni u, fil-5 ta' Ġunju, kellhom aċċess għall-kamra virtwali tad-data. Fis-6 ta' Ġunju, il-FROB bagħtitilhom l-ittra ta' proċedura kif ukoll l-ftehim tax-xiri u tal-bejgħ (*Sale and Purchase Agreement*).

661 Permezz tal-ittra tas-6 ta' Ġunju 2017, il-BBVA infurma lill-FROB li kien iddeċieda li ma jissottomettix offerta. Il-BBVA indika f'din l-ittra li:

“[...] fid-dawl tal-limitazzjonijiet tal-prezz u ta' kundizzjonijiet oħra imposti fl-ittra ta' proċedura, kif ukoll tal-insuffiċjenza tal-informazzjoni disponibbli, BBVA ma jinsabx f'pożizzjoni li jissottometti offerta skont it-termini ta' din l-ittra ta' proċedura u tal-ftehim tax-xiri u tal-bejgħ (*Sale and Purchase Agreement, SPA*) ippreżentati llum.

Minkejja dan ta' hawn fuq, aħna nikkonfermaw ukoll li jekk tkun disponibbli informazzjoni suffiċjenti li tippermetti lill-korpi governattivi tiegħu li debitament janalizzaw it-tranżazzjoni u jekk il-kundizzjonijiet tal-proċess jistgħu jinbidlu, il-BBVA jkun interessat li jipparteċipa fih.”

662 Il-fatt li BBVA infurma lill-FROB li l-informazzjoni għad-dispożizzjoni tiegħu ma kinitx tippermettilu li jippreżenta offerta ma jistax jiġi interpretat li jfisser li kellu inqas informazzjoni minn Banco Santander.

663 Fir-rigward tal-argument li t-tnaqqis fit-tul tal-proċedura kien jiffavorixxi lil Banco Santander, hemm lok li jiġi rrilevat li, fl-ittra ta' proċedura, it-terminu stabbilit kien l-istess għall-parteċipanti kollha. Barra minn hekk, l-akkwirenti potenzjali kollha kienu diġà pparteċipaw fil-proċedura ta' bejgħ privat u għalhekk setgħu jiksbu konjizzjoni tal-informazzjoni relatata ma' Banco Popular u janalizzawha matul l-istess perjodu ta' żmien.

664 Barra minn hekk, kif jenfasizza s-SRB, l-istabbiliment tat-terminu għas-6 ta' Ġunju f'nofsillejl kien iġġustifikat mill-fatt li, fl-istess jum, il-BĊE kien iddikjara lil Banco Popular f'sitwazzjoni ta' falliment li seħħ jew li x'aktarx ser iseħħ, li għalhekk dan tal-aħħar ma kienx ikun kapaċi jopera fis-suq l-għada u li għalhekk kellha tiġi adottata riżoluzzjoni b'mod urġenti.

665 Barra minn hekk, kif jirriżulta mill-punt 661 iktar 'il fuq u għall-kuntrarju ta' dak li jsostnu r-rikorrenti, il-BBVA, fl-ittra tiegħu indirizzata lill-FROB, ma ġġustifikax id-deċiżjoni tiegħu li ma jagħmilx offerta minħabba nuqqas ta' ħin.

666 Minn dan isegwi li, għall-kuntrarju ta' dak li jsostnu r-rikorrenti, il-proċedura ta' bejgħ immexxija mill-FROB ma ffavorixxitx lil Banco Santander u li s-SRB ma wettaqx żball manifest ta' evalwazzjoni billi kkunsidrat li din il-proċedura kienet issodisfat ir-rekwiżiti stabbiliti fl-Artikolu 39(2)(b) tad-Direttiva 2014/59.

667 Għaldaqstant, hemm lok li t-tieni lment jiġi miċħud.

– *Fuq it-tielet ilment, dwar l-eżistenza ta' vantaġġ indebitu mogħti lil Banco Santander*

668 Ir-rikorrenti jsostnu l-eżistenza ta' vantaġġ indebitu mogħti lil Banco Santander, bi ksor tal-Artikolu 39(2)(d) tad-Direttiva 2014/59, peress li din tal-aħħar ippreżentat l-offerta tagħha fis-7 ta' Ġunju 2017 fit-3:12 a.m., jiġifieri, barra t-terminu stabbilit mis-SRB u mill-FROB, u li BBVA ma kienx infurmat li seta' jagħmel offerta wara l-iskadenza tat-terminu stabbilit. Madankollu, huma jqisu li, kieku BBVA kien ġie infurmat li t-terminu kien flessibbli, huwa kien

- ċertament jagħmel offerta. Ir-rikorrenti jikkunsidraw li l-kontenut tal-ittra ta' proċedura jikkontradixxi l-argument ta' Banco Santander li t-terminu tas-6 ta' Ġunju 2017 f'nofsillejl kien purament indikattiv.
- 669 Skont il-kriterju previst fl-Artikolu 39(2)(d) tad-Direttiva 2014/59, il-bejgħ ma jagħti l-ebda vantaġġ indebitu lil xi akkwirent potenzjali.
- 670 Hemm lok li jifakkar li, permezz ta' ittra tas-7 ta' Ġunju 2017, il-FROB infurmat lis-SRB bir-riżultati tal-proċedura ta' bejgħ u indikat li Banco Santander kien issottometta offerta fis-7 ta' Ġunju fil-3:12 a.m., u li l-prezz offrut minn Banco Santander għall-bejgħ tal-azzjonijiet ta' Banco Popular kien ta' EUR 1. Il-FROB ippropona li Banco Santander, fil-kwalità tiegħu ta' offerent rebbieħ fil-proċedura kompetittiva ta' bejgħ ta' Banco Popular, jinħatar bħala l-akkwirent ta' Banco Popular fl-iskema ta' riżoluzzjoni.
- 671 Fl-iskema ta' riżoluzzjoni, is-SRB ikkunsidra li l-proċedura ta' bejgħ immexxija minn FROB fir-rigward ta' Banco Popular kienet issodisfat ir-rekwiżiti stabbiliti fl-Artikolu 24 tar-Regolament Nru 806/2014 moqri flimkien mal-Artikolu 39 tad-Direttiva 2014/59 u aċċetta l-proposta ta' FROB li Banco Santander jinħatar bħala akkwirenti ta' Banco Popular.
- 672 Għaldaqstant, dan l-ilment għandu jiġi interpretat li huwa maħsub li jikkonstata li s-SRB wettaq żball manifest ta' evalwazzjoni sa fejn approva, fl-iskema ta' riżoluzzjoni, il-proposta ta' FROB li taħtar lil Banco Santander bħala l-akkwirent, meta dan tal-aħħar kien kiseb vantaġġ indebitu matul il-proċedura ta' bejgħ, bi ksur tal-Artikolu 39(2)(d) tad-Direttiva 2014/59.
- 673 Jeħtieġ li jiġi rrilevat li, fid-deċiżjoni dwar il-kummerċjalizzazzjoni, is-SRB ma stabbilixxa l-ebda terminu għall-proċedura tal-għażla għall-akkwirent ta' Banco Popular. Għaldaqstant kien b'mod żbaljat li r-rikorrenti jsostnu li t-terminu għall-preżentata tal-offerti kienet ġie stabbilit mis-SRB.
- 674 Fl-ittra ta' proċedura, il-FROB kien stabbilixxa skeda għall-iżvolġiment tal-proċedura ta' bejgħ ta' Banco Popular. Din l-iskeda kienet tipprevedi li l-offerti vinkolanti kellhom jiġu ppreżentati sa mhux iktar tard mis-6 ta' Ġunju 2017 f'nofsillejl. Din l-iskeda kienet tindika wkoll għas-7 ta' Ġunju 2017, fis-1.00 a.m., li jsiru kuntatti mal-offerenti sabiex tiġi ffinalizzata l-proċedura u tintgħażel l-offerta; kellha mbagħad issir, fil-5:30 a.m., l-iskema ta' riżoluzzjoni tas-SRB (skont il-każ) u l-eżekuzzjoni tal-ftehim tax-xiri u tal-bejgħ, fis-6:30 a.m., l-att tal-eżekuzzjoni ta' FROB u, fis-7:00 a.m., l-għeluq u t-tħabbir tat-tranżazzjoni.
- 675 Kif jindika Banco Santander, l-iskop tal-iskeda tal-proċedura ta' bejgħ stabbilita fl-ittra ta' proċedura kien li jippermetti l-konklużjonijiet tal-formalitajiet kollha fis-7 ta' Ġunju 2017 fis-7:00 a.m., sabiex Banco Popular ikun jista' jopera normalment wara l-ftuħ tas-swieq, b'mod partikolari, sabiex jiġi evitat tfixkil tal-funzjonijiet kritiċi tiegħu.
- 676 Sa fejn BBVA kien haġġar fis-6 ta' Ġunju, qabel l-iskadenza tat-terminu, li ma kienx ser jippreżenta offerta u li ma kienx iġġustifika din id-deċiżjoni minha bħala l-fatt li ma kellux żmien suffiċjenti, ma jistax jitqies li l-fatt li Banco Santander iddepożita l-offerta tiegħu wara l-iskadenza tat-terminu kien jagħti lil dan tal-aħħar vantaġġ indebitu fuq BBVA.
- 677 Id-dikjarazzjoni tar-rikorrenti li BBVA kien żgur jagħmel offerta kieku ġie infurmat li t-terminu stabbilit minn FROB kien "flessibbli" huwa purament spekulattiv. Barra minn hekk, din id-dikjarazzjoni tikkontradixxi l-argument tar-rikorrenti, imqajjem fir-replika, li s-SRB kellu jiżgura ż-żamma ta' Banco Popular sa tmiem il-ġimgħa tal-10 u l-11 ta' Ġunju 2017 sabiex

jippermetti lil BBVA jlesti l-analiżi tiegħu tas-sitwazzjoni finanzjarja ta' Banco Popular u jagħmel offerta. Għaldaqstant, ir-rikorrenti ma jistgħux isostnu li l-estensjoni bi ftit sigħat tat-terminu għas-sottomissjoni tal-offerti kienet tippermetti lil BBVA jippreżenta offerta.

678 Peress li Banco Santander kien l-uniku parteċipant fil-proċedura li ppreżenta offerta definittiva u li kien ċert, wara t-tħabbira ta' BBVA, li l-ebda waħda mill-istituzzjonijiet l-oħra mistiedna sabiex jipparteċipaw fil-proċedura ta' bejgħ ma kienet ser tippreżenta offerta, il-fatt li FROB aċċetta din l-offerta, minkejja li kienet ġiet ippreżentata wara l-iskadenza tat-terminu stabbilit fl-ittra ta' proċedura, ma setax jagħti vantaġġ indebitu lil Banco Santander.

679 Barra minn hekk, mill-Artikolu 24(3) tar-Regolament Nru 806/2014 jirriżulta li:

“Il-Bord għandu japplika l-għodda tal-bejgħ ta' operat mingħajr ma jissodisfa r-rekwiżiti tal-kummerċjalizzazzjoni stipulati fil-punt (e) tal-paragrafu 2 meta jiddetermina li l-konformità ma' dawk ir-rekwiżiti x'aktarx timmina xi wieħed jew aktar mill-objettivi ta' riżoluzzjoni u b'mod partikolari jekk ikunu sodisfatti l-kondizzjonijiet li ġejjin:

a) iqis li hemm theddida materjali għall-istabbiltà finanzjarja li tinħoloq jew tiġi aggravata mill-falliment u l-falliment possibbli tal-istituzzjoni taħt ir-riżoluzzjoni;

u

b) jqis li l-konformità ma' dawk ir-rekwiżiti x'aktarx thedded l-effettività tal-għodda tal-bejgħ ta' operat fl-indirizzar ta' dik it-theddida jew biex jintlaħaq l-objettiv ta' riżoluzzjoni speċifikat fil-punt (b) tal-Artikolu 14(2).”

680 F'dan ir-rigward, hemm lok li jitfakkar, kif indikat fil-punt 629 iktar 'il fuq, li, fl-Artikolu 6.6 tal-iskema ta' riżoluzzjoni, is-SRB irrileva li, peress li l-akkwiredent kien l-uniku wieħed li ppreżenta offerta, kien prudenti li jaċċetta l-kundizzjonijiet tiegħu, u b'hekk jevita insolvenza mhux ikkontrollata ta' Banco Popular, li, b'mod partikolari, setgħet tippreġudika l-funzjonijiet kritiċi tiegħu.

681 Fil-fatt, li kieku s-SRB ma aċċettatx il-proposta ta' FROB li Banco Santander jinħatar bħala akkwiredent ta' Banco Popular, Banco Santander kien jiġi stralċjat. Madankollu, kif ġie kkonstatat fil-kuntest tal-analiżi tal-ħames motiv, skont l-Artikolu 18(5) tar-Regolament Nru 806/2014, stralċ ta' Banco Popular skont proċedura normali ta' insolvenza ma kienx jippermetti li jintlaħqu l-għanijiet previsti fl-Artikolu 14 tal-istess regolament bl-istess mod bħar-riżoluzzjoni. B'mod partikolari, ġie kkonstatat li r-riżoluzzjoni kienet neċessarja sabiex jintlaħqu l-għanijiet li tiġi żgurata l-kontinwità tal-funzjonijiet kritiċi ta' Banco Popular u li jiġu evitati effetti negattivi sinjifikattiv fuq l-istabbiltà finanzjarja.

682 Il-FROB baġhat lis-SRB, ir-riżultati tal-proċedura ta' bejgħ ta' Banco Popular f'terminu suffiċjenti sabiex dan tal-aħħar ikun jista' jadotta l-iskema ta' riżoluzzjoni u jitrażmettiha lill-Kummissjoni fil-5.13 a.m. tas-7 ta' Ġunju 2017. B'hekk, il-Kummissjoni adottat id-deċiżjoni tagħha li tippermetti d-dħul fis-seħħ tal-iskema ta' riżoluzzjoni fis-6:30 a.m. fl-istess ġurnata. L-iżvolġiment tal-proċedura għalhekk ippermetta lil FROB jikkonkludi l-formalitajiet kollha u li jagħlaq il-bejgħ qabel l-iskadenza tat-terminu stabbilit fl-ittra ta' proċedura, jiġifieri qabel is-7 ta' Ġunju 2017 fis-7:00 a.m.

- 683 Minn dan isegwi li l-proposta ta' FROB li jaħtar lil Banco Santander bħala akkwirenti ta' Banco Popular ma tatx vantaġġ indebitu lil Banco Santander u li s-SRB ma wettaqx żball manifest ta' evalwazzjoni meta kkunsidra li l-proċedura ta' bejgħ kienet issodisfat ir-rekwiżiti stabbiliti fl-Artikolu 39(2)(d) tad-Direttiva 2014/59.
- 684 Għaldaqstant, it-tielet ilment għandu jiġi miċhud.
- *Fuq ir-raba' ilment, dwar il-fatt li l-proċedura ta' bejgħ ma kinitx maħsuba sabiex timmassimizza l-prezz tal-bejgħ*
- 685 Ir-rikorrenti jsostnu li ma sarx tentattiv sabiex jinkiseb l-oġġla prezz possibbli tal-bejgħ, bi ksur tal-Artikolu 39(2)(f) tad-Direttiva 2014/59. Huma jqisu li l-fatt li ġie mminimizzat in-numru ta' akkwirenti potenzjali elimina kull possibbiltà ta' kompetizzjoni bejn id-diversi atturi fis-settur bankarju, fatt li kieku kien jippermetti li jinkiseb l-oġġla prezz possibbli tal-bejgħ.
- 686 Hemm lok li jiġi kkunsidrat li, permezz ta' dan l-ilment, ir-rikorrenti jallegaw essenzjalment li s-SRB kiser tal-Artikolu 24 tar-Regolament Nru 806/2014, dwar l-ġhodda ta' bejgħ tal-operat, moqri flimkien mal-Artikolu 39(2)(f) tad-Direttiva 2014/59, billi llimita, fid-deċiżjoni dwar il-kummerċjalizzazzjoni, il-proċedura ta' bejgħ għall-ħames istituzzjonijiet li pparteċipaw fil-proċedura ta' bejgħ privat.
- 687 Skont il-kriterju stabbilit fl-Artikolu 39(2)(f) tad-Direttiva 2014/59, il-bejgħ huwa maħsub sabiex jimmassimizza, kemm jista' jkun, il-prezz tal-bejgħ tal-azzjonijiet jew titoli oħra ta' proprjetà, assi, drittijiet jew obbligi kkonċernati.
- 688 Issa, hemm lok li jitfakkar li mill-analiżi tal-ewwel ilment jirriżulta li d-deċiżjoni tas-SRB li tillimita l-proċedura ta' bejgħ għall-ħames istituzzjonijiet li kienu pparteċipaw fil-proċedura ta' bejgħ privat kienet iġġustifikata min-neċessità li l-proċedura tiġi ffinalizzata fi żmien qasir ħafna u li jiġu evitati r-riskju ta' żvelar dwar is-sitwazzjoni ta' Banco Popular u għalhekk ir-riskji għall-istabbiltà finanzjarja.
- 689 Barra minn hekk, fl-Artikolu 2(b) tad-deċiżjoni dwar il-kummerċjalizzazzjoni, is-SRB indika li l-proċedura ta' bejgħ għandha timmira li timmassimizza l-prezz tal-bejgħ, filwaqt li tqis il-ħtieġa li titwettaq riżoluzzjoni fil-pront. Huwa speċifika wkoll li l-kriterju ewlieni għall-evalwazzjoni tal-offerti kien il-prezz offrut.
- 690 Fl-ittra ta' proċedura, FROB indikat li l-prezz propost fl-offerti għandu jkun daqs jew oġġla minn EUR 1.
- 691 Ir-rikorrenti ma jqajmu l-ebda argument intiż li juri li l-limitazzjoni tan-numru ta' akkwirenti potenzjali għall-ħames parteċipanti fil-proċedura ta' bejgħ privat ma kinitx tippermetti kompetizzjoni reali fil-prezzijiet bejniethom.
- 692 Iċ-ċirkustanzi li seħħew matul il-proċedimenti, jiġifieri li erba' mill-ħames parteċipanti rrinunzjaw li jippreżentaw offerta vinkolanti u li l-unika offerta vinkolanti ppreżentata kienet tipproponi prezz tax-xiri ta' EUR 1 ma jistgħux jiġu attribwiti lis-SRB.
- 693 Għalhekk huwa b'mod żbaljat li r-rikorrenti jsostnu li d-deċiżjoni dwar il-kummerċjalizzazzjoni ma kinitx maħsuba sabiex timmassimizza l-prezz tal-bejgħ bi ksur tal-Artikolu 24 tar-Regolament Nru 806/2014, moqri flimkien mal-Artikolu 39(2)(f) tad-Direttiva 2014/59.

- 694 Fir-replika, ir-rikorrenti jżidu li t-tliet opzjonijiet fl-ittra ta' proċedura kienu jippermettu lill-offerenti jifhmu li FROB impliċitament indikalhom li t-telf kien iwassal sabiex jinqered il-kapital kollu ta' Banco Popular jew parti minnu. Huma jsostnu li, sabiex jinkiseb prezz li jimmassimizza l-valur tal-azzjonijiet, kien ikun neċessarju li s-SRB jobbliga lill-akkwirenti potenzjali jiddeterminaw it-telf huma stess.
- 695 B'dan l-argument, ir-rikorrenti jikkontestaw il-kontenut tal-ittra ta' proċedura adottata minn FROB. F'dik l-ittra, FROB semma li l-offerti kellhom jindikaw il-prezz propost li jitħallas għat-trasferiment tal-azzjonijiet ta' Banco Popular skont tliet opzjonijiet.
- 696 Minn naħa, huwa biżżejjed li jiġi rrilevat li dan l-argument tar-rikorrenti huwa purament spekulattiv u ma huwiex ibbażat fuq data fattwali, iżda fuq l-allegata impressjoni li l-offerenti siltu mill-qari tal-ittra ta' proċedura. Min-naħa l-oħra, dan l-argument ma jippermettix li jiġi jiddeterminat dak li r-rikorrenti qegħdin jallegaw fil-konfront tas-SRB.
- 697 Barra minn hekk, hemm lok li jiġu miċħuda l-allegazzjonijiet purament spekulattivi tar-rikorrenti li skonthom, minn naħa, Banco Santander kien konxju li huwa kien l-uniku wieħed li ppreżenta offerta u, min-naħa l-oħra, id-deċiżjoni li Banco Popular jinbiegħ bil-prezz ta' EUR 1 ittiegħet minn qabel.
- 698 Għaldaqstant, ir-raba' lment għandu jiġi miċħud.
- 699 Minn dak kollu li ntqal iktar 'il fuq jirriżulta li r-rikorrenti ma wrewx li l-proċedura ta' bejgħ ta' Banco Popular tikser l-Artikolu 24 tar-Regolament Nru 806/2014 u l-Artikolu 39(2)(a), (b), (d) u (f) tad-Direttiva 2014/59.
- 700 Għaldaqstant, l-għaxar motiv għandu jiġi miċħud bħala infondat.

Fuq il-ħdax-il motiv, ibbażat fuq li s-SRB mhux ser iwettaq valutazzjoni definittiva ex post

- 701 Bit-tliet motivi l-ġodda tagħhom invokati fir-replika, miġbura fil-ħdax-il motiv, ir-rikorrenti jargumentaw li l-fatt li, is-SRB ma wettaqx valutazzjoni definittiva *ex post* kien jikkostitwixxi, fl-ewwel lok, ksur tal-Artikolu 20(3) u (11) tar-Regolament Nru 806/2014, fit-tieni lok, ksur tal-obbligu ta' motivazzjoni, tad-drittijiet tad-difiża u tad-dritt għal rimedju effettiv u, fit-tielet lok, ksur tar-rekwiżiti formali essenzjali.
- 702 Ir-rikorrenti jindikaw li ġew infurmati bil-fatt li ma kienet ser issir l-ebda valutazzjoni definittiva *ex post* permezz tat-tweġiba tas-SRB għall-mistoqsija mressqa mill-Qorti Ġenerali fil-kuntest ta' din il-proċedura.
- 703 Fil-fatt, fit-30 ta' Lulju 2018, bi tweġiba għall-mistoqsijiet magħmula mill-Qorti Ġenerali fil-qafas ta' miżura ta' organizzazzjoni tal-proċedura, is-SRB indika li l-valutazzjoni 2 ma kinitx ser tiġi segwita minn valutazzjoni definittiva *ex post*. Is-SRB ikkunsidra li, minħabba l-pekuliaritajiet tal-każ preżenti, kien wasal għall-konklużjoni li valutazzjoni definittiva *ex post* ma kienet ser isservi l-ebda għan prattiku fil-kuntest tal-Artikolu 20(11) tar-Regolament Nru 806/2014, u lanqas ma kienet ser twassal għal deċiżjoni ta' kumpens skont l-Artikolu 20(12), tal-istess regolament.

- 704 Hemm lok li jiġi rrilevat li l-valutazzjoni definittiva *ex post* prevista fl-Artikolu 20(11) tar-Regolament Nru 806/2014 hija, skont id-definizzjoni, sussegwenti għall-adozzjoni tal-iskema ta' riżoluzzjoni.
- 705 Barra minn hekk, kif indikat fil-punt 603 iktar 'il fuq, skont l-Artikolu 20(13) tar-Regolament Nru 806/2014, valutazzjoni provviżorja bħall-valutazzjoni 2 tikkostitwixxi bażi valida għall-adozzjoni tal-iskema ta' riżoluzzjoni.
- 706 Huwa biżżejjed li jifakkar li, skont ġurisprudenza stabbilita, il-legalità ta' att tal-Unjoni għandha tiġi evalwata skont punti ta' fatt u ta' liġi eżistenti fid-data meta jkun ġie adottat l-att (ara s-sentenza tat-3 ta' Settembru 2015, Inuit Tapiriit Kanatami *et vs* Il-Kummissjoni, C-398/13 P, EU:C:2015:535, punt 22 u l-ġurisprudenza ċċitata). Minn dan isegwi li ma jistgħux jiġu kkunsidrati, matul l-evalwazzjoni tal-legalità ta' dan l-att, elementi posterjuri għad-data ta' meta l-att tal-Unjoni ġie adottat (ara s-sentenza tas-17 ta' Diċembru 2014, Si.mobil vs Il-Kummissjoni, T-201/11, EU:T:2014:1096, punt 64 u l-ġurisprudenza ċċitata).
- 707 Minn dan jirriżulta li l-fatt li ssir jew le valutazzjoni definittiva *ex post*, li tkun manifestament wara l-adozzjoni tal-iskema ta' riżoluzzjoni, ma jistax jaffettwa l-validità ta' din tal-aħħar.
- 708 Barra minn hekk, hemm lok li jiġi rrilevat li r-rikorrenti ma jistgħux jargumentaw li, peress li ma twettqitx valutazzjoni definittiva *ex post*, l-iskema ta' riżoluzzjoni ma hijiex suffiċjentement motivata. Fil-fatt, l-adozzjoni ta' valutazzjoni definittiva *ex post* ma tista' fl-ebda każ tippermetti lis-SRB jissupplimenta l-motivazzjoni tal-iskema ta' riżoluzzjoni *a posteriori*.
- 709 Għaldaqstant, l-argumenti mqajma mir-rikorrenti fil-ħdax-il motiv huma ineffettivi u hemm lok li dan il-motiv jiġi miċħud.

Fuq it-talbiet għal miżuri ta' organizzazzjoni tal-proċedura u għal miżuri istruttorji

- 710 Ir-rikorrenti talbu lill-Qorti Ġenerali tordna diversi miżuri ta' organizzazzjoni tal-proċedura u istruttorji.
- 711 Minn naħa, fir-rikors u fir-replika kif ukoll permezz tal-ittri tal-15 ta' Novembru 2018, tal-20 ta' April 2021 u tat-28 ta' Mejju 2021, ir-rikorrenti talbu lill-Qorti Ġenerali tordna l-produzzjoni ta' diversi dokumenti.
- 712 Hemm lok li jifakkar li, permezz tad-digriet ta' miżuri istruttorji tagħha tat-12 ta' Mejju 2021, skont l-Artikoli 91(b), 92(3) u 103 tar-Regoli tal-Proċedura, il-Qorti Ġenerali ordnat lis-SRB tipproduċi ċerti dokumenti msemmija fil-punt 95 iktar 'il fuq. Permezz ta' digriet tad-9 ta' Ġunju 2021, il-Qorti Ġenerali kkunsidrat li d-dokumenti prodotti mis-SRB fil-verżjoni kunfidenzjali tagħhom ma kinux rilevanti għas-soluzzjoni tal-kawża. Għall-kuntrarju, l-ittra ta' Banco Popular lill-BĊE tas-6 ta' Ġunju 2017, mingħajr l-anness tagħha, ġiet ikkomunikata lill-partijiet l-oħra.
- 713 Min-naħa l-oħra, ir-rikorrenti, fir-rikors ipproponew is-smiġħ ta' diversi xhieda.
- 714 Fir-rigward tat-talbiet għal miżuri ta' organizzazzjoni tal-proċedura jew istruttorji mressqa minn parti f'kawża, għandu jifakkar li l-Qorti Ġenerali hija l-unika qorti li tista' tara n-neċessità eventwali li tikkompleta l-elementi ta' informazzjoni li hija jkollha fil-kawża quddiemha (ara

s-sentenza tas-26 ta' Jannar 2017, Mamoli Robinetteria vs Il-Kummissjoni, C-619/13 P, EU:C:2017:50, punt 117 u l-ġurisprudenza ċċitata; sentenza tat-12 ta' Novembru 2020, Fleig vs SEAE, C-446/19 P, mhux ippubblikata, EU:C:2020:918, punt 53).

- 715 Mill-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja jirriżulta li, anki jekk talba għas-smiġħ ta' xhieda, li ssir fir-rikors, tindika bi preċiżjoni l-fatti li fuqhom għandhom jinstemgħu x-xhud jew ix-xhieda u r-raġunijiet li jiġġustifikaw is-smiġħ tagħhom, hija l-Qorti Ġenerali li għandha tevalwa r-rilevanza tat-talba fir-rigward tas-suġġett tal-kawża u l-ħtieġa li tisma' x-xhieda ċċitati (ara s-sentenza tas-26 ta' Jannar 2017, Mamoli Robinetteria vs Il-Kummissjoni, C-619/13 P, EU:C:2017:50, punt 118 u l-ġurisprudenza ċċitata; sentenza tat-22 ta' Ottubru 2020, Silver Plastics u Johannes Reifenhäuser vs Il-Kummissjoni, C-702/19 P, EU:C:2020:857, punt 29).
- 716 F'dan il-każ, hemm lok li jiġi rrilevat li l-elementi inklużi fil-proċess kif ukoll l-ispejjeżijiet mogħtija matul is-seduta huma suffiċjenti sabiex jippermettu lill-Qorti Ġenerali tiddeċiedi, wara li din tal-aħħar tkun tista' tiddeċiedi b'mod utli fuq il-bażi tal-konklużjonijiet, il-motivi u l-argumenti żviluppanti fil-mori tal-kawża u fid-dawl tad-dokumenti ppreżentati mill-partijiet.
- 717 Minn dan isegwi li t-talbiet għal miżuri ta' organizzazzjoni tal-proċedura u għal miżuri istruttorji għandhom jiġu miċħuda, kif ukoll ir-rikors kollu kemm hu.

Fuq l-ispejjeż

- 718 Skont l-Artikolu 134(1) tar-Regoli tal-Proċedura, il-parti li ttitlef il-kawża għandha tiġi kkundannata għall-ispejjeż, jekk tkun saret talba f'dan is-sens. Peress li r-rikorrenti tilfu, għandhom jiġu kkundannati għall-ispejjeż tagħhom kif ukoll għal dawk sostnuti mis-SRB u minn Banco Santander kif mitluba minn dawn tal-aħħar.
- 719 Skont l-Artikolu 138(1) tar-Regoli tal-Proċedura, l-Istati Membri u l-istituzzjonijiet li intervjenew fil-kawża għandhom ibatu l-ispejjeż rispettivi tagħhom. Għaldaqstant, ir-Renju ta' Spanja, il-Parlament, il-Kunsill u l-Kummissjoni għalhekk għandhom iġarrbu l-ispejjeż tagħhom stess.

Għal dawn il-motivi,

IL-QORTI ĠENERALI (It-Tielet Awla Estiża)

taqta' u tiddeċiedi :

- 1) Ir-rikors huwa miċħud.**
- 2) Fundación Tatiana Pérez de Guzmán el Bueno *et* Stiftung für Forschung und Lehre (SFL) huma kkundannati jbatu l-ispejjeż tagħhom stess kif ukoll dawk sostnuti mill-Bord Uniku ta' Rizzoluzzjoni (SRB) u Banco Santander, SA.**
- 3) Ir-Renju ta' Spanja, il-Parlament Ewropew, il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea u l-Kummissjoni Ewropea għandhom ibatu l-ispejjeż tagħhom.**

Van der Woude

Jaeger

Kreuschitz

De Baere

Steinfatt

Mogħtija f'qorti bil-miftuħ fil-Lussemburgu, fl-1 ta' Ġunju 2022.

Firem

Werrej

Il-kuntest ġuridiku	2
Il-fatti li wasslu għall-kawża u l-fatti sussegwenti għall-preżentata tar-rikors	6
Fuq is-sitwazzjoni ta' Banco Popular qabel l-adozzjoni tal-iskema ta' rizzoluzzjoni	6
Fuq fatti oħra qabel l-adozzjoni tal-iskema ta' rizzoluzzjoni	8
Fuq l-iskema ta' rizzoluzzjoni ta' Banco Popular tas-7 ta' Ġunju 2017	11
Fuq il-fatti wara l-adozzjoni tad-deċiżjoni ta' rizzoluzzjoni	13
Il-proċedura u t-talbiet tal-partijiet	13
Id-dritt	16
Fuq l-ammissibbiltà	17
Fuq il-mertu	23
Osservazzjonijiet preliminari	23
– Fuq il-portata tar-rikors	23
– Fuq il-portata tal-istħarriġ tal-Qorti Ġenerali	24
Fuq it-tieni motiv, ibbażat fuq eċċezzjoni ta' illegalità sa fejn l-Artikolu 18, l-Artikolu 24(2)(a) u l-Artikolu 27 tar-Regolament Nru 806/2014, kif ukoll l-Artikoli 32, 38 u 43 tad-Direttiva 2014/59, jiksru d-dritt għal smiġħ sanċit fl-Artikolu 41(2)(a) tal-Karta	26
– Fuq il-portata tal-eċċezzjoni ta' illegalità	26
– Fuq l-eċċezzjoni ta' illegalità tal-Artikolu 18 tar-Regolament Nru 806/2014	28
Fuq it-tielet motiv, ibbażat fuq eċċezzjoni ta' illegalità sa fejn l-Artikoli 21, 22, 24 u 27 tar-Regolament Nru 806/2014 kif ukoll l-Artikoli 38 u 63 tad-Direttiva 2014/59 jiksru d-dritt għall-proprjetà, sanċit fl-Artikolu 17(1), tal-Karta u l-prinċipju tal-libertà ta' intrapriża, sanċit fl-Artikolu 16 tal-Karta	38
Fuq l-ewwel u r-raba' motiv, ibbażati fuq nuqqas ta' motivazzjoni tal-iskema ta' rizzoluzzjoni, fuq ksur tad-dritt għal amministrazzjoni tajba sanċit fl-Artikolu 41(2)(b) u (c) tal-Karta u fuq ksur tad-dritt għal rimedju effettiv sanċit fl-Artikolu 47 tal-Karta	40
– Fuq l-ewwel ilment, ibbażat fuq ksur tal-obbligu ta' motivazzjoni	40
– Fuq it-tieni motiv, ibbażat fuq ksur tad-dritt ta' aċċess għall-fajl	46
– Fuq it-tielet ilment, relatat mal-ksur tad-dritt għal rimedju effettiv	48

Fuq il-ħames motiv, ibbażat fuq ksur tal-Artikolu 18(1) tar-Regolament Nru 806/2014 u l-Artikolu 32 tad-Direttiva 2014/59	51
– Fuq l-ewwel parti, marbuta mal-ewwel kundizzjoni prevista fl-Artikolu 18(1)(a) tar-Regolament Nru 806/2014	51
– Fuq it-tieni parti, relatata mat-tieni kundizzjoni prevista fl-Artikolu 18(1)(b) tar-Regolament Nru 806/2014	55
– Fuq it-tielet parti, relatata mat-tielet kundizzjoni prevista fl-Artikolu 18(1)(c) tar-Regolament Nru 806/2014	60
Fuq is-sitt motiv, ibbażat fuq il-ksur tal-prinċipju ta’ prudenza fis-settur bankarju	62
Fuq is-seba’ motiv, ibbażat fuq il-ksur tal-prinċipju ta’ protezzjoni tal-aspettattivi leġittimi . .	64
Fuq it-tmien motiv, ibbażat fuq il-ksur tad-dritt għall-proprjetà u tal-prinċipju ta’ proporzjonalità, sanċiti fl-Artikoli 17 u 52 tal-Karta	66
Fuq id-disa’ motiv, ibbażat fuq ksur tal-Artikolu 20(1) tar-Regolament Nru 806/2014	74
– Fuq l-ewwel ilment, dwar l-indipendenza tal-espert li wettaq il-valutazzjoni 2	76
– Fuq it-tieni lment, relatat mal-koeżistenza ta’ żewġ valutazzjonijiet ex ante	77
– Fuq it-tielet ilment, dwar il-metodu użat fil-valutazzjoni 2	79
– Fuq ir-raba’ ilment, dwar il-kredibbiltà tal-valutazzjoni 2.	82
Fuq l-għaxar motiv, ibbażat fuq li l-proċedura ta’ bejgħ ta’ Banco Popular tikser l-Artikolu 24 tar-Regolament Nru 806/2014 u l-Artikolu 39(2)(a), (b), (d) u (f) tad-Direttiva 2014/59	84
– Fuq l-ewwel ilment, relatat mat-trasparenza tal-proċedura ta’ bejgħ	85
– Fuq it-tieni lment, dwar l-eżistenza ta’ diskriminazzjoni favur Banco Santander	89
– Fuq it-tielet ilment, dwar l-eżistenza ta’ vantaġġ indebitu mogħti lil Banco Santander	90
– Fuq ir-raba’ ilment, dwar il-fatt li l-proċedura ta’ bejgħ ma kinitx maħsuba sabiex timmassimizza l-prezz tal-bejgħ	93
Fuq il-ħdax-il motiv, ibbażat fuq li s-SRB mhux ser iwettaq valutazzjoni definittiva ex post . .	94
Fuq it-talbiet għal miżuri ta’ organizzazzjoni tal-proċedura u għal miżuri istruttorji	95
Fuq l-ispejjeż	96